QD-AG-07-001-MT-C

RAPPORT ANNWALI 2006

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

MT

ISSN 1830-1932

# CVRIA

Il-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

## Rapport annwali 2006

**Kif tista' tikseb pubblikazzjonijiet ta' l-UE?**

Il-pubblikazzjonijiet li jinħarġu mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet li huma għall-bejgħ jistgħu jinkisbu mill-Bookshop ta' l-UE http://bookshop.europa.eu/ fejn inti tista' tordna mill-uffiċċju tal-bejgħ li tixtieq.

Tista' wkoll titlob lista ta' l-operaturi tan-netwerk tal-bejgħ tagħna madwar id-dinja billi tibgħat feks lil dan in-numru: (352) 2929 42758.

Il-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

# RAPPORT ANNWALI
# 2006

Ħarsa lejn ix-xogħol tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej,
tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej
u tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea

Il-Lussemburgu 2007

www.curia.europa.eu

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej
L-2925 Il-Lussemburgu
Telefon: (352) 43 03-1
Telex tar-Reġistru: 2510 CURIA LU
*Fax* tal-Qorti tal-Ġustizzja: (352) 43 03-2600

Il-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej
L-2925 Il-Lussemburgu
Telefon: (352) 43 03-1
*Fax* tal-Qorti tal-Prim'Istanza: (352) 43 03-2100

It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea
L-2925 Il-Lussemburgu
Telefon: (352) 43 03-1

*Fax* tad-Diviżjoni ta' l-Istampa u l-Informazzjoni: (352) 43 03-2500

*Fax* tad-Diviżjoni Interna – Taqsima tal-Pubblikazzjonijiet: (352) 43 03-2650

Il-Qorti fuq l-Internet: http://www.curia.europa.eu

Data meta tlesta: 31 ta' Diċembru 2006

Riproduzzjoni awtorizzata sakemm jiġi indikat il-fonti. Ir-ritratti jistgħu jiġu riprodotti biss fil-kuntest ta' din il-pubblikazzjoni. Għal kull użu ieħor, għandha tintalab l-awtorizzazzjoni ta' l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Iktar informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet
fl-indirizz http://europa.eu

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, 2007

ISBN 92-829-0853-4

© Il-Komunitajiet Ewropej, 2007
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

*Stampat fl-Italja*

STAMPAT FUQ KARTA BAJDA MINGĦAJR KLORU

# Werrej

Page

Daħla, President tal-Qorti tal-Ġustizzja,
Vassilios Skouris ..... 5

## Kapitolu I

*Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej*

A – Żvilupp u Attività tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2006 ..... 9

B – Kompożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ..... 55

1. Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja ..... 57
2. Tibdiliet fil-kompożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2006 ..... 75
3. Ordnijiet Protokollari ..... 77
4. Membri preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja ..... 79

C – Statistika ta' l-Attività Ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja ..... 81

## Kapitolu II

*Il-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej*

A – Attività tal-Qorti tal-Prim'Istanza fl-2006 ..... 111

B – Kompożizzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza ..... 159

1. Membri tal-Qorti tal-Prim'Istanza ..... 161
2. Tibdiliet fil-kompożizzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza fl-2006 ..... 171
3. Ordnijiet Protokollari ..... 173
4. Membri preċedenti tal-Qorti tal-Prim'Istanza ..... 175

C – Statistika ġudizzjarja tal-Qorti tal-Prim'Istanza ..... 177

## Kapitolu III

*It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea*

A – Attività tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fl-2006 .......... 201

B – Kompożizzjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku .......... 207

1. Membri tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku .......... 209

2. Ordnijiet protokollari.......... 213

C – Statistika ġudizzjarja tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku .......... 215

## Kapitolu IV

*Laqgħat u Żjarat*

A – Żjarat uffiċjali u avvenimenti fil-Qorti tal-Ġustizzja, fil-Qorti tal-Prim'Istanza u fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku .......... 225

B – Żjarat ta' studju .......... 229

C – Udjenzi solenni.......... 233

D – Żjarat jew parteċipazzjoni f'avvenimenti uffiċjali .......... 235

*Organizzazzjoni tal-Qorti* .......... 241

*Dettalji tal-Qorti tal-Ġustizzja* .......... 243

# Daħla

Is-sena li għadha kemm għaddiet rat, l-ewwel nett, il-bidu ta' proċess ta' riflessjoni bl-iskop li, fil-futur mhux imbiegħed, jiġi adottat tip ġdid ta' proċedura. Din il-proċedura, li hija intiża sabiex ir-rinviji għal deċiżjoni preliminari li jirrigwardaw id-dispożizzjonijiet adottati fil-kuntest ta' l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja jiġu ttrattati b'mod rapidu, tista' tissejjaħ "proċedura għal deċiżjoni preliminari b'urġenza". Fil-fatt, ċerti rinviji għal deċiżjoni preliminari f'dan il-qasam li għadu qed jiġi żviluppat jeħtieġu li jiġu ttrattati b'mod partikolarment rapidu minħabba n-natura sensittiva tagħhom jew minħabba t-termini stretti ħafna previsti fit-testi leġiżlattivi Komunitarji. Billi l-qafas proċedurali attwali mhuwiex adegwat biex jissodisfa tali ħtiġijiet, huwa biss tip ġdid ta' proċedura li jista' joffri l-garanziji ta' effiċjenza meħtieġa.

It-tieni nett, is-sena 2006 kienet ikkaratterizzata minn tiġdid parzjali tal-Qorti tal-Ġustizzja li kellu bħala konsegwenza t-tluq ta' sitta mill-Membri tiegħu. Fil-ħatriet li seħħew fil-kuntest ta' dan it-tiġdid parzjali, il-Gvernijiet ta' l-Istati Membri qagħdu attenti li tinżamm l-istabbiltà ta' l-Istituzzjoni, u b'hekk din ta' l-aħħar setgħet tkompli twettaq il-missjoni tagħha mingħajr diffikultà. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax ma tkunx sodisfatta b'dan.

Fil-paġni ta' dan ir-rapport, il-qarrej ser isib preżentazzjoni kompleta ta' l-iżvilupp u ta' l-attività ta' l-Istituzzjoni matul is-sena 2006. Bħas-soltu, parti sostanzjali hija ddedikata għal rendikonti fil-qosor iżda eżawrjenti ta' l-attività ġudizzjarja proprja tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Prim'Istanza u tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, flimkien ma' *data* statistika.



V. Skouris
President tal-Qorti tal-Ġustizzja



# Kapitolu I

## Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej

# A – Żvilupp u Attività tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2006

Mis-Sur Vassilios Skouris, President tal-Qorti tal-Ġustizzja

Din il-parti tar-Rapport Annwali tagħti deskrizzjoni fil-qosor ta' l-attivitajiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej matul is-sena 2006. Hija l-ewwel tagħti ħarsa lejn l-iżvilupp ta' l-Istituzzjoni matul din is-sena b'enfażi fuq it-tibdiliet istituzzjonali li jaffettwaw il-Qorti tal-Ġustizzja u l-iżviluppi li jirrigwardaw l-organizzazzjoni interna u l-metodi tax-xogħol tagħha (Taqsima 1). It-tieni nett, hija tinkludi analiżi statistika ta' l-iżvilupp tal-volum tax-xogħol ta' l-Istituzzjoni kif ukoll tat-tul medju tal-proċeduri (Taqsima 2). It-tielet nett, bħal kull sena, hija tesponi l-iżviluppi prinċipali fil-ġurisprudenza kklassifikati skond is-suġġett (Taqsima 3).

**1.** L-iżvilupp istituzzjonali tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2006 kien ikkaratterizzat prinċipalment mill-adozzjoni tal-miżuri preparatorji għall-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fl-1 ta' Jannar 2007 (Taqsima 1.1). Is-sena li għaddiet kienet ukoll l-ewwel sena ta' ħidma tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (Taqsima 1.2) u rat il-bidu ta' proċess leġiżlattiv intiż sabiex tiġi stabbilita proċedura li tippermetti li d-domandi preliminari li jirrigwardaw l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja jiġu ttrattati b'mod rapidu u adegwat (Taqsima 1.3).

**1.1.** Sena u nofs wara t-tkabbir ta' l-2004 u wara li l-Istituzzjoni laqgħet fi ħdanha għoxrin Imħallef ġdid, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tibda t-tħejjijiet għall-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fl-1 ta' Jannar 2007. F'Jannar 2006, twaqqaf grupp ta' ħidma *ad hoc* sabiex jidentifika l-ħtiġijiet tad-diversi dipartimenti u sabiex jassigura l-koordinazzjoni tax-xogħol preparatorju kollu fuq livell amministrattiv. Barra minn hekk, mill-1 ta' Lulju 2006, ġew irreklutati membri tal-persunal bil-għan li jiġu allokati liż-żewġ diviżjonijiet lingwistiċi l-ġodda tad-dipartiment tad-traduzzjoni.

Fuq livell ta' l-organizzazzjoni tax-xogħol ġudizzjarju, il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-perspettiva ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija, iddeċidiet li twaqqaf awla ġdida b'ħames Imħallfin kif ukoll awla ġdida bi tliet Imħallfin. Fil-Qorti tal-Ġustizzja llum hemm erba' awli b'ħames Imħallfin (l-Ewwel, it-Tieni, it-Tielet u r-Raba' Awli) u erba' awli bi tliet Imħallfin (il-Ħames, is-Sitt, is-Seba' u t-Tmien Awli). Kull awla b'ħames Imħallfin tinkludi sitt Imħallfin u kull awla bi tliet Imħallfin hija komposta minn ħames Imħallfin, li joqogħdu skond sistema ta' rotazzjoni kif previst fid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regoli tal-Proċedura[1].

**1.2.** Permezz ta' deċiżjoni tat-2 ta' Diċembru 2005, ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali* fit-12 ta' Diċembru 2005, ġie kkonstatat li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea ġie kkostitwit skond il-liġi. Għalhekk, is-sena 2006 kienet l-ewwel sena kalendarja sħiħa ta' ħidma ta' din il-qorti l-ġdida u l-ewwel sentenza tagħha ngħatat fis-26 ta' April 2006.

Il-qarrej ser isib, fil-Kapitolu 3 ta' dan ir-Rapport, rendikont dettaljat ta' l-attività tat-Tribunal tas-Servizz Pubbliku u, fil-punt Ċ ta' dak l-istess kapitolu, l-istatistika ġudizzjarja kollha li tirrigwarda l-ewwel sena ta' ħidma tiegħu.

1 Wara l-wasla ta' l-Imħallef Bulgaru u ta' l-Imħallef Rumen, it-Tieni u t-Tielet Awli ser jinkludu seba' Imħallfin, filwaqt li s-Sitt u s-Seba' Awli ser ikunu komposti minn sitt Imħallfin kull waħda.

**1.3.** Wara l-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell ta' l-4 u l-5 ta' Novembru 2004, il-Qorti tal-Ġustizzja u l-korpi politiċi ta' l-Unjoni Ewropea bdew riflessjoni fuq il-miżuri li jistgħu jiġu adottati bil-għan li r-rinviji għal deċiżjoni preliminari li jirrigwardaw l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja jiġu ttrattati b'mod rapidu.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreżentat, fil-25 ta' Settembru 2006, l-ewwel dokument ta' riflessjoni dwar it-trattament tad-domandi preliminari li jirrigwardaw l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja[2]. F'dan id-dokument, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata b'mod partikolari li l-proċeduri eżistenti, fosthom il-proċedura mħaffa prevista fl-Artikolu 104a tar-Regoli tal-Proċedura, ma jistgħux jiggarantixxu li din il-kategorija ta' kawżi tiġi ttrattata b'mod suffiċjentement rapidu u tindika li jkun għaqli li jiġi previst tip ġdid ta' proċedura, li jista' jissejjaħ "proċedura għal deċiżjoni preliminari b'urġenza". F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreżentat żewġ alternattivi għal dan it-tip ta' proċedura.

Fl-14 ta' Diċembru 2006, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreżentat lill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea supplement għal dan id-dokument ta' riflessjoni li jinkludi analiżi iktar dettaljata ta' dawn iż-żewġ alternattivi proċedurali[3]. Dan il-proċess leġiżlattiv, li issa huwa pendenti, ser iwassal għall-adozzjoni ta' l-emendi neċessarji għall-Istatut u għar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex din ta' l-aħħar tkun tista' tittratta dan it-tip ta' kawżi bl-ikbar effiċjenza.

**2.** L-istatistika ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja għas-sena 2006 turi titjib kunsiderevoli u dan għat-tielet sena konsekuttiva. F'dan ir-rigward għandu jiġi indikat it-tnaqqis fit-tul tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-tnaqqis fin-numru ta' kawżi pendenti minkejja ż-żieda notevoli fil-kawżi mressqa.

B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja qatgħet 503 kawża fl-2006 (ċifra netta, inklużi l-kawżi magħquda). Minn dawn il-kawżi, 351 inqatgħu permezz ta' sentenza u 151 permezz ta' digriet. Ta' min isemmi li n-numru ta' sentenzi u ta' digrieti mogħtija fl-2005 (362 sentenza u 150 digriet) u dan minkejja t-tnaqqis kostanti tas-sentenzi pendenti matul l-aħħar tliet snin (974 kawża fil-31 ta' Diċembru 2003, 840 fil-31 ta' Diċembru 2004, 740 fil-31 ta' Diċembru 2005).

Tressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja 537 kawża ġdida, li jfisser żieda ta' 13.3% meta mqabbel man-numru ta' kawżi mressqa fl-2005 (474 kawża, ċifra grossa). In-numru ta' kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru 2006 jammonta għal 731 (ċifra grossa).

Il-qlib tat-tendenza li jiżdied it-tul tal-proċeduri, li diġà ġie osservat fl-2004 u fl-2005, issaħħaħ fl-2006. F'dak li jirrigwarda r-rinviji għal deċiżjoni preliminari, it-tul medju tal-proċeduri jammonta għal 19.8 xahar filwaqt li fl-2004 kien ta' 23.4 xahar u fl-2005 kien ta' 20.4 xahar. Analiżi komparattiva turi li, mill-1995, it-tul medju tal-proċeduri fil-kawżi preliminari laħaq l-iktar livell baxx tiegħu fl-2006. F'dak li jirrigwarda r-rikorsi diretti u l-appelli, it-tul medju tal-proċeduri kien ta' 20 u 17.8 xahar (21.3 xahar u 20.9 xahar fl-2005) rispettivament.

[2] Dan id-dokument huwa disponibbli fuq is-sit internet tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-indirizz segwenti: http://curia.europa.eu/fr/instit/txtdocfr/index_projet.htm

[3] Dan id-dokument huwa disponibbli fuq is-sit internet tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-indirizz segwenti: http://curia.europa.eu/fr/instit/txtdocfr/index_projet.htm

Matul is-sena li għaddiet, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet użu varjabbli mid-diversi strumenti għad-dispożizzjoni tagħha sabiex tħaffef ċerti kawżi (priorità tad-deċiżjonijiet, proċedura mħaffa, proċedura ssemplifikata u l-possibbiltà li tagħti sentenza mingħajr konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali). Il-proċedura mħaffa ġiet mitluba f'5 kawżi, iżda l-kundizzjonijiet eċċezzjonali ta' urġenza li huma meħtieġa mir-Regoli tal-Proċedura ma ġewx sodisfatti. Skond prassi stabbilita fl-2004, it-talbiet għal proċedura mħaffa jiġu milqugħa jew miċħuda permezz ta' digriet motivat tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Minbarra dan, il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet tuża l-proċedura ssemplifikata prevista fl-Artikolu 104(3) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha sabiex tirrispondi għal ċerti domandi magħmula lilha permezz ta' rinviju għal deċizjoni preliminari. Fil-fatt, ingħataw 16-il digriet abbażi ta' din id-dispożizzjoni, b'mod li nqatgħu b'kollox 21 kawża.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet użu pjuttost spiss mis-setgħa mogħtija lilha bl-Artikolu 20 ta' l-Istatut li tagħti sentenza mingħajr konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali meta l-kawża ma tqajjem ebda kwistjoni ġdida ta' dritt. Fil-fatt, nistgħu nsemmu li madwar 33% tas-sentenzi mogħtija fl-2006 kienu mingħajr konklużjonijiet (35% fl-2005).

Fir-rigward tat-tqassim tal-kawżi bejn id-diversi kulleġġi ġudikanti tal-Qorti tal-Ġustizzja, ta' min isemmi li l-Awla Manja u s-Seduta Plenarja ddeċidew kważi 13%, l-Awli b'ħames Imħallfin 63% u l-Awli bi tliet Imħallfin 24% tal-kawżi maqtugħa fl-2006. B'paragun massena ta' qabel, wieħed jikkonstata żieda sinjifikattiva fin-numru ta' kawżi deċiżi mill-Awli b'ħames Imħallfin (54% fl-2005), numru ta' kawżi deċiżi mill-Awla Manja li baqa' l-istess (13%) u tnaqqis kbir fin-numru ta' kawżi deċiżi mill-Awli bi tliet Imħallfin (33% fl-2005).

Għal iktar informazzjoni dwar l-istatistika tas-sena ġudizzjarja 2005, il-qarrej għandu jirreferi għall-punt Ċ ta' dan il-kapitolu.

**3.** Din it-taqsima tippreżenta l-iżviluppi prinċipali fil-ġurisprudenza li huma kklassifikati skond is-suġġett, kif ġej:

kwistjonijiet kostituzzjonali jew istituzzjonali; ċittadinanza Ewropea; moviment liberu tal-merkanzija; agrikoltura; moviment liberu tal-persuni, tas-servizzi u tal-kapital; viżi, ażil u immigrazzjoni; regoli tal-kompetizzjoni; approssimazzjoni tal-liġijiet; *trade marks*; tassazzjoni; politika soċjali; kooperazzjoni f'materji ċivili u ġudizzjarji; kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali. Għandu jiġi speċifikat li ta' spiss jiġri li sentenza li, jekk wieħed jieħu in kunsiderazzjoni l-problematika prinċipali li tittratta, taqa' suġġett partikolari, tkun tittratta wkoll kwistjonijiet ta' importanza kbira li jirrigwardaw suġġett ieħor.

## *Kwistjonijiet kostituzzjonali jew istituzzjonali*

Fl-opinjoni tagħha tas-7 ta' Frar 2006 (Opinjoni 1/03, Ġabra p. I-1145), il-Qorti tal-Ġustizzja, fuq talba tal-Kunsill, ippronunzjat ruħha fuq il-kwistjoni jekk il-Komunità Ewropea għandhiex kompetenza esklużiva, jew biss kompetenza maqsuma ma' l-Istati Membri, biex tikkonkludi l-Konvenzjoni ġdida dwar ġurisdizzjoni, rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, intiża biex tissostitwixxi l-Konvenzjoni ta' Lugano.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tesponi fil-qosor it-tagħlim li jista' jinsilet mill-ġurisprudenza tagħha fil-qasam tal-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali min-naħa tal-Komunità billi tfakkar, qabel xejn, li sabiex tista' tiġi kkonstatata, fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet espressi tat-Trattat, l-eżistenza ta' kompetenza esklużiva tal-Komunità, li għandha biss kompetenzi li huma mogħtija lilha, jeħtieġ li, minn analiżi konkreta tar-relazzjoni li teżisti bejn ftehim prospettat u d-dritt Komunitarju fis-seħħ, jirriżulta li l-konklużjoni ta' tali ftehim tista' taffettwa r-regoli Komunitarji. Sussegwentement, hija twettaq tali eżami f'dak li jirrigwarda kemm ir-regoli ta' ġurisdizzjoni tal-qrati kif ukoll ir-regoli dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali. Wara li stabbiliet li, bil-fatt biss li jeżisti r-Regolament Nru 44/2001, li jipprovdi sistema komprensiva u koerenti tar-regoli ta' ġurisdizzjoni, kull ftehim internazzjonali li wkoll jistabbilixxi sistema komprensiva ta' regoli ta' kunflitt ta' ġurisdizzjoni bħal dik stabbilita f'dan ir-Regolament jista' jaffettwa l-imsemmija regoli ta' ġurisdizzjoni, u wara li vverifikat *in concreto* li dan huwa tabilħaqq il-każ fir-rigward tal-ftehim prospettat, minkejja l-inkorporazzjoni fih ta' klawżola ta' skonnessjoni, li tgħid li dan il-ftehim ma jaffettwax l-applikazzjoni mill-Istati Membri tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt Komunitarju, u fl-aħħar nett wara li esponiet li l-istess konstatazzjoni tista' tapplika fir-rigward tad-dispożizzjonijiet prospettati fil-qasam tar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi, il-Qorti tal-Ġustizzja waslet għall-konklużjoni li l-Konvenzjoni ġdida ta' Lugano taqa' kompletament fil-kompetenza esklużiva tal-Komunità.

Fil-kawża *Il-Kummissjoni vs Franza* (sentenza ta' l-14 ta' Marzu 2006, C-177/04, Ġabra p. I-2461), il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tippronunzja ruħha fuq rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu taħt l-Artikolu 228 KE.

Wara li r-Repubblika Franċiża sostniet li r-riformulazzjoni mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, matul il-proċedimenti, ta' l-ilmenti magħmula kienet tikkostitwixxi talba ġdida ta' natura li twassal għall-inammissibbiltà tar-rikors, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-ħtieġa li s-suġġett tar-rikors ikun limitat mill-proċedura prekontenzjuża ma tistax tiġi interpretata fis-sens li timponi f'kull każ qbil perfett bejn id-dispożittiv ta' l-opinjoni motivata u t-talbiet tar-rikors, meta s-suġġett tal-kawża ma ġiex estiż jew modifikat iżda ġie sempliċement limitat. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tista' tillimita l-portata tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li hija titlob il-konstatazzjoni tiegħu, b'mod li tieħu in kunsiderazzjoni l-miżuri ta' eżekuzzjoni parzjali adottati matul il-proċedimenti.

Wara li stabbiliet li n-nuqqas tar-Repubblika Franċiża li twettaq obbligu baqa' jissussisti sad-data li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-fatti, din ta' l-aħħar eżaminat il-proposta ta' pagamenti ta' penalità mressqa mill-Kummissjoni. Hija tfakkar, qabel xejn, li l-Artikolu 228 KE għandu l-għan li jħeġġeġ Stat Membru jeżegwixxi sentenza li tikkonstata nuqqas ta' twettiq ta' obbligu u, b'hekk, jiżgura l-applikazzjoni effettiva tad-dritt Komunitarju u li l-pagamenti ta' penalità jew il-ħlas ta' somma f'daqqa t-tnejn huma intiżi sabiex ipoġġu fuq l-Istat Membru in kwistjoni piż ekonomiku li jħajru jtemm in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu u għalhekk għandhom jiġu imposti skond il-livell ta' persważjoni meħtieġ sabiex tali Stat jibdel għemilu. Hija l-Qorti tal-Ġustizzja, fl-eżerċizzju tas-setgħa ta' evalwazzjoni tagħha, li għandha tistabbilixxi l-ammont tal-pagamenti ta' penalità skond il-kriterji bażiċi li huma, bħala regola, it-tul taż-żmien tal-ksur, il-grad ta' gravità tiegħu u l-kapaċità ta' ħlas ta' l-Istat Membru kkonċernat. Għandhom jiġu kkunsidrati wkoll il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' eżekuzzjoni fuq l-interessi privati u pubbliċi u l-urġenza li jista' jkun hemm sabiex l-Istat Membru in kwistjoni jikkonforma ruħu ma' l-obbligi tiegħu. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-

Ġustizzja tirrileva li anki jekk linji gwida bħal dawk li jinsabu fil-komunikazzjonijiet ippubblikati mill-Kummissjoni jistgħu effettivament jikkontribwixxu sabiex tiġi ggarantita t-trasparenza, il-prevedibbiltà u ċ-ċertezza legali ta' l-azzjoni ta' din l-istituzzjoni, jibqa' xorta waħda l-fatt li l-eżerċizzju tas-setgħa mogħtija lill-Qorti tal-Ġustizzja permezz ta' l-Artikolu 228(2) KE mhuwiex suġġett għall-kundizzjoni li l-Kummissjoni tadotta tali regoli, li, fi kwalunkwe każ, ma jistgħux jorbtu lill-Qorti tal-Ġustizzja. F'dan il-każ, għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja taċċetta l-koeffiċjenti relattivi għall-gravità tal-vjolazzjoni u għall-prodott gross nazzjonali u għan-numru ta' voti li għandu l-Istat Membru kkonċernat, hija min-naħa l-oħra ma taċċettax il-koeffiċjent relattiv għat-tul taż-żmien tal-ksur. Billi tikkunsidra li, għall-finijiet tal-kalkolu ta' dan il-koeffiċjent, għandu jittieħed in kunsiderazzjoni t-tul taż-żmien bejn l-ewwel sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-mument ta' l-evalwazzjoni tal-fatti minn din ta' l-aħħar u mhux il-mument li fih tressaq ir-rikors, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkundanna lill-imsemmi Stat Membru jħallas pagamenti ta' penalità ogħla minn dawk proposti mill-Kummissjoni.

Fil-kawża *Il-Kummissjoni vs L-Irlanda* (sentenza tat-30 ta' Mejju 2006, C-459/03, Ġabra p. I-4635), il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest ta' kawża għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu mressqa mill-Kummissjoni, ikkonstatat li, bil-fatt li bdiet proċedura ta' soluzzjoni ta' tilwim kontra r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq fil-kuntest tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, f'dak li jirrigwarda l-fabbrika MOX stabbilita fis-sit ta' Sellafield (ir-Renju Unit), l-Irlanda naqset milli twettaq l-obbligi imposti fuqha skond diversi dispożizzjonijiet tat-Trattati KE u EA. Sabiex tasal għal din il-konklużjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja segwiet raġunament f'diversi stadji. Fl-ewwel lok, fid-dawl tal-fatt li l-Kummissjoni akkużat lill-Irlanda li kisret l-Artikolu 292 KE li jgħid li l-Istati Membri jobbligaw ruħhom li ma jissottomettux kwistjoni dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tat-Trattat KE għal xi metodu ta' soluzzjoni li ma jkunx wieħed minn dawk previsti fih, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-kwistjoni jekk id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar il-Liġi tal-Baħar li l-Irlanda akkużat lir-Renju Unit bil-ksur tagħhom quddiem it-Tribunal ta' l-Arbitraġġ kellhomx jiġu kkunsidrati bħala dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju, li l-ksur tagħhom minn Stat Membru jaqa' taħt il-proċedura ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu stabbilita mill-Artikoli 226 KE *et seq.* Wara li wettqet raġunament li kien jinvolvi kemm ir-regoli dwar il-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali min-naħa tal-Komunità kif ukoll il-leġiżlazzjoni Komunitarja rilevanti u eżami konkret tad-dispożizzjonijiet li l-Irlanda allegat li ġew miksura, il-Qorti tal-Ġustizzja waslet għall-konklużjoni li d-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Konvenzjoni invokati mill-Irlanda fil-kuntest tat-tilwima dwar il-fabbrika MOX imressqa quddiem it-Tribunal ta' l-Arbitraġġ jikkostitwixxu regoli li jagħmlu parti mis-sistema ġuridika Komunitarja. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni tat-tilwimiet dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' l-imsemmija dispożizzjonijiet u sabiex tikkunsidra jekk dawn ġewx irrispettati minn Stat Membru, u għalhekk, skond l-Artikolu 292 KE, hija stess għandha ġurisdizzjoni esklużiva sabiex tieħu konjizzjoni ta' kawża bħal dik imressqa mill-Irlanda quddiem it-Tribunal ta' l-Arbitraġġ. Madankollu, il-ksur imputabbli lill-Irlanda ma jiqafx hawn. Fil-fatt, l-imsemmi Stat naqas ukoll li jwettaq l-obbligi Komunitarji tiegħu billi ssottometta atti Komunitarji, b'mod partikolari diversi direttivi adottati abbażi tat-Trattat KE jew tat-Trattat EA, għall-eżami ta' l-imsemmi Tribunal, ħaġa li tikkostitwixxi ksur ieħor ta' l-obbligu li tiġi rrispettata l-ġurisdizzjoni esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tinterpreta u tapplika d-dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju, li jirriżulta mill-Artikoli 292 KE u 193 EA. Barra minn hekk, l-Irlanda naqset li tirrispetta l-obbligu ta' kooperazzjoni leali previst fl-Artikoli 10 KE u 192 EA, bil-fatt li bdiet proċeduri fil-kuntest

tas-sistema ta' soluzzjoni ta' tilwim prevista fil-Konvenzjoni dwar il-Liġi tal-Baħar mingħajr ma informat lill-istituzzjonijiet Komunitarji kompetenti jew ikkonsultat minn qabel magħhom.

Fil-kawża *Traghetti del Mediterraneo* (sentenza tat-13 ta' Ġunju 2006, C-173/03, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat ir-regoli applikabbli fil-qasam tar-responsabbiltà ta' l-Istati Membri fir-rigward tal-ksur tad-dritt Komunitarju fil-każ partikolari fejn dan il-ksur jitwettaq fl-eżerċizzju tal-funzjoni ġudizzjarja. B'mod partikolari, hija ntalbet tikkunsidra l-kompatibbiltà mad-dritt Komunitarju ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li, minn naħa, teskludi kull responsabbiltà ta'l-Istat Membru għad-danni kkawżati lill-persuni minn ksur tad-dritt Komunitarju li huwa attribwit lil qorti nazzjonali ta' l-aħħar istanza meta dan il-ksur jirriżulta minn interpretazzjoni tar-regoli ta' dritt jew minn evalwazzjoni tal-fatti u tal-provi mwettqa minn din il-qorti u li, min-naħa l-oħra, tillimita wkoll din ir-responsabbiltà għall-każijiet biss ta' aġir doluż u ta' ħtija serja tal-qorti. F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, minn naħa, li d-dritt Komunitarju jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li teskludi, b'mod ġenerali, ir-responsabbiltà ta' l-Istat Membru għad-danni kkawżati lill-persuni minn ksur tad-dritt Komunitarju li huwa attribwit lil qorti ta' l-aħħar istanza minħabba l-fatt li l-ksur in kwistjoni jirriżulta minn interpretazzjoni tar-regoli ta' dritt jew minn evalwazzjoni tal-fatti u tal-provi mwettqa minn din il-qorti u, min-naħa l-oħra, li d-dritt Komunitarju jipprekludi wkoll leġiżlazzjoni nazzjonali li tillimita din ir-responsabbiltà għall-każijiet biss ta' aġir doluż jew ta' ħtija serja tal-qorti, jekk tali limitazzjoni tista' twassal biex tkun eskluża r-responsabbiltà ta' l-Istat Membru kkonċernat f'każijiet oħrajn fejn jitwettaq ksur manifest tad-dritt applikabbli, kif stipulat fil-punti 53 sa 56 tas-sentenza *Köbler* (sentenza tat-30 ta' Settembru 2003, C-224/01, Ġabra p. I-10239).

Il-kawża *Il-Kummissjoni vs Cresson* (sentenza tal-11 ta' Lulju 2006, C-432/04, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra) tat lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tiċċara x'inhuma l-obbligi imposti fuq il-membri tal-Kummissjoni bl-Artikolu 213 KE. Hija ddeċidiet li l-kunċett ta' "obbligi li jirriżultaw mill-kariga tagħhom ta' membru tal-Kummissjoni" għandu jinftiehem b'mod wiesa' u jinkludi, barra l-obbligi li jġibu rwieħhom b'integrità u jeżerċitaw diskrezzjoni, l-obbligu li jaġixxu b'indipendenza totali u fl-interess ġenerali tal-Komunità. F'każ ta' nuqqas ta' ċertu livell ta' gravità, is-sanzjoni prevista fit-Trattat hija r-riżenja mill-kariga jew it-telf tad-dritt għal pensjoni tal-persuna kkonċernata jew ta' benefiċċji oħra minflok. Il-membru tal-Kummissjoni li l-kariga tiegħu ntemmet jista' jiġi ssanzjonat għal nuqqas imwettaq matul il-kariga tiegħu iżda li jiġi skopert iktar tard. Meta r-riżenja mill-kariga ma tkunx tista' tiġi imposta iżjed, il-Qorti tal-Ġustizzja jkollha biss għad-dispożizzjoni tagħha t-telf tad-drittijiet, li hija libera li timponi b'mod totali jew parzjali, skond il-livell ta' gravità tan-nuqqas. Madankollu, it-termini li fihom għandha tittieħed azzjoni mhumiex illimitati, fid-dawl tal-ħtieġa ta' ċertezza legali u tad-drittijiet tad-difiża, li jeħtieġu li l-persuna li kontra tagħha l-Kummissjoni bdiet proċedura amministrattiva tingħata l-possibbiltà li tagħti b'mod utli l-opinjoni tagħha. Dejjem skond il-Qorti tal-Ġustizzja, l-impossibbiltà li jitressaq appell mid-deċiżjoni tagħha, bl-ebda mod ma jikkostitwixxi, fir-rigward tad-dritt tal-membri tal-Kummissjoni għal protezzjoni legali effettiva, nuqqas li jimpediha milli teżerċita l-kompetenza tagħha. Fir-rigward ta'l-eżami ta'l-ilmenti magħmula kontra l-Kummissarju akkużat, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-konstatazzjonijiet magħmula fi proċedimenti kriminali jistgħu jittieħdu in kunsiderazzjoni, iżda li hija mhijiex marbuta bil-kwalifika ġuridika tal-fatti adottata u li hija għandha tfittex li tistabbilixxi jekk il-fatti allegati jikkostitwixxux nuqqas ta' twettiq ta' l-obbligi li jirriżultaw mill-kariga ta'

membru tal-Kummissjoni. Abbażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet u wara eżami dettaljat ta' l-elementi fattwali li jinsabu fil-proċess, il-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet ir-rikors parzjalment billi waslet għall-konklużjoni li l-membru tal-Kummissjoni kkonċernat kien kiser l-obbligi li jirriżultaw mill-kariga tiegħu ta' membru tal-Kummissjoni fis-sens ta' l-Artikoli 213(2) KE u 126(2) EA. Madankollu, fid-dawl taċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, hija kkunsidrat li l-konstatazzjoni tan-nuqqas kienet tikkostitwixxi fiha nfisha sanzjoni adatta u eżentat lis-Sinjura Cresson minn sanzjoni taħt il-forma ta' telf tad-dritt tagħha għal pensjoni jew ta' benefiċċji oħra minfloku.

Fil-kawżi *Spanja vs Ir-Renju Unit* (sentenza tat-12 ta' Settembru 2006, C-145/04, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra) u *Eman u Sevinger* (sentenza tat-12 ta' Settembru 2006, C-300/04, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), il-Qorti tal-Ġustizzja ppronunzjat ruħha fuq ir-regoli tat-Trattat dwar iċ-ċittadinanza Ewropea u l-elezzjoni tar-rappreżentanti fil-Parlament Ewropew, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda d-dritt għall-vot f'din l-elezzjoni u l-eżerċizzju tiegħu. Fil-fatt, fil-kawża *Spanja vs Ir-Renju Unit*, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha teżamina l-kwistjoni tal-kompetenza ta' l-Istati Membri li jestendu d-dritt għall-vot fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew lil persuni li mhumiex ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea. F'dan il-każ, ir-Renju ta' Spanja kkontesta leġiżlazzjoni tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq li kienet tipprovdi, f'dak li jirrigwarda Ġibiltà, li ċittadini tal-Commonwealth residenti f'dan it-territorju u li m'għandhomx il-kwalifika ta' ċittadin Komunitarju għandhom id-dritt għall-vot u għall-kandidatura għall-Parlament Ewropew. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li huma l-Istati Membri li għandhom jiddeterminaw min huwa intitolat għad-dritt għall-vot u għall-kandidatura fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, filwaqt li jirrispettaw id-dritt Komunitarju. Hija kkunsidrat li l-Artikoli 189 KE, 190 KE, 17 KE u 19 KE ma jipprekludux li l-Istati Membri jagħtu dan id-dritt għall-vot u għall-kandidatura lil persuni partikolari li għandhom rabtiet mill-qrib magħhom, minbarra liċ-ċittadini tagħhom jew liċ-ċittadini ta' l-Unjoni li jirrisjedu fit-territorju tagħhom. Barra minn hekk, skond il-Qorti tal-Ġustizzja, l-eżistenza ta' rabta manifesta bejn iċ-ċittadinanza u d-dritt għall-vot ma tistax tinsilet mid-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew u dwar iċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni. Fl-aħħar nett, filwaqt li enfasizzat li mill-artikoli tat-Trattat dwar iċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni ma jistax jiġi dedott prinċipju li ċ-ċittadini ta' l-Unjoni huma l-uniċi benefiċjarji tad-dispożizzjonijiet l-oħra kollha tat-Trattat, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-leġiżlazzjoni kkontestata tar-Renju Unit kienet konformi mad-dritt Komunitarju.

Fil-kawża *Eman et Sevinger,* iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja ppronunzjat ruħha fuq l-interpretazzjoni ta' l-Artikoli 17 KE, 19(2) KE, 190 KE u 299(3) KE, wara li tressqet talba għal deċiżjoni preliminari mir-Raad van State (l-Olanda), fil-kuntest ta' kawża dwar żewġ ċittadini Olandiżi, domiċiljati f'Aruba, li kkontestaw ir-rifjut ta' l-applikazzjoni tagħhom sabiex jitniżżlu fil-listi elettorali għall-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta' Ġunju 2004 minħabba d-domiċilju tagħhom. Skond il-Qorti tal-Ġustizzja, persuni li għandhom in-nazzjonalità ta' Stat Membru u li huma residenti jew għandhom id-domiċilju tagħhom f'territorju li jagħmel parti mill-pajjiżi u territorji extra-Ewropej, imsemmi fl-Artikolu 299(3), jistgħu jinvokaw id-drittijiet irrikonoxxuti liċ-ċittadini ta' l-Unjoni fit-Tieni Parti tat-Trattat. Madankollu, il-pajjiżi u territorji extra-Ewropej (OCT) huma s-suġġett ta' arranġamenti speċjali ta' assoċjazzjoni, definiti fir-Raba' Parti tat-Trattat (Artikoli 182 KE sa 188 KE), b'mod li d-dispożizzjonijiet ġenerali tat-Trattat mhumiex applikabbli għalihom jekk ma jiġix speċifikat espliċitament u l-Artikoli 189 KE u 190 KE, li jirrigwardaw il-Parlament

Ewropew, mhumiex applikabbli għal dawn il-pajjiżi u territorji, bil-konsegwenza li l-Istati Membri mhumiex marbuta li jorganizzaw fihom elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew. Barra minn hekk, fl-istat preżenti tad-dritt Komunitarju, xejn ma jipprekludi lill-Istati Membri milli jiddefinixxu, filwaqt li jirrispettaw id-dritt Komunitarju, il-kundizzjonijiet tad-dritt għall-vot u għall-kandidatura għall-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew b'referenza għall-kriterju tar-residenza fit-territorju li fih jiġu organizzati l-elezzjonijiet. Il-prinċipju ta' trattament ugwali madankollu jipprojbixxi li l-kriterji magħżula jkollhom bħala effett li ċittadini li jinsabu f'sitwazzjonijiet komparabbli jiġu ttrattati b'mod differenti, mingħajr ma din id-differenza fit-trattament tkun iġġustifikata oġġettivament.

Il-kawża *i-21 Germany u Arcor* (sentenza tad-19 ta' Settembru 2006, C-392/04 u C-422/04, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra) tat l-opportunità lill-Qorti tal-Ġustizzja biex issib il-bilanċ bejn is-supremazija tad-dritt Komunitarju u ċ-ċertezza legali fir-rigward ta' kif għandu jiġi ttrattat att amministrattiv li huwa illegali għaliex jikser id-dritt Komunitarju. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, b'konformità mal-prinċipju ta' ċertezza legali, korp amministrattiv mhuwiex obbligat jikkunsidra mill-ġdid deċiżjoni amministrattiva li tkun saret finali ma' l-iskadenza ta' terminu raġonevoli li matulu tista' tiġi kkontestata jew wara li jkunu ntużaw ir-rimedji legali kollha disponibbli. Madankollu, hija ammettiet li jista' jkun hemm limitu għal dan il-prinċipju jekk jiġu sodisfatti erba' kundizzjonijiet: il-korp amministrattiv għandu, skond id-dritt nazzjonali, is-setgħa li jbiddel din id-deċiżjoni; id-deċiżjoni in kwistjoni tkun saret finali minħabba sentenza ta' qorti nazzjonali li tiddeċiedi fl-aħħar istanza; l-imsemmija sentenza hija, fid-dawl ta' ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tkun inħalqet wara din is-sentenza, ibbażata fuq interpretazzjoni żbaljata tad-dritt Komunitarju adottata mingħajr ma tkun tressqet domanda għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, u l-persuna kkonċernata tkun indirizzat ruħha lill-korp amministrattiv immedjatament wara li tkun saret taf bl-imsemmija ġurisprudenza (ara s-sentenza tat-13 ta' Jannar 2004, *Kühne & Heintz,* C-453/00, Ġabra p. I-837). Barra minn hekk, il-prinċipju ta' ekwivalenza jitlob li r-regoli kollha applikabbli għar-rikorsi, inklużi t-termini preskritti, ikunu applikabbli mingħajr distinzjoni għar-rikorsi bbażati fuq il-ksur tad-dritt Komunitarju u għal dawk ibbażati fuq il-ksur tad-dritt nazzjonali. Meta, skond regoli ta' dritt nazzjonali, l-awtorità amministrattiva hija fl-obbligu li tirtira deċiżjoni amministrattiva li tkun saret finali iżda hija manifestament inkompatibbli mad-dritt nazzjonali, l-istess obbligu għandu jeżisti fil-każ ta' inkompatibbiltà manifesta mad-dritt Komunitarju. Il-qorti nazzjonali għandha tevalwa jekk leġiżlazzjoni inkompatibbli mad-dritt Komunitarju tikkostitwixxix illegalità manifesta skond id-dritt nazzjonali kkonċernat u, jekk dan ikun il-każ, tiġbed il-konsegwenzi kollha li jirriżultaw minn dan il-fatt skond id-dritt nazzjonali tagħha.

F'żewġ kawżi qamet kwistjoni dwar l-ammissibbiltà tar-rikors għal annullament. Minn naħa, il-kawża *Regione Siciliana vs Il-Kummissjoni* (sentenza tat-2 ta' Mejju 2006, C-417/04 P, Ġabra p. I-3881), li kellha bħala suġġett appell li permezz tiegħu r-Regione Siciliana kienet talbet l-annullament tad-digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza li jiddikjara inammissibbli r-rikors tagħha għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tagħlaq l-għajnuna finanzjarja mill-Fond Ewropew ta' l-Iżvilupp Reġjonali, ippermetta lill-Qorti tal-Ġustizzja terġa' tikkunsidra l-kunċett ta' "Stat Membru". Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li r-rikors ta' entità reġjonali jew lokali ma jistax jiġi ekwiparat mar-rikors ta' Stat Membru, peress li l-kunċett ta' Stat Membru skond l-Artikolu 230 KE jkopri biss l-awtoritajiet governattivi ta' l-Istati Membri. Madankollu, hija ddeċidiet li, fuq il-bażi ta' dan l-artikolu, entità reġjonali jew lokali tista', safejn hija għandha personalità ġuridika taħt id-dritt nazzjonali, tressaq rikors kontra

d-deċiżjonijiet indirizzati lilha u kontra d-deċiżjonijiet li, minkejja li huma meħuda bħala regolament jew deċiżjoni indirizzata lil persuna oħra, jikkonċernawha direttament u individwalment. Issa awtorità reġjonali responsabbli mit-twettiq ta' proġett tal-Fond Ewropew ma tistax tiġi kkunsidrata li hija direttament ikkonċernata bid-deċiżjoni tal-Kummissjoni indirizzata lill-Istat Membru in kwistjoni u li tirrigwarda l-għeluq ta' l-għajnuna finanzjarja minn dan il-Fond. Min-naħa l-oħra, il-kawża *Reynolds Tobacco et vs Il-Kummissjoni* (sentenza tat-12 ta' Settembru 2006, C-131/03 P, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra) wasslet lill-Qorti tal-Ġustizzja biex teżamina l-possibbiltà li jinkiseb l-annullament ta' deċiżjonijiet meħuda mill-Kummissjoni li tibda proċeduri legali. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li huma biss il-miżuri li għandhom effetti ġuridiċi vinkolanti u li jaffettwaw l-interessi tar-rikorrenti billi jbiddlu b'mod sostanzjali l-pożizzjoni ġuridika tiegħu li jikkostitwixxu atti jew deċiżjonijiet li jistgħu jkunu s-suġġett ta' rikors għal annullament. Għaldaqstant, id-deċiżjoni li jittieħdu proċeduri quddiem qorti hija att indispensabbli sabiex tinkiseb deċiżjoni ġudizzjarja vinkolanti, iżda, bħala tali, ma tiddeterminax b'mod definittiv l-obbligi tal-partijiet fil-kawża u għalhekk ma tbiddilx, minnha nfisha, il-pożizzjoni legali in kwistjoni. L-individwi li, madankollu, jidhrilhom li sofrew dannu b'riżultat ta' aġir illegali ta' istituzzjoni mhumiex ipprivati minn aċċess għall-qorti, billi rikors għal responsabbiltà mhux kuntrattwali jibqa' disponibbli jekk l-aġir in kwistjoni jkun ta' tali natura li jagħti lok għar-responsabbiltà tal-Komunità.

Fil-kawża *International Air Transport Association et* (sentenza ta' l-10 ta' Jannar 2006, C-344/04, Ġabra p. I-403), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fir-rigward ta' l-Artikolu 234 KE, li l-eżistenza ta' kontestazzjoni tal-validità ta' att Komunitarju quddiem il-qorti nazzjonali mhix biżżejjed, minnha nfisha, sabiex tiġġustifika r-rinviju ta' domanda preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Huwa biss meta qorti li d-deċiżjonijiet tagħha jistgħu jkunu s-suġġett ta' rimedju ġudizzjarju skond il-liġi nazzjonali tqis li allegazzjoni jew diversi allegazzjonijiet ta' invalidità ta' att Komunitarju mressqa mill-partijiet jew imqajma *ex officio* huma fondati li din il-qorti għandha tissospendi l-proċeduri u tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja proċedura ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari għall-evalwazzjoni tal-validità.

Fl-aħħar nett, f'sensiela sħiħa ta' kawżi, il-Qorti tal-Ġustizzja ġiet iffaċċjata bil-problema ta' l-għażla tal-bażi legali ta' l-atti Komunitarji. Sitt kawżi jixirqilhom li jingħataw attenzjoni partikolari.

Għandhom jiġu indikati, qabel xejn, il-kawżi *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill* (sentenza ta' l-10 ta' Jannar 2006, C-94/03, Ġabra p. I-1) u *Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u Il-Kunsill* (sentenza ta' l-10 ta' Jannar 2006, C-178/03, Ġabra p. I-107), li jirrigwardaw id-Deċiżjoni 2003/106[4] u r-Regolament Nru 304/2003[5], rispettivament. F'kull waħda minn dawn il-kawżi, il-Qorti tal-Ġustizzja rriaffermat il-prinċipji fundamentali ta' gwida li hija kienet diġà stabbiliet fil-ġurisprudenza tagħha dwar il-bażi ġuridika doppja. Fil-fatt, hija fakkret, l-ewwel nett, li l-għażla tal-bażi ġuridika ta' att Komunitarju għandha tkun ibbażata fuq elementi oġġettivi, suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju, li fosthom jinkludu, b'mod partikolari, l-għan u l-

4 Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2002 li tikkonċerna l-approvazzjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura għall-Kunsens Infurmat bil-Quddiem għal ċerti prodotti kimiċi u pestiċidji perikolużi fil-kummerċ internazzjonali (2003/106/KE) (ĠU L 63, p. 27).

5 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 304/2003 tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni tal-kimiċi perikolużi (ĠU L 63, p. 1).

kontenut ta' l-att, it-tieni nett, li jekk l-eżami ta' att Komunitarju juri li għandu żewġ għanijiet jew li għandu żewġ komponenti u jekk wieħed minn dawn huwa identifikabbli bħala dak prinċipali jew predominanti, waqt li l-ieħor mhuwiex għajr aċċessorju, l-att irid ikun ibbażat fuq bażi ġuridika waħda, jiġifieri dik mitluba mill-għan jew komponent prinċipali jew predominanti, u fl-aħħar nett, li eċċezzjonalment, jekk huwa stabbilit, min-naħa l-oħra, li l-att għandu iktar minn għan wieħed fl-istess ħin jew li għandu iktar minn komponent wieħed, li huma marbuta b'mod li ma jistgħux jinħallu minn xulxin, mingħajr ma wieħed ikun sekondarju u indirett meta pparagunat ma' l-ieħor, tali att irid ikun ibbażat fuq id-diversi bażijiet ġuridiċi korrispondenti, filwaqt li enfasizzat li r-rikors għall-bażi ġuridika doppja huwa madankollu eskluż meta l-proċeduri previsti għal kull waħda minn dawn il-bażijiet ġuridiċi huma inkompatibbli u/jew meta l-użu konġunt ta' bażijiet ġuridiċi huwa ta' natura li jista' jippreġudika d-drittijiet tal-Parlament. B'applikazzjoni ta' din il-ġurisprudenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fl-ewwel kawża, li d-Deċiżjoni 2003/106 kellha tkun ibbażata fuq l-Artikolu 133 KE u l-Artikolu 175(1) KE, flimkien mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' l-Artikolu 300 KE, u li għaldaqstant kellha tiġi annullata inkwantu kienet ibbażata biss fuq l-Artikolu 175(1) KE, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 u l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 ta' l-Artikolu 300 KE. Bl-istess mod, fit-tieni kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-Regolament Nru 304/2003 kellu jkun ibbażat fuq l-Artikolu 133 KE u l-Artikolu 175(1) KE, u li għaldaqstant kellu jiġi annullat inkwantu kien ibbażat biss fuq l-Artikolu 175(1) KE.

Erba' kawżi oħra għandhom in komuni l-fatt li jirrigwardaw il-kundizzjonijiet sabiex l-Artikolu 95 KE jkun jista' jintuża bħala bażi ġuridika.

L-ewwel nett, fil-kawża *Il-Parlament vs Il-Kunsill* (sentenza tat-2 ta' Mejju 2006, C-436/03, Ġabra p. I-3733), il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret il-ġurisprudenza tagħha li skondha l-Artikolu 95 KE jagħti lil-leġiżlatur Komunitarju l-kompetenza li jadotta miżuri maħsuba sabiex itejbu l-kundizzjonijiet ta' l-istabbiliment u tat-tħaddim tas-suq intern, liema miżuri għandu jkollhom effettivament dan l-għan billi jgħinu fl-eliminazzjoni ta' l-ostakli għal-libertajiet ekonomiċi ggarantiti mit-Trattat, fosthom il-libertà ta' stabbiliment, jew miżuri għall-prevenzjoni tat-tfaċċar ta' ostakli għall-kummerċ li jirriżultaw mill-iżvilupp eteroġenju tal-liġijiet nazzjonali, liema tfaċċar ta' tali ostakli għandu, madankollu, ikun probabbli u l-miżura in kwistjoni għandu jkollha l-għan li tipprevenihom. Huwa għalhekk li, f'din il-kawża, hija ddeċidiet li l-Artikolu 95 KE ma setax ikun bażi legali adatta għall-adozzjoni tar-Regolament Nru 1435/2003[6] u li huwa ġie adottat ġustament fuq il-bażi ta' l-Artikolu 308 KE. It-tieni nett, huwa wkoll b'applikazzjoni ta' din il-ġurisprudenza li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-kawża *Ir-Renju Unit vs Il-Parlament u Il-Kunsill* (sentenza tat-2 ta' Mejju 2006, C-217/04, Ġabra p. I-3771), li r-Regolament Nru 460/2004[7] ġustament kien ġie bbażat fuq l-Artikolu 95 KE. Barra minn hekk, fil-kawżi magħquda *Il-Parlament vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni* (sentenza tat-30 ta' Mejju 2006, C-317/04 u C-318/04, Ġabra p. I-4721), il-Qorti

6 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1435/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 dwar l-Istatut għal Soċjetà Kooperattiva Ewropea (SCE) (ĠU L 207, p. 1).

7 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 460/2004 ta' l-10 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni (ĠU L 77, p. 1).

tal-Ġustizzja, għall-kuntrarju, iddeċidiet li d-Deċiżjoni 2004/496[8] ma setgħetx tiġi adottata b'mod validu abbażi ta' l-Artikolu 95 KE, moqri flimkien ma' l-Artikolu 25 tad-Direttiva 95/46[9], billi l-ftehim li huwa s-suġġett ta' din id-Deċiżjoni jkopri l-ipproċessar ta' data li, safejn għandu bħala għan is-sigurtà pubblika u l-attivitajiet ta' l-Istat li jikkonċernaw oqsma tad-dritt kriminali, kien esklużmill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 95/46 bis-saħħa ta' l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 3(2) ta' din id-Direttiva. Fl-aħħar nett, fil-kawża *Il-Ġermanja vs Il-Parlament u Il-Kunsill* (sentenza tat-12 ta' Diċembru 2006, C-380/03, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), wara li fakkret li, sakemm il-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex l-Artikolu 95 KE jkun jista' jintuża bħala bażi legali jkunu sodisfatti, il-leġiżlatur Komunitarju ma jistax jitwaqqaf milli jibbaża ruħu fuq din il-bażi legali minħabba l-fatt li l-ħarsien tas-saħħa pubblika huwa determinanti fl-għażliet li għandhom isiru, huwa wkoll prinċipalment abbażi ta' din il-ġurisprudenza li l-Qorti tal-Ġustizzja reċentement iddeċidiet li meta l-leġiżlatur Komunitarju adotta l-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 2003/33[10] abbażi ta' l-Artikolu 95 KE biss, huwa ma kisirx id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 152(4)(ċ) KE u li r-rikors imressaq mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kontra dawn id-dispożizzjonijiet kellu, għaldaqstant, jiġi miċħud.

### *Ċittadinanza Ewropea*

F'dan il-qasam, minbarra l-kawżi dwar l-elezzjonijiet tar-rappreżentanti fil-Parlament Ewropew indikati iktar 'il fuq, żewġ kawżi jistħoqqilhom li jingħataw attenzjoni.

Fil-kawża *De Cuyper* (sentenza tat-18 ta' Lulju 2006, C-406/04, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni Belġjana fil-qasam tal-qgħad mal-libertà ta' moviment u ta' residenza taċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea, mogħtija bl-Artikolu 18 KE. Din il-leġiżlazzjoni tissuġġetta lill-persuni qiegħda li għandhom 'il fuq minn 50 sena għal kundizzjoni ta' residenza, minkejja li dawn ta' l-aħħar m'għadhomx obbligati jibqgħu disponibbli għax-xogħol. Il-Qorti tal-Ġustizzja qabel xejn fakkret li d-dritt ta' residenza taċ-ċittadini ta' l-Unjoni mhuwiex bla kundizzjoni, iżda jingħata biss suġġett għal-limitazzjonijiet u għall-kundizzjonijiet previsti mit-Trattat u mill-miżuri ta' applikazzjoni tiegħu. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-leġiżlazzjoni Belġjana tpoġġi fi żvantaġġ ċerti ċittadini nazzjonali minħabba l-fatt biss li eżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu u ta' residenza u b'hekk tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertajiet mogħtija mill-Artikolu 18 KE. Iżda hija aċċettat li din ir-restrizzjoni kienet iġġustifikata minn kunsiderazzjonijiet oġġettivi ta' interess ġenerali indipendenti miċ-ċittadinanza tal-persuni kkonċernati. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li

8 Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/496/KE tas-17 ta' Mejju 2004 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' data PNR minn Trasportaturi ta' l-Ajru lill-Uffiċċju tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri fid-Dipartiment tal-Homeland Security ta' l-Istati Uniti (ĠU L 183, p. 83 u rettifika fil-ĠU L 255, 2005, p. 168).

9 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46/KE ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, p. 31), kif emendata.

10 Direttiva 2003/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-reklamar u l-patrunaġġ tal-prodotti tat-tabakk (ĠU L 152, p. 16).

kundizzjoni ta' residenza tissodisfa n-neċessità li tiġi kkontrollata s-sitwazzjoni professjonali u familjari tal-persuni qiegħda, billi tippermetti lid-dipartiment ta' stħarriġ jivverifika jekk is-sitwazzjoni tal-benefiċjarju tal-benefiċċju tal-qgħad kinitx jew le suġġetta għal bidliet li jistgħu jkollhom effett fuq il-benefiċċju mogħti. Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat ukoll li n-natura speċifika tal-kontroll fil-qasam tal-qgħad tiġġustifika t-twaqqif ta' mekkaniżmi iktar restrittivi minn dawk imposti fir-rigward ta' benefiċċji oħrajn u li miżuri inqas restrittivi, bħall-preżentazzjoni ta' dokumenti jew ta' attestazzjonijiet, jipprivaw il-kontroll min-natura għall-għarrieda tiegħu u għaldaqstant jagħmluh inqas effikaċi.

Hija wkoll il-kompatibbiltà ta' kundizzjoni ta' residenza ma' l-Artikolu 18 KE li kienet in kwistjoni fil-kawża *Tas-Hagen u Tas* (sentenza tas-26 ta' Ottubru 2006, C-192/05, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), li kienet tirrigwarda leġiżlazzjoni dwar l-għoti ta' benefiċċji lill-vittmi pajżani tal-gwerra u li teħtieġ li l-persuna kkonċernata jkollha d-domiċilju tagħha fit-territorju nazzjonali fid-data meta hija tressaq it-talba.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja fittxet li tiddetermina jekk din il-kwistjoni taqax taħt l-Artikolu 18 KE. F'dan ir-rigward hija rrilevat li, fl-istadju attwali ta' l-iżvilupp tad-dritt Komunitarju, benefiċċju relattiv għall-kumpens tal-vittmi pajżani tal-gwerra jaqa' taħt il-kompetenza ta' l-Istati Membri bil-kundizzjoni li dawn ta' l-aħħar għandhom jeżerċitaw din il-kompetenza filwaqt li jirrispettaw id-dritt Komunitarju. Issa, fir-rigward ta' tali leġiżlazzjoni, l-eżerċizzju tad-dritt ta' moviment liberu u ta' residenza mogħti bl-Artikolu 18 KE jista' jaffettwa l-possibbiltà li jinkiseb il-ħlas tal-benefiċċju, b'mod li sitwazzjoni bħal din ma tistax tiġi kkunsidrata li m'għandha ebda rabta mad-dritt Komunitarju. Fir-rigward ta' l-ammissibbiltà tal-kundizzjoni ta' residenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li din tista' tiddisswadi l-eżerċizzju tal-libertajiet mogħtija bl-Artikolu 18 KE, u għaldaqstant tikkostitwixxi restrizzjoni għal dawn il-libertajiet. Hija rrilevat li din il-kundizzjoni setgħet bla dubju tiġi ġġustifikata, bħala regola, mix-xewqa li l-obbligu ta' solidarjetà fir-rigward tal-vittmi pajżani tal-gwerra jkun limitat biss għall-persuni li kellhom rabta mal-poplu ta' l-Istat ikkonċernat matul u wara l-gwerra, u b'hekk il-kundizzjoni ta' residenza tkun tixhed il-grad ta' rabta li dawn il-persuni għandhom mas-soċjetà. Madankollu, filwaqt li enfasizzat il-marġni ta' diskrezzjoni wiesa' li għandhom l-Istati Membri fir-rigward tal-benefiċċji li mhumiex irregolati mid-dritt Komunitarju, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li kriterju ta' residenza ma jistax jikkostitwixxi sinjal suffiċjentement indikattiv ta' l-imsemmija rabta meta dan jista' jwassal għal riżultati diverġenti għal persuni stabbiliti barra mill-pajjiż u li l-livell ta' integrazzjoni tagħhom huwa paragunabbli f'kull aspett. Relatat esklużivament mad-data tal-preżentazzjoni tat-talba, kriterju ta' residenza mhuwiex suffiċjentement indikattiv tal-grad ta' rabta ta' l-applikant mas-soċjetà li qed turih is-solidarjetà tagħha, b'mod li ma jirrispettax il-prinċipju ta' proporzjonalità.

### *Moviment liberu tal-merkanzija*

Fil-kawżi magħquda *Sfakianakis* (sentenza tad-9 ta' Frar 2006, C-23/04 sa C-25/04, Ġabra p. I-1265), il-Qorti tal-Ġustizzja kellha għalfejn tinterpreta l-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika ta' l-Ungerija, min-naħa l-oħra, u, b'mod iktar partikolari, l-Artikoli 31(2) u 32 ta'

dan il-Ftehim[11], b'risposta għal domanda preliminari li tressqet minn qorti Griega li kellha tiddeċiedi kawża dwar importazzjonijiet fil-Greċja, fil-kuntest tas-sistema preferenzjali ta' l-imsemmi Ftehim, ta' vetturi bil-mutur mill-Ungerija.

Hija ddeċidiet li l-Artikoli 31(2) u 32 tal-Protokoll Nru 4 ta' l-imsemmi Ftehim, kif emendat permezz tad-Deċiżjoni Nru 3/96 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika ta' l-Ungerija, min-naħa l-oħra, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-awtoritajiet doganali ta' l-Istat ta' importazzjoni għandhom l-obbligu li jieħdu in kunsiderazzjoni d-deċiżjonijiet ġudizzjarji mogħtija fl-Istat ta' esportazzjoni fil-proċeduri mressqa fir-rigward tar-riżultati tal-kontroll tal-validità taċ-ċertifikati ta' moviment tal-merkanzija mwettaq mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istat ta' esportazzjoni, ġaladarba jkunu ġew informati bl-eżistenza ta' dawn il-proċeduri u bil-kontenut ta' dawn id-deċiżjonijiet, u dan indipendentement mill-fatt jekk il-kontroll tal-validità taċ-ċertifikati ta' moviment ikunx twettaq fuq talba ta' l-awtoritajiet doganali ta' l-Istat ta' importazzjoni jew le. Fl-istess kawżi magħquda, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-effett utli tat-tneħħija tad-dazji doganali prevista fl-imsemmi Ftehim jipprekludi wkoll id-deċiżjonijiet amministrattivi li jimponu l-ħlas ta' dazji doganali, miżjuda b'taxxi u b'penali, meħuda mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istat ta' importazzjoni qabel ma jiġi kkomunikat lilhom l-eżitu definittiv tal-proċeduri mressqa kontra l-konklużjonijiet tal-kontroll sussegwenti u meta d-deċiżjonijiet ta' l-awtoritajiet ta' l-Istat ta' esportazzjoni li jkunu inizjalment ħarġu ċ-ċertifikati ta' moviment ma jkunux ġew irrevokati jew annullati.

### *Agrikoltura*

Fir-rigward tal-politika agrikola komuni, ta' min isemmi l-kawża *Spanja vs Il-Kunsill* (sentenza tas-7 ta' Settembru 2006, C-310/04, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra) li fiha r-Renju ta' Spanja ressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja rikors għal annullament kontra l-iskema ġdida ta' għajnuna Komunitarja għall-qoton stabbilita bir-Regolament Nru 864/2004[12] u introdotta fir-Regolament Nru 1782/2003[13], li jimplementa l-hekk imsejħa riformi Mac Sharry. Fost id-diversi motivi mqajma mir-Renju ta' Spanja, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-motiv dwar il-ksur tal-prinċipju tal-proporzjonalità kien fondat. Fil-fatt, hija ddeċidiet li l-Kunsill, awtur tar-Regolament Nru 864/2004, ma kienx stabbilixxa li l-iskema l-ġdida ta' għajnuna għall-qoton stabbilita minn dan ir-Regolament kienet ġiet adottata permezz ta' eżerċizzju effettiv tas-setgħa diskrezzjonali tiegħu, li implika, skond il-Qorti tal-Ġustizzja,

[11] Ftehim Ewropew li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika ta' l-Ungerija, min-naħa l-oħra, konkluż u approvat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tat-13 ta' Diċembru 1993 (ĠU L 347, p. 1).

[12] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 864/2004 tad-29 ta' April 2004 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għall-iskemi ta' għajnuna diretta skond il-politika komuni ta' l-agrikoltura u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' għajnuna għall-bdiewa, u li jadattah minħabba d-dħul tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, l-Islovenja u l-Islovakkja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 161, p. 48).

[13] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 (ĠU L 270, p. 1).

it-teħid in kusiderazzjoni ta' l-elementi u ċ-ċirkustanzi kollha rilevanti f'dan il-każ, u speċjalment l-ispejjeż tas-salarji u l-effetti potenzjali tar-riforma ta' l-iskema ta' għajnuna għall-qoton fuq is-sitwazzjoni ekonomika ta' l-impriżi tal-ħalġ. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li d-data li kienet ġiet ippreżentata lilha ma kinitx tippermettilha tivverifika jekk il-leġiżlatur Komunitarju setax, mingħajr ma jeċċedi l-limiti tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li huwa għandu f'dan il-qasam, jasal għall-konklużjoni li l-istabbiliment ta' l-ammont ta' l-għajnuna speċifika għall-qoton għal 35 % tat-total ta' l-għajnuna eżistenti fl-iskema ta' għajnuna preċedenti huwa biżżejjed sabiex jiġi garantit l-għan espost fil-ħames premessa tar-Regolament Nru 864/2004, li huwa li tiġi assigurata l-profittabbiltà u, għaldaqstant, it-tkomplija ta' din il-kultivazzjoni, għan li jirrifletti dak preskritt fil-paragrafu 2 tal-Protokoll Nru 4 anness ma' l-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika Ellenika. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat il-punt 20 ta' l-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 864/2004 li introduċa l-Kapitolu 10a tat-Titolu IV tar-Regolament Nru 1782/2003. Madankollu, hija ssospendiet l-effetti ta' dan l-annullament sa l-adozzjoni, f'terminu raġonevoli, ta' regolament ġdid.

### *Moviment liberu tal-persuni, tas-servizzi u tal-kapital*

F'dan il-qasam vast, il-kawżi prinċipali tas-sena għandhom jinġabru flimkien skond it-tema.

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha għalfejn tfakkar il-limiti ta' l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet relattivi għal-libertajiet ta' moviment li jikkostitwixxu s-sitwazzjonijiet purament interni, minn naħa, u l-abbuż ta' dritt, min-naħa l-oħra. Fil-fatt, skond ġurisprudenza stabbilita, sitwazzjoni li l-elementi kollha tagħha jseħħu ġewwa Stat Membru wieħed biss ma taqax taħt id-dispożizzjonijiet relattivi għal-libertajiet ta' moviment. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha teżamina ripetutament il-punt jekk l-istabbiliment, minn persuna taxxabbli li hija ċittadin Komunitarju, tar-residenza jew tad-domiċilju tagħha fit-territorju ta' Stat Membru differenti minn dak li fih hija teżerċita attivitajiet ekonomiċi jikkostitwixxix element ta' estranjetà suffiċjenti sabiex jippermettilha tinvoka d-dritt tal-moviment liberu tal-persuni, tas-servizzi jew tal-kapital. Għas-sena 2006, żewġ kawżi jistħoqqilhom, f'dan ir-rigward, li jingħataw attenzjoni partikolari: il-kawża *Ritter-Coulais* (sentenza tal-21 ta' Frar 2006, C-152/03, Ġabra p. I-1711) u l-kawża *N* (sentenza tas-7 ta' Settembru 2006, C-470/04, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra).

Fil-kawża *Ritter-Coulais,* iċċitata iktar 'il fuq, il-kawża li tressqet quddiem il-qorti tar-rinviju kienet tirrigwarda koppja ta' ċittadini Ġermaniżi li jeżerċitaw attività bil-paga fil-Ġermanja, fejn kienu taxxabbli, iżda li jirrisjedu fi Franza. Għad-domanda jekk dawn iċ-ċittadini Ġermaniżi setgħux jinvokaw, fil-konfront ta' l-amministrazzjoni fiskali Ġermaniża, id-dispożizzjonijiet dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema sabiex jiksbu t-teħid in kunsiderazzjoni tat-telf tad-dħul li jirriżulta mill-użu, għall-bżonnijiet tagħhom stess, tad-dar proprjetà tagħhom u li fiha kienu jirrisjedu fi Franza, il-Qorti tal-Ġustizzja wieġbet li s-sitwazzjoni tal-konjuġi Ritter-Coulais, li kienu jaħdmu fi Stat Membru differenti minn dak fejn kienet tinsab ir-residenza reali tagħhom, kienet taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 39 KE.

Il-kawża *N*, iċċitata iktar 'il fuq, kienet tirrigwarda d-dispożizzjonijiet tad-dritt fiskali Olandiż li skondhom it-tluq mit-territorju nazzjonali huwa ekwiparat ma' trasferiment ta' ishma, li jinvolvi l-ħlas tat-taxxa fuq il-qligħ kapitali f'dik id-data. Is-sitwazzjoni li wasslet għall-kawża prinċipali kienet dik ta' ċittadin Olandiż li kien residenti fl-Olanda sakemm ittrasferixxa d-domiċilju tiegħu fir-Renju Unit fejn, għal żmien twil, huwa m'eżerċita ebda attività ekonomika. Għad-domanda jekk dan iċ-ċittadin Olandiż, li kien iżomm l-ishma kollha ta' tliet kumpanniji regolati bid-dritt Olandiż, setax jinvoka, fil-konfront ta' l-amministrazzjoni fiskali Olandiża, id-dispożizzjonijiet dwar il-libertà ta' stabbiliment sabiex jikkontesta l-fatt li l-leġiżlazzjoni in kwistjoni kienet ġiet applikata fil-konfront tiegħu, il-Qorti tal-Ġustizzja wieġbet, billi rreferiet espressament għas-sentenza tagħha *Ritter-Coulais,* iċċitata iktar 'il fuq, li, minn mindu seħħ it-trasferiment tad-domiċilju tiegħu, is-sitwazzjoni ta' N kienet taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 43 KE.

F'dak li jirrigwarda l-abbuż ta' dritt, qorti nazzjonali talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-fatt, fir-rigward ta' kumpannija stabbilita fi Stat Membru, li toħloq u li tipprovdi kapitali għal kumpanniji fi Stat Membru ieħor, bl-uniku għan li tibbenefika mis-sistema fiskali aktar favorevoli fis-seħħ f'dan l-aħħar Stat, jikkostitwixxix użu abbużiv tal-libertà ta'l-istabbiliment. Il-Qorti tal-Ġustizzja wieġbet fin-negattiv fis-sentenza *Cadbury Schweppes u Cadbury Schweppes Overseas* (sentenza tat-12 ta' Settembru 2006, C-196/04, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra). Il-fatt li kumpannija nħolqot fi Stat Membru bil-għan li tibbenefika minn leġiżlazzjoni aktar vantaġġuża mhuwiex, waħdu, suffiċjenti sabiex tiġi konkluża l-eżistenza ta' abbuż u sabiex jiġġustifika, minnu nnifsu, miżura nazzjonali restrittiva tal-libertà ta' stabbiliment. Tali miżura tkun, min-naħa l-oħra, iġġustifikata jekk hija tfittex li tostakola l-ħolqien ta' skemi purament artifiċjali, nieqsa mir-realtà ekonomika, intiżi sabiex tiġi evaża t-taxxa normalment dovuta fuq il-profitti ġġenerati minn attivitajiet magħmula fit-territorju nazzjonali.

Jekk il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-libertajiet ta' moviment għalhekk mhuwiex illimitat, il-kamp tal-kompetenzi ta' l-Istati fil-qasam tat-tassazzjoni diretta mhuwiex lanqas u l-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-okkażjoni, diversi drabi, li tarrikkixxi l-ġurisprudenza diġà abbondanti tagħha f'dan il-qasam.

B'applikazzjoni tas-sistema komuni stabbilita bil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, mhux biss hija pprojbita d-diskriminazzjoni li tidher, ibbażati fuq in-nazzjonalità, iżda wkoll il-forom moħbija kollha ta' diskriminazzjoni (jew diskriminazzjoni indiretta) li, b'applikazzjoni ta' prinċipji apparentement newtrali, effettivament iwasslu għall-istess riżultat. Il-kwalifikazzjoni ta' differenza fit-trattament bħala diskriminazzjoni tippreżupponi, madankollu, li wieħed ikollu l-intenzjoni li japplika regoli differenti għal sitwazzjonijiet komparabbli jew l-istess regola għal sitwazzjonijiet differenti. Fil-każ fejn isseħħ diskriminazzjoni indiretta, teżisti possibbiltà ta' ġustifikazzjoni għal raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali u bil-kundizzjoni li jiġi rrispettat il-prinċipju ta' proporzjonalità.

Fost id-diversi miżuri fikali nazzjonali eżaminati mill-Qorti tal-Ġustizzja, uħud ġew ikkunsidrati li kienu kompatibbli mad-dritt Komunitarju, u oħrajn li kienu inkompatibbli.

Fost il-miżuri nazzjonali kkunsidrati li huma kompatibbli mad-dritt Komunitarju hemm, l-ewwel nett, il-miżuri li huma applikabbli indistintament għal sitwazzjonijiet oġġettivament komparabbli. Dan kien il-każ fil-kawża *van Hilten-van der Heijden* (sentenza tat-23 ta' Frar

2006, C-513/03, Ġabra p. I-1957) li kienet tirrigwarda leġiżlazzjoni nazzjonali li skondha s-suċċessjoni ta' ċittadin nazzjonali, li jmut fi żmien għaxar snin wara li ttrasferixxa d-domiċilju tiegħu barra mill-pajjiż, hija taxxabbli daqslikieku dan it-trasferiment ma kienx seħħ, ħlief għall-eżenzjoni mit-taxxa ta' suċċessjoni miġbura minn Stati oħra. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li billi tipprovdi kundizzjonijiet ta' tassazzjoni identiċi għaċ-ċittadini li jkunu ttrasferew id-domiċilju tagħhom barra mill-pajjiż u għal dawk li baqgħu fl-Istat Membru kkonċernat, tali leġiżlazzjoni ma tistax tiddisswadi l-movimenti ta' investimenti minn u lejn dan l-Istat Membru, u lanqas tnaqqas il-valur tas-suċċessjoni taċ-ċittadini li ttrasferew id-domiċilju tagħhom f'pajjiż barrani. Fir-rigward tad-differenza fit-trattament bejn ir-residenti li huma ċittadini ta' l-Istat Membru kkonċernat u dawk li huma ċittadini ta' Stati Membri oħra, din ma tistax tiġi kkunsidrata li tikkostitwixxi diskriminazzjoni pprojbita skond l-Artikolu 56 KE billi tirriżulta mill-kompetenza li għandhom l-Istati Membri li jiddefinixxu l-kriterji ta' kif titqassam is-setgħa ta' tassazzjoni tagħhom. Dan kien ukoll il-każ fil-kawża *Kerckhaert u Morres* (sentenza ta' l-14 ta' Novembru 2006, C-513/04, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra) li kienet tirrigwarda leġiżlazzjoni fiskali li tintaxxa bl-istess rata d-dividendi minn ishma f'kumpanniji stabbiliti fi Stat Membru ieħor, mingħajr ma tieħu in kunsiderazzjoni t-taxxa f'ras il-għajn miġbura qabel f'dan l-Istat Membru ta' l-aħħar bħala taxxa fuq id-dħul. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li fir-rigward tal-leġiżlazzjoni fiskali ta' l-Istat ta' residenza, il-pożizzjoni ta' azzjonist li jirċievi dividendi ma ssirx neċessarjament differenti bil-fatt biss li huwa jirċievi dawn id-dividendi minn kumpannija stabbilita fi Stat Membru ieħor li, fl-eżerċizzju tal-kompetenza fiskali tiegħu, jissuġġetta dawn id-dividendi għal taxxa f'ras il-għajn. Għalhekk din il-leġiżlazzjoni ma tmurx kontra l-Artikolu 56 KE. Il-konsegwenzi negattivi, f'termini ta' tassazzjoni doppja, li jirriżultaw minn tali leġiżlazzjoni joħorġu mill-eżerċizzju parallel minn żewġ Stati Membri tal-kompetenza fiskali tagħhom. Għaldaqstant, huma għandhom jirrimedjaw dawn il-konsegwenzi billi jagħmlu użu, b'mod partikolari, tal-kriterji ta' tqassim segwiti fil-prassi fiskali internazzjonali.

Fost il-miżuri nazzjonali kkunsidrati li huma kompatibbli mad-dritt Komunitarju hemm, it-tieni nett, il-miżuri li, minkejja li jirriżervaw trattament differenti għal sitwazzjonijiet oġġettivament komparabbli, huma finalment newtrali fid-dawl ta' l-għan li jfittxu li jilħqu. Il-kawża *Test Claimants in the FII Group Litigation* (sentenza tat-12 ta' Diċembru 2006, C-446/04, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra) toffri eżempju tajjeb ta' dawn il-miżuri. Fil-kuntest ta' leġiżlazzjoni ġenerali intiża sabiex tevita jew tnaqqas il-każijiet ta' impożizzjoni ta' sensiela ta' taxxi jew ta' tassazzjoni doppja ekonomika (tassazzjoni doppja ta' żewġ persuni taxxabbli differenti fuq l-istess dħul), ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq kienu adottaw, b'mod partikolari, għall-kalkolu tat-taxxa dovuta mill-kumpanniji residenti, żewġ sistemi differenti ta' tassazzjoni tad-dividendi skond l-oriġini nazzjonali jew barranija ta' dawn ta' l-aħħar. Filwaqt li d-dividendi rċevuti mill-kumpanniji residenti mingħand kumpanniji li wkoll huma residenti kienu suġġetti għal sistema ta' eżenzjoni, id-dividendi rċevuti mill-kumpanniji residenti mingħand kumpanniji li mhumiex residenti kienu suġġetti għal sistema ta' imputazzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, fir-rigward ta' tali leġiżlazzjoni, is-sitwazzjoni ta' kumpannija azzjonista li tirċievi dividendi ta' oriġini barranija tista' madankollu tiġi mqabbla ma' dik ta' kumpannija azzjonista li tirċievi dividendi ta' oriġini nazzjonali safejn, fiż-żewġ każijiet, il-profitti magħmula jistgħu, bħala prinċipju, jiġu suġġetti għal sensiela ta' taxxi. Safejn hija ma tirriżultax li tkun żvantaġġuża fil-każ tad-dividendi ta' oriġini barranija, din id-differenza fit-trattament madankollu ma tmurx kontra l-Artikoli 43 KE u 56 KE, ħaġa li għandha tiġi vverifikata mill-qrati nazzjonali.

Miżuri nazzjonali oħra kkunsidrati kompatibbli mad-dritt Komunitarju huma l-miżuri li jittrattaw sitwazzjonijiet mhux komparabbli b'mod differenti. Dan kien il-każ fil-kawża *Test Claimants in Class IV of the Act Group Litigation* (sentenza tat-12 ta' Diċembru 2006, C-374/04, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra) li kienet tirrigwarda aspett ieħor tal-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq intiża sabiex tevita jew tnaqqas il-każijiet ta' impożizzjoni ta' sensiela ta' taxxi jew ta' tassazzjoni doppja ekonomika. Din id-darba, il-miżuri in kwistjoni kienu jirrigwardaw is-sistema ta' tassazzjoni tad-dividendi mqassma mill-kumpanniji residenti. Filwaqt li kumpannija residenti li tirċievi dividendi minn kumpannija residenti oħra kienet tingħata kreditu ta' taxxa, kumpannija li mhijiex residenti u li tirċievi tali dividendi ma setgħet tgawdi minn ebda kreditu ta' taxxa. Il-Qorti tal-Ġustizzja affermat li, madankollu, din id-differenza fit-trattament fiskali bejn kumpanniji residenti u kumpanniji li mhumiex residenti mhijiex diskriminatorja. Għalkemm is-sitwazzjoni ta' l-azzjonisti residenti li jirċievu dividendi ta' oriġini nazzjonali għandha tiġi kkunsidrata bħala komparabbli għas-sitwazzjoni ta' l-azzjonisti residenti li jirċievu dividendi ta' oriġini barranija (sentenza *Test Claimants in the FII Group Litigation*, iċċitata iktar 'il fuq), dan mhuwiex neċessarjament il-każ, għal dak li jikkonċerna l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni fiskali ta' l-Istat Membru fejn tirrisjedi l-kumpannija li tqassam, tas-sitwazzjonijiet li fihom jinsabu l-azzjonisti benefiċjarji residenti ta' dan l-Istat Membru u l-azzjonisti benefiċjarji residenti ta' Stat Membru ieħor. Fil-fatt, meta kumpannija li tqassam u l-azzjonist benefiċjarju ma jirrisjedux fl-istess Stat Membru, l-Istat Membru fejn tirrisjedi l-kumpannija li tqassam, jiġifieri l-Istat Membru minfejn joriġinaw il-profitti, ma jinsabx fl-istess pożizzjoni, għal dak li jikkonċerna l-prevenzjoni jew it-tnaqqis ta' l-impożizzjoni tas-sensiela ta' taxxi u tat-tassazzjoni doppja ekonomika, bħall-Istat Membru fejn jirrisjedi l-azzjonist benefiċjarju. Għalhekk, f'każ bħal dan, id-differenza fit-trattament bejn kumpanniji residenti u kumpanniji li mhumiex residenti mhijiex ipprojbita mill-Artikoli 43 KE u 56 KE.

Fl-aħħar nett, ġew ikkunsidrati li huma kompatibbli mad-dritt Komunitarju miżuri nazzjonali li jwasslu għal differenzi fit-trattament iżda li huma ġġustifikati minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, bħal fil-kawża *FKP Scorpio Konzertproduktionen* (sentenza tat-3 ta' Ottubru 2006, C-290/04, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra). Il-kawża prinċipali kienet tirrigwarda leġiżlazzjoni nazzjonali li bis-saħħa tagħha proċedura ta' tnaqqis ta' taxxa f'ras il-għajn tiġi applikata għar-remunerazzjoni ta' dawk li jipprovdu servizzi li mhumiex residenti ta' l-Istat Membru li fih ġew ipprovduti s-servizzi, filwaqt li r-remunerazzjoni mħallsa lil dawk li jipprovdu servizzi u li huma residenti mhijiex suġġetta għal tali tnaqqis. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkwalifikat bħala ostaklu għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi l-obbligu impost fuq id-destinatarju ta' servizzi li jwettaq l-imsemmi tnaqqis taħt piena li jinżamm responsabbli. Madankollu, hija ddeċidiet li tali leġiżlazzjoni kienet iġġustifikata min-neċessità li tiġi ggarantita l-effikaċja ta' l-irkupru tat-taxxa fuq id-dħul tal-persuni stabbiliti barra mill-Istat li qed jintaxxa u kienet tikkostitwixxi mezz proporzjonat għall-għan li kienet qed tfittex li tilħaq.

Fost il-miżuri nazzjonali kkunsidrati inkompatibbli mad-dritt Komunitarju hemm, fl-ewwel lok, il-miżuri li, għalkemm iddettati minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, huma sproporzjonati fir-rigward ta' l-għan li jfittxu li jilħqu. Eżempju ta' tali miżuri jinsab fil-kawża *N,* iċċitata iktar 'il fuq. Persuna taxxabbli li żżomm ishma u li ssir suġġetta għat-taxxa fuq il-qligħ kapitali li jkun għadu ma ġiex irrealizzat għas-sempliċi raġuni li tkun ittrasferiet id-domiċilju tagħha barra mill-pajjiż, filwaqt li kieku baqgħet tgħix fit-territorju ta' l-Istat Membru taċ-ċittadinanza tagħha l-qligħ kapitali kien isir taxxabbli biss meta, u safejn, dan

ikun ġie effettivament irrealizzat, hija dissważa milli teżerċita d-dritt tagħha għall-moviment liberu. Huwa minnu li d-dispożizzjonijiet nazzjonali in kwistjoni jfittxu li jilħqu għan ta' interess ġenerali, billi jassiguraw it-tqassim, fuq il-bażi tal-prinċipju ta' territorjalità, tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri u b'hekk jevitaw is-sitwazzjonijiet ta' tassazzjoni legali doppja (tassazzjoni ta' l-istess persuna taxxabbli fuq l-istess dħul). Jibqa' l-fatt li kemm l-obbligu li jiġu kkostitwiti garanziji bil-għan li tinkiseb sospensjoni tal-pagament tat-taxxa normalment dovuta kif ukoll l-impossibbiltà li jinvoka t-tnaqqis fil-valur ta' l-ishma li jseħħ wara t-trasferiment tad-domiċilju jirrendu s-sistema fiskali in kwistjoni sproporzjonata fir-rigward ta' l-għan li hija tfittex li tilħaq.

Fit-tieni lok, fost il-miżuri kkunsidrati inkompatibbli mad-dritt Komunitarju hemm il-miżuri li jittrattaw sitwazzjonijiet komparabbli b'mod differenti. Fil-fatt, fil-kawża *Ritter-Coulais,* iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tippermettix lil persuni fiżiċi, li jirċievu dħul fi Stat Membru minn xogħol bħala impjegati u li huma taxxabbli b'mod illimitat, li jitolbu, għall-finijiet li tiġi stabbilita r-rata ta' tassazzjoni applikabbli għall-imsemmi dħul f'dan l-Istat, it-teħid in kunsiderazzjoni tat-telf tad-dħul li jirriżulta mill-użu, għall-bżonnijiet tagħhom stess, ta' dar li tinsab fi Stat Membru ieħor, li huma l-proprjetarji tagħha u li jużawha bħala residenza prinċipali, meta d-dħul mill-kiri jittieħed in kunsiderazzjoni. Għalkemm din il-leġiżlazzjoni mhijiex, fil-fatt, intiża direttament għan-non residenti, dawn ta' l-aħħar huma aktar spiss proprjetarji ta' dar li tinsab barra mit-territorju nazzjonali milli huma r-residenti u spiss huma wkoll ċittadini ta' Stati Membri oħra. Għaldaqstant, it-trattament inqas vantaġġuż li huwa rriżervat għalihom imur kontra l-Artikolu 39 KE.

Fil-kawża *Centro di Musicologia Walter Stauffer* (sentenza ta' l-14 ta' Settembru 2006, C-386/04, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tiddetermina l-kwistjoni jekk Stat Membru jistax jittratta fondazzjoni li mhijiex residenti u li tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' dan l-Istat Membru f'dak li jirrigwarda r-rikonoxximent ta' utilità pubblika b'mod inqas favorevoli minn fondazzjoni residenti ta' l-istess tip. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, għalkemm l-Artikolu 58 KE jawtorizza lill-Istati Membri li jirriżervaw trattament fiskali differenti għall-persuni taxxabbli li mhumiex residenti, huwa madankollu jipprojbixxi l-miżuri li jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni moħbija fuq il-moviment liberu tal-kapital. F'dawn iċ-ċirkustanzi, differenza fit-trattament bejn il-fondazzjonijiet suġġetti għat-taxxa b'mod illimitat – il-każ tal-fondazzjonijiet residenti – u dawk li huma biss parzjalment suġġetti għat-taxxa – il-każ tal-fondazzjonijiet li mhumiex residenti – hija aċċettabbli biss jekk tikkonċerna sitwazzjonijiet li mhumiex oġġettivament komparabbli jew tkun iġġustifikata minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali. F'dan ir-rigward, il-fondazzjonijiet barranin irrikonoxxuti li huma ta' interess ġenerali fl-Istat Membru ta' oriġini, li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imposti f'dan ir-rigward mil-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor u li għandhom bħala għan il-promozzjoni ta' interessi tal-kollettività li huma identiċi għal dawk promossi f'dan l-Istat ta' l-aħħar, huma f'sitwazzjoni komparabbli ma' dik tal-fondazzjonijiet residenti ta' l-istess tip. Għaldaqstant, fin-nuqqas li jiġi ġġustifikat, trattament sfavorevoli tal-fondazzjonijiet li mhumiex residenti jmur kontra d-dritt Komunitarju.

Fil-kawża *FKP Scorpio Konzertproduktionen,* iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja ġiet, għal darb'oħra, iffaċċjata bil-kwistjoni ta' jekk humiex deduċibbli l-ispejjeż professjonali sostnuti minn fornitur ta' servizzi li mhuwiex residenti. F'dak li jirrigwarda l-ispejjeż

professjonali direttament marbuta ma' l-attività ekonomika li tat lok għad-dħul taxxabbli, ir-residenti u l-persuni li mhumiex residenti qegħdin f'sitwazzjoni paragunabbli. Fil-fatt, fis-sentenza tagħha *Gerritse* (sentenza tat-12 ta' Ġunju 2003, C-234/01, Ġabra p. I-5933), il-Qorti tal-Ġustizzja kienet iddeċidiet li leġiżlazzjoni nazzjonali, li tiċħad lill-persuni li mhumiex residenti t-tnaqqis ta' l-ispejjeż professjonali mogħti lir-residenti, tipperikola li taħdem prinċipalment għad-detriment taċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra u għaldaqsant tikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta li tmur kontra t-Trattat. Hawnhekk, hija ddeċidiet li leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tippermettix li jittieħdu in kunsiderazzjoni l-ispejjeż professjonali fil-kuntest innifsu tal-proċedura tat-tnaqqis f'ras il-għajn tat-taxxa iżda biss fil-kuntest ta' proċedura sussegwenti ta' rimbors, tmur ukoll kontra t-Trattat.

Fl-aħħar nett, fil-kawża *Turpeinen* (sentenza tad-9 ta' Novembru 2006, C-520/04, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li bis-saħħa tagħha l-pensjoni ta' l-irtirar imħallsa minn istituzzjoni ta' dan l-Istat lil persuna li mhijiex residenti tiġi ntaxxata, f'ċerti każijiet, iżjed milli tiġi ntaxxata l-pensjoni mħallsa lil persuna residenti, meta l-imsemmija pensjoni tikkostitwixxi d-dħul kollu jew kważi d-dħul kollu tal-persuna li mhijiex residenti, tmur kontra l-Artikolu 18 KE. F'każ bħal dan, fil-fatt, is-sitwazzjoni tal-persuna taxxabbli li mhijiex residenti hija, f'dak li jirrigwarda t-taxxa fuq id-dħul, oġġettivament komparabbli għal dik tal-persuna taxxabbli residenti.

Minbarra dan, f'dak li jirrigwarda l-libertà ta' stabbiliment, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, f'żewġ kawżi paralleli tad-19 ta' Settembru 2006, li oriġinaw waħda minn domanda preliminari (*Wilson,* C-506/04, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), u l-oħra minn rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu (*Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu,* C-193/05, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), li d-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni Lussemburgiża li jissuġġettaw ir-reġistrazzjoni ta' avukat li kiseb il-kwalifika professjonali tiegħu fi Stat Membru ieħor għall-verifika minn qabel tal-konoxxenza tat-tliet lingwi nazzjonali, kienu inkompatibbli mad-Direttiva dwar il-prattika tal-professjoni ta' avukat taħt it-titolu professjonali ta' oriġini tiegħu[14]. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li l-preżentazzjoni ta' ċertifikat ta' reġistrazzjoni fl-Istat Membru ta' oriġini, skond kif jingħad fl-Artikolu 3 ta' l-imsemmija Direttiva, tikkostitwixxi l-unika kundizzjoni li għaliha għandha tkun suġġetta r-reġistrazzjoni fl-Istat Membru ospitanti li tippermetti lill-persuna kkonċernata li teżerċita hemmhekk taħt it-titolu professjonali ta' oriġini tagħha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li r-rinunzja, fid-Direttiva, għal sistema ta' verifika *a priori* tal-konoxxenzi hija bbilanċjata b'serje ta' regoli li jiggarantixxu l-protezzjoni tal-persuni suġġetti għall- ġurisdizzjoni tal-qrati u amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, b'mod partikolari, l-obbligu ta' l-avukat li jipprattika taħt it-titolu professjonali ta' oriġini tiegħu u l-obbligu etiku li ma jittrattax kawżi li ma jaqgħux taħt il-kompetenza tiegħu, per eżempju minħabba nuqqas ta' konoxxenzi lingwistiċi. Fil-kawża *Wilson,* il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-liġi Lussemburgiża ma kinitx konformi ma' l-Artikolu 9 ta' l-imsemmija Direttiva, li jgħid li għandu jkun disponibbli rimedju kontra d-deċiżjonijiet ta' rifjut ta' reġistrazzjoni quddiem qorti jew tribunal skond id-dispożizzjonijiet tal-liġi domestika. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li ma kinitx assigurata garanzija suffiċjenti ta' imparzjalità, billi f'dak il-każ id-deċiżjonijiet ta' rifjut ta' reġistrazzjoni kienu suġġetti għall-istħarriġ minn korp

[14] Direttiva 98/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 sabiex tkun iffaċilitata l-prattika tal-professjoni ta' avukat fuq bażi permanenti fl-Istati Membri barra dak fejn kienet miksuba l-kwalifikazzjoni (ĠU L 77, p. 36).

kompost esklużivament – fl-ewwel istanza – jew fil-parti l-kbira tiegħu – fl-appell – minn avukati nazzjonali, u l-appell fil-kassazzjoni kien jippermetti stħarriġ ġudizzjarju biss fid-dritt u mhux fil-fatt.

Fir-rigward, fl-aħħar nett, tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-kawża *Fidium Finanz* (sentenza tat-3 ta' Ottubru 2006, C-452/04, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), li leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta għal awtorizzazzjoni minn qabel l-eżerċizzju, fit-territorju tagħha, ta' l-attività ta' għoti ta' krediti minn kumpannija stabbilita fi Stat terz, u li tissuġġetta l-ħruġ ta' din l-awtorizzazzjoni għall-preżenza ta' l-amministrazzjoni ġenerali jew ta' sussidjarja ta' din il-kumpannija fit-territorju nazzjonali, hija kompatibbli mad-dritt Komunitarju. Billi, għall-kuntrarju tal-moviment liberu tal-kapital, il-libertà li jiġu pprovduti servizzi ma tistax tiġi invokata minn kumpannija stabbilita fi Stat terz, il-Qorti tal-Ġustizzja fittxet li tiddetermina ma liema minn dawn il-libertajiet fundamentali hija marbuta l-attività in kwistjoni. F'dan ir-rigward, hija kkonstatat li bħala regola hija taqa' kemm taħt waħda kif ukoll taħt l-oħra. Filwaqt li bbażat ruħha fuq serje ta' preċedenti, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li f'każ bħal dan, għandu jiġi eżaminat safejn huwa affettwat l-eżerċizzju ta' dawn il-libertajiet u jekk, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, waħda minnhom hijiex kompletament sekondarja għall-oħra u tistax tingħaqad magħha. Meta dan ikun il-każ, bħala regola l-miżura in kwistjoni tiġi eżaminata fir-rigward ta' waħda biss miż-żewġ libertajiet. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li s-sistema ta' awtorizzazzjoni in kwistjoni taffettwa b'mod rilevanti ħafna l-libertà li jiġu pprovduti servizzi u li r-rekwiżit ta' stabbiliment stabbli fil-fatt jikkostitwixxi n-negazzjoni nfisha ta' din il-libertà. Min-naħa l-oħra, l-eventwali effetti restrittivi ta' tali sistema fuq il-moviment liberu tal-kapital huma biss konsegwenza inevitabbli tar-restrizzjoni imposta fir-rigward tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

Fil-qasam tas-sigurtà soċjali, għandha tinġibed l-attenzjoni għal tliet sentenzi li jirrigwardaw l-interpretazzjoni tar-Regolament Nru 1408/71, dwar l-applikazzjoni ta' l-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għall-membri tal-familja tagħhom li jiċċaqilqu fil-Komunità, kif emendat[15].

Fl-ewwel lok, fil-kuntest ta' dak li kultant jissejjaħ il-"moviment liberu tal-pazjenti", għandha ssir referenza għas-sentenza importanti mogħtija fis-16 ta' Mejju 2006 fil-kawża *Watts* (C-372/04, Ġabra p. I-4325). Fl-imsemmija kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha teżamina s-sistema nazzjonali tas-saħħa tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (*National Health Service,* iktar 'il quddiem l-"NHS"), fid-dawl ta' l-Artikolu 22 tar-Regolament Nru 1408/71 u ta' l-Artikolu 49 KE. It-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 22(2) tar-Regolament Nru 1408/71 jipprovdi li l-istituzzjoni kompetenti ma tistax tirrifjuta li tagħti lil pazjent l-awtorizzazzjoni biex huwa jmur fi Stat Membru ieħor biex hemmhekk jirċievi l-kura (jiġifieri, fil-prattika, il-formola E112 "[jekk] ma tistax tingħata tali kura fiż-żmien normali neċessarju għall-ksib tal-kura in kwistjoni fl-Istat Membru tar-residenza waqt li tieħu in kunsiderazzjoni l-Istat ta' saħħ[tu] u l-kors probabbli tal-marda". Billi l-kura fl-isptarijiet hija b'xejn fil-kuntest tal-NHS, iżda hija suġġetta għal listi relattivament twal ta' stennija għat-trattamenti li huma

15 Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 ta' l-14 ta' Ġunju 1971 dwar l-applikazzjoni ta' l-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għall-membri tal-familja tagħhom li jiċċaqilqu fil-Komunità, fil-verżjoni tiegħu kif emendata u aġġornata mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 118/97 tat-2 ta' Diċembru 1996 (ĠU L 28, 1997, p. 1).

l-inqas urġenti, qamet il-kwistjoni dwar safejn huwa permess li jittieħed in kunsiderazzjoni żmien ta' stennija fl-Istat ta' residenza sabiex jiġi evalwat iż-"żmien normali neċessarju għall-ksib tal-kura" previst fl-Artikolu 22 ta' l-imsemmi Regolament. Fuq dan il-punt, filwaqt li rrikonoxxiet il-leġittimità ta' sistema ta' listi ta' stennija, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sabiex l-istituzzjoni kompetenti jkollha d-dritt tirrifjuta l-awtorizzazzjoni għal raġuni bbażata fuq l-eżistenza ta' żmien ta' stennija, hija għandha tistabbilixxi li dan iż-żmien ma jkunx jaqbeż iż-żmien aċċettabbli fid-dawl ta' evalwazzjoni medika oġġettiva tal-bżonnijiet kliniċi tal-persuna kkonċernata fid-dawl tal-kundizzjoni medika tagħha, ta' l-istorja klinika tagħha, ta' l-iżvilupp probabbli tal-marda tagħha, tal-livell ta' uġigħ tagħha u/jew tan-natura tad-diżabbiltà tagħha meta tintalab l-awtorizzazzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li l-iffissar taż-żmien ta' stennija għandu jiġi kkonċepit b'mod flessibbli u dinamiku, li jippermetti li ż-żmien jiġi kkunsidrat mill-ġdid minħabba li eventwalment l-istat ta' saħħa tal-pazjent jkun mar għall-agħar. F'dak li jirrigwarda l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 49 KE huwa applikabbli għal sitwazzjoni fejn persuna li l-istat ta' saħħa tagħha jeħtieġ kura fi sptar tmur fi Stat Membru ieħor u hemmhekk tirċievi l-kura in kwistjoni bi ħlas, indipendentement minn kif taħdem is-sistema nazzjonali li magħha hi rreġistrata din il-persuna u li minnha sussegwentement tintalab l-assunzjoni tar-responsabbiltà għall-ħlas ta' l-ispejjeż ta' dawn is-servizzi. Hija kkonstatat ukoll li sistema nazzjonali, bħall-NHS, li tissuġġetta l-assunzjoni tar-responsabbiltà għall-ħlas ta' l-ispejjeż tal-kura disponibbli fi sptarijiet ta' Stat Membru ieħor għal awtorizzazzjoni minn qabel meta, min-naħa l-oħra, il-ksib b'xejn ta' servizzi disponibbli fil-kuntest ta' din is-sistema ma jiddependix minn tali awtorizzazzjoni, tikkostitwixxi ostaklu għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Din ir-restrizzjoni tista', bla dubju, tkun iġġustifikata minn ħtiġijiet ta' pjanifikazzjoni ta' natura li jiggarantixxu aċċessibbiltà suffiċjenti u permanenti għal firxa ekwilibrata ta' kura fi sptarijiet ta' kwalità, li jassiguraw li jiġu kkontrollati l-ispejjeż u li jiġi evitat kull tberbiq ta' riżorsi finanzjarji, tekniċi u umani. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li huwa neċessarju wkoll li l-kundizzjonijiet marbutin ma' l-ħruġ ta' tali awtorizzazzjoni jkunu ġġustifikati fid-dawl tal-ħtiġijiet in kwistjoni u li dawn jissodisfaw ir-rekwiżit ta' proporzjonalità. F'dak li għandu x'jaqsam, f'dan ir-rigward, mal-listi ta' stennija previsti fil-kuntest tal-NHS, il-Qorti tal-Ġustizzja affermat li, meta ż-żmien li jirriżulta minn dawn il-listi ta' stennija jidher li jaqbeż, fil-każ individwali kkonċernat, iż-żmien aċċettabbli mill-perspettiva medika, l-istituzzjoni kompetenti ma tistax tirrifjuta l-awtorizzazzjoni abbażi ta' l-eżistenza ta' dawn il-listi ta' stennija, ta' allegat dannu mġarrab mill-ordni normali tal-prijoritajiet bejn il-każijiet li għandhom jiġu ttrattati, tal-fatt li fil-kuntest tas-sistema nazzjonali l-kura tingħata b'xejn, ta' l-obbligu li jiġu pprovduti mezzi finanzjarji speċifiċi sabiex tiġi assunta r-responsabbiltà għall-ħlas ta' l-ispejjeż tat-trattament li għandu jingħata fi Stat Membru ieħor u/jew ta' paragun bejn l-ispejjeż ta' dan it-trattament u dawk ta' trattament ekwivalenti fl-Istat Membru kompetenti. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet fuq dan il-punt li, jekk il-kura ma tistax tingħata fi żmien medikament aċċettabbli, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jipprovdu mekkaniżmi għall-assunzjoni tar-responsabbiltà għall-ħlas ta' l-ispejjeż tal-kura li tingħata fi sptarijiet ta' Stat Membru ieħor.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-kawża *Acereda Herrera* (sentenza tal-15 ta' Ġunju 2006, C-466/04, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), u f'dak li jirrigwarda l-assunzjoni tar-responsabbiltà għall-ħlas ta' ċerti spejjeż sostnuti minn persuna assigurata ma' sistema ta' sigurtà soċjali ta' Stat Membru fl-okkażjoni ta' kura fi sptar li hija rċeviet fi Stat Membru ieħor u li ġiet awtorizzata minn qabel mill-istituzzjoni li magħha hija assigurata, li l-Artikolu 22(1)(ċ) u (2), kif ukoll l-Artikolu 36 tar-Regolament Nru 1408/71, kif

emendat, ma jagħtux lill-imsemmija persuna assigurata dritt għall-ħlas lura mill-istituzzjoni li magħha hija assigurata ta' l-ispejjeż ta' moviment, ta' soġġorn u ta' ikel sostnuti fit-territorju ta' l-Istat Membru minnha u mill-persuna li akkumpanjatha, bl-eċċezzjoni ta' l-ispejjeż ta' soġġorn u ta' ikel tal-persuna assigurata fl-isptar. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-kunċett ta' "benefiċċju fi flus" ta' l-Artikolu 22(1)(ċ) tar-Regolament, jinkludi, fil-fatt, l-ispejjeż tas-servizzi mediċi veri u proprji kif ukoll l-ispejjeż, essenzjalment marbuta magħhom, relatati mas-soġġorn u ma' l-ikliet fl-isptar u jeskludi l-assunzjoni, mill-istituzzjoni kompetenti, tar-responsabbiltà għall-ħlas ta' spejjeż aċċessorji bħalma huma l-ispejjeż ta' moviment, ta' soġġorn u ta' ikel sostnuti fit-territorju ta' dan l-Istat Membru mill-persuna assigurata u mill-persuna li akkumpanjatha.

Fl-aħħar nett, fil-kawża *Nikula* (sentenza tat-18 ta' Lulju 2006, C-50/05, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra) li tirrigwarda l-ġbir fi Stat Membru ta' kontribuzzjonijiet soċjali fuq pensjonijiet imħallsa minn istituzzjoni ta' Stat ieħor, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fuq dan il-punt li l-Artikolu 33(1) tar-Regolament Nru 1408/71, fil-verżjoni tiegħu kif emendata u aġġornata mir-Regolament Nru 118/97, ma jipprojbixxix, sabiex tiġi ddeterminata l-bażi ta' l-istima għall-kontribuzzjonijiet ta' assigurazzjoni kontra l-mard applikati fl-Istat Membru ta' residenza tal-persuna intitolata għal pensjonijiet imħallsa minn istituzzjonijiet ta' dak l-Istat Membru kompetenti sabiex jagħtu benefiċċji skond l-Artikolu 27 ta' dan ir-Regolament, li jiġu inklużi f'din il-bażi ta' l-istima, minbarra l-pensjonijiet irċevuti fl-Istat Membru ta' residenza, pensjonijiet imħallsa minn istituzzjonijiet ta' Stat Membru ieħor, safejn l-imsemmija kontribuzzjonijiet ma jaqbżux l-ammont tal-pensjonijiet mogħtija fl-Istat Membru ta' residenza. Madankollu, l-Artikolu 39 KE jipprojbixxi li l-ammont tal-pensjonijiet riċevuti minn istituzzjonijiet ta' Stat Membru ieħor ikunu kkunsidrati jekk diġà tħallsu kontribuzzjonijiet f'dan l-Istat Membru l-ieħor fuq id-dħul minn attività li jkun sar f'dak l-aħħar Stat Membru. Huma l-partijiet ikkonċernati li jridu jistabbilixxu r-realtà ta' dawk il-ħlasijiet ta' kontribuzzjonijiet preċedenti.

## *Viżi, ażil u immigrazzjoni*

Wara rikors għal annullament imressaq mill-Kummissjoni kontra r-Renju ta' Spanja, minħabba l-prassi ta' l-awtoritajiet ta' dan l-Istat Membru li tikkonsisti fir-rifjut tad-dħul fit-territorju jew tal-ħruġ ta' viża lil ċittadini ta' Stat terz, konjuġi ta' ċittadin ta' Stat Membru, għas-sempliċi raġuni li kienet iddaħħlet twissija fis-sistema ta' informazzjoni Schengen (SIS) fir-rigward tagħhom, il-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tagħha fil-kawża *Il-Kummissjoni vs Spanja* (sentenza tal-31 ta' Jannar 2006, C-503/03, Ġabra p. I-1097), spjegat ir-rabtiet bejn il-Konvenzjoni li timplementa l-Ftehim ta' Schengen (iktar 'il quddiem il-"KTFS") u d-dritt Komunitarju dwar il-moviment liberu tal-persuni. Barra minn hekk, hija ppronunzjat ruħha fuq l-aġir mistenni mill-Istati Membri fl-implementazzjoni tas-SIS. Fuq l-ewwel punt, il Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-konformità ta' prassi amministrattiva mad-dispożizzjonijiet tal-KTFS tippermetti li jiġi ġġustifikat l-aġir ta' l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biss sakemm l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet in kwistjoni tkun kompatibbli mar-regoli Komunitarji li jirregolaw il-moviment liberu tal-persuni. Għaldaqstant, hija kkonstatat li l-fatt li l-Istati Membri jirrifjutaw awtomatikament id-dħul ta', u l-ħruġ ta' viża lil, barrani li fir-rigward tiegħu tkun teżisti twissija Schengen sabiex jiġi miċħud id-dħul tiegħu, huwa konformi mal-KTFS. Madankollu, safejn dan ir-rifjut awtomatiku, previst mill-KTFS, ma jiddistingwix skond jekk il-barrani kkonċernat huwiex miżżewweġ ma' ċittadin ta' Stat

Membru jew le, għandu jiġi vverifikat, barra minn hekk, jekk, fiċ-ċirkustanzi in kwistjoni, dan ir-rifjut huwiex kompatibbli mar-regoli dwar il-moviment liberu tal-persuni, b'mod partikolari mad-Direttiva 64/221[16]. Iktar preċiżament, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-inklużjoni fis-SIS bla dubju tikkostitwixxi indizju li teżisti raġuni li tiġġustifika ċ-ċaħda tad-dħul fiż-żona Schengen. Madankollu, dan l-indizju għandu jkun ikkorroborat b'informazzjoni li tippermetti li jiġi vverifikat, minn qabel, li l-preżenza tal-persuna kkonċernata fiż-żona Schengen tikkostitwixxi theddida reali, attwali u serja biżżejjed li taffettwa interess fundamentali tas-soċjetà. Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li, fil-kuntest ta' din il-verifika, l-Istat li jikkonsulta s-SIS għandu jieħu debitament in kunsiderazzjoni l-indikazzjonijiet mogħtija mill-Istat li joħroġ it-twissija, filwaqt li dan ta' l-aħħar għandu wkoll iżomm għad-dispożizzjoni ta' dak ta' l-ewwel l-informazzjoni supplementari li tippermettilu jevalwa b'mod konkret l-importanza tat-theddida li l-persuna li fir-rigward tagħha tkun inħarġet twissija tista' tirrappreżenta.

Fil-kawża *Bot* (sentenza tat-3 ta' Ottubru 2006, C-241/05, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat l-Artikolu 20(1) tal-KTFS[17], li jipprovdi li l-aljeni [frustieri] li ma jeħtiġux viża jistgħu jiċċaqalqu b'mod ħieles fit-territorji tal-Partijiet Kontraenti għal perijodu massimu ta' tliet xhur waqt is-sitt xhur wara d-data ta' l-ewwel dħul, sakemm jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' dħul imsemmija fl-Artikolu 5(1)(a), (ċ), (d) u (e) ta' din l-istess Konvenzjoni, b'risposta għal domanda preliminari tal-Conseil d'État (Franza) li kellu quddiemu każ ta' ċittadin Rumen, effettivament eżentat mill-ħtieġa ta' viża, li, wara li għamel, fiż-żona Schengen, żjarat suċċessivi li b'kollox damu iktar minn tliet xhur waqt perijodu ta' sitt xhur li beda jiddekorri mill-ewwel dħul tiegħu f'din iż-żona, daħal mill-ġdid f'din iż-żona wara li għadda dan il-perijodu inizjali ta' sitt xhur u ġie suġġett għal kontroll inqas minn tliet xhur wara dan id-dħul mill-ġdid.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 20(1) tal-KTFS għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' l-"ewwel dħul" li jinsab f'din id-dispożizzjoni jkopri, minbarra l-ewwel dħul assolut fit-territorji ta' l-Istati Kontraenti fil-Ftehim ta' Schengen, l-ewwel dħul f'dawn it-territorji li jseħħ wara l-iskadenza ta' perijodu ta' sitt xhur li jibda jiddekorri minn dan l-ewwel dħul assolut kif ukoll kull dħul ewwieli ieħor li jseħħ wara l-iskadenza ta' kull perijodu ġdid ta' sitt xhur li jibda jiddekorri mid-data ta' l-ewwel dħul preċedenti.

Fil-kawża *Il-Parlament vs Il-Kunsill* (sentenza tas-27 ta' Ġunju 2006, C-540/03, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet rikors għal annullament imressaq mill-Parlament Ewropew kontra l-aħħar subparagrafu tal-paragrafu (1) u l-paragrafi (6) u (8) ta' l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/86 dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja[18]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, kuntrarjament għal dak li allega l-Parlament Ewropew, dawn id-dispożizzjonijiet li jipprovdu li l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw id-dħul u

16 Direttiva tal-Kunsill 64/221/KEE tal-25 ta' Frar 1964 dwar il-koordinazzjoni ta' miżuri speċjali rigward il-moviment u r-residenza ta' ċittadini barranin li huma ġġustifikati għar-raġunijiet ta' politika pubblika [ordni pubbliku], sigurtà pubblika jew saħħa pubblika (ĠU 56, 1964, p. 850).

17 Konvenzjoni li timplementa l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet ta' l-Istati ta' l-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija bil-mod [gradwali] tal-kontrolli fuq il-fruntieri komuni tagħhom (ĠU L 239, 2000, p. 19).

18 Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE tat-22 ta' Settembru 2003 dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja (ĠU L 251, p. 12).

r-residenza, skond id-Direttiva, b'mod partikolari, tat-tfal minorenni, inklużi tfal adottati, ta' l-isponsor u tar-raġel/mara tagħha/tiegħu, kif ukoll dawk ta' l-isponsor jew dawk tar-raġel/mara tagħha/tiegħu meta l-ġenitur għandu l-kustodja tagħhom u t-tfal huma dipendenti fuqu, u li l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li l-isponsor ikun qagħad legalment fit-territorju tagħhom għal perijodu li ma jeċċedix sentejn, qabel ma l-membri tal-familja tiegħu/tagħha jingħaqdu miegħu/magħha, rispettivament, jirrispettaw id-drittijiet fundamentali kif huma rrikonoxxuti fis-sistema legali Komunitarja. Sabiex waslet għal din il-konklużjoni, hija eżaminat id-dispożizzjonijiet ikkontestati fid-dawl tad-dritt għar-rispett tal-ħajja tal-familja kif previst fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, fid-dawl tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u fid-dawl tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, ipproklamata solennement f'Nizza fis-sena 2000[19], filwaqt li indikat li dawn it-testi ma joħolqux dritt individwali għall-membri ta' familja sabiex jitħallew jidħlu fit-territorju ta' Stat u ma jistgħux jiġu interpretati fis-sens li jċaħħdu lill-Istati minn ċertu marġni ta' diskrezzjoni meta jkunu qed jeżaminaw applikazzjonijiet għal riunifikazzjoni tal-familja. Il-Qorti tal-Ġustizzja warrbet id-diversi argumenti invokati mill-Parlament Ewropew, filwaqt li vverifikat li, fid-dawl tal-mod kif huma fformulati, id-derogi awtorizzati bid-dispożizzjonijiet ikkontestati ma jistgħux jitqiesu li jmorru kontra d-dritt fundamentali għar-rispett tal-ħajja tal-familja, l-obbligu li jittieħdu in kunsiderazzjoni l-aħjar interessi tat-tfal jew il-prinċipju tan-non diskriminazzjoni bbażata fuq l-età, la minnhom infushom, u lanqas safejn jawtorizzaw espliċitament jew impliċitament lill-Istati Membri sabiex jaġixxu b'dan il-mod.

### *Regoli tal-kompetizzjoni*

Għall-finijiet tal-preżentazzjoni tal-ġurisprudenza f'dan il-qasam, ser issir distinzjoni bejn, minn naħa, ir-regoli applikabbli għall-impriżi, u min-naħa l-oħra r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

F'dak li jirrigwarda r-regoli ta' l-ewwel, tlettax-il sentenza huma ta' interess partikolari.

L-ewwel sentenza għandha tissemma billi din tikkompleta d-definizzjoni tal-kunċett ta' impriża, li tiddetermina l-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli ta' kompetizzjoni. Fil-kawża *FENIN vs Il-Kummissjoni* (sentenza tal-11 ta' Lulju 2006, C-205/03 P, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), il-Qorti tal-Ġustizzja, wara li fakkret li dan il-kunċett jinkludi, fil-kuntest tad-dritt Komunitarju tal-kompetizzjoni, l-entitajiet kollha li jeżerċitaw attività ekonomika, indipendentement mill-istatus ġuridiku tagħhom u mill-mod li bih jiġu ffinanzjati, speċifikat, fil-fatt, f'dan ir-rigward, li hija l-attività li tikkonsisti f'li wieħed joffri prodotti jew servizzi f'suq speċifiku li tikkaratterizza l-kunċett ta' attività ekonomika, b'mod li, għall-finijiet li tiġi evalwata n-natura ta' dan il-kunċett, mhemmx lok li l-attività ta' xiri tal-prodott tinfired mill-użu sussegwenti li jsir minnu u li huwa l-użu sussegwenti tal-prodott li nxtara li jiddetermina neċessarjament in-natura ta' l-attività ta' xiri.

Fi tliet sentenzi oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li ppreċiżathom, affermat mill-ġdid numru ta' elementi ta' definizzjoni tal-kunċett ta' akkordju li jirrestrinġi l-kompetizzjoni fis-

[19] Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea (ĠU 2000, C 364, p. 1).

sens ta' l-Artikolu 81 KE. Fil-kawża *General Motors* (sentenza tas-6 ta' April 2006, C-551/03, Ġabra p. I-3173), li fiha kellha quddiemha appell imressaq minn manifattur tal-vetturi bil-mutur bl-istess isem kontra sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-21 ta' Ottubru 2003, *General Motors Nederland u Opel Nederland vs Il-Kummissjoni* (T-368/00, Ġabra p. II-4491), il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li akkordju jista' jitqies li għandu għan restrittiv anke jekk m'għandux bħala għan waħdieni li jillimita l-kompetizzjoni imma għandu għanijiet oħra li huma leġittimi, u li sabiex jiġi determinat jekk għandux għan ta' din in-natura, għandhom jitqiesu mhux biss it-termini ta' l-imsemmi akkordju, iżda wkoll fatturi oħra, bħalma huma l-għanijiet li l-akkordju fih innifsu jrid jilħaq, fid-dawl tal-kuntest ekonomiku u ġuridiku. Għalhekk hija ddeċidiet li akkordju fil-qasam ta' distribuzzjoni għandu għan restrittiv fis-sens ta' l-Artikolu 81 KE jekk huwa juri biċ-ċar ir-rieda li l-bejgħ għall-esportazzjoni jiġi trattat b'mod inqas favorevoli mill-bejgħ nazzjonali u b'hekk iwassal għal taqsim tas-suq in kwistjoni, filwaqt li enfasizzat li tali għan jista' jintlaħaq mhux biss permezz ta' restrizzjonijiet diretti għall-esportazzjonijiet iżda wkoll permezz ta' miżuri indiretti, bħall-implementazzjoni minn fornitur ta' vetturi bil-mutur, fil-kuntest ta' kuntratti ta' konċessjoni, ta' miżura li teskludi l-bejgħ għall-esportazzjoni mis-sistema ta' bonusijiet mogħtija lill-konċessjonarji, billi huma jaffettwaw il-kundizzjonijiet ekonomiċi ta' dawn it-tranżazzjonijiet. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret ukoll li, għalkemm l-intenzjoni tal-partijiet f'akkordju biex tiġi ristretta l-kompetizzjoni mhijiex element neċessarju sabiex jiġi determinat jekk dan l-akkordju għandux bħala għan tali restrizzjoni, xejn ma jimpedixxi, madankollu, lill-Kummissjoni jew lill-qrati Komunitarji milli jieħdu din l-intenzjoni in kunsiderazzjoni. Fl-aħħar nett, skond ġurisprudenza stabbilita, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li, sabiex jiġi evalwat jekk akkordju għandux jitqies li huwa pprojbit minħabba d-distorsjoni tal-kompetizzjoni li tirriżulta minnu, għandha tiġi eżaminata l-kompetizzjoni fil-kuntest reali li fih tiżvolġi fin-nuqqas ta' l-akkordju kkontestat u li, għaldaqstant, f'sitwazzjoni bħal dik ta' l-implementazzjoni minn fornitur ta' vetturi bil-mutur, fil-kuntest ta' kuntratti ta' konċessjoni, ta' miżura li teskludi l-bejgħ għall-esportazzjoni mis-sistema ta' bonusijiet mogħtija lill-konċessjonarji, għandu jiġi eżaminat l-aġir ta' dawn ta' l-aħħar u s-sitwazzjoni tal-kompetizzjoni fis-suq in kwistjoni, fil-każ li l-bejgħ għall-esportazzjoni ma jkunx ġie eskluż mill-politika ta' bonusijiet. Barra minn hekk, fil-kawża *Il-Kummissjoni vs Volkswagen* (sentenza tat-13 ta' Lulju 2006, C-74/04 P, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), li fiha kellha quddiemha appell imressaq mill-Kummissjoni kontra s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-3 ta' Diċembru 2003, *Volkswagen vs Il-Kummissjoni* (T-208/01, Ġabra p. II-5141), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sabiex jikkostitwixxi akkordju fis-sens ta' l-Artikolu 81(1) KE, huwa biżżejjed li att jew imġiba apparentement unilaterali jkunu l-espressjoni tal-qbil tal-volontajiet ta' minn ta' l-anqas żewġ partijiet u li l-forma li fiha jkun espress dan il-qbil mhijiex determinanti fiha nfisha. Fil-fatt, hija speċifikat b'mod iktar partikolari, f'dan ir-rigward, li għalkemm sejħa minn manifattur ta' vetturi indirizzata lid-distributuri tiegħu marbutin b'kuntratt ma tikkostitwixxix att unilaterali iżda akkordju fis-sens ta' l-Artikolu 81(1) KE billi din is-sejħa tagħmel parti minn korp ta' relazzjonijiet kummerċjali kontinwi rregolati permezz ta' akkordju ġenerali stabbilit minn qabel, dan madankollu ma jfissirx li kull sejħa minn manifattur ta' vetturi indirizzata lill-konċessjonarji tikkostitwixxi akkordju fis-sens ta' l-Artikolu 81(1) KE u ma teħlisx lill-Kummissjoni milli tipprova l-eżistenza ta' qbil ta' volontajiet tal-partijiet tal-kuntratt ta' konċessjoni f'kull każ partikolari. Skond il-Qorti tal-Ġustizzja, tali volontà tal-partijiet tista' tirriżulta kemm minn klawżoli tal-kuntratt ta' konċessjoni in kwistjoni u kemm mill-imġiba tal-partijiet u, b'mod partikolari, mill-eventwali eżistenza ta' kunsens taċitu min-naħa tal-konċessjonarji għall-miżura adottata mill-manifattur ta' vetturi bil-mutur. Fl-aħħar nett, fir-rigward ta' qasam

totalment differenti, fil-kawża *Meca-Medina u Majcen vs Il-Kummissjoni* (sentenza tat-18 ta' Lulju 2006, C-519/04 P, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra) li fiha kellha quddiemha appell imressaq kontra s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-30 ta' Settembru 2004, *Meca-Medina u Majcen vs Il-Kummissjoni* (T-313/02, Ġabra p. II-3291), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, wara li enfasizzat li l-fatt waħdieni li regola tkun ta' natura purament sportiva madankollu ma jeskludix lil dak li jeżerċita l-attività rregolata minn din ir-regola jew il-korp li stabbiliha mill-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat, u b'mod partikolari minn dak tar-regoli tal-kompetizzjoni, li għalkemm leġiżlazzjoni ta' kontra d-*doping* tista' titqies bħala deċiżjoni ta' assoċjazzjoni ta' impriżi li tillimita l-libertà ta' azzjoni tal-persuni koperti minnha, hija ma tistax, madankollu, tikkostitwixxi neċessarjament restrizzjoni tal-kompetizzjoni inkompatibbli mas-suq komuni, fis-sens ta' l-Artikolu 81 KE, ladarba hija ġġustifikata minn għan leġittimu. Skond il-Qorti tal-Ġustizzja, tali limitazzjoni hija, fil-fatt, inerenti għall-organizzazzjoni u għall-iżvolġiment xieraq tal-kompetizzjoni sportiva u għandha preċiżament l-għan li tassigura rivalità b'saħħitha bejn l-atleti. Filwaqt li ammettiet, madankollu, li n-natura penali ta' tali leġiżlazzjoni ta' kontra d-*doping* u l-importanza tas-sanzjonijiet applikabbli fil-każ ta' ksur tagħha għandhom mnejn joħolqu effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni għaliex huma jistgħu, meta dawn is-sanzjonijiet jirriżultaw finalment li huma infondati, iwasslu għall-esklużjoni inġustifikata ta' l-atleta minn kompetizzjonijiet, u għaldaqstant joħolqu distorsjoni tal-kundizzjonijiet ta'l-eżerċizzju ta'l-attività in kwistjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja qagħdet attenta li tispeċifika li, sabiex jiġu esklużi mill-projbizzjoni ta' l-Artikolu 81(1) KE, ir-restrizzjonijiet hekk imposti minn tali leġiżlazzjoni għandhom ikunu ristretti għal dak li huwa neċessarju sabiex jiġi assigurat l-iżvolġiment xieraq tal-kompetizzjoni sportiva.

Għandhom jissemmew ukoll b'mod speċjali tliet sentenzi li jirrigwardaw l-applikazzjoni fil-mertu tar-regoli tal-kompetizzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-kawżi magħquda *Cipolla et* (sentenza tal-5 ta' Diċembru 2006, C-94/04 u C-202/04, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), li fihom kellha quddiemha talbiet għal deċiżjoni preliminari, imressqa mill-Corte d'appello di Torino (l-Italja) u mit-Tribunale di Roma (l-Italja), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikoli 10 KE, 81 KE u 82 KE ma jipprekludux li Stat Membru jadotta miżura leġiżlattiva li tapprova, abbażi ta' abbozz stabbilit minn assoċjazzjoni professjonali ta' avukati, tariffa li tiffissa limiti minimi għad-drittijiet ta' membri tal-professjoni ta' avukat, tariffa li minnha, fil-prinċipju, ma tistax issir deroga fir-rigward tas-servizzi rriżervati għall-membri tagħha, bħall-provvista ta' servizzi barra mill-qrati, li jistgħu jitwettqu wkoll minn kull operatur ekonomiku li mhuwiex suġġett għal din it-tariffa. Madankollu, hija kkunsidrat li tali leġiżlazzjoni li tipprojbixxi b'mod assolut li ssir deroga, bi ftehim, mid-drittijiet minimi ffissati b'tariffa għad-drittijiet ta' avukat għal servizzi li huma, minn naħa, ta' natura legali u, min-naħa l-oħra, irriżervati għall-avukati, tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi kif jipprovdi l-Artikolu 49 KE, u li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk din il-liġi, fir-rigward tal-metodi ta' applikazzjoni tagħha, tissodisfax verament l-għanijiet ta' protezzjoni tal-konsumaturi u amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja li jistgħu jiġġustifikawha u jekk ir-restrizzjonijiet li timponi mhumiex sproporzjonati fir-rigward ta' dawn l-għanijiet. Fl-aħħar nett, fil-kawża *Vulcan Silkeborg* (sentenza tas-7 ta' Settembru 2006, C-125/05, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra) u fil-kawżi magħquda *A. Brünsteiner* (sentenza tal-5 ta' Diċembru 2006, C-376/05 u C-377/05, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), li fihom kellha quddiemha wkoll talbiet għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha, għall-ewwel darba, l-okkażjoni li tippronunzja ruħha dwar kwistjonijiet inerenti għad-dħul fis-seħħ ta' l-aħħar regolament ta' eżenzjoni skond il-

kategorija applikabbli għas-settur tal-vetturi bil-mutur, ir-Regolament Nru 1400/2002[20], kif ukoll li tagħti l-ewwel interpretazzjonijiet tagħha ta' dan ir-Regolament. F'dawn il-kawżi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, b'mod partikolari, li, għalkemm id-dħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 1400/2002 ma rrendiex, fih innifsu, neċessarja l-organizzazzjoni mill-ġdid tan-netwerk ta' distribuzzjoni ta' fornitur fis-sens ta' l-ewwel inċiż ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 5(3) tar-Regolament 1475/95[21], dan id-dħul fis-seħħ seta', madankollu, skond l-organizzazzjoni speċifika tan-netwerk ta' distribuzzjoni ta' kull fornitur, jirrendi neċessarji bidliet tant importanti li jikkostitwixxu organizzazzjoni mill-ġdid vera ta' l-imsemmi netwerk fis-sens ta' din id-dispożizzjoni u li, f'dan ir-rigward, huma l-qrati nazzjonali u l-korpi ta' arbitraġġ li għandhom jevalwaw, abbażi ta' l-elementi konkreti kollha tal-kawża mressqa quddiemhom, jekk dan huwiex il-każ. Fil-kawżi magħquda *A. Brünsteiner,* iċċitati iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, barra minn hekk, li l-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1400/2002 għandu jiġi interpretat fis-sens li, wara l-iskadenza tal-perijodu tranżitorju previst fl-Artikolu 10 ta' dan l-aħħar Regolament, l-eżenzjoni skond il-kategorija prevista minnu kienet inapplikabbli għall-kuntratti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' eżenzjoni skond il-kategorija previsti mir-Regolament 1475/95 li kellhom bħala għan minn ta' l-inqas waħda mir-restrizzjonijiet intranżiġenti mniżżla fl-imsemmi Artikolu 4(1), b'tali mod li l-klawżoli kuntrattwali kollha li jirrestrinġu l-kompetizzjoni li jinsabu f'tali kuntratti setgħu għalhekk jiġu pprojbiti mill-Artikolu 81(1) KE, jekk il-kundizzjonijiet ta' eżenzjoni taħt l-Artikolu 81(3) KE ma kinux sodisfatti. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li l-konsegwenzi tal-projbizzjoni tal-klawżoli kuntrattwali inkompatibbli ma' l-Artikolu 81 KE għall-elementi l-oħra tal-ftehim jew għal obbligi oħra li jirriżultaw minnhom ma jaqgħux, madankollu, taħt id-dritt Komunitarju u li, għaldaqstant, hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa, skond id-dritt nazzjonali applikabbli, il-portata u l-konsegwenzi, għar-relazzjonijiet kuntrattwali kollha, ta' eventwali projbizzjoni ta' ċerti klawżoli skond l-Artikolu 81 KE.

Is-sentenzi l-oħra li għandha tinġibed l-attenzjoni għalihom f'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja jittrattaw l-iktar kwistjonijiet dwar l-implementazzjoni ta' dawn ir-regoli.

L-importanza ta' tnejn minnhom tinsab essenzjalment fi kwistjonijiet ta' proċedura u kwistjonijiet dwar il-produzzjoni tal-provi. Fil-kawżi *Nederlandse Federatieve Vereniging voor de Groothandel op Elektrotechnisch Gebied vs Il-Kummissjoni* (sentenza tal-21 ta' Settembru 2006, C-105/04 P, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra) u *Technische Uni vs Il-Kummissjoni* (sentenza tal-21 ta' Settembru 2006, C-113/04 P, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, filwaqt li rriaffermat li l-osservazzjoni ta' żmien raġonevoli fit-tmexxija tal-proċeduri amministrattivi fil-qasam tal-politika tal-kompetizzjoni tikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju li l-qorti Komunitarja għandha tassigura l-osservanza tiegħu, li l-konstatazzjoni tat-tul taż-żmien eċċessiv tal-proċedura, mhux imputabbli lill-impriżi kkonċernati, tista' twassal, minħabba ksur ta' l-imsemmi prinċipju, għall-annullament ta' deċiżjoni li tikkonstata ksur biss jekk l-imsemmi

[20] Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1400/2002 tal-31 ta' Lulju 2002 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 81(3) tat-Trattat fuq kategoriji ta' ftehim vertikali u prattiċi miftiehma fis-settur tal-vetturi bil-mutur (ĠU L 203, p. 30).

[21] Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1475/95 tat-28 ta' Ġunju 1995 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu [81](3) [KE] lill-kategoriji ta' ftehim ta' distribuzzjoni u ta' servizz ta' bejgħ u ta' wara l-bejgħ ta' vetturi bil-mutur (ĠU L 145, p. 25).

tul taż-żmien seta', billi jippreġudika d-drittijiet tad-difiża ta' l-impriżi, ikollu effett fuq l-eżitu tal-proċedura. Barra minn hekk, hija rrilevat li l-eżami ta' eventwali ostaklu għall-eżerċizzju tad-drittijiet tad-difiża minħabba t-tul taż-żmien eċċessiv tal-proċedura amministrattiva ma jistax ikun limitat biss għat-tieni fażi ta' din il-proċedura, iżda għandu jkopri wkoll il-fażi ta' qabel id-dikjarazzjoni ta' l-oġġezzjonijiet u, b'mod speċjali, għandu jiddetermina jekk it-tul taż-żmien tagħha setax jaffettwa l-possibbiltajiet futuri ta' difiża ta' l-impriżi kkonċernati. F'dawn l-istess żewġ kawżi, il-Qorti tal-Ġustizzja, min-naħa l-oħra, iddeċidiet, abbażi tal-ġurisprudenza tagħha li skondha, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, l-eżistenza ta' prattika jew ta' akkordju antikompetittiv għandha tiġi dedotta minn ċertu numru ta' indizji u koinċidenzi li, meqjusa flimkien, jistgħu jikkostitwixxu, fin-nuqqas ta' spjegazzjoni koerenti oħra, il-prova ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, li l-fatt li l-prova ta' l-eżistenza ta' ksur kontinwu ma tressqitx għal ċerti perijodi speċifiċi ma jimpedixxix il-ksur milli jitqies li seħħ matul perijodu globali iktar estiż minn dawn ta' l-aħħar, ladarba tali konstatazzjoni hija bbażata fuq indizji oġġettivi u kkorroborati. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret ukoll li, għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 81(1) KE, meta d-diversi azzjonijiet jaqgħu taħt "pjan ġenerali", minħabba l-għan identiku tagħhom ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni ġewwa s-suq komuni, il-Kummissjoni tista' timputa r-responsabbiltà ta' dawn l-azzjonijiet skond il-parteċipazzjoni fil-ksur ikkunsidrat fit-totalità tiegħu u li t-teħid in kunsiderazzjoni ta' tali azzjonjiet huwa, f'dan ir-rigward, superfluwu ladarba jkun jidher li dawn għandhom bħala għan il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni ġewwa s-suq komuni. Barra minn hekk, fil-kawża *Technische Unie vs Il-Kummissjoni,* iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret il-ġurisprudenza stabbilita tagħha li skondha huwa biżżejjed li l-Kummissjoni turi li impriża pparteċipat f'laqgħat li matulhom ġew konklużi akkordji ta' natura antikompetittiva, mingħajr ma opponiet dawn l-akkordji b'mod manifest, sabiex tipprova suffiċjentement il-parteċipazzjoni ta' din l-impriża fi ftehim u li ladarba jiġi stabbilit li impriża ħadet sehem f'tali laqgħat, din l-impriża jkollha l-obbligu li tressaq provi ta' natura li jistabbilixxu li din il-parteċipazzjoni ma kellha ebda intenzjoni antikompetittiva, billi turi li hija indikat lill-kompetituri tagħha li hija kienet qed tipparteċipa f'dawn il-laqgħat b'ottika differenti minn tagħhom.

Tliet sentenzi oħra jistħoqqilhom li tingħibed l-attenzjoni għalihom billi huma jikkompletaw il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-multi. Fi tnejn minnhom, il-Qorti tal-Ġustizzja, għall-ewwel darba, qatgħet il-kwistjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-prinċipju ta' *non bis in idem* fir-rigward ta' sitwazzjonijiet li fihom ikunu intervenew l-awtoritajiet ta' Stat terz, bis-saħħa tas-setgħa tagħhom ta' sanzjoni fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni applikabbli fit-territorju ta' l-imsemmi Stat. Fil-kawżi *Showa Denko vs Il-Kummissjoni* (sentenza tad-29 ta' Ġunju 2006, C-289/04 P, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra) u *SGL Carbon vs Il-Kummissjoni* (sentenza tad-29 ta' Ġunju 2006, C-308/04 P, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), il-Qorti tal-Ġustizzja fil-fatt iddeċidiet, wara li rriaffermat li l-prinċipju ta' *non bis in idem*, stabbilit ukoll fl-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, jikkostitwixxi prinċipju fundamentali tad-dritt Komunitarju li l-qorti għandha tassigura li jiġi osservat, li dan il-prinċipju ma japplikax għal sitwazzjonijiet li fihom is-sistemi legali u l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni ta' Stati terzi jkunu intervenew fil-kuntest tal-kompetenzi speċifiċi tagħhom. Hija fil-fatt tikkunsidra li, meta l-Kummissjoni tippenalizza l-aġir illegali ta' impriża, anki jekk dan joriġina minn akkordju ta' natura internazzjonali, hija tkun qed tassigura l-kompetizzjoni libera ġewwa s-suq komuni li tikkostitwixxi, skond l-Artikolu 3(1)(g) KE, objettiv fundamentali tal-Komunità u li, għaldaqstant, permezz ta' l-ispeċifiċità ta' l-interessi protetti legalment fuq livell

Komunitarju, l-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni, fid-dawl tal-kompetenzi tagħha f'dan il-qasam, jistgħu jkunu differenti ħafna minn dawk ta' l-awtoritajiet ta' Stati terzi. Bħala parti mis-soluzzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja, hija ddeċidiet ukoll li kull kunsiderazzjoni bbażata fuq l-eżistenza ta' multi imposti mill-awtoritajiet ta' Stat terz tista' tiġi kkunsidrata biss fil-kuntest tas-setgħa diskrezzjonali li għandha l-Kummissjoni fil-qasam ta' l-iffissar ta' multi għall-ksur tad-dritt Komunitarju tal-kompetizzjoni u li, għalkemm ma jistax jiġi eskluż li l-Kummissjoni, għal raġunijiet ta' proporzjonalità jew ta' ekwità, tieħu in kunsiderazzjoni multi imposti preċedentement mill-awtoritajiet ta' Stati terzi, hija madankollu ma tistax tkun obbligata tagħmel dan.

Dejjem fil-kuntest ta' l-eżami ta' dawn iż-żewġ kawżi, kif ukoll ta' dak tal-kawża *Il-Kummissjoni vs SGL Carbon AG* (sentenza tad-29 ta' Ġunju 2006, C-301/04 P, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), il-Qorti tal-Ġustizzja, min-naħa l-oħra, ippreċiżat numru ta' prinċipji tal-ġurisprudenza tagħha dwar il-multi. Fil-kawża *SGL Carbon vs Il-Kummissjoni,* iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel nett, irrilevat li l-Kummissjoni, fl-applikazzjoni tal-linji gwida dwar il-metodu ta' kalkolu tal-multi imposti għall-ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni[22], setgħet tuża metodu ta' kalkolu li jieħu in kunsiderazzjoni diversi elementi ta' flessibbiltà filwaqt li tirrispetta l-limitu relattiv għad-dħul mill-bejgħ imsemmi fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17[23]. Barra minn hekk, hija fakkret il-ġurisprudenza stabbilita li skondha l-fatt li tieħu in kunsiderazzjoni ċirkustanzi aggravanti meta tiffissa l-multa huwa konformi mal-missjoni tal-Kummissjoni li tiżgura l-konformità ta' l-aġir ta' l-impriżi mar-regoli tal-kompetizzjoni. Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni mhijiex obbligata, fid-determinazzjoni ta' l-ammont tal-multa li hija timponi fuq impriża, li tieħu in kunsiderazzjoni s-sitwazzjoni finanzjarja ħażina tagħha, peress li r-rikonoxximent ta' tali obbligu jwassal sabiex jingħata vantaġġ kompetittiv inġustifikat lill-impriżi l-inqas adattati għall-kundizzjonijiet tas-suq. Barra minn hekk, f'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja rriaffermat li huwa biss l-ammont finali tal-multa imposta għal ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni li għandu jirrispetta l-limitu massimu ta' 10% previst fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 u li, konsegwentement, dan l-Artikolu ma jipprojbixxix lill-Kummissjoni milli tasal, waqt stadji differenti ta' kalkolu, għal ammont intermedjarju ogħla minn dan il-limitu, sakemm l-ammont finali tal-multa imposta ma jaqbżux. Fl-aħħar nett, fil-linja tal-ġurisprudenza tagħha li tgħid li s-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni skond l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 jinkludu dik li tiġi ddeterminata d-data li fiha l-multi għandhom jitħallsu u d-data li minnha jibdew jiddekorru l-interessi kif ukoll dawk għall-iffissar tar-rata ta' dawn l-interessi u biex jiġu ddeterminati l-arranġamenti dettaljati għall-implementazzjoni tad-deċiżjoni tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li l-Kummissjoni għandha dritt tadotta punt ta' referenza ogħla mir-rata tas-suq applikabbli, bħal dak offert lill-kommodatarju medju, f'miżura neċessarja biex ma tinkoraġġix id-dewmien fil-ħlas tal-multa. Fil-kawża *Il-Kummissjoni vs SGL Carbon AG*, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja applikat il-ġurisprudenza tagħha li tgħid li tnaqqis abbażi tal-komunikazzjoni fuq il-kooperazzjoni[24]

22 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Linji ta' gwida dwar il-metodi tal-kalkoli tal-multi [i]mposti skond l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 u l-Artikolu 65(5) tat-Trattat KEFA" (ĠU C 9, 1998, p. 3).

23 Regolament tal-Kunsill Nru 17, tas-6 ta' Frar 1962, l-ewwel Regolament li jimplementa l-Artikoli [81] u [82] tat-Trattat (ĠU 13, 1962, p. 204).

24 Komunikazzjoni dwar in-nuqqas ta' impożizzjoni ta' multi jew it-tnaqqis ta' l-ammont tagħhom fil-kawżi li jirrigwardaw akkordji (ĠU C 207, 1996, p. 4).

jista' jkun iġġustifikat biss meta l-informazzjoni mogħtija, u, b'mod iktar ġenerali, l-aġir ta' l-impriża kkonċernata jistgħu jiġu kkunsidrati bħala li juru spirtu ta' kooperazzjoni vera min-naħa tagħha, billi ddeċidiet li l-aġir ta' impriża li, għalkemm ma kinitx obbligata tirrispondi għal domanda magħmula mill-Kummissjoni, irrispondiet għaliha b'mod inkomplet u qarrieqi, ma jistax jiġi kkunsidrat li jirrifletti tali spirtu ta' kooperazzjoni. Barra minn hekk, fil-kawża *Showa Denko vs Il-Kummissjoni,* iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret ukoll li l-multa imposta fuq impriża għal ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni tista' tiġi kkalkulata billi jiġi inkluż fattur ta' dissważjoni u li dan il-fattur huwa evalwat billi jittieħdu in kunsiderazzjoni varji elementi, u mhux biss is-sitwazzjoni speċifika ta' l-impriża kkonċernata.

Finalment, għandha tissemma sentenza aħħarija f'dan il-qasam, speċjalment peress li hija tikkonferma l-ġurisprudenza *Courage* tal-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza ta' l-20 ta' Settembru 2001, *Courage u Crehan,* C-453/99, Ġabra p. I-6297). Fil-kawżi magħquda *Manfredi et* (sentenza tat-13 ta' Lulju 2006, C-295/04 sa C-298/04, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-fatt, fakkret li billi l-Artikolu 81(1) KE jipproduċi effetti diretti fir-relazzjonijiet bejn l-individwi u joħloq drittijiet għall-individwi kkonċernati li għandhom jiġu mħarsa mill-qrati nazzjonali, kull persuna għandha d-dritt li ssostni n-nullità ta' akkordju jew ta' prattika projbita mill-Artikolu 81 KE u, meta jkun hemm rabta kawżali bejn l-akkordju jew il-prattika miftiehma u d-dannu subit, li titlob kumpens għall-imsemmi dannu. F'dan ir-rigward, hija fakkret ukoll li, fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni Komunitarja f'dan il-qasam, huwa l-ordinament ġuridiku ta' kull Stat Membru li għandu jistabbilixxi l-modalitajiet għall-eżerċizzju ta' dan id-dritt, fosthom dawk ta' l-applikazzjoni tal-kunċett ta' "rabta kawżali", bil-kundizzjoni li dawn il-modalitajiet ma jkunux inqas favorevoli minn dawk li jikkonċernaw rikorsi simili ta' natura interna (prinċipju ta' l-ekwivalenza) u li ma jagħmlux l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku Komunitarju prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli (prinċipju ta' l-effettività).

Fil-qasam ta' l-għajnuna mogħtija mill-Istati, ħames kawżi jistħoqqilhom, b'mod partikolari, li jissemmew. Huma ppermettew lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma l-ġurisprudenza tagħha, filwaqt li tagħmel numru ta' preċiżazzjonijiet dwar varji kwistjonijiet bħalma huma l-kunċett ta' impriża fil-kuntest ta' l-Artikolu 87(1) KE, id-definizzjoni tal-kunċett ta' għajnuna, kif ukoll l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-protezzjoni ta' l-aspettattivi leġittimi u r-rwol tal-qrati nazzjonali fl-implementazzjoni tas-sistema ta' kontroll ta' l-għajnuniet mill-Istat. Fil-kawża *Cassa di Risparmio di Firenze et* (sentenza ta' l-10 ta' Jannar 2006, C-222/04, Ġabra p. I-289), il-Corte suprema di cassazione (l-Italja) kienet ressqet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja numru ta' domandi preliminari dwar il-kompatibbiltà mad-dritt Komunitarju tas-sistema fiskali ta' korpi li ħarġu mill-privatizzazzjoni tal-banek li kienu jappartjenu lis-settur pubbliku Taljan, u iktar preċiżament, dwar din il-kompatibbiltà f'dak li għandu x'jaqsam mas-sistema fiskali applikabbli għall-fondazzjonijiet bankarji li f'din l-okkażjoni ssostitwew il-banek ta' tfaddil. B'risposta għall-ewwel żewġ domandi u abbażi tal-ġurisprudenza stabbilita tagħha relattiva għall-kunċett ta' "impriża" fil-kuntest tad-dritt tal-kompetizzjoni kif ukoll abbażi ta' dik relattiva għall-kunċett ta' "attività ekonomika", il-Qorti tal-Ġustizzja, minn naħa, iddeċidiet li korp li jżomm ishma ta' kontroll f'kumpannija, jeżerċita effettivament dan il-kontroll filwaqt li jipparteċipa direttament jew indirettament fl-amministrazzjoni tagħha, għandu jiġi kkunsidrat bħala li jagħmel parti mill-attività ekonomika eżerċitata mill-impriża kkontrollata u għalhekk huwa stess għandu, bis-saħħa t'hekk, jiġi kkwalifikat bħala impriża fis-sens ta' l-Artikolu 87(1) KE. Minn dan hija kkonkludiet li fondazzjoni bankarja li tikkontrolla

l-kapital ta' kumpannija bankarja li r-regoli tagħha jinkludu dawk li jattwaw missjoni li testendi lil hinn minn sempliċi investiment ta' kapital minn investitur u jagħmlu possibbli l-eżerċizzju ta' funzjonijiet ta' kontroll, kif ukoll ta' impetu u ta' sostenn finanzjarju, u b'hekk juru l-eżistenza ta' rabtiet kostituzzjonali u funzjonali bejn il-fondazzjonijiet bankarji u l-kumpanniji bankarji, għandha tiġi kkwalifikata bħala "impriża fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, u għalhekk hija suġġetta għar-regoli Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat. Fid-dawl tar-rwol mogħti lill-fondazzjonijiet bankarji mil-leġiżlatur nazzjonali f'oqsma ta' interess pubbliku u ta' utilità soċjali, il-Qorti tal-Ġustizzja, madankollu, qagħdet attenta li tagħmel distinzjoni bejn is-sempliċi ħlas ta' kontribuzzjonijiet lil korpi mingħajr skop ta' profitt u l-attività eżerċitata direttament f'dawn l-oqsma. Fil-fatt, hija ddeċidiet li r-regoli Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat huma applikabbli biss fit-tieni każ, billi enfasizzat li meta fondazzjoni bankarja, li taġixxi hija stess fl-oqsma ta' interess pubbliku u ta' utilità soċjali, tuża l-awtorizzazzjoni mogħtija mil-leġiżlatur nazzjonali sabiex timplementa operazzjonijiet finanzjarji, kummerċjali, immobbli u mobbli meħtieġa jew xierqa għat-twettiq ta' l-għanijiet li ġew iffissati għaliha, din tista' toffri proprjetà jew servizzi fis-suq f'kompetizzjoni ma' operaturi oħra u, għaldaqstant, għandha tiġi kkunsidrata bħala impriża u r-regoli Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għandhom jiġu applikati fil-konfront tagħha. B'risposta għat-tielet domanda, wara li b'mod partikolari fakkret li l-kunċett ta' għajnuna huwa iktar ġenerali minn dak ta' sussidju u li miżura li permezz tagħha l-awtoritajiet pubbliċi jagħtu lil ċerti impriżi eżenzjoni fiskali li, għalkemm ma tinkludix trasferiment ta' riżorsi ta' l-Istati, tqiegħed lill-benefiċjarji f'sitwazzjoni finanzjarja aktar favorevoli mill-kontribwenti l-oħra, tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens ta' l-Artikolu 87(1) KE, il-Qorti tal-Ġustizzja, min-naħa l-oħra, iddeċidiet li eżenzjoni mit-tnaqqis fuq id-dividendi li minnha jgawdu l-fondazzjonijiet bankarji, li għandhom ishma f'kumpanniji bankarji u li jsegwu esklużivament għanijiet ta' benefiċenza, ta' edukazzjoni ta' tagħlim, ta' studju u ta' riċerka xjentifika, tista' tingħata tali kwalifikazzjoni.

Fil-kawżi magħquda *Il-Belġju u Forum 187 vs Il-Kummissjoni* (sentenza tat-22 ta' Ġunju 2006, C-182/03 u C-217/03, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), ir-Renju tal-Belġju u l-asbl Forum 187, korp li jirrappreżenta ċ-ċentri ta' koordinazzjoni fil-Belġju, talbu l-annullament tad-Deċiżjoni 2003/757/CE[25], b'mod partikolari safejn din ma kinitx tawtorizza, lanqas temporanjament, lir-Renju tal-Belġju li jġedded l-istatus ta' ċentru ta' koordinazzjoni għaċ-ċentri ta' koordinazzjoni li kienu jibbenefikaw minn din l-iskema fil-31 ta' Diċembru 2000. Sabiex tiddeċiedi li wieħed mill-motivi mqajma mir-rikorrenti u bbażat fuq il-ksur tal-prinċipju tal-protezzjoni ta' l-aspettattivi leġittimi kien fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, fin-nuqqas ta' interess pubbliku predominanti, il-Kummissjoni kisret regola superjuri tad-dritt bil-fatt li ħassret leġiżlazzjoni mingħajr ma pprovdiet miżuri tranżitorji li jħarsu l-aspettattivi li l-operatur seta' leġittimament kellu fil-leġiżlazzjoni Komunitarja. Barra minn hekk, hija ddeċidiet li tikser kemm il-prinċipju tal-protezzjoni ta' l-aspettattivi leġittimi kif ukoll dak ta' l-ugwaljanza deċiżjoni tal-Kummissjoni li, filwaqt li terġa' lura fuq evalwazzjonijiet preċedenti opposti, tordna t-tħassir ta' sistema fiskali partikolari, għar-raġuni li din tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq komuni, mingħajr ma tipprovdi miżuri tranżitorji favur l-operaturi li l-awtorizzazzjoni tagħhom, li tista' tiġġedded mingħajr diffikultà u li hija neċessarja sabiex wieħed igawdi minn din is-sistema, tiskadi

25 Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/757/KE tas-17 ta' Frar 2003 dwar l-iskema ta' għajnuna implementata mill-Belġju favur ċerti ċentri ta' koordinazzjoni stabbiliti fil-Belġju (ĠU L 282, p. 25).

simultanjament jew ftit wara d-data tan-notifika tagħha, filwaqt li ma tipprekludix l-awtorizzazzjonijiet pendenti fl-imsemmija data milli jkomplu jipproduċu l-effetti tagħhom għal diversi snin, ladarba l-operaturi msemmija iktar 'il fuq, li ma jistgħux jadattaw ruħhom għall-bdil tas-sistema in kwistjoni fi żmien qasir, setgħu, f'kull każ, jistennew li deċiżjoni tal-Kummissjoni li terġa' lura fuq l-evalwazzjoni preċedenti tagħha tikkonċedilhom iż-żmien meħtieġ sabiex jieħdu effettivament in kunsiderazzjoni din il-bidla fl-evalwazzjoni u billi l-ebda interess pubbliku predominanti ma kien jimpedixxi li dan iż-żmien meħtieġ jiġi konċess lilhom.

Fil-kawża *Il-Portugall vs Il-Kummissjoni* (sentenza tas-6 ta' Settembru 2006, C-88/03, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), ir-Repubblika Portugiża kienet ressqet talba għall-annullament tad-Deċiżjoni 2003/442/CE[26] quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Filwaqt li rreferiet għall-ġurisprudenza stabbilita tagħha li tgħid li l-kunċett ta' għajnuna mill-Istat ma jirreferix għall-miżuri ta' l-Istat li jintroduċu differenzjar bejn l-impriżi meta dan id-differenzjar jirriżulta min-natura jew mill-iskema ġenerali tas-sistema ta' spejjeż li jagħmlu parti minnha, il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett iddeċidiet li miżura li tidderoga mill-applikazzjoni tas-sistema fiskali ġenerali tista' tiġi ġġustifikata fuq din il-bażi biss jekk l-Istat Membru kkonċernat jista' jipprova li din il-miżura tirriżulta direttament mill-prinċipji bażiċi jew ta' gwida tas-sistema fiskali tiegħu u speċifikat, f'dan ir-rigward, li għandha ssir distinzjoni bejn, minn naħa, l-għanijiet assenjati għal skema fiskali partikolari u li huma esterni għaliha u, min-naħa l-oħra, il-mekkaniżmi inerenti fis-sistema fiskali nfisha li huma neċessarji għat-twettiq ta' tali għanijiet. Wara li fakkret li, meta jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk miżura hijiex ta' natura selettiva, huwa essenzjali li jiġi determinat il-kuntest ta' referenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, barra minn hekk, li dan il-kuntest m'għandux neċessarjament jiġi ddefinit fil-limiti tat-territorju nazzjonali u li, għaldaqstant, fis-sitwazzjoni fejn awtorità reġjonali jew lokali tadotta, fl-eżerċizzju ta' poteri suffiċjentement awtonomi mis-setgħa ċentrali, rata ta' tassazzjoni li hija inqas mir-rata nazzjonali u li hija applikabbli biss għall-impriżi preżenti fit-territorju li jaqa' taħt il-kompetenza tagħha, il-kuntest ġuridiku rilevanti sabiex tiġi evalwata s-selettività ta' miżura fiskali jista' jiġi ristrett għaż-żona ġeografika kkonċernata fil-każ meta l-entità infrastatali, b'mod partikolari minħabba l-istatus tagħha u s-setgħat tagħha, għandha rwol fundamentali fid-definizzjoni ta' l-ambjent politiku u ekonomiku li fih joperaw l-impriżi preżenti fit-territorju li jaqa' taħt il-kompetenza tagħha. Skond il-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex deċiżjoni meħuda f'ċirkustanzi simili tista' titqies bħala waħda li ġiet adottata fl-eżerċizzju ta' poteri suffiċjentement awtonomi, jeħtieġ l-ewwel nett li din id-deċiżjoni tkun ittieħdet minn awtorità reġjonali jew lokali li għandha, fuq livell kostituzzjonali, status politiku u amministrattiv distint minn dak tal-gvern ċentrali. It-tieni nett, hija għandha tkun ġiet adottata mingħajr ma l-gvern ċentrali seta' jintervjeni direttament fir-rigward tal-kontenut tagħha. Fl-aħħar nett, il-konsegwenzi finanzjarji ta' tnaqqis tar-rata ta' tassazzjoni nazzjonali applikabbli għall-impriżi preżenti fir-reġjun m'għandhomx jiġu kkumpensati permezz ta' għajnuna jew sussidji minn reġjuni oħra jew mill-gvern ċentrali.

Fil-kawża *Laboratoires Boiron* (sentenza tas-7 ta' Settembru 2006, C-526/04, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), il-Cour de cassation (Franza) kienet ressqet żewġ domandi

26 Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/442/KE, tal-11 ta' Diċembru 2002, dwar il-parti ta' l-iskema li tadatta s-sistema fiskali nazzjonali għall-karatteristiċi speċifiċi tar-Reġjun awtonomu ta' l-Azores li tikkonċerna t-tnaqqis tar-rati ta' taxxa fuq id-dħul (ĠU L 150, 2003, p. 52).

preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, liema domandi kienu qamu fil-kuntest ta' kawża dwar il-"kontribuzzjoni" stabbilita bl-Artikolu 12 tal-Liġi Nru 97-1164 tad-19 ta' Diċembru 1997 dwar il-finanzjament tas-sigurtà soċjali għas-sena 1998 (l-Artikolu L-245-6-1 tal-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali Franċiż), li titħallas mil-laboratorji farmaċewtiċi fuq il-bejgħ bl-ingrossa ta' mediċini speċjalizzati li huma jagħmlu u li jagħti lok għal rimbors mill-fondi ta' assigurazzjoni kontra l-mard, filwaqt li din ma titħallasx mid-distributuri bl-ingrossa. Fir-rigward ta' din il-kontribuzzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġà ppronunzjat ruħha fuq punti oħra fis-sentenza tagħha *Ferring* (sentenza tat-22 ta' Novembru 2001, C-53/00, Ġabra p. I-9067). B'risposta għall-ewwel domanda, filwaqt li fakkret il-ġurisprudenza *Banks* tagħha (sentenza ta' l-20 ta' Settembru 2001, C-390/98, Ġabra p. I-6117), li tgħid li l-persuni suġġetti għal taxxa ma jistgħux jeċċepixxu li l-eżenzjoni li minnha jibbenefikaw impriżi oħra tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat sabiex jevitaw il-ħlas ta' l-imsemmija taxxa jew sabiex jiksbu l-ħlas lura tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li dan huwa minnu biss fil-każ ta' eżenzjoni għall-benefiċċju ta' ċerti operaturi minn taxxa ta' portata ġenerali u li s-sitwazzjoni hija għal kollox differenti fil-każ ta' taxxa li għaliha hija suġġetta waħda biss miż-żewġ kategoriji ta' operaturi li jikkompetu ma' xulxin. F'każ bħal dan fejn l-obbligu ta' ħlas ta' taxxa jkun asimmetriku, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra, fil-fatt, li l-għajnuna tista' tirriżulta mill-fatt li kategorija oħra ta' operaturi ekonomiċi, li l-kategorija ntaxxata tkun f'relazzjoni diretta ta' kompetizzjoni magħha, ma tkunx suġġetta għall-imsemmija taxxa u li, għaldaqstant, f'sistema fejn jeżistu żewġ kategoriji li jikkompetu direttament fid-distribuzzjoni tal-mediċini u li fiha n-nuqqas ta' impożizzjoni tat-taxxa fuq il-bejgħ dirett fuq id-distributuri bl-ingrossa huwa intiż, b'mod partikolari, sabiex jiġu ekwilibrati mill-ġdid il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn iż-żewġ mezzi ta' distribuzzjoni tal-mediċini, li, skond il-leġiżlatur, huma s-suġġett ta' distorsjoni minħabba l-eżistenza ta' obbligi ta' servizz pubbliku imposti biss fuq id-distributuri bl-ingrossa, hija t-taxxa fuq il-bejgħ dirett stess, u mhux xi eżenzjoni li tkun li tista' tiġi dissoċjata minnha, li tikkostitwixxi l-miżura ta' għajnuna in kwistjoni. Minn dan hija kkonkludiet li għandu jiġi aċċettat li laboratorju farmaċewtiku, li jkun suġġett għal tali kontribuzzjoni, għandu d-dritt jeċċepixxi li l-eżenzjoni tad-distributuri bl-ingrossa minn din il-kontribuzzjoni tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat sabiex jikseb il-ħlas lura tal-parti mill-ammonti mħallsa li tkun tikkorrispondi mal-vantaġġ ekonomiku li d-distributuri bl-ingrossa jkunu kisbu inġustament. F'dan ir-rigward, u b'risposta għat-tieni domanda, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll, filwaqt li rreferiet għall-ġurisprudenza tagħha dwar l-awtonomija proċedurali mħollija, fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni Komunitarji f'dan il-qasam, lis-sistemi legali nazzjonali sabiex jassiguraw il-ħarsien tad-drittijiet ta' l-individwi li jitnisslu mill-effett dirett tad-dritt Komunitarju, kif ukoll għal-limitazzjoni dupliċi relattiva għall-ħtieġa li jiġu rispettati l-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività, li d-dritt Komunitarju ma jipprekludix l-applikazzjoni ta' regoli tad-dritt nazzjonali li jissuġġettaw il-ħlas lura ta' kontribuzzjoni obbligatorja, bħal dik prevista mill-Artikolu 12 tal-liġi Nru 97-1164, għall-prova, li l-oneru tagħha huwa fuq min jagħmel it-talba għall-ħlas lura, li l-vantaġġ li d-distributuri bl-ingrossa jieħdu mill-eżenzjoni minn din il-kontribuzzjoni huwa ikbar mill-ispejjeż li dawn jagħmlu sabiex jissodisfaw l-obbligi ta' servizz pubbliku imposti fuqhom mil-leġiżlazzjoni nazzjonali u, b'mod partikolari, li minn ta' l-inqas waħda mill-kundizzjonijiet imsejħa "Altmark"[27] mhijiex sodisfatta.

[27] Sentenza ta' l-24 ta' Lulju 2003, Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg, C-280/00, Ġabra p. I-7747.

Fil-kawża *Transalpine Ölleitung in Österreich* (sentenza tal-5 ta' Ottubru 2006, C-368/04, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), il-Verwaltungsgerichtshof (l-Awstrija) ressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja talba għal deċiżjoni preliminari li tirrigwarda l-interpretazzjoni ta' l-aħħar sentenza ta' l-Artikolu 88(3) KE, liema talba ppermettiet lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma, filwaqt li tippreċiża, numru ta' punti dwar ir-rwol tal-qrati nazzjonali fl-implementazzjoni tas-sistema ta' kontroll ta' l-għajnuniet mill-Istat, speċjalment fil-każ ta' għajnuna illegali, għaliex tkun ingħatat bi ksur ta' l-obbligu ta' notifika previst fl-imsemmija dispożizzjoni, iżda li sussegwentement tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq komuni permezz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni. Skond ġurisprudenza stabbilita, il-Qorti tal-Ġustizzja, minn naħa, iddeċidiet li l-aħħar sentenza ta' l-Artikolu 88(3) KE għandha tiġi interpretata fis-sens li huwa l-obbligu tal-qrati nazzjonali li jħarsu d-drittijiet ta' l-individwi f'każ ta' eventwali ksur, min-naħa ta' l-awtoritajiet nazzjonali, tal-projbizzjoni ta' implementazzjoni ta' l-għajnuna qabel l-adozzjoni, mill-Kummissjoni, ta' deċiżjoni li tawtorizzaha, u enfasizzat, kif kienet diġà għamlet ftit żmien qabel fis-sentenza tagħha *Air Liquide Industries Belgium* (sentenza tal-15 ta' Ġunju 2006, C-393/04 u C-41/05, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), li, meta jagħmlu hekk, il-qrati nazzjonali għandhom jieħdu in kunsiderazzjoni bis-sħiħ l-interess Komunitarju, li jimpedihom milli jadottaw miżura li l-uniku effett tagħha jkun li jitwessa' ċ-ċirku tal-benefiċjarji ta' l-għajnuna. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret ukoll li, bil-periklu li jiġu ppreġudikati kemm l-effett dirett kif ukoll l-effett utli ta' l-aħħar sentenza ta' l-Artikolu 88(3) KE u li ma jiġux irrispettati l-interessi ta' l-individwi li l-qrati nazzjonali għandhom id-dover li jħarsu, deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara għajnuna mhux notifikata kompatibbli mas-suq komuni m'għandhiex l-effett li tirregolarizza, *a posteriori*, l-atti ta' implementazzjoni li huma invalidi minħabba li ġew adottati bi ksur tal-projbizzjoni prevista minn din id-dispożizzjoni. F'dan ir-rigward, skond il-Qorti tal-Ġustizzja, huwa irrilevanti li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tispeċifika li din ta' l-aħħar tiffoka l-evalwazzjoni tagħha ta' l-għajnuna in kwistjoni fuq perijodu preċedenti għall-adozzjoni tagħha jew jekk talba għal ħlas lura tkunx saret qabel jew wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna kompatibbli mas-suq komuni, billi din it-talba tirrigwarda s-sitwazzjoni illegali li tirriżulta min-nuqqas ta' notifika. Fl-aħħar nett, filwaqt li tfakkar il-ġurisprudenza tagħha li tgħid li l-qrati nazzjonali għandhom jiggarantixxu lill-partijiet li qegħdin f'pożizzjoni li jipprevalixxu ruħhom mill-ksur ta' l-obbligu ta' notifika ta' l-għajnuniet mill-Istat li sejrin jinġibdu l-konsegwenzi kollha li joħorġu minn dan il-ksur, konformement mad-dritt nazzjonali tagħhom, f'dak li jirrigwarda kemm il-validità ta' l-atti li jdaħħlu fis-seħħ il-miżuri ta' għajnuna, kif ukoll ir-rifużjoni ta' l-għajnuna finanzjarja mogħtija bi ksur ta' din id-dispożizzjoni jew ta' eventwali miżuri provviżorji, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, skond il-possibbiltajiet tad-dritt nazzjonali u r-rimedji li dan jipprovdi, qorti nazzjonali għalhekk jista' jkollha, skond il-każ, tordna l-irkupru ta' għajnuna illegali mingħand dawn il-benefiċċjarji, anke jekk din l-għajnuna sussegwentement tkun ġiet iddikjarata kompatibbli mas-suq komuni mill-Kummissjoni, jew jista' jkollha tiddeċiedi fuq talba għal kumpens għad-dannu kkawżat minħabba n-natura illegali ta' tali miżura.

### *Approssimazzjoni tal-liġijiet u liġijiet uniformi*

F'dan il-qasam, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha teżamina diversi elementi tal-leġiżlazzjoni Komunitarja.

Fil-kawża *International Air Transport Association et*, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 261/2004[28] dwar id-drittijiet tal-passiġġieri bl-arju huwiex kompatibbli mal-Konvenzjoni ta' Montreal, li l-miżuri ta' assistenza u ta' assunzjoni tar-responsabbiltà tal-passiġġieri fil-każ ta' dewmien twil ta' titjira previsti f'dan l-Artikolu huma miżuri ta' kumpens standardizzati u immedjati li ma jipprojbixxux li l-passiġġieri kkonċernati, fil-każ meta l-istess dewmien jikkawżalhom ukoll danni li jagħtu lok għad-dritt għal kumpens, ikunu jistgħu jibdew ukoll azzjonijiet għal kumpens ta' l-imsemmija danni fil-kundizzjonijiet previsti mill-Konvenzjoni ta' Montreal. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li l-obbligu ta' motivazzjoni ġie osservat, billi r-Regolament juri l-essenzjal ta' l-għan imfittex mill-istituzzjonijiet, u li għaldaqstant ma jistax jiġi mitlub li huwa jinkludi motivazzjoni speċifika għal kull waħda mill-għażliet tekniċi meħuda. F'dak li jirrigwarda l-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità, li huwa prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju, li jitlob li l-mezzi implementati permezz ta' dispożizzjoni Komunitarja jkunu adattati sabiex jintlaħaq l-għan imfittex u ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex dan l-għan jintlaħaq, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-miżuri ta' assistenza, ta' assunzjoni tar-responsabbiltà u ta' kumpens tal-passiġġieri previsti fl-imsemmi Regolament mhumiex ta' natura manifestament inadatti fir-rigward ta' l-għan imfittex mil-leġiżlatur Komunitarju, li huwa t-tisħiħ tal-protezzjoni tal-passiġġieri li jġarrbu kanċellament jew dewmien twil ta' titjiriet. F'dak li jirrigwarda l-prinċipju ta' trattament ugwali, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li l-obbligi li joħorġu mill-imsemmi Regolament mhumiex invalidi, minkejja li tali obbligi mhumiex imposti fuq il-mezzi l-oħra ta' trasport. Fil-fatt, id-diversi mezzi ta' trasport mhumiex skambjabbli u s-sitwazzjoni ta' passaġġier li jġarrab kanċellament jew dewmien ta' titjira hija oġġettivament differenti minn dik ta' passaġġier li juża mezz ieħor ta' trasport. Barra minn hekk, id-danni mġarrba mill-passiġġieri tat-trasport bl-ajru fil-każ ta' kanċellament jew ta' dewmien twil ta' titjiriet huma analogi, huma min huma l-kumpanniji li magħhom huma ntrabtu b'kuntratt, u m'għandhomx rabta mal-politika ta' prezz. Għaldaqstant, il-kumpanniji ta' l-ajru kollha għandhom jiġu ttrattati b'mod identiku.

Żewg sentenzi jikkonċernaw id-Direttiva 85/374[29] u huma ta' interess partikolari. Waħda minnhom tirrigwarda l-possibbiltajiet ta' trasferiment tar-responsabbiltajiet tal-produttur lill-fornitur, u l-oħra tirrigwarda t-tqegħid fiċ-ċirkulazzjoni ta' prodott. Fil-kawża *Skov u Bilka* (sentenza ta' l-10 ta' Jannar 2006, C-402/03, Ġabra p. I-199), il-Qorti tal-Ġustizzja ġiet mistoqsija dwar il-kwistjoni jekk l-imsemmija Direttiva tipprekludix regola nazzjonali li skondha l-fornitur jassumi mingħajr restrizzjonijiet ir-responsabbiltà mingħajr ħtija tal-produttur taħt l-istess Direttiva. Wara li kkonstatat li din ta' l-aħħar tistabbilixxi r-responsabbiltà mingħajr ħtija u tpoġġiha fuq il-produttur u tfittex li tilħaq armonizzazzjoni totali fuq il-punti li hija tirregola, il-Qorti tal-Ġustizzja waslet għall-konklużjoni li d-determinazzjoni taċ-ċirku ta' persuni responsabbli għandha tiġi kkunsidrata bħala eżawrjenti. Billi l-imsemmija Direttiva tipprevedi biss ir-responsabbiltà tal-fornitur fl-ipotesi

[28] Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 261/2004, tal-11 ta' Frar 2004, li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu [fuq titjira] u ta' kanċellazzjoni [kanċellament] jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU L 46, p. 1).

[29] Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE tal-25 ta' Lulju 1985 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar responsabbiltà għall-prodotti difettużi (ĠU L 210, p. 25).

fejn il-produttur ma jistax jiġi identifikat, leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li l-fornitur huwa responsabbli direttament għal difetti fi prodott fir-rigward tal-persuni li saritilhom il-ħsara tkabbar dan iċ-ċirku tal-persuni responsabbli u għalhekk mhijiex aċċettabbli. Min-naħa l-oħra, fir-rigward tar-responabbiltà minħabba ħtija tal-produttur, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din l-istess Direttiva ma tipprekludix regola nazzjonali li tobbliga lill-fornitur jassumi mingħajr restrizzjonijiet ir-responsabbiltà minħabba ħtija tal-produttur, ladarba s-sistema stabbilita mill-imsemmija Direttiva ma teskludix l-applikazzjoni ta' sistemi ta' responsabbiltà kuntrattwali jew delittwali oħrajn, bil-kundizzjoni li dawn ikunu bbażati fuq elementi differenti, bħall-garanzija għad-difetti li ma jidhrux u l-ħtija.

Il-kawża *O'Byrne* (sentenza tad-9 ta' Frar 2006, C-127/04, Ġabra p. I-1313) kienet tirrigwarda, minn naħa, il-kwistjoni dwar f'liema mument jista' jiġi kkunsidrat li prodott tqiegħed fiċ-ċirkulazzjoni, billi t-terminu ta' preskrizzjoni tad-drittijiet mogħtija lill-persuna li tkun saritilha l-ħsara huwa ta' għaxar snin minn meta l-prodott jitqiegħed fiċ-ċirkulazzjoni u, min-naħa l-oħra, il-kwistjoni jekk setgħetx isseħħ sostituzzjoni ta' parti b'oħra meta titressaq azzjoni b'mod żbaljat kontra kumpannija li mhijiex il-vera produttur tal-prodott. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li prodott huwa mqiegħed fiċ-ċirkulazzjoni meta huwa jkun ħareġ mill-proċess ta' produzzjoni implementat mill-produttur u meta jidħol fi proċess ta' kummerċjalizzazzjoni, fejn jinsab fl-istat li jkun offrut lill-pubbliku sabiex jiġi użat jew ikkunsmat. Huwa irrilevanti jekk prodott ikunx inbiegħ direttament mill-produttur lil min jużah jew lill-konsumatur jew li dan il-bejgħ ikun sar permezz ta' ħolqa waħda jew iktar ta' katina ta' distribuzzjoni. Għalhekk, meta waħda mill-ħoloq tal-katina ta' distribuzzjoni tkun marbuta mill-qrib mal-produttur, il-konsegwenza ta' din il-konnessjoni hija li din l-entità tista' titqies li hija involuta fil-proċess ta' produzzjoni tal-prodott kkonċernat, b'mod li, meta azzjoni titressaq kontra kumpannija kkunsidrata b'mod żbaljat bħala li hija l-produttur ta' prodott, hija l-liġi nazzjonali li għandha tiffissa l-kundizzjonijiet li fihom tista' sseħħ is-sostituzzjoni ta' parti b'oħra, filwaqt li għandha tirrispetta l-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* ta' l-imsemmija Direttiva, fejn id-determinazzjoni taċ-ċirku tal-persuni responsabbli hija eżawrjenti.

Fil-qasam tar-reklamar komparattiv, fil-kawża *Lidl Belgium* (sentenza tad-19 ta' Settembru 2006, C-356/04, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tinterpreta d-Direttiva 84/450[30]. Mistoqsija dwar il-leġittimità ta' żewġ forom speċifiċi ta' reklamar komparattiv li t-tnejn huma bbażati fuq paragun tal-prezzijiet, mingħajr, madankollu, mhuwa speċifikat fir-reklam liema huma l-oġġetti kkomparati u l-prezzijiet korrispondenti, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, minn naħa, li l-imsemmija Direttiva ma tipprekludix li reklamar komparattiv ikun jirrigwarda, b'mod kollettiv, assortimenti ta' prodotti ta' konsum ta' kuljum ikkummerċjalizzati minn żewġ netwerkijiet ta' stabbilimenti kbar tal-bejgħ li jikkompetu ma' xulxin, safejn l-imsemmija assortimenti jkunu magħmula, minn naħa u mill-oħra, minn prodotti individwali li, meħuda par par, jissodisfaw individwalment il-ħtieġa ta' komparabbiltà prevista minn din id-Direttiva. Barra minn hekk, il-ħtieġa li r-reklamar "jikkompara oġġettivament" il-karatteristiċi ta' l-oġġetti in kwistjoni ma timplikax li l-prodotti u l-prezzijet ikkomparati, jiġifieri kemm dawk ta' min jagħmel ir-reklam kif ukoll dawk tal-kompetituri kollha tiegħu kkonċernati mill-paragun, għandhom

30 Direttiva tal-Kunsill 85/450/KEE ta' l-10 ta' Settembru 1984 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar reklamar qarrieqi, kif emendata mid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 97/55 tas-6 ta' Ottubru 1997 (ĠU L 250, p. 17).

ikunu elenkati b'mod espress u eżawrjenti fir-reklam. Il-karatteristiċi ta' dawn l-oġġetti għandhom madankollu jkunu "verifikabbli", li huwa l-każ fir-rigward tal-prezzijiet tagħhom u tal-livell ġenerali tal-prezzijiet ta' netwerk ta' stabbilimenti kbar tal-bejgħ f'dak li jirrigwarda l-assortiment tiegħu ta' prodotti komparabbli u ta' l-ammont li konsumatur jista' jiffranka jekk jixtri tali prodotti mingħand wieħed minn dawn in-netwerkijet minflok mingħand l-ieħor. Meta l-elementi ta' paragun li fuqhom tkun ibbażata karatteristika li tissemma fir-reklamar ma jkunux elenkati f'reklamar komparattiv, min jagħmel ir-reklam għandu jindika, b'mod partikolari għall-attenzjoni tad-destinatarji ta' dan ir-reklam, fejn u kif dawn ta' l-aħħar jistgħu faċilment isiru jafu b'dawn l-elementi tal-paragun, sabiex ikunu jistgħu jivverifikaw jew jaraw li tiġi vverifikata l-eżattezza ta' dawn l-elementi. Min-naħa l-oħra, reklamar komparattiv li jiftaħar li l-livell ġenerali tal-prezzijiet ta' min jagħmel ir-reklam huwa l-irħas fil-konfront tal-kompetituri prinċipali tiegħu, meta l-paragun ikun sar fuq kampjun ta' prodotti, jista' jkollu natura qarrieqa fit-tliet każijiet li ġejjin: jekk ir-reklam ma jurix li l-paragun kien jirrigwarda biss kampjun ta' prodotti u mhux il-prodotti kollha ta' min jagħmel ir-reklam, jekk huwa ma jidentifikax l-elementi tal-paragun magħmul jew ma jinformax lid-destinatarju fuq is-sors ta' informazzjoni li permezz tiegħu tista' ssir tali identifikazzjoni jew jekk huwa jkun fih referenza kollettiva għal skala ta' ammonti li konsumatur jista' jiffranka jekk jagħmel ix-xiri tiegħu mingħand min jagħmel ir-reklam, minflok mingħand wieħed mill-kompetituri tiegħu, mingħajr ma jindividwalizza l-livell ġenerali tal-prezzijiet ta' kull wieħed mill-imsemmija kompetituri rispettivament u l-ammont li konsumatur jista' jiffranka jekk jagħmel ix-xiri tiegħu mingħand min jagħmel ir-reklam minflok mingħand kull wieħed minnhom.

Fil-kawża *Mostaza Claro* (sentenza tas-26 ta' Ottubru 2006, C-168/05, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tinterpreta d-Direttiva 93/13[31]. Mistoqsija dwar il-kwistjoni jekk qorti nazzjonali li quddiemha tressqet talba għall-annullament ta' deċiżjoni ta' arbitraġġ sfavorevoli għall-konsumatur, li ngħatat fi tmiem proċedimenti ta' arbitraġġ imposti bi klawżola ta' kuntratt ta' abbonament għal linja tat-telefon ċellulari li kellha tiġi kkwalifikata bħala inġusta, setgħetx tilqa' din it-talba meta l-konsumatur ma kienx invoka din in-natura inġusta quddiem l-arbitru, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-imsemmija Direttiva għandha tiġi interpretata fis-sens li hija timplika li qorti nazzjonali għandha tevalwa n-nullità tal-ftehim ta' arbitraġġ u tannulla din id-deċiżjoni għar-raġuni li l-imsemmi ftehim fih klawżola inġusta, anki jekk il-konsumatur ma jkunx invoka l-imsemmija nullità fil-kuntest tal-proċedimenti ta' arbitraġġ, iżda biss fil-kuntest tar-rikors għal annullament.

Fil-qasam tad-drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati, fil-kawża *SGAE* (sentenza tas-7 ta' Diċembru 2006, C-306/05, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat il-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku" fis-sens ta' l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29[32], li tistabbilixxi d-dritt esklużiv għall-awturi li jawtorizzaw jew jipprojbixxu tali komunikazzjoni tax-xogħlijiet tagħhom. Wara talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Audiencia Provincial de Barcelona (Spanja) fil-kuntest ta' kawża bejn is-SGAE, il-korp

31 Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU L 95, p. 29).

32 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 2001/29/KE tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà ta' l-informazzjoni (ĠU L 167, p. 10).

Spanjol inkarigat bl-amministrazzjoni tad-drittijiet ta' l-awtur, u kumpannija ta' lukandi, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha, b'mod partikolari, tiddetermina jekk l-imsemmi kunċett ikoprix ix-xandir ta' programmi permezz ta' l-apparati ta' televiżjoni installati fil-kmamar ta' lukanda. Filwaqt li interpretat id-dispożizzjoni in kwistjoni tad-Direttiva 2001/29 fid-dawl tad-dritt internazzjonali li din ta' l-aħħar hija intiża li timplementa fuq livell Komunitarju, f'dan il-każ il-Konvenzjoni ta' Berna għall-protezzjoni tax-xogħlijiet letterarji u artistiċi ta' l-24 ta' Lulju 1971 u t-Trattat ta' l-Organizzazzjoni Dinjija dwar il-Proprjetà Intellettwali (WIPO) dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur ta' l-20 ta' Diċembru 1996, il-Qorti tal-Ġustizzja adottat approċċ globali. Hija rrilevat li t-telespettaturi potenzjali tax-xogħlijiet huma mhux biss il-klijenti fil-kmamar u l-klijenti preżenti f'parti oħra tal-lukanda fejn jinsab apparat ta' televiżjoni, iżda wkoll il-klijenti suċċessivi tal-lukanda. Dan jirrappreżenta numru kbir ta' persuni li għandhom jiġu kkunsidrati bħala pubbliku fis-sens tad-Direttiva 2001/29. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li, minkejja li l-installazzjoni ta' apparati ta' televiżjoni fil-kmamar ta' lukanda ma tikkostitwixxix, fiha nfisha, komunikazzjoni lill-pubbliku, dan huwa, għall-kuntrarju, il-każ fir-rigward tad-distribuzzjoni ta' sinjal mil-lukanda lill-klijenti permezz ta' apparati ta' televiżjoni. Barra minn hekk, in-natura privata tal-kmamar hija irrilevanti.

## *Trade marks*

Fil-qasam tad-dritt tat-*trade marks*, għandha tissemma s-sentenza mogħtija fil-kawża *Bovemij Verzekeringen* (sentenza tas-7 ta' Settembru 2006, C-108/05, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), li tispeċifika liema territorju għandu jittieħed in kunsiderazzjoni sabiex jiġi evalwat jekk sinjal kisibx karattru distintiv bl-użu, fis-sens ta' l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 89/104[33], ġewwa Stat Membru jew ġewwa grupp ta' Stati Membri li għandhom leġiżlazzjoni komuni dwar it-*trade marks*, bħal, f'dan il-każ, il-Benelux (li, skond il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, għandu jiġi ekwiparat ma' Stat Membru). Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sabiex jiġi evalwat jekk ir-raġunijiet għal rifjut imsemmija fl-Artikolu 3(1)(b) sa (d) ta' l-imsemmija Direttiva għandhomx jiġu mwarrba minħabba l-kisba ta' karattru distintiv bl-użu, skond l-Artikolu 3(3) tagħha, hija rilevanti biss is-sitwazzjoni eżistenti fil-parti tat-territorju ta' l-Istat Membru kkonċernat fejn ir-raġunijiet għal rifjut ġew ikkonstatati. Għaldaqstant, l-applikazzjoni ta' l-eċċezzjoni għar-raġunijiet għal rifjut prevista fl-Artikolu 3(3) ta' l-istess Direttiva tippreżupponi li t-*trade mark* kisbet karattru distintiv bl-użu fil-parti kollha tat-territorju ta' l-Istat Membru jew fil-parti kollha tat-territorju tal-Benelux fejn teżisti raġuni għal rifjut. Barra minn hekk, fil-każ ta' *trade mark* komposta minn kelma waħda jew iktar ta' lingwa uffiċjali ta' l-Istat Membru kkonċernat u jekk ir-raġuni għal rifjut teżisti biss f'waħda miż-żoni lingwistiċi ta' dan ta' l-aħħar, għandu jiġi stabbilit li t-*trade mark* kisbet bl-użu karattru distintiv f'din iż-żona lingwistika kollha. Għalhekk, billi s-sinjal in kwistjoni f'dan il-każ (EUROPOLIS) jinkludi kelma Olandiża (polis), għandha tittieħed in kunsiderazzjoni l-parti tal-Benelux fejn huwa mitkellem l-Olandiż.

33 L-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 89/104/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 biex jiġu approssimati l-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar it-*trade marks* (ĠU L 40, 1989, p. 1).

## *Tassazzjoni*

F'dan il-qasam, kawża waħda kienet tikkonċerna l-projbizzjoni tat-taxxi interni diskriminatorji u tlieta kienu jikkonċernaw is-sistema Komunitarja tat-taxxa fuq il-valur miżjud.

Fil-kawżi magħquda *Nádasdi* (sentenza tal-5 ta' Ottubru 2006, C-290/05 u C-333/05, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat it-taxxa ta' reġistrazzjoni Ungeriża inkompatibbli mad-dritt Komunitarju, safejn din, meta applikata għall-vetturi użati importati minn Stati Membri oħra, mingħajr ma jittieħed in kunsiderazzjoni t-tnaqqis fil-valur tagħhom, hija iktar ta' piż fuq dawn ta' l-aħħar milli fuq il-vetturi użati simili diġà rreġistrati fl-Ungerija, li ġew suġġetti għall-istess taxxa meta ġew irreġistrati għall-ewwel darba. Filwaqt li eżaminat it-taxxa in kwistjoni fid-dawl tal-projbizzjoni ta' taxxi interni diskriminatorji fir-rigward tal-prodotti li joriġinaw minn Stati Membri oħra, stabbilita fl-Artikolu 90 KE, il-Qorti tal-Ġustizzja pparagunat l-effetti ta' l-imsemmija taxxa fir-rigward ta' vettura użata importata minn Stat Membru ieħor ma' dawk li jolqtu lil vettura simili li toriġina mill-Ungerija. Hija kkonstatat li din ta' l-aħħar, li fuqha tħallset it-taxxa meta kienet ġdida, biż-żmien titlef parti mill-valur kummerċjali tagħha u li l-ammont tat-taxxa inkluża fil-valur residwu tagħha jonqos proporzjonalment. Għall-kuntrarju, vettura ta' l-istess mudell, età, kilometraġġ u karatteristiċi oħra, mixtrija użata fi Stat Membru ieħor, hija suġġetta għat-taxxa mingħajr ma din tiġi mnaqqsa proporzjonalment għat-tnaqqis fil-valur tal-vettura, b'mod li l-piż tat-taxxa fuqha huwa ikbar. Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-Artikolu 90 KE jeżiġi li għandu jittieħed in kunsiderazzjoni t-tnaqqis fil-valur tal-vetturi użati li huma suġġetti għat-taxxa.

Fil-kawża *Stichting Kinderopvang Enschede* (sentenza tad-9 ta' Frar 2006, C-415/04, Ġabra p. I-1385), il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tippronunzja ruħha fuq l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud (iktar 'il quddiem il-"VAT") ta' l-attivitajiet ta' interess pubbliku previsti fl-Artikolu 13A(1)(g) u (h) tas-Sitt Direttiva 77/388[34], jiġifieri l-attivitajiet strettament marbuta mill-qrib ma' l-assistenza soċjali u mas-sigurtà soċjali kif ukoll mal-protezzjoni tat-tfal jew taż-żgħażagħ. Dan il-każ kien jirrigwarda s-servizzi pprovduti minn istituzzjoni mingħajr skop ta' lukru, li sservi ta' intermedjarju bejn persuni li jfittxu u persuni li joffru servizz ta' ħarsien tat-tfal, rispettivament. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-eżenzjoni ta' tali attività mill-VAT hija suġġetta għal tliet kundizzjonijiet, li għandhom jiġu vverifikati mill-qorti nazzjonali. Fl-ewwel lok, is-servizz ta' ħarsien tat-tfal imwettaq mill-ġenituri ospitanti, bħala tranżazzjoni prinċipali li magħha hija strettament marbuta l-attività ta' l-istituzzjoni, għandu huwa stess jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' eżenzjoni, b'mod partikolari l-kriterju ta' "karità [natura soċjali]" li għandu jiġi rrikonoxxut lil min jagħti s-servizz. Fit-tieni lok, is-servizzi pprovduti bħala intermedjarju mill-istituzzjoni in kwistjoni għandhom ikunu essenzjali għas-servizz ta' ħarsien tat-tfal, fis-sens li l-għażla u t-taħriġ tal-ġenituri ospitanti mill-istituzzjoni għandhom ikollhom l-effett li jirrendu s-servizz ta' ħarsien ta' natura u ta' kwalità tali li ma jkunx possibbli li jinkiseb servizz ta' valur identiku mingħajr ma jsir użu minn dan l-intermedjarju. Fl-aħħar lok, il-provvista ta' dawn is-servizzi m'għandhomx ikunu

[34] Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU L 145, p. 1), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 95/7 ta' l-10 ta' April 1995 (ĠU L 102, p. 18).

essenzjalment intiżi sabiex jiksbu dħul supplementari permezz tat-twettiq ta' tranżazzjonijiet effettwati b'kompetizzjoni diretta ma' dawk ta' impriżi kummerċjali suġġetti għat-taxxa.

Fil-kawżi *University of Huddersfield* u *Halifax et* (sentenzi tal-21 ta' Frar 2006, C-223/03, Ġabra p. I-1751, u C-255/02, Ġabra p. I-1609), il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li, f'dak li jirrigwarda t-taxxa fuq il-valur miżjud, tranżazzjonijiet jikkostitwixxu provvista ta' oġġetti jew servizzi u attività ekonomika fis-sens tas-Sitt Direttiva msemmija iktar 'il fuq, sakemm dawn jissodisfaw il-kriterji oġġettivi li fuqhom huma bbażati l-imsemmija kunċetti. Ħlief fil-każijiet ta' frodi fiskali, il-kwistjoni jekk it-tranżazzjoni kkonċernata twettqitx bil-għan biss li jinkiseb vantaġġ fiskali m'għandha ebda rilevanza. Id-domandi mressqa fil-kawża *Halifax et,* iċċitata iktar 'il fuq, madankollu ppermettew lill-Qorti tal-Ġustizzja żżid li l-prinċipju ta' projbizzjoni tal-prattiċi abużivi, jiġifieri t-tranżazzjonijiet li mhumiex imwettqa fil-kuntest ta' tranżazzjonijiet kummerċjali normali, iżda biss bl-iskop li jibbenefikaw b'mod abbużiv mill-vantaġġi previsti mid-dritt Komunitarju, huwa applikabbli wkoll għall-qasam tal-VAT. Għaldaqstant, il-persuna taxxabbli ma tistax tnaqqas l-*input* VAT imħallsa meta t-tranżazzjonijiet li jagħtu lok għal dan id-dritt huma kostituttivi ta' prattika abużiva. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li l-eżistenza ta' prattika abużiva fil-qasam tal-VAT tippreżupponi li jiġu sodifatti żewġ kundizzjonijiet. Minn naħa, it-tranżazzjonijiet in kwistjoni, minkejja l-applikazzjoni formali tal-kundizzjonijiet previsti fis-Sitt Direttiva u fil-leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponiha, għandhom ikollhom bħala riżultat li jiksbu vantaġġ fiskali li l-għoti tiegħu jkun kuntrarju għall-għan imfittex minn dawn id-dispożizzjonijiet. Min-naħa l-oħra, għandu jirriżulta wkoll minn bosta elementi oġġettivi li l-iskop essenzjali tat-tranżazzjonijiet in kwistjoni huwa li jinkiseb vantaġġ fiskali, filwaqt li l-projbizzjoni ta' prattiċi abbużivi mhijiex rilevanti meta t-tranżazzjonijiet in kwistjoni jista' jkollhom ġustifikazzjoni oħra.

Barra minn hekk, f'dan il-kuntest ta' min jinnota t-tielet sentenza mogħtija fl-istess ġurnata fil-kawża *BUPA Hospitals u Goldsborough Developments* (sentenza tal-21 ta' Frar 2006, C-419/02, Ġabra p. I-1685) u li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 10(2) tas-Sitt Direttiva, li jipprovdi li, fil-każ ta' ħlas akkont, il-VAT issir eżiġibbli mingħajr ma jkunu għadhom ġew effettwati l-kunsinna jew l-għoti tas-servizzi, mhuwiex applikabbli għall-ammonti mħallsa akkont għal kunsinni ta' oġġetti jew għoti ta' servizzi li għadhom ma ġewx identifikati b'mod ċar.

Fil-kawża *Banca popolare di Cremona* (sentenza tat-3 ta' Ottubru 2006, C-475/03, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li t-taxxa reġjonali Taljana fuq l-attivitajiet produttivi (iktar 'il quddiem l-"IRAP") kienet kompatibbli mas-Sitt Direttiva 77/388, b'mod partikolari ma' l-Artikolu 33 tagħha li jipprojbixxi lill-Istati Membri milli jintroduċu jew iżommu fis-seħħ sistemi fiskali li għandhom in-natura ta' taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ. Sabiex waslet għal din il-konklużjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja pparagunat il-karatteristiċi ta' din it-taxxa ma' dawk tal-VAT. F'dan ir-rigward, hija kkonstatat li l-IRAP hija taxxa kkalkulata fuq il-valur nett tal-produzzjoni ta' l-impriża matul perijodu determinat (id-differenza bejn il-"valur tal-produzzjoni" u l-"kostijiet tal-produzzjoni"), li jinkludi elementi li fihom infushom m'għandhomx rabta diretta mal-provvista ta' oġġetti jew ta' servizzi. Għalhekk, kuntrarjament għall-VAT, l-IRAP mhijiex proporzjonali għall-prezz ta' l-oġġetti jew tas-servizzi pprovduti. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-persuni taxxabbli m'għandhomx il-possibbiltà li jgħaddu l-piż tat-taxxa in kwistjoni lil ħaddieħor, b'mod li din it-taxxa mhijiex maħsuba li tiġi mgħoddija lill-konsumatur finali, filwaqt li l-

VAT hija imposta biss fuq il-konsumatur finali u hija perfettament newtrali fir-rigward tal-persuni suġġetti għat-taxxa li kellhom sehem fil-proċess ta' produzzjoni u ta' distribuzzjoni qabel l-istadju ta' impożizzjoni finali irrispettivament min-numru ta' tranżazzjonijiet li jkunu seħħew qabel dan l-istadju. Għaldaqstant, billi l-IRAP m'għandhiex il-karatteristiċi essenzjali kollha tal-VAT, hija ma tikkostitwixxix taxxa li għandha n-natura ta' taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ, fis-sens ta' l-Artikolu 33(1) tas-Sitt Direttiva, u din id-dispożizzjoni ma tipprekludix iż-żamma fis-seħħ tagħha.

## *Politika soċjali*

Id-Direttiva 93/104 dwar xi aspetti ta' l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol kienet fil-qalba ta' tliet kawżi filwaqt li l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni bejn il-ħaddiema rġiel u l-ħaddiem nisa kienet iċ-ċentru tar-raba' kawża[35] u l-ftehim qafas fuq ix-xogħol għal żmien fiss iċ-ċentru tal-ħames kawża.

Fil-kawża *Federatie Nederlandse Vakbeweging* (sentenza tas-6 ta' April 2006, C-124/05, Ġabra p. I-3423), il-Qorti tal-Ġustizzja, ġiet mistoqsija dwar il-kwistjoni jekk il-possibbiltà li jinfdew ġranet tal-perijodu minimu ta' *leave* annwali li jkunu akkumulaw matul is-snin ta' qabel tmurx kontra l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 93/104. Hija ddeċidiet li din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li hija tipprekludi dispożizzjoni nazzjonali li tippermetti, matul il-perijodu tal-kuntratt tax-xogħol, li l-ġranet ta' *leave* annwali skond l-Artikolu 7(1) ta' l-imsemmija Direttiva li ma jkunx sar użu minnhom matul sena partikolari jiġu msarrfa f'pagament ta' kumpens finanzjarju matul sena oħra. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-dritt għal-*leave* annwali mħallas ta' kull ħaddiem irid jitqies li huwa prinċipju ta' dritt soċjali Komunitarju li għandu importanza partikolari, li ma jistax jiġi dderogat u li l-implementazzjoni tiegħu mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti trid titwettaq biss fil-limiti espressament stabbiliti mid-Direttiva stess. Din id-Direttiva tistabbilixxi r-regola li tgħid li l-ħaddiem għandu normalment jibbenefika minn mistrieħ effettiv, bl-intenzjoni ta' protezzjoni effikaċi tas-sigurtà tiegħu u tas-saħħa tiegħu, billi huwa biss fil-każ fejn l-impjieg ikun ġie tterminat li l-Artikolu 7(2) tiegħu jippermetti li d-dritt tal-*leave* annwali mħallas jiġi msarraf f'kumpens finanzjarju.

Fil-kawżi *Robinson-Steele et* (sentenza tas-16 ta' Marzu 2006, C-131/04 u C-257/04, Ġabra p. I-2531), il-Qorti tal-Ġustizzja ppronunzjat ruħha fuq il-kompatibbiltà ma' l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/104 tal-ħlas tad-dritt għal-*leave* annwali fil-forma, skond ftehim kollettiv lokali, ta' l-allokazzjoni ta' parti mis-salarju mħallas lill-ħaddiem għax-xogħol imwettaq, mingħajr ma l-ħaddiem jirċievi, għal dan il-għan, ħlas addizzjonali għal dak imħallas għax-xogħol imwettaq. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat b'mod ċar li l-Artikolu 7 ta' l-imsemmija Direttiva jipprekludi li l-ħlas tal-*leave* minimu annwali skond din id-dispożizzjoni jkun is-suġġett ta' ħlasijiet parzjali mifruxa fuq il-perijodu annwali ta' xogħol korrispondenti u mħallsa mar-remunerazzjoni għax-xogħol imwettaq, u mhux ta' ħlas għal perijodu speċifiku li matulu l-ħaddiem effettivament jieħu l-*leave*.

[35] Direttiva tal-Kunsill 93/104/KE tat-23 ta' Novembru 1993 dwar xi aspetti ta' l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU L 307, p. 18), kif emendata bid-Direttiva 2000/34 tat-22 ta' Ġunju 2000 (ĠU L 195, p. 41).

Fil-kawża *Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit* (sentenza tas-7 ta' Settembru 2006, C-484/04, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni fil-kuntest proċedurali ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu. Skond id-Direttiva 93/104, kif emendata bid-Direttiva 2000/34, Stat Membru jonqos li jwettaq l-obbligi imposti fuqu jekk japplika fil-konfront ta' ħaddiema, li parti mill-ħin tax-xogħol tagħhom mhuwiex imkejjel jew predeterminat jew jista' jkun determinat mill-ħaddiem innifsu, minħabba l-karatteristiċi speċifiċi ta' l-attività tiegħu, id-deroga minn ċerti regoli dwar id-dritt għall-mistrieħ, u jekk ma jadottax il-miżuri neċessarji għall-implementazzjoni tad-drittijiet għall-mistrieħ ta' kuljum u ta' kull ġimgħa tal-ħaddiema. L-effett utli tad-drittijiet mogħtija lill-ħaddiema permezz ta' l-imsemmija Direttiva jimplika neċessarjament l-obbligu ta' l-Istati Membri li jiggarantixxu l-osservanza tad-dritt li l-ħaddiema jibbenefikaw minn mistrieħ effettiv. Stat Membru li, wara li jwettaq it-traspożizzjoni, jipprovdi d-dritt tal-ħaddiema għall-mistrieħ u li, fil-linji gwida indirizzati lil min iħaddem u lill-ħaddiema dwar l-implementazzjoni ta' l-imsemmija drittijiet, jindika li min iħaddem mhuwiex madankollu marbut li jassigura li l-ħaddiema jgawdu effettivament minn tali drittijiet la jiggarantixxi l-osservanza tar-rekwiżiti minimi stipulati f'din l-istess Direttiva u lanqas l-osservanza ta' l-għan essenzjali tagħha. Bil-fatt li jagħtu l-impressjoni li, għalkemm min iħaddem ma jistax iwaqqaf lill-ħaddiema milli jieħdu dawn il-perijodi minimi ta' mistrieħ, huwa m'għandu ebda obbligu jassigura li l-ħaddiema jkunu effettivament f'pożizzjoni li jeżerċitaw tali dritt, tali linji gwida kjarament jistgħu jirrendu d-drittijiet stabbiliti bl-imsemmija Direttiva mingħajr skop u mhumiex konformi ma' l-għan ta' din ta' l-aħħar, li tqis li l-perijodi minimi ta' mistrieħ huma indispensabbli għall-protezzjoni tas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema.

Fil-kawża *Cadman* (sentenza tat-3 ta' Ottubru 2006, C-17/05, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tinterpreta l-Artikolu 141 KE, filwaqt li ppreċiżat is-sentenza *Danfoss* (sentenza tas-17 ta' Ottubru 1989, 109/88, Ġabra p. 3199) li, wara li rrilevat li l-użu tal-kriterju ta' l-anzjanità seta' jwassal għal trattament inqas favorevoli tal-ħaddiema nisa minn dak tal-ħaddiema rġiel, ikkonstatat li dak li jħaddem m'għandux bżonn jagħti ġustifikazzjoni speċjali għall-użu ta' dan il-kriterju. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li, billi bħala regola ġenerali, l-użu tal-kriterju ta' l-anzjanità huwa xieraq sabiex jintlaħaq l-għan leġittimu li tiġi rrikumpensata l-esperjenza miksuba li tippermettii lill-ħaddiem jaqdi dmirijietu aħjar, fil-każ meta l-użu ta' dan il-kriterju bħala element li jgħin sabiex jiġu stabbiliti l-pagi jwassal għal differenzi fil-paga, għal xogħol ugwali jew għal xogħol ta' valur ugwali, bejn il-ħaddiema rġiel u l-ħaddiema nisa li għandhom jiġu inklużi fil-paragun, dak li jħaddem m'għandux bżonn jipprova partikolarment li l-użu ta' dan il-kriterju huwa xieraq sabiex jintlaħaq l-imsemmi għan f'dak li jikkonċerna impjieg partikolari, sakemm il-ħaddiem ma jipprovdix provi li jistgħu jnisslu dubji serji f'dan ir-rigward. F'dan il-każ, huwa dak li jħaddem li għandu jipprova li dak li huwa minnu bħala regola ġenerali, jiġifieri li l-anzjanità tmur id f'id ma' l-esperjenza u li din tippermetti lill-ħaddiem li jaqdi dmirijietu aħjar, japplika wkoll għall-impjieg in kwistjoni. Barra minn hekk, meta, sabiex tiġi stabbilita l-paga, tintuża sistema ta' klassifikazzjoni ta' impjiegi bbażata fuq evalwazzjoni tax-xogħol li għandu jsir, mhuwiex meħtieġ li jiġi ppruvat li ħaddiem meqjus individwalment kiseb, matul il-perijodu rilevanti, esperjenza li ppermettietlu jwettaq xogħlu aħjar. Min-naħa l-oħra, għandha tittieħed in kunsiderazzjoni b'mod oġġettiv in-natura tax-xogħol li għandu jsir.

Fil-kawża *Adeneler et* (sentenza ta' l-4 ta' Lulju 2006, C-212/04, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tinterpreta l-klawżoli 1 u 5 tal-ftehim qafas fuq ix-xogħol għal żmien fiss, konkluż fit-18 ta' Marzu 1999, li jinsab fl-Anness tad-

Direttiva 1999/70, dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP[36]. Filwaqt li kkonstatat li l-imsemmi ftehim qafas ma jistipulax obbligu ġenerali ta' l-Istati Membri li jipprovdu għat-tibdil tal-kuntratti ta' xogħol għal żmien fiss f'kuntratti għal żmien indefinit, hija ddeċidiet li l-użu ta' kuntratti għal żmien fiss suċċessivi li huwa ġġustifikat minħabba l-fatt biss li huwa previst minn dispożizzjoni leġiżlattiva jew regolamentari ġenerali ta' Stat Membru jmur kontra l-klawżola 5(1)(a) tal-ftehim qafas. Għall-kuntrarju, il-kunċett ta' "raġunijiet oġġettivi" skond l-imsemmija klawżola, li jiġġustifikaw it-tiġdid ta' kuntratti jew relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien fiss suċċessivi, jirrikjedi li r-rikors għal dan it-tip partikolari ta' relazzjonijiet ta' xogħol, kif previst mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, ikun iġġustifikat minħabba l-eżistenza ta' elementi konkreti li għandhom x'jaqsmu b'mod partikolari ma' l-attività in kwistjoni u l-kundizzjoni ta' l-eżerċizzju tagħha. Bl-istess mod, leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li huma biss il-kuntratti jew relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien fiss li mhumiex separati la wieħed u l-anqas l-ieħor b'terminu ta' żmien aktar minn 20 ġurnata xogħol li għandhom jiġu kkunsidrati bħala li għandhom natura "suċċessiva" skond l-imsemmija klawżola tmur kontra dan il-ftehim. Tali dispożizzjoni tikkompromettі l-iskop, l-għan u l-effettività tal-ftehim qafas, billi hija tippermetti li jiġu impjegati ħaddiema b'mod prekarju matul is-snin, minħabba li, fil-prattika, il-ħaddiem ġeneralment ma jkollux għażla oħra ħlief li jaċċetta interruzzjonijiet ta' 20 ġurnata xogħol fil-kuntest ta' katina ta' kuntratti li jorbtuh mal-persuna li timpjegah. Fl-aħħar nett, l-imsemmi ftehim qafas jostakola l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi b'mod assolut, fis-settur pubbliku biss, li tbiddel f'kuntratti ta' xogħol għal żmien indefinit sensiela ta' kuntratti għal terminu fiss li, fil-fatt, kellhom bħala skop li jkopru "bżonnijiet permanenti u fit-tul" tal-persuna li timpjega u għandhom jiġu kkunsidrati bħala abbużivi.

## *Kooperazzjoni f'materji ċivili u ġudizzjarji*

F'dan il-qasam, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tinterpreta l-Konvenzjoni ta' Brussell ta' l-1968 u r-Regolament Nru 1346/2000 dwar proċedimenti ta' falliment.

Fil-kuntest tal-Protokoll tat-3 ta' Ġunju 1971 dwar l-interpretazzjoni, mill-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Konvenzjoni tas-27 ta' Settembru 1968 dwar il-ġurisdizzjoni u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi ta' natura ċivili u kummerċjali[37], il-Qorti tal-Ġustizzja ppronunzjat ruħha fuq il-portata tar-regola tal-ġurisdizzjoni esklużiva prevista fl-Artikolu 16(4), f'dak li jirrigwarda l-kawżi dwar ir-reġistrazzjoni jew il-validità tal-privattivi. Fil-kawża *GAT* (sentenza tat-13 ta' Lulju 2006, C-4/03, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), il-punt li tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kien dwar jekk il-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' l-Istat kontraenti li fit-territorju tiegħu jkun intalab id-depożitu jew ir-reġistrazzjoni, fejn dan seħħ jew fejn huwa meqjus li seħħ skond konvenzjoni internazzjonali, kinitx tikkonċerna l-kawżi kollha li jirrigwardaw ir-reġistrazzjoni jew il-validità ta' privattiva, indipendentement minn jekk il-kwistjoni titqajjimx permezz ta' azzjoni jew permezz ta' eċċezzjoni, jew biss dawk fejn il-kwistjoni titqajjem permezz ta' azzjoni. Wara li wettqet interpretazzjoni teleoloġika ta' l-Artikolu

36 Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP (ĠU L 175, p. 43).

37 ĠU 1975, L 204, p. 28.

16(4) ta' l-imsemmija Konvenzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-ġurisdizzjoni esklużiva prevista minn din id-dispożizzjoni għandha tiġi applikata jkun xi jkun il-kuntest proċedurali li fih titqajjem il-kwistjoni tar-reġistrazzjoni jew tal-validità ta' privattiva, kemm jekk permezz ta' azzjoni kif ukoll jekk permezz ta' eċċezzjoni, kemm jekk meta titressaq l-istanza kif ukoll jekk fi stadju iktar avvanzat ta' din ta' l-aħħar. Hija biss din is-soluzzjoni li tippermetti, fil-fatt, li jiġi ggarantit li n-natura mandatorja tar-regola ta' ġurisdizzjoni stabbilita ma tiġix evitata, li l-prevedibbiltà tar-regoli ta' ġurisdizzjoni stabbilit mill-Konvenzjoni tiġi mħarsa u li r-riskju ta' deċiżjonijiet kuntrastanti jiġi evitat.

Fil-kawża *Eurofood IFSC* (sentenza tat-2 ta' Mejju 2006, C-341/04, Ġabra p. I-3813), il-Qorti tal-Ġustizzja pprovdiet spjegazzjonijiet importanti fir-rigward tar-Regolament Nru 1346/2000 dwar proċedimenti ta' falliment[38]. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat il-kunċett ta' "ċentru ta' l-interessi prinċipali" tad-debitur, li jiddetermina l-qrati li għandhom il-ġurisdizzjoni biex jiftħu proċedimenti ta' falliment u li, għall-kumpanniji, huwa preżunt fin-nuqqas ta' prova kuntrarja li huwa l-post ta' l-uffiċċju reġistrat. Meta kumpannija *parent* u s-sussidjarja tagħha jkollhom l-uffiċċju reġistrat rispettiv tagħhom f'żewġ Stati Membri differenti, l-identifikazzjoni taċ-ċentru ta' l-interessi prinċipali tal-kumpannija sussidjarja b'hekk tkun partikolarment importanti fis-sistema ta' determinazzjoni tal-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' l-Istati Membri stabbilita permezz tar-Regolament (dan il-każ kien jirrigwarda sussidjarja Irlandiża tal-kumpannija Taljana Parmalat). Wara li ddikjarat li, fl-imsemmija sistema, teżisti ġurisdizzjoni tal-qrati proprja għal kull debitur li huwa entità ġuridikament distinta, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li, sabiex tiġi ggarantita ċ-ċertezza legali u l-previdibbiltà rigward id-determinazzjoni tal-qorti kompetenti, il-preżunzjoni favur l-uffiċċju rreġistrat tista' tiġi skartata biss jekk elementi oġġettivi u aċċertabbli minn terzi jippermettu li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' sitwazzjoni reali differenti minn dik li l-post ta' l-imsemmi uffiċċju rreġistrat huwa meqjus li jirrifletti. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tat l-eżempju ta' kumpannija "kaxxa ta' l-ittri" li ma teżerċita ebda attività fil-post ta' l-uffiċċju reġistrat tagħha. Min-naħa l-oħra, hija enfasizzat li s-sempliċi fatt li l-għażliet ekonomiċi ta' kumpannija huma jew jistgħu jkunu kkontrollati minn kumpannija *parent* stabbilita fi Stat Membru ieħor mhuwiex biżżejjed sabiex tiġi eliminata l-preżunzjoni. Barra minn hekk, ta' min jinnota li s-sentenza *Eurofood IFSC* stabbiliet li l-prinċipju ta' fiduċja reċiproka jeskludi li l-qrati ta' Stat Membru jistħarrġu l-ġurisdizzjoni ta' l-Istat ta' ftuħ fir-rigward tal-proċedimenti prinċipali ta' falliment.

## *Kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali*

F'żewġ kawżi għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat l-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni li timplementa l-Ftehim ta' Schengen[39] li jistabbilixxi l-prinċipju *non bis in idem* fil-kuntest tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali u, iktar preċiżament, spjegat x'għandhom ifissru t-termini "l-istess azzjonijiet" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

[38] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar proċedimenti ta' falliment (ĠU L 160, p. 1).

[39] Konvenzjoni li timplementa l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet ta' l-Istati ta' l-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija bil-mod ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom (ĠU L 239, 2000, p. 19).

Fil-kawża *Van Esbroeck* (sentenza tad-9 ta' Marzu 2006, C-436/04, Ġabra p. I-2333), wara li speċifikat li l-imsemmi prinċipju għandu jiġi applikat għal proċedimenti kriminali li nbdew fi Stat kontraenti għal azzjonijiet li kienu diġà taw lok għall-kundanna tal-persuna kkonċernata fi Stat kontraenti ieħor, anki jekk din il-Konvenzjoni kienet għadha ma daħlitx fis-seħħ f'dan l-aħħar Stat fil-mument ta' l-għoti ta' din is-sentenza, sakemm hija kienet fis-seħħ fl-Istati kontraenti in kwistjoni fil-mument ta' l-evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-prinċipju *non bis in idem* mill-qorti li quddiemha tressqu t-tieni proċedimenti, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni li timplementa l-Ftehim ta' Schengen għandu jiġi interpretat fis-sens li, minn naħa, il-kriterju rilevanti għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu huwa kkostitwit minn dak ta' l-identiċità tal-fatti materjali, mifhuma bħala l-eżistenza ta' ġabra ta' azzjonijiet inseparabbilment marbuta bejniethom, indipendentement mill-klassifikazzjoni ġuridika ta' dawn il-fatti jew ta'l-interess ġuridiku protett u, min-naħa l-oħra, il-fatti punibbli li jikkonsistu fl-esportazzjoni u fl-importazzjoni ta'l-istess drogi narkotiċi u li fir-rigward tagħhom tmexxew proċedimenti kriminali fi Stati kontraenti differenti għal din il-Konvenzjoni, bħala prinċipju, għandhom jiġu kkunsidrati bħala "l-istess azzjonijiet" skond dan l-Artikolu 54, u l-evalwazzjoni finali fuq dan il-punt tappartjenti lill-qrati nazzjonali kompetenti.

Fil-kawża *Van Straaten* (sentenza tat-28 ta' Settembru 2006, C-150/05, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), li fiha tqajmet kwistjoni simili li ngħatat risposta identika, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li l-prinċipju *non bis in idem* għandu jiġi applikat għal deċiżjoni ta' l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' Stat kontraenti, li biha akkużat ikun ġie lliberat b'mod definittiv minħabba insuffiċjenza ta' provi.

# B – Kompożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja



(Ordni Protokollari fit-12 ta' Ottubru 2006)

*L-ewwel filliera, mix-xellug għal-lemin:*

E. Juhász, P. Kūris, R. Schintgen, A. Rosas u P. Jann, Presidenti ta' Awla; V. Skouris, President tal-Qorti tal-Ġustizzja; C.W.A. Timmermans u K. Lenaerts, Presidenti ta' Awla; J. Kokott, Avukat Ġenerali Prinċipali; J. Klučka, President ta' Awla.

*It-tieni filliera, mix-xellug għal-lemin:*

G. Arestis, K. Schiemann, R. Silva de Lapuerta u A. Tizzano, Imħallfin; D. Ruiz-Jarabo Colomer, Avukat Ġenerali; J. N. Cunha Rodrigues, Imħallef; M. Poiares Maduro, Avukat Ġenerali; J. Makarczyk u M. Ilešič, Imħallfin.

*It-tielet filliera, mix-xellug għal-lemin:*

E. Levits, Imħallef; P. Mengozzi, Avukat Ġenerali; L. Bay Larsen, U. Lõhmus, J. Malenovský u A. Borg Barthet, Imħallfin; E. Sharpston, Avukat Ġenerali; P. Lindh, Imħallef.

*Ir-raba' filliera, mix-xellug għal-lemin:*

V. Trstenjak, Avukat Ġenerali; J.-C. Bonichot u A. Ó Caoimh, Imħallfin; Y. Bot, Avukat Ġenerali; J. Mazák, Avukat Ġenerali; T. von Danwitz, Imħallef; u R. Grass, Reġistratur.

# 1. Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja

*(skond l-ordni tad-dħul fil-kariga)*



## Vassilios Skouris

Imwieled fl-1948; iggradwat fil-liġi mill-Freien Universität ta' Berlin (1970); Duttur tad-Dritt Kostituzzjonali u Amministrattiv mill-Università ta' Amburgu (1973); Assistent Professur fl-Università ta' Amburgu (1972-77); Professur tad-Dritt Pubbliku fl-Università ta' Bielefeld (1978); Professur tad-Dritt Pubbliku fl-Università ta' Tessaloniki (1982); Ministru ta' l-Intern (1989 u 1996); Membru tal-Kumitat Amministrattiv ta' l-Università ta' Kreta (1983-87); Direttur taċ-Ċentru tad-Dritt Ekonomiku Internazzjonali u Ewropew ta' Tessaloniki (mill-1997); President ta' l-Assoċjazzjoni Ellenika tad-Dritt Ewropew (1992-94); Membru tal-Kumitat Nazzjonali Grieg għar-Riċerka (1993-95); Membru tal-Kumitat Superjuri għas-selezzjoni ta' l-uffiċjali tas-servizz pubbliku Grieg (1994-96); Membru tal-Kunsill Xjentifiku ta' l-Akkademja tad-Dritt Ewropew ta' Trier (mill-1995); Membru tal-Kumitat Amministrattiv tal-Kulleġġ Nazzjonali Grieg tal-Maġistratura (1995-96); Membru tal-Kunsill Xjentifiku tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin (1997-99); President tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali Grieg fl-1998; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mit-8 ta' Ġunju 1999; President tal-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2003.



## Francis Geoffrey Jacobs

Imwieled fl-1939; Barrister; Queen's Counsel; uffiċjal fis-Segretarjat tal-Kummissjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem; *Référendaire* ma' l-Avukat Ġenerali J. P. Warner; Professur tad-Dritt Ewropew fl-Università ta' Londra; Direttur tas-Centre of European Law ta' King's College, Londra; awtur ta' diversi xogħlijiet fuq id-Dritt Ewropew; Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 1988 sa l-10 ta' Jannar 2006.



## Claus Christian Gulmann

Imwieled fl-1942; Uffiċjal fil-Ministeru tal-Ġustizzja; *Référendaire* ma' l-Imħallef Max Sørensen; Professur tad-Dritt Internazzjonali Pubbliku u Dekan tal-Fakultà tal-Liġi fl-Università ta' Kopenħagen; Avukat; President u Membru ta' tribunali arbitrali; Membru tal-Qorti Amministrattiva ta' l-Appell; Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 1991 sas-6 ta' Ottubru 1994; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 1994 sa l-10 ta' Jannar 2006.



## Antonio Mario La Pergola

Imwieled fl-1931; Professur tad-Dritt Kostituzzjonali u tad-Dritt Pubbliku Ġenerali u Komparattiv (Universitajiet ta' Padova, ta' Bologna u ta' Ruma); Membru tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura (1976-1978); Membru tal-Qorti Kostituzzjonali u President tal-Qorti Kostituzzjonali (1986-1987); Ministru għall-Politika Komunitarja (1987-1989); Membru tal-Parlament Ewropew (1989-1994); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 1994 sal-31 ta' Diċembru 1994; Avukat Ġenerali mill-1 ta' Jannar 1995 sa l-14 ta' Diċembru 1999; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-15 ta' Diċembru 1999 sat-3 ta' Mejju 2006.



## Jean-Pierre Puissochet

Imwieled fl-1936; *conseiller d'État* (Franza); Direttur, wara Direttur Ġenerali tas-Servizz Legali tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej (1968-1973); Direttur Ġenerali ta' l-Aġenzija Nazzjonali għax-Xogħol (1973-1975); Direttur ta' l-amministrazzjoni ġenerali fil-Ministeru ta' l-Industrija (1977-1979); Direttur ta' l-affarijiet ġuridiċi fl-OECD (1979–1985); Direttur ta' l-Istitut Internazzjonali ta' l-Amministrazzjoni Pubblika (1985–1987) – *Jurisconsulte*, Direttur ta' l-affarijiet ġuridiċi fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin (1987-1994); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 1994 sas-6 ta' Ottubru 2006.



**Philippe Léger**

Imwieled fl-1938; Maġistrat fil-Ministeru tal-Ġustizzja (1966-1970); Kap tal-kabinett, wara Konsulent Tekniku fil-kabinett tal-Ministru għall-Kwalità tal-Ħajja fl-1976; Konsulent Tekniku fil-kabinett tal-Garde des Sceaux (1976-1978); Viċi Direttur ta' l-affarijiet kriminali u tal-grazzji (1978-1983); *Conseiller* fil-Cour d'appel ta' Pariġi (1983-1986); Assistent Direttur tal-kabinett tal-Garde des Sceaux, Ministru tal-Ġustizzja (1986); President tat-Tribunal de grande instance ta' Bobigny (1986–1993); Direttur tal-kabinett tal-Ministru ta' l-Istat, Garde des Sceaux, Ministru tal-Ġustizzja u Avukat Ġenerali fil-Cour d'appel ta' Pariġi (1993-1994); Professur Assoċjat fl-università René Descartes (Paris V) (1988-1993); Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 1994 sas-6 ta' Ottubru 2006.



**Peter Jann**

Imwieled fl-1953; Duttur tal-liġi mill-Università ta' Vjenna (1957); nomina bħala mħallef u assenjazzjoni lill-Ministeru Federali tal-Ġustizzja (1961); Imħallef fil-qasam ta' l-istampa fis-Straf-Bezirksgericht ta' Vjenna (1963-1966); kelliem għall-Ministeru Federali tal-Ġustizzja (1966-1970), wara funzjonijiet fid-diviżjoni internazzjonali ta' l-istess ministeru; Konsulent għall-Kummissjoni tal-Ġustizzja u kelliem fil-Parlament (1973-1978); nomina bħala Membru tal-Qorti Kostituzzjonali (1978); Imħallef relatur permanenti f`din il-Qorti sa l-aħħar ta' l-1994; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mid-19 ta' Jannar 1995.



**Dámaso Ruiz-Jarabo Colomer**

Imwieled fl-1949; Imħallef; Maġistrat fil-Consejo General Del Poder Judicial (Kunsill Superjuri tal-Maġistratura); Professur; Kap tal-kabinett tal-President tal-Kunsill tal-Maġistratura; Imħallef *ad hoc* tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem; Maġistrat fit-Tribunal Supremo mill-1996; Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mid-19 ta' Jannar 1995.



## Romain Schintgen

Imwieled fl-1939; Amministratur Ġenerali fil-Ministeru tax-Xogħol; President tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali; Amministratur tas-Soċjetà Nazzjonali ta' Kreditu u Investiment u tas-Soċjetà Ewropea tas-Satelliti; Membru nominat mill-Gvern tal-Kumitat tal-Fond Soċjali Ewropew, tal-Kumitat Konsultattiv għall-Moviment Liberu tal-Ħaddiema u tal-Kunsill ta' l-Amministrazzjoni tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol; Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mill-25 ta' Settembru 1989 sal-11 ta' Lulju 1996; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mit-12 ta' Lulju 1996.



## Ninon Colneric

Imwielda fl-1948; studjat f'Tübingen, fi Munich u f'Ġinevra; wara xi riċerki xjentifiċi f'Londra, Duttur tal-Liġi mill-Università ta' Munich; Imħallef fl-Arbeitsgericht Oldenburg; awtorizzata mill-Università ta' Bremen sabiex tgħallem id-dritt industrijali, is-soċjoloġija tad-dritt u d-dritt soċjali; Professur *ad interim* fil-Fakultà tal-Liġi ta' l-Universitajiet ta' Frankfurt u ta' Brema; President tal-Landesarbeitsgericht Schleswig-Holstein (1989); kollaborazzjoni, bħala esperta, fil-proġett ta' l-European Expertise Service (EU) dwar ir-riforma tal-liġi industrijali fil-Kirgizstan (1994-1995); Professur Onorarju tad-Dritt Industrijali, speċifikament id-Dritt Industrijali Ewropew, fl-Università ta' Brema; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-15 ta' Lulju 2000 sas-6 ta' Ottubru 2006.



## Stig von Bahr

Imwieled fl-1939; ħadem ma' l-*Ombudsman* parlamentari u mas-segretarjat ġenerali tal-Gvern Żvediż, kif ukoll ma' ministeri, partikolarment bħala Assistent Sotto-segretarju fil-Ministeru tal-Finanzi; nominat bħala Mħallef fil-Kammarrätten (Qorti Amministrattiva ta' l-Appell) ta' Göteborg fl-1981, wara Mħallef fir-Regeringsrätten (Qorti Amministrattiva Suprema) fl-1985; ikkontribwixxa numru ta' rapporti uffiċjali, partikolarment fil-qasam tal-leġiżlazzjoni fiskali u tal-kontabbiltà; kien, fost karigi oħra, President tal-Kumitat tat-Tassazzjoni fuq id-Dħul Aġġustata skond l-Inflazzjoni, President tal-Kumitat tal-Kontabbiltà u Relatur speċjali tal-Kumitat dwar ir-Regoli tat-Tassazzjoni tas-Soċji f'Kumpanniji Privati; kien wkoll President tal-Kunsill dwar ir-Regoli tal-Kontabbiltà u Membru tal-Kunsill ta' l-Amministrazzjoni Ġudizzjarja Nazzjonali, kif ukoll tal-Kunsill ta' l-Awtorità tas-Sorveljanza Finanzjarja; ippubblika bosta artikli, partikolarment fil-qasam tal-leġiżlazzjoni fiskali; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2000 sas-6 ta' Ottubru 2006.



## Antonio Tizzano

Imwieled fl-1940; diversi inkarigi ta' tagħlim ma' universitajiet Taljani; Konsulent legali mar-Rappreżentanza Permanenti ta' l-Italja għall-Komunitajiet Ewropej (1984-1992); Avukat fil-Corte di Cassazione u fi qrati superjuri oħra; Membru tad-delegazzjoni Taljana fl-okkażjoni ta' negozjati internazzjonali u konferenzi intergovernattivi, fosthom dawk relatati ma' l-Att Uniku Ewropew u mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea; responsabbli għal diversi pubblikazzjonijiet; Membru tal-grupp ta' esperti indipendenti nominat sabiex jeżamina l-finanzi tal-Kummissjoni Ewropea (1999); Professur tad-Dritt Ewropew, Direttur ta' l-Istitut tad-Dritt Internazzjonali u Ewropew ta' l-Università ta' Ruma; Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2000 sat-3 ta' Mejju 2006; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-4 ta' Mejju 2006.



## José Narciso da Cunha Rodrigues

Imwieled fl-1940; karigi ġudizzjarji diversi (1964-1977); inkarigat b'diversi missjonijiet mill-Gvern intiżi sabiex jitwettqu u jiġu kkoordinati studji fuq ir-Riforma tas-Sistema Ġudizzjarja; aġent tal-Gvern mal-Kummissjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (1980-1984); espert fi ħdan il-Kumitat ta' Direzzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill ta' l-Ewropa (1980-1985); Membru tal-Kummissjoni għar-Reviżjoni tal-Kodiċi Penali u tal-Kodiċi ta' Proċedura Penali; Procurador-Geral da República (1984-2000); Membru tal-Kumitat tas-Sorveljanza ta' l-Uffiċċju Ewropew kontra l-Frodi (OLAF) (1999-2000); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2000.



## Christiaan Willem Anton Timmermans

Imwieled fl-1941; *Référendaire* fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (1966-1969); Uffiċjal mal-Kummisjoni tal-Komunitajiet Ewropej (1969-1977); Duttur tal-Liġi (Università ta' Leiden); Professur tad-Dritt Ewropew fl-Università ta' Groningen (1977-1989); Assistent Imħallef fil-Qorti ta' l-Appell ta' Arnhem; ikkontribwixxa diversi pubblikazzjonijiet; Assistent Direttur Ġenerali fis-Servizz Legali tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (1989-2000); Professur tad-Dritt Ewropew fl-Università ta' Amsterdam; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2000.



## Leendert A. Geelhoed

Imwieled fl-1942; Assistent tar-riċerka fl-Università ta' Utrecht (1970-1971); *Référendaire* fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (1971-1974); Konsulent Prinċipali fil-Ministeru tal-Ġustizzja (1975-1982); Membru tal-Kunsill Konsultattiv fuq il-Politika Governattiva (1983-1990); diversi inkarigi ta' tagħlim; Segretarju Ġenerali tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Ekonomiċi (1990-1997); Segretarju Ġenerali tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Ġenerali (1997-2000); Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2000 sas-6 ta' Ottubru 2006.



## Christine Stix-Hackl

Imwielda fl-1957; Duttur tal-Liġi (Università ta' Vjenna); studji post-universitarji fid-Dritt Ewropew (Collège d'Europe, Bruges); Membru tas-servizz diplomatiku Awstrijaku (mill-1982); Esperta għall-kwistjonijiet relatati ma' l-Unjoni Ewropea fl-Uffiċċju tal-Konsulent Legali tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin (1984-1988); Servizz Legali tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (1989); Kap tas-"Servizz Legali - UE" fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin (1992-2000, Ministru Plenipotenzjarju); parteċipazzjoni fin-negozjati fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea u fuq l-adeżjoni tar-Repubblika Awstrijaka ma' l-Unjoni Ewropea, aġent tar-Repubblika Awstrijaka fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej mill-1995; Konslu Ġenerali ta' l-Awstrija f'Zurich (2000); inkarigi ta' tagħlim u pubblikazzjonijiet; Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2000 sas-6 ta' Ottubru 2006.



## Allan Rosas

Imwieled fl-1948; Duttur tal-Liġi fl-Università ta' Turku (Finlandja); Professur tal-Liġi fl-Università ta'Turku (1978-1981) u fl-Åbo Akademi (Turku/Åbo) (1981-1996); Direttur ta' l-Istitut tad-Drittijiet tal-Bniedem ta'l-istess Akkademja (1985-1995); diversi karigi universitarji ta'responsabbiltà, nazzjonali u internazzjonali; Membru ta'soċjetajiet esperti; koordinazzjoni ta' diversi proġetti u programmi ta' riċerka, nazzjonali u internazzjonali, partikolarment fl-oqsma segwenti: dritt Komunitarju, dritt internazzjonali, drittijiet tal-bniedem u drittijiet fundamentali, dritt kostituzzjonali u amministrazzjoni pubblika komparattiva; rappreżentant tal-Gvern Finlandiż bħala membru jew konsulent tad-delegazzjonijiet Finlandiżi f'diversi konferenzi u laqgħat internazzjonali; kariga ta'espert tal-ħajja ġuridika Finlandiża, partikolarment fi ħdan il-kummissjonijiet ġuridiċi governattivi jew parlamentari fil-Finlandja, kif ukoll fin-Nazzjonijiet Uniti, fil-UNESCO, fl-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSCE) u fil-Kunsill ta' l-Ewropa; mill-1995, Konsulent Legali Prinċipali fis-Servizz Legali tal-Kummissjoni Ewropea, responsabbli għar-relazzjonijiet barranin; minn Marzu 2001, Assistent Direttur Ġenerali tas-Servizz Legali tal-Kummissjoni Ewropea; Imħallef fil-Qorti fil-Ġustizzja mis-17 ta' Jannar 2002.



## Rosario Silva de Lapuerta

Imwielda fl-1954; iggradwata fil-liġi (Università Complutense de Madrid); Abogado del Estado f'Málaga; Abogado del Estado fis-servizz legali tal-Ministeru tat-Transport, tat-Turiżmu u tal-Komunikazzjonijiet, wara fis-servizz legali tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin; Abogado del Estado-Jefe tas-servizz legali ta' l-Istat, responsabbli għal proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u Viċi-Direttur Ġenerali fis-servizz ta' l-assistenza legali Komunitarja u internazzjonali ta' l-Abogacía General del Estado (Ministeru tal-Ġustizzja); Membru tal-Grupp ta' riflessjoni tal-Kummisjoni fuq il-ġejjieni tas-sistema ġudizzjarja Komunitarja; Kap tad-delegazzjoni Spanjola tal-Grupp "Amis de la Présidence" għar-riforma tas-sistema ġuridika Komunitarja fit-Trattat ta' Nizza u tal-grupp *ad hoc* "Qorti tal-Ġustizzja" tal-Kunsill; Professur tad-Dritt Komunitarju fil-Kulleġġ Diplomatiku ta' Madrid; Ko-direttriċi tar-rivista "Noticias de la Unión Europea"; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2003.



### Koen Lenaerts

Imwieled fl-1954; iggradwat fil-liġi u Duttur tal-Liġi (Katholieke Universiteit Leuven); Master of Laws, Master in Public Administration (Harvard University); Assistent (1979-1983), wara Professur tad-Dritt Ewropew fil-Katholieke Universiteit Leuven (mill-1983); *Référendaire* fil-Qorti tal-Ġustizzja (1984-1985); Professur fil-Collège d'Europe ta' Bruges (1984-1989); Avukat fl-avukatura ta' Brussell (1986-1989); Għalliem estern fil-Harvard Law School (1989); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mill-25 ta' Settembru 1989 sas-6 ta' Ottubru 2003; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2003.



### Juliane Kokott

Imwielda fl-1957; studji tal-liġi (Universitajiet ta' Bonn u ta' Ġinevra); LL.M. (American University/Washington D.C.); Duttur tal-Liġi (Università ta' Heidelberg, 1985; Università ta' Harvard, 1990); Għalliema esterna fl-Università ta' Berkeley (1991); Professur tad-Dritt Pubbliku Ġermaniż u Barrani, tad-Dritt Internazzjonali u tad-Dritt Ewropew fl-Universitajiet ta' Augsburg (1992), Heidelberg (1993) u Düsseldorf (1994); Imħallef supplenti għall-Gvern Ġermaniż fil-Qorti Internazzjonali tal-Konċiljazzjoni u Arbitraġġ ta' l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSCE); Viċi-President tal-Kunsill Konsultattiv Federali fuq it-Tibdil Globali (WBGU, 1996); Professur tad-Dritt Internazzjonali, tad-Dritt Internazzjonali tal-Kummerċ u tad-Dritt Ewropew fl-Università ta' St. Gallen (1999); Direttur ta' l-Istitut tad-Dritt Ewropew u Internazzjonali tal-Kummerċ fl-Università ta' St. Gallen (2000); Assistent Direttur tal-Programm ta' speċjalizzazzjoni fid-Dritt Kummerċjali fl-Università ta' St. Gallen (2001); Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2003.



### Luís Miguel Poiares Pessoa Maduro

Imwieled fl-1967; iggradwat fil-liġi (Università ta' Liżbona, 1990); Assistent Għalliem (Istitut Universitarju Ewropew, 1991); Duttur tal-liġi (Istitut Universitarju Ewropew ta' Firenze, 1996); *Visiting Professor* (Collège d'Europe ta' Natolin, Institut Ortega y Gasset ta' Madrid; Università Kattolika Portugiża; Istitut ta' l-Istudji Ewropej ta' Macao); Professur (Universidade Nova ta' Liżbona, 1997); Fulbright Visiting Research Fellow (Università ta' Harvard, 1998); Ko-direttur ta' l-Akkademja tad-Dritt Kummerċjali Internazzjonali; Ko-editur (Hart Series on European Law and Integration, European Law Journal) u Membru tal-kumitat editorjali ta' diversi rivisti ġuridiċi; Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2003.



**Konrad Hermann Theodor Schiemann**

Imwieled fl-1937; studji tal-liġi f'Cambridge; barrister (1964-1980); Queen's Counsel (1980-1986); Imħallef fil-High Court of England and Wales (1986-1995); Lord Justice of Appeal (1995-2003); Membru Anzjan ta' l-Honourable Society of the Inner Temple mill-1985, u Teżorier ta' l-istess soċjetà fl-2003; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mit-8 ta' Jannar 2004.



**Jerzy Makarczyk**

Imwieled fl-1938; Duttur tal-Liġi (1966), Professur tad-Dritt Internazzjonali Pubbliku (1974), *Senior Visiting Fellow* ma' l-Università ta' Oxford (1985); Professur ma' l-Università Kristjana Internazzjonali ta' Tokyo (1988); awtur ta' numru ta' pubblikazzjonijiet dwar id-dritt internazzjonali pubbliku, id-dritt Komunitarju u d-drittijiet tal-bniedem; membru ta' diversi soċjetajiet ta' esperti fil-qasam tad-dritt internazzjonali, dritt Ewropew u d-drittijiet tal-bniedem; Negozjatur tal-Gvern Pollakk għall-irtirar tat-truppi Russi mit-territorju tar-Repubblika tal-Polonja; Sotto-Segretarju ta' l-Istat, wara Segretarju ta' l-Istat għall-Affarijiet Barranin (1989-1992); President tad-delegazzjoni Pollakka għall-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti; Imħallef fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (1992-2002); President ta' l-Istitut tad-Dritt Internazzjonali (2003); Konsulent tal-President tar-Repubblika tal-Polonja għall-politika barranija u d-drittijiet tal-bniedem (2002-2004); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Mejju 2004.



## Pranas Kūris

Imwieled fl-1938; iggradwat fil-liġi mill-Università ta' Vilnius (1961); Dottorat fix-xjenzi legali mill-Università ta' Moska; Dottorat ta' l-Istat (Dr. hab), Università ta' Moska (1973); *Trainee* ma' l-*Institut des Hautes Études Internationales* (Direttur: Prof. Ch. Rousseau), Università ta' Pariġi (1967-1968); Membru ta' l-Akkademja tax-Xjenzi tal-Litwanja (1996); Duttur *honoris causa* ta' l-Università tal-Liġi tal-Litwanja (2001); varji inkarigi ta' tagħlim u inkarigi amministrattivi ma' l-Università ta' Vilnius (1961-1990); *Lecturer*, Assistent Professur u Professur tad-Dritt Internazzjonali Pubbliku u Dekan tal-Fakultà tal-Liġi; numru ta' inkarigi governattivi fi ħdan is-servizz diplomatiku u l-Ministeru tal-Ġustizzja tal-Litwanja; Ministru tal-Ġustizzja (1990-1991), Membru tal-Kunsill ta' l-Istat (1991), Ambaxxatur tar-Repubblika tal-Litwanja għall-Belġju, il-Lussemburgu u l-Olanda (1992-1994); Imħallef fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (l-antika) (Ġunju 1994 – Novembru 1988); Imħallef fil-Qorti Suprema tal-Litwanja u President ta' l-istess Qorti (Diċembru 1994 – Ottubru 1998); parteċipazzjoni f'numru ta' konferenzi internazzjonali; Membru tad-delegazzjoni tar-Repubblika tal-Litwanja għan-negozjati ma' l-Unjoni Sovjetika (1990-1992); awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet (madwar 200); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Mejju 2004.



## Endre Juhász

Imwieled fl-1944; iggradwat fil-liġi mill-Università ta' Szeged, l-Ungerija (1967); eżami għall-ammissjoni fl-avukatura Ungeriża (1970); studji *post-graduate* fid-Dritt Komparattiv fl-Università ta' Strasbourg, Franza (1969, 1970, 1971, 1972); Uffiċjal fid-dipartiment legali tal-Ministeru tal-Kummerċ Esteru (1966-1974), Direttur għall-affarijiet leġiżlattivi (1973-1974); *First Commercial Secretary* fl-Ambaxxata Ungeriża fi Brussell, responsabbli għall-affarijiet Komunitarji (1974-1979); Direttur fil-Ministeru tal-Kummerċ Esteru (1979-1983); *First Commercial Secretary*, wara Konsulent Kummerċjali fl-Ambaxxata Ungeriża f'Washington DC, l-Istati Uniti ta' l-Amerika (1983-1989); Direttur Ġenerali mal-Ministeru tal-Kummerċ u mal-Ministeru tar-Relazzjonijiet Ekonomiċi Internazzjonali (1989-1991); negozjatur prinċipali fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn ir-Repubblika ta' l-Ungerija u l-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom (1990-1991); Segretarju Ġenerali tal-Ministeru tar-Relazzjonijiet Ekonomiċi Internazzjonali, Direttur ta' l-Uffiċċju għall-Affarijiet Ewropej (1992); Segretarju ta' l-Istat mal-Ministeru tar-Relazzjonijiet Ekonomiċi Internazzjonali (1993-1994); Segretarju ta' l-Istat, President ta' l-Uffiċċju għall-Affarijiet Ewropej, Ministeru ta' l-Industrija u l-Kummerċ (1994); Ambaxxatur straordinarju u plenipotenzjarju, Kap tal-missjoni diplomatika tar-Repubblika ta' l-Ungerija għall-Unjoni Ewropea (Jannar 1995 – Mejju 2003); negozjatur prinċipali ta' l-adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Ungerija ma' l-Unjoni Ewropea (Lulju 1998 – April 2003); Ministru bla portafoll għall-koordinazzjoni ta' kwistjonijiet dwar l-integrazzjoni Ewropea (minn Mejju 2003); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Mejju 2004.



## George Arestis

Imwieled fl-1945; iggradwat fil-liġi mill-Università ta' Ateni (1968); M.A. Comparative Politics and Government, Università ta' Kent f'Canterbury (1970); prattika tal-professjoni ta' avukat f'Ċipru (1972-1982); nomina bħala District Court Judge (1982); promoss għall-kariga ta' President tad-District Court (1995); President Amministrattiv tad-District Court ta' Nikosija (1997-2003); Imħallef fil-Qorti Suprema ta' Ċipru (2003); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Mejju 2004.



## Anthony Borg Barthet U.O.M.

Imwieled fl-1947; Dottorat fil-liġi mir-Royal University of Malta fl-1973; daħal fis-servizz ċivili Malti bħala Nutar tal-Gvern fl-1975; Avukat tar-Repubblika fl-1978, Avukat anzjan tar-Repubblika fl-1979, Deputat Avukat Ġenerali fl-1988 u nominat Avukat Ġenerali mill-President tar-Repubblika ta' Malta fl-1989; Għalliem universitarju *part-time* fid-dritt ċivili fl-Università ta' Malta (1985-1989); Membru tal-Kunsill ta' l-Università ta' Malta (1998-2004); Membru tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja (1998-2004); Membru tal-Bord tad-Diretturi taċ-Ċentru Malti għall-Arbitraġġ (1998-2004); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Mejju 2004.



## Marko Ilešič

Imwieled fl-1947; Duttur tal-liġi (Università ta' Ljubljana); speċjalizzazzjoni fid-dritt komparattiv (Universitajiet ta' Strasbourg u ta' Coimbra); Avukat; Imħallef fil-Qorti Industrijali ta' Ljubljana (1975-1986); President tat-Tribunal ta' l-Isport (1978-1986); Arbitru fil-Qorti ta' l-Arbitraġġ tal-kumpannija ta' l-assigurazzjoni Triglav (1990-1998); President tal-Kamra ta' l-Arbitraġġ tal-Borża (mill-1995); Arbitru fil-Qorti ta' l-Arbitraġġ tal-Borża (mill-1998); Arbitru fil-Kamra tal-Kummerċ tal-Jugożlavja (sa l-1991) u tas-Slovenja (mill-1991); Arbitru fil-Kamra tal-Kummerċ Internazzjonali f'Pariġi; Imħallef fil-Bord ta' l-Appelli ta' l-UEFA (mill-1988) u tal-FIFA (mill-2000); President ta' l-Unjoni ta' l-Assoċjazzjonijiet ta' Avukati Sloveni; Membru ta' l-International Law Association, tal-Kumitat Marittimu Internazzjonali u ta' diversi assoċjazzjonijiet legali internazzjonali oħra; Professur tad-Dritt Ċivili, tad-Dritt Kummerċjali u tad-Dritt Internazzjonali Privat; Dekan tal-Fakultà tal-Liġi ta' l-Università ta' Ljubljana; awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet legali; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Mejju 2004.



## Jiří Malenovský

Imwieled fl-1950; Duttur tal-liġi miċ-Charles University ta' Praga (1975); Assistent għalliem universitarju (1974-1990), Viċi-Dekan (1989-1991) u Kap tad-Dipartiment tad-Dritt Internazzjonali u tad-Dritt Ewropew (1990-1992) fl-Università Masaryk ta' Brno; Imħallef fil-Qorti Kostituzzjonali Ċekoslovakka (1992); Ambaxxatur għall-Kunsill ta' l-Ewropa (1993-1998); President tal-Kumitat tad-delegati tal-Ministri tal-Kunsill ta' l-Ewropa (1995); Direttur Ġenerali fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin (1998-2000); President tas-sezzjoni Ċeka u Slovakka ta' l-Assoċjazzjoni ta' Dritt Internazzjonali (1999-2001); Imħallef fil-Qorti Kostituzzjonali (2000-2004); Membru tal-Kunsill Leġiżlattiv (1998-2000); Membru tal-Qorti Permanenti ta' l-Arbitraġġ f'The Hague (2000); Professur tad-Dritt Internazzjonali Pubbliku fl-Università Masaryk ta' Brno (2001); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Mejju 2004.



## Ján Klučka

Imwieled fl-1951; Duttur tal-liġi mill-Università ta' Bratislava (1974); Professur tad-Dritt Internazzjonali fl-Università ta' Kosice (mill-1975); Imħallef fil-Qorti Kostituzzjonali (1993); Membru tal-Qorti Permanenti ta' l-Arbitraġġ f'The Hague (1994); Membru tal-Kummissjoni ta' Venezja (1994); President ta' l-Assoċjazzjoni Slovakka tad-Dritt Internazzjonali (2002); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Mejju 2004.



## Uno Lõhmus

Imwieled fl-1952; Dottorat fil-liġi fl-1986; avukat (1977–1998); Għalliem estern tad-Dritt Kriminali fl-Università ta' Tartu; Imħallef fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (1994–1998); President tal-Qorti Suprema ta' l-Estonja (1998–2004); Membru tal-Kummissjoni Ġuridika dwar il-Kostituzzjoni; Konsulent mal-kumitat li abbozza l-Kodiċi Kriminali; membru tal-grupp ta' xogħol li abbozza l-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili; awtur ta' diversi xogħlijiet fuq id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt kostituzzjonali; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Mejju 2004.



## Egils Levits

Imwieled fl-1955; iggradwat fil-liġi u fix-xjenzi politiċi mill-Università ta' Hamburg; Assistent tar-riċerka fil-Fakultà tal-Liġi ta' l-Università ta' Kiel; Konsulent tal-Parlament tal-Latvja dwar kwistjonijiet ta' dritt internazzjonali, dritt kostituzzjonali u riforma leġiżlattiva; Ambaxxatur tar-Repubblika tal-Latvja għall-Ġermanja u għall-Iżvizzera (1992-1993), għall-Awstrija, għall-Iżvizzera u għall-Ungerija (1994-1995); Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja, Aġent Ministru għall-Affarijiet Barranin (1993-1994); Konċiljatur fil-Qorti tal-Konċiljazzjoni u ta' l-Arbitraġġ fi ħdan l-OSCE (mill-1997); Membru tal-Qorti Permanenti ta' l-Arbitraġġ (mill-2001); elett bħala mħallef fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-1995, ri-elett fl-1998 u fl-2001; diversi pubblikazzjonijiet fl-oqsma tad-dritt kostituzzjonali u tad-dritt amministrattiv, tar-riforma leġiżlattiva u tad-dritt Komunitarju; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Mejju 2004.



## Aindrias Ó Caoimh

Imwieled fl-1950; Bachelor fid-dritt ċivili (National University of Ireland, University College Dublin, 1971); Barrister (King's Inns, 1972); Diploma ta' studji superjuri fid-dritt Ewropew (University College Dublin, 1977); Barrister fil-qrati Irlandiżi (1972-1999); Assistent għalliem fid-dritt Ewropew (King's Inns, Dublin); Senior Counsel (1994-1999); irrappreżenta lill-Gvern Irlandiż f'diversi kawżi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej; Imħallef fil-High Court ta' l-Irlanda (mill-1999); Bencher (Dekan) ta' l-Honourable Society of King's Inns (mill-1999); Viċi-President ta' l-Assoċjazzjoni Irlandiża tad-Dritt Ewropew; Membru ta' l-Assoċjazzjoni tad-Dritt Internazzjonali (sezzjoni Irlandiża); bin Andreas O'Keeffe (Aindrias Ó Caoimh), Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja (1974-1985); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mit-13 ta' Ottubru 2004.



## Lars Bay Larsen

Imwieled fl-1953; Gradwat fix-Xjenza Politika (1976) u fil-Liġi (1983), Università ta' Kopenħagen; Uffiċjal fil-Ministeru tal-Ġustizzja (1983-1985); *Lecturer* (1984-1991), wara Assistent Professur (1991-1996) fid-Dritt tal-Familja fl-Università ta' Kopenħagen; Kap ta' Sezzjoni fl-Advokatsamfund (1985-1986); Kap ta' Dipartiment (1986-1991) fil-Ministeru tal-Ġustizzja; ammess fl-Avukatura (1991); Kap ta' Diviżjoni (1991-1995), Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija (1995-1999), Kap tad-Dipartiment Ġuridiku (2000-2003) fil-Ministeru tal-Ġustizzja; Rappreżentant tar-Renju tad-Danimarka fil-Kumitat K-4 (1995-2000), fil-Grupp Ċentrali ta' Schengen (1996-1998) u fil-Europol Management Board (1998-2000); Imħallef mal-Højesteret (2003-2006); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Jannar 2006.



## Eleanor Sharpston

Imwielda fl-1955; studji fl-ekonomija, fil-lingwi u fil-liġi f'King's College, Cambridge (1973-1977); Assistenta u Riċerkatriċi ma' Corpus Christi College, Oxford (1977-1980); ammessa fl-Avukatura (Middle Temple, 1980); Barrister (1980-1987 u 1990-2005); *Référendaire* ma' l-Avukat Ġenerali, wara Mħallef Sir Gordon Slynn (1987-1990); Professur tad-Dritt Ewropew u tad-Dritt Komparattiv (Director of Legal European Studies) ma' University College London (1990-1992); Professur (Lecturer) fil-Fakultà tal-Liġi (1992-1998), wara Assistenta Professur (Affiliated Lecturer) (1998-2005) fl-Università ta' Cambridge; Fellow of King's College Cambridge (mill-1992); Assistenta Professur u Riċerkatriċi (Senior Research Fellow) mas-Centre for European Legal Studies fl-Università ta' Cambridge (1998-2005); Queen's Counsel (1999); Bencher of Middle Temple (2005); Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Jannar 2006.



## Paolo Mengozzi

Imwieled fl-1938; Professur tad-Dritt Internazzjonali u detentur tal-Jean Monnet Chair of European Community Law ta' l-Università ta' Bologna; Duttur honoris causa ta' l-Università Carlos III ta' Madrid; *Visiting Professor* ta' l-universitajiet John Hopkins (Bologna Cener), St Johns (New York), Georgetown, Paris-II, Georgia (Athens) u ta' l-Institut universitaire international (Lussemburgu); koordinatur ta' l-European Business Law Pallas Program, organizzat fi ħdan l-Università ta' Nijmegen; membru tal-Kumitat Konsultattiv tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għall-kuntratti pubbliċi; Sotto Segretarju ta' l-Istat għall-Industrija u l-Kummerċ matul is-semestru tal-Presidenza Taljana tal-Kunsill; membru tal-grupp ta' riflessjoni tal-Komunità Ewropea dwar l-Organizzazzjoni Dinjija għall-Kummerċ (WTO) u Direttur tas-sessjoni 1997 taċ-Ċentru għar-Riċerka ta' l-Akkademja tad-Dritt Internazzjonali ta' The Hague li huwa ddedikat għall-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ; Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mill-4 ta' Marzu 1998 sat-3 ta' Marzu 2006; Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-4 ta' Mejju 2006.



## Pernilla Lindh

Imwielda fl-1942; gradwata fil-liġi mill-Università ta' Lund; Imħallef (assessor) fil-Qorti ta' l-Appell ta' Stokkolma; ġurista u Direttur Ġenerali tas-servizz ġuridiku mad-Diviżjoni tal-Kummerc fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin; Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mit-18 ta' Jannar 1995 sas-6 ta' Ottubru 2006; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2006.



## Yves Bot

Imwieled fl-1947; gradwat mill-fakultá tal-liġi ta' Rouen; dottorat fil-liġi (Università ta' Pariġi II Panthéon-Assas); Professur assoċjat fil-fakultà tal-liġi ta' Le Mans; Deputat Prosekutur Pubbliku u, sussegwentement, Deputat Prosekutur Pubbliku Anzjan fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku ta' Le Mans (1974-1982); Prosekutur Pubbliku mal-Qorti Reġjonali ta' Dieppe (1982-1984); Deputat Prosekutur Pubbliku mal-qorti Reġjonali ta' Strasbourg (1984-1986); Prosekutur Pubbliku mal-Qorti Reġjonali ta' Bastia (1986-1988); Avukat Ġenerali mal-Qorti ta' l-Appell ta' Caen (1988-1991); Prosekutur Pubbliku mal-Qorti Reġjonali ta' Le Mans (1991-1993); Konsulent speċjali mal-Minstru tal-Ġustizzja (1993-1995); Prosekutur Pubbliku mal-Qorti Reġjonali ta' Nanterre (1995-2002); Prosekutur Pubbliku mal-Qorti Reġjonali ta' Pariġi (2002-2004); Prosekutur Pubbliku Prinċipali mal-Qorti ta' l-Appell ta' Pariġi (2004-2006); Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2006.



## Ján Mazák

Imwieled fl-1954; dottorat fil-liġi (Università Pavol Jozef Safarik, Košice, 1978); Professur tad-dritt ċivili (1994) u tad-dritt Komunitarju (2004); Direttur ta' l-Istitut tad-Dritt Komunitarju fil-fakultà tal-liġi ta' Košice (2004); Imħallef fil-Krajský súd (Qorti Reġjonali) ta' Košice (1980); Viċi President (1982) u President (1990) tal-Mestský súd (Qorti tal-Belt) ta' Košice; membru ta' l-Assoċjazzjoni ta' l-Avukatura Slovakka (1991); konsulent legali mal-Qorti Kostituzzjonali (1993-1998); Viċi Ministru tal-Ġustizzja (1998-2000); President tal-Qorti Kostituzzjonali (2000-2006); membru tal-Kummissjoni ta' Venezja (2004); Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2006.



## Jean-Claude Bonichot

Imwieled fl-1955; gradwat fil-liġi mill-Università ta' Metz, gradwat ta' l-Institut d'études politiques ta' Pariġi, gradwat mill-École nationale d'administration; Relatur (1982-1985), Kummissarju tal-Gvern (1985-1987 u 1992-1999); Assessur (1999-2000); President tas-Sitt Sottosezzjoni tas-Sezzjoni Ġudizzjarja (2000-2006) fil-Conseil d'État; *Référendaire* mal-Qorti tal-Ġustizzja (1987-1991); Direttur ta' l-Uffiċċju tal-Ministru tax-Xogħol, ta' l-Impjieg u tat-Taħriġ Professjonali, imbagħad Ministru ta' l-Istat, Ministru tas-Servizz Pubbliku u tal-Modernizzazzjoni ta' l-Amministrazzjoni (1991-1992); Kap tad-Delegazzjoni Legali tal-Conseil d'État mal-Caisse nationale d'assurance maladie des travailleurs salariés (2001-2006); Professur assoċjat ma' l-Università ta' Metz (1988-2000), imbagħad ma' l-Università ta' Pariġi I Panthéon-Sorbonne (mill-2000); awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet dwar id-dritt amministrattiv, id-dritt Komunitarju u d-Dritt Ewropew tad-drittijiet tal-bniedem; fundatur u President tal-Kumitat Editorjali tal-"Bulletin de jurisprudence de droit de l'urbanisme", kofundatur u membru tal-Kumitat Editorjali tal-"Bulletin juridique des collectivités locales", President tal-Kunsill Xjentifiku tal-Grupp ta' Riċerka fuq l-istituzzjonijiet u d-dritt li jirregola l-ippjanar, l-iżvilupp u l-habitats; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2006.



## Thomas von Danwitz

Imwieled fl-1962; studji f'Bonn, Ġinevra u Pariġi; eżami ta' l-Istat fid-dritt (1986 u 1992); dottorat fil-liġi (Università ta' Bonn, 1988); diploma internazzjonali ta' amministrazzjoni pubblika (École nationale d'administration, 1990); awtorizzazzjoni bħala għalliem (Università ta' Bonn, 1996); Professur tad-dritt pubbliku Ġermaniż u tad-dritt Ewropew (1996-2003), dekan tal-fakultà tal-liġi ta' l-Università tar-Ruhr, Bochum (2000-2001); Professur tad-dritt pubbliku Ġermaniż u tad-dritt Ewropew (Università ta' Cologne, 2003-2006); Direttur ta' l-Istitut ta' Dritt Pubbliku u Xjenza Amministrattiva (2006); *Visiting Professor* mal-Fletcher School of Law and Diplomacy (2000), ma' l-Università François Rabelais (Tours, 2001-2006) u ma' l-Università ta' Pariġi I Panthéon-Sorbonne, (2005-2006); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2006.



## Verica Trstenjak

Imwielda fl-1962; eżami ġudizzjarju (1987); dottorat fil-Liġi mill-Università ta' Ljubljana (1995); Professur (mill-1996) tat-Teorija tad-dritt u ta' l-Istat (duttrina) u tad-dritt privat; riċerkatriċi; studji dottorali fl-Università ta' Zurich, fl-Istitut tad-dritt komparattiv ta' l-Università ta' Vjenna, fl-Istitut Max Planck tad-dritt internazzjonali privat f'Amburgu; fl-Università Ħielsa ta' Amsterdam; *Visiting Professor* fl-Università ta' Vjenna, ta' Freiburg (Il-Ġermanja) u fl-Iskola tad-Dritt Bucerius f'Amburgu; Kap tas-Servizz Ġuridiku (1994-1996) u Segretarju ta' l-Istat fil-Ministeru tax-Xjenza u tat-Teknoloġija (1996-2000); Segretarju Ġenerali tal-Gvern (2000); membru tal-Grupp ta' Studju fuq il-Kodiċi Ċivili Ewropew (Study Group on European Civil Code) mill-2003; responsabbli għall-proġett ta' riċerka Humboldt (Humboldt Stiftung); pubblikazzjoni ta' aktar minn mitt artiklu u diversi kotba fuq id-dritt Ewropew u d-dritt privat; premju ta' l-Assoċjazzjoni tal-Ġuristi Sloveni bħala "Ġurist tas-sena 2003"; membru tal-kunsill editorjali ta' diversi rivisti legali; Segretarju Ġenerali ta' l-Assoċjazzjoni tal-Ġuristi Sloveni; membru ta' diversi assoċjazzjonijiet ta' ġuristi fosthom il-Gesellschaft für Rechtsvergleichung; Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mis-7 ta' Lulju 2004; Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2006.



## Roger Grass

Imwieled fl-1948; iggradwat mill-Institut d'études politiques ta' Pariġi u ggradwat fl-istudji superjuri tad-dritt pubbliku; Sostitut Prokuratur tar-Repubblika mat-Tribunal de grand instance ta' Versailles; Amministratur Prinċipali fil-Qorti tal-Ġustizzja; Segretarju Ġenerali fl-Uffiċċju tal-Procureur général mal-Qorti ta' l-Appell ta' Pariġi; Uffiċċju tal-Garde des Sceaux, Ministru tal-Ġustizzja; *Référendaire* tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja; Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja mill-10 ta' Frar 1994.

## 2. Tibdiliet fil-kompożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2006

*Udjenza solenni ta' l-10 ta' Jannar 2006*

Permezz ta' deċiżjonijiet tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri tal-Komunitajiet Ewropej ta' l-20 ta' Lulju 2005 u ta' l-14 ta' Ottubru 2005, Lars Bay Larsen u Eleanor V. E. Sharpston ġew maħtura rispettivament Imħallef u Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej sas-6 ta' Ottubru 2009.

Lars Bay Larsen jidħol minflok Claus Christian Gulmann, li eżerċita l-funzjonijiet ta' Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 1991 sas-6 ta' Ottubru 1994 u dawk ta' Mħallef mis-7 ta' Ottubru 1994. Eleanor V. E. Sharpston tidħol minflok Francis Geoffrey Jacobs li eżerċita l-funzjonijiet ta' Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 1988.

*Udjenza solenni tat-3 ta' Mejju 2006*

Permezz tad-deċiżjonijiet tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri tal-Komunitajiet Ewropej tas-6 ta' April 2006, Antonio Tizzano u Paolo Mengozzi ġew maħtura rispettivament Imħallef u Avukat Ġenerali mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej sas-6 ta' Ottubru 2006.

Antonio Tizzano, Avukat Ġenerali mal-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2000, daħal minflok Antonio Mario La Pergola. Paolo Mengozzi, Imħallef mal-Qorti tal-Prim'Istanza mill-4 ta' Marzu 1998, daħal minflok Antonio Tizzano fil-funzjonijiet ta' Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja.

*Udjenza solenni tas-6 ta' Ottubru 2006*

B'deċiżjonijiet tas-6 ta' April 2006 u ta' l-20 ta' Settembru 2006, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri ġeddew, għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2006 sas-6 ta' Ottubru 2012, il-karigi tas-Sinjuri Mħallfin Peter Jann, Christiaan Timmermans, Konrad Schiemann, Jiří Malenovský, Antonio Tizzano, José Narciso da Cunha Rodrigues, Pranas Kūris, George Arestis, Anthony Borg Barthet u Egils Levits kif ukoll ta' l-Avukat Ġenerali Paolo Mengozzi.

Bl-istess deċiżjonijiet, ġew innominati bħala Mħallfin, Pernilla Lindh, li ssostitwit lil Stig von Bahr, Jean-Claude Bonichot, li ssostitwixxa lil Jean-Pierre Puissochet, u Thomas von Danwitz, li ssostitwixxa lil Ninon Colneric, kif ukoll, bħala Avukat Ġenerali, Yves Bot, li ssostitwixxa lil Philippe Léger. Barra minn dan, u b'applikazzjoni tas-sistema ta' rotazzjoni ta' l-Avukati Ġenerali skond l-ordni alfabetiku ta' l-Istati Membri, Verica Trstenjak daħlet fil-kariga minflok Leendert A. Geelhoed u Ján Mazák minflok Christine Stix-Hackl.

# 3. Ordnijiet Protokollari

## mill-1 ta' Jannar sa l-10 ta' Jannar 2006

V. SKOURIS, President tal-Qorti tal-Ġustizzja
P. JANN, President ta' l-Ewwel Awla
C. W. A. TIMMERMANS, President tat-Tieni Awla
A. ROSAS, President tat-Tielet Awla
C. STIX-HACKL, Avukat Ġenerali Prinċipali
K. SCHIEMANN, President tar-Raba' Awla
J. MAKARCZYK, President tal-Ħames Awla
J. MALENOVSKÝ, President tas-Sitt Awla
F. G. JACOBS, Avukat Ġenerali
C. GULMANN, Imħallef
A. LA PERGOLA, Imħallef
J.-P. PUISSOCHET, Imħallef
P. LÉGER, Avukat Ġenerali
D. RUIZ-JARABO COLOMER, Avukat Ġenerali
R. SCHINTGEN, Imħallef
N. COLNERIC, Imħallef
S. von BAHR, Imħallef
A. TIZZANO, Avukat Ġenerali
J. N. CUNHA RODRIGUES, Imħallef
L. A. GEELHOED, Avukat Ġenerali
R. SILVA de LAPUERTA, Imħallef
K. LENAERTS, Imħallef
J. KOKOTT, Avukat Ġenerali
M. POIARES MADURO, Avukat Ġenerali
P. KŪRIS, Imħallef
E. JUHÁSZ, Imħallef
G. ARESTIS, Imħallef
A. BORG BARTHET, Imħallef
M. ILEŠIČ, Imħallef
J. KLUČKA, Imħallef
U. LÕHMUS, Imħallef
E. LEVITS, Imħallef
A. Ó CAOIMH, Imħallef

R. GRASS, Reġistratur

## mill-11 ta' Jannar sat-3 ta' Mejju 2006

V. SKOURIS, President tal-Qorti tal-Ġustizzja
P. JANN, President ta' l-Ewwel Awla
C. W. A. TIMMERMANS, President tat-Tieni Awla
A. ROSAS, President tat-Tielet Awla
C. STIX-HACKL, Avukat Ġenerali Prinċipali
K. SCHIEMANN, President tar-Raba' Awla
J. MAKARCZYK, President tal-Ħames Awla
J. MALENOVSKÝ, President tas-Sitt Awla
A. LA PERGOLA, Imħallef
J.-P. PUISSOCHET, Imħallef
P. LÉGER, Avukat Ġenerali
D. RUIZ-JARABO COLOMER, Avukat Ġenerali
R. SCHINTGEN, Imħallef
N. COLNERIC, Imħallef
S. von BAHR, Imħallef
A. TIZZANO, Avukat Ġenerali
J. N. CUNHA RODRIGUES, Imħallef
L. A. GEELHOED, Avukat Ġenerali
R. SILVA de LAPUERTA, Imħallef
K. LENAERTS, Imħallef
J. KOKOTT, Avukat Ġenerali
M. POIARES MADURO, Avukat Ġenerali
P. KŪRIS, Imħallef
E. JUHÁSZ, Imħallef
G. ARESTIS, Imħallef
A. BORG BARTHET, Imħallef
M. ILEŠIČ, Imħallef
J. KLUČKA, Imħallef
U. LÕHMUS, Imħallef
E. LEVITS, Imħallef
A. Ó CAOIMH, Imħallef
L. BAY LARSEN, Imħallef
E. SHARPSTON, Avukat Ġenerali

R. GRASS, Reġistratur

## mill-4 ta' Mejju sas-6 ta' Ottubru 2006

V. SKOURIS, President tal-Qorti tal-Ġustizzja
P. JANN, President ta' l-Ewwel Awla
C. W. A. TIMMERMANS, President tat-Tieni Awla
A. ROSAS, President tat-Tielet Awla
C. STIX-HACKL, Avukat Ġenerali Prinċipali
K. SCHIEMANN, President tar-Raba' Awla
J. MAKARCZYK, President tal-Ħames Awla
J. MALENOVSKÝ, President tas-Sitt Awla
J.-P. PUISSOCHET, Imħallef
P. LEGER, Avukat Ġenerali
D. RUIZ-JARABO COLOMER, Avukat Ġenerali
R. SCHINTGEN, Imħallef
N. COLNERIC, Imħallef
S. von BAHR, Imħallef
A. TIZZANO, Imħallef
J. N. CUNHA RODRIGUES, Imħallef
L. A. GEELHOED, Avukat Ġenerali
R. SILVA de LAPUERTA, Imħallef
K. LENAERTS, Imħallef
J. KOKOTT, Avukat Ġenerali
M. POIARES MADURO, Avukat Ġenerali
P. KŪRIS, Imħallef
E. JUHÁSZ, Imħallef
G. ARESTIS, Imħallef
A. BORG BARTHET, Imħallef
M. ILEŠIČ, Imħallef
J. KLUČKA, Imħallef
U. LÕHMUS, Imħallef
E. LEVITS, Imħallef
A. Ó CAOIMH, Imħallef
L. BAY LARSEN, Imħallef
E. SHARPSTON, Avukat Ġenerali
P. MENGOZZI, Avukat Ġenerali

R. GRASS, Reġistratur

## mit-12 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 2006

V. SKOURIS, President tal-Qorti tal-Ġustizzja
P. JANN, President ta' l-Ewwel Awla
C. W. A. TIMMERMANS, President tat-Tieni Awla
A. ROSAS, President tat-Tielet Awla
K. LENAERTS, President tar-Raba' Awla
R. SCHINTGEN, President tal-Ħames Awla
J. KOKOTT, Avukat Ġenerali Prinċipali
P. KŪRIS, President tas-Sitt Awla
E. JUHÁSZ, President tat-Tmien Awla
J. KLUČKA, President tas-Seba' Awla
D. RUIZ-JARABO COLOMER, Avukat Ġenerali
A. TIZZANO, Imħallef
J. N. CUNHA RODRIGUES, Imħallef
R. SILVA de LAPUERTA, Imħallef
M. POIARES MADURO, Avukat Ġenerali
K. SCHIEMANN, Imħallef
J. MAKARCZYK, Imħallef
G. ARESTIS, Imħallef
A. BORG BARTHET, Imħallef
M. ILEŠIČ, Imħallef
J. MALENOVSKÝ, Imħallef
U. LÕHMUS, Imħallef
E. LEVITS, Imħallef
A. Ó CAOIMH, Imħallef
L. BAY LARSEN, Imħallef
E. SHARPSTON, Avukat Ġenerali
P. MENGOZZI, Avukat Ġenerali
P. LINDH, Imħallef
Y. BOT, Avukat Ġenerali
J. MAZÁK, Avukat Ġenerali
J.-C. BONICHOT, Imħallef
T. von DANWITZ, Imħallef
V. TRSTENJAK, Avukat Ġenerali

R. GRASS, Reġistratur

# 4. Membri preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja

Pilotti Massimo, Imħallef (1952-1958), President mill-1952 sa l-1958
Serrarens Petrus, Josephus, Servatius, Imħallef (1952-1958)
Riese Otto, Imħallef (1952-1963)
Delvaux Louis, Imħallef (1952-1967)
Rueff Jacques, Imħallef (1952-1959 u 1960-1962)
Hammes Charles Léon, Imħallef (1952-1967), President mill-1964 sa l-1967
Van Kleffens Adrianus, Imħallef (1952-1958)
Lagrange Maurice, Avukat Ġenerali (1952-1964)
Roemer Karl, Avukat Ġenerali (1953-1973)
Rossi Rino, Imħallef (1958-1964)
Donner Andreas Matthias, Imħallef (1958-1979), President mill-1958 sa l-1964
Catalano Nicola, Imħallef (1958-1962)
Trabucchi Alberto, Imħallef (1962-1972), wara Avukat Ġenerali (1973-1976)
Lecourt Robert, Imħallef (1962-1976), President mill-1967 sa l-1976
Strauss Walter, Imħallef (1963-1970)
Monaco Riccardo, Imħallef (1964-1976)
Gand Joseph, Avukat Ġenerali (1964-1970)
Mertens de Wilmars Josse J., Imħallef (1967-1984), President mill-1980 sa l-1984
Pescatore Pierre, Imħallef (1967-1985)
Kutscher Hans, Imħallef (1970-1980), President mill-1976 sa l-1980
Dutheillet de Lamothe Alain Louis, Avukat Ġenerali (1970-1972)
Mayras Henri, Avukat Ġenerali (1972-1981)
O'Dalaigh Cearbhall, Imħallef (1973-1974)
Sørensen Max, Imħallef (1973-1979)
Mackenzie Stuart Alexander J., Imħallef (1973-1988), President mill-1984 sa l-1988
Warner Jean-Pierre, Avukat Ġenerali (1973-1981)
Reischl Gerhard, Avukat Ġenerali (1973-1981)
O'Keeffe Aindrias, Imħallef (1975-1985)
Capotorti Francesco, Imħallef (1976), wara Avukat Ġenerali (1976-1982)
Bosco Giacinto, Imħallef (1976-1988)
Touffait Adolphe, Imħallef (1976-1982)
Koopmans Thymen, Imħallef (1979-1990)
Due Ole, Imħallef (1979-1994), President mill-1988 sa l-1994
Everling Ulrich, Imħallef (1980-1988)
Chloros Alexandros, Imħallef (1981-1982)
Slynn Sir Gordon, Avukat Ġenerali (1981-1988), wara Mħallef (1988-1992)
Rozès Simone, Avukat Ġenerali (1981-1984)
VerLoren van Themaat Pieter, Avukat Ġenerali (1981-1986)
Grévisse Fernand, Imħallef (1981-1982 u 1988-1994)
Bahlmann Kai, Imħallef (1982-1988)
Mancini G. Federico, Avukat Ġenerali (1982-1988), wara Mħallef (1988-1999)
Galmot Yves, Imħallef (1982-1988)
Kakouris Constantinos, Imħallef (1983-1997)
Lenz Carl Otto, Avukat Ġenerali (1984-1997)

Darmon Marco, Avukat Ġenerali (1984-1994)
Joliet René, Imħallef (1984-1995)
O'Higgins Thomas Francis, Imħallef (1985-1991)
Schockweiler Fernand, Imħallef (1985-1996)
Mischo Jean, Avukat Ġenerali (1986-1991 u 1997-2003)
De Carvalho Moithinho de Almeida José Carlos, Imħallef (1986-2000)
Da Cruz Vilaça José Luis, Avukat Ġenerali (1986-1988)
Rodríguez Iglesias Gil Carlos, Imħallef (1986-2003), President mill-1994 sa l-2003
Diez de Velasco Manuel, Imħallef (1988-1994)
Zuleeg Manfred, Imħallef (1988-1994)
Van Gerven Walter, Avukat Ġenerali (1988-1994)
Tesauro Giuseppe, Avukat Ġenerali (1988-1998)
Kapteyn Paul Joan George, Imħallef (1990-2000)
Murray John L., Imħallef (1991-1999)
Edward David Alexander Ogilvy, Imħallef (1992-2004)
Cosmas Georges, Avukat Ġenerali (1994-2000)
Hirsch Günter, Imħallef (1994-2000)
Elmer Michael Bendik, Avukat Ġenerali (1994-1997)
Ragnemalm Hans, Imħallef (1995-2000)
Sevón Leif, Imħallef (1995-2002)
Fennelly Nial, Avukat Ġenerali (1995-2000)
Wathelet Melchior, Imħallef (1995-2003)
Ioannou Krateros, Imħallef (1997-1999)
Alber Siegbert, Avukat Ġenerali (1997-2003)
Saggio Antonio, Avukat Ġenerali (1998-2000)
O'Kelly Macken Fidelma, Imħallef (1999-2004)

## — Presidenti

Pilotti Massimo (1952-1958)
Donner Andreas Matthias (1958 -1964)
Hammes Charles Léon (1964-1967)
Lecourt Robert (1967-1976)
Kutscher Hans (1976-1980)
Mertens de Wilmars Josse J. (1980-1984)
Mackenzie Stuart Alexander John (1984-1988)
Due Ole (1988-1994)
Rodríguez Iglésias Gil Carlos (1994-2003)

## — Reġistraturi

Van Houtte Albert (1953-1982)
Heim Paul (1982-1988)
Giraud Jean-Guy (1988-1994)

# C – Statistika ta' l-Attività Ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja

### *Attività Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja*

1. Kawżi magħluqa, ġodda, pendenti (2000-2006)

### *Kawżi magħluqa*

2. Natura tal-proċeduri (2000-2006)
3. Sentenzi, digrieti, opinjonijiet (2006)
4. Kulleġġ ġudikanti (2000-2006)
5. Suġġett tar-rikors (2006)
6. Proċeduri għal miżuri provviżorji - Eżitu (2006)
7. Sentenzi dwar nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu - Eżitu (2006)
8. Tul tal-proċeduri (2000-2006)

### *Kawżi Ġodda*

9. Natura tal-proċeduri (2000-2006)
10. Rikorsi diretti – Natura tar-rikors (2006)
11. Suġġett tar-rikors (2006)
12. Rikorsi dwar nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu (2000-2006)
13. Proċeduri mħaffa (2000-2006)

### *Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru*

14. Natura tal-proċeduri (2000-2006)
15. Kulleġġ ġudikanti (2006)

### *Żvilupp Ġenerali ta' l-Attività Ġudizzjarja (1952-2006)*

16. Kawżi ġodda u sentenzi
17. Rinviji ġodda għal deċiżjoni preliminari (skond l-Istat Membru u skond is-sena)
18. Rinviji ġodda għal deċiżjoni preliminari (skond l-Istat Membru u skond il-qorti)
19. Rikorsi ġodda dwar nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu

## *Attività ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja*

## 1. Kawżi magħluqa, kawżi ġodda, kawżi pendenti (2000-2006)[1]




| | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kawżi magħluqa | 526 | 434 | 513 | 494 | 665 | 574 | 546 |
| Kawżi ġodda | 503 | 504 | 477 | 561 | 531 | 474 | 537 |
| Kawżi pendenti | 873 | 943 | 907 | 974 | 840 | 740 | 731 |

[1] Il-figuri msemmija (gross) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

## *Kawżi magħluqa*

## 2. Natura tal-proċeduri (2000-2006)[1] [2]




| | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Rinviji għal deċiżjoni preliminari | 268 | 182 | 241 | 233 | 262 | 254 | 266 |
| Rikorsi diretti | 180 | 179 | 215 | 193 | 299 | 263 | 212 |
| Appelli | 73 | 59 | 47 | 57 | 89 | 48 | 63 |
| Appelli fi proċeduri sommarji u fi proċeduri għal intervent | 5 | 11 | 6 | 7 | 5 | 2 | 2 |
| Opinjonijiet/ Deliberazzjonijiet | | 1 | 1 | | 1 | | 1 |
| Proċeduri partikolari | | 2 | 3 | 4 | 9 | 7 | 2 |
| **Total** | **526** | **434** | **513** | **494** | **665** | **574** | **546** |

1 Il-figuri msemmija (gross) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

2 Huma kkunsidrati bħala "proċeduri partikolari": it-taxxa ta' l-ispejjeż (Artikolu 74 tar-Regoli tal-Proċedura); il-benefiċċju ta' l-għajnuna legali bla ħlas (Artikolu 76 tar-Regoli tal-Proċedura); l-oppożizzjoni għal sentenza (Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura); l-oppożizzjoni minn terzi (Artikolu 97 tar-Regoli tal-Proċedura); l-interpretazzjoni ta' sentenza (Artikolu 102 tar-Regoli tal-Proċedura); ir-reviżjoni ta' sentenza (Artikolu 98 tar-Regoli tal-Proċedura); ir-rettifika ta' sentenza (Artikolu 66 tar-Regoli tal-Proċedura); il-proċedura għal qbid (Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet) u l-kawżi fil-qasam ta' l-immunità (Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet).

## 3. Kawżi magħluqa – Sentenzi, digrieti, opinjonijiet (2006)[1]




| | Sentenzi | Digrieti ta' natura ġudizzjarja[2] | Digrieti fi proċeduri sommarji[3] | Digrieti oħra[4] | Opinjonijiet | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Rinviji għal deċiżjoni preliminari | 192 | 18 | | 23 | | 233 |
| Rikorsi diretti | 130 | | | 73 | | 203 |
| Appelli | 28 | 30 | | 4 | | 62 |
| Appelli fi proċeduri sommarji u fi proċeduri għal intervent | | | 1 | 1 | | 2 |
| Opinjonijiet/Deliberazzjonijiet | | | | | 1 | 1 |
| Proċeduri partikolari | 1 | 1 | | | | 2 |
| **Total** | **351** | **49** | **1** | **101** | **1** | **503** |

[1] Il-figuri msemmija (figuri netti) jindikaw in-numru totali ta' kawżi li jinkludi l-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (serje ta' kawżi magħquda = kawża waħda).

[2] Digrieti ta' natura ġudizzjarja li jtemmu istanza (inammissibbiltà, inammissibbiltà manifesta …).

[3] Digrieti mogħtija fuq talba bbażata fuq l-Artikolu 185 jew 186 tat-Trattat KE (li saru l-Artikoli 242 KE u 243 KE) jew fuq l-Artikolu 187 tat-Trattat KE (li sar l-Artikolu 244 KE) jew inkella fuq id-dispożizzjonijiet korrispondenti tat-Trattati EA u FA jew ukoll fuq appell minn digriet fi proċeduri sommarji jew proċeduri għal intervent.

[4] Digrieti li jtemmu istanza permezz ta' tħassir, minħabba li m'hemmx lok għal deċiżjoni jew b'rinviju lill-Qorti tal-Prim'Istanza.

# 4. Kawżi magħluqa – Kulleġġ ġudikanti (2000-2006)[1]



| | 2000 | | | 2001 | | | 2002 | | | 2003 | | | 2004 | | | 2005 | | | 2006 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Sentenzi/Opinjonijiet | Digrieti[2] | Total | Sentenzi/Opinjonijiet | Digrieti[2] | Total | Sentenzi/Opinjonijiet | Digrieti[2] | Total | Sentenzi/Opinjonijiet | Digrieti[2] | Total | Sentenzi/Opinjonijiet | Digrieti[2] | Total | Sentenzi/Opinjonijiet | Digrieti[2] | Total | Sentenzi/Opinjonijiet | Digrieti[2] | Total |
| Seduta plenarja/Qorti plenarja | 31 | 6 | 37 | 33 | 2 | 35 | 27 | 4 | 31 | 48 | 2 | 50 | 21 | | 21 | 1 | | 1 | 2 | | 2 |
| * | 91 | | 91 | 24 | | 24 | 52 | | 52 | 35 | | 35 | 1 | | 1 | | | | | | |
| Awla Manja | | | | | | | | | | | | | 31 | 1 | 32 | 59 | | 59 | 55 | | 55 |
| Awli b'ħames imħallfin | 162 | 3 | 165 | 155 | 13 | 168 | 177 | 10 | 187 | 200 | 8 | 208 | 257 | 18 | 275 | 245 | 5 | 250 | 265 | 13 | 278 |
| Awli bi tliet imħallfin | 50 | 40 | 90 | 59 | 42 | 101 | 60 | 27 | 87 | 51 | 27 | 78 | 113 | 61 | 174 | 103 | 51 | 154 | 67 | 41 | 108 |
| President | | 4 | 4 | | 11 | 11 | | 3 | 3 | | 7 | 7 | | 6 | 6 | | 2 | 2 | | 1 | 1 |
| **Total** | **334** | **53** | **387** | **271** | **68** | **339** | **316** | **44** | **360** | **334** | **44** | **378** | **423** | **86** | **509** | **408** | **58** | **466** | **389** | **55** | **444** |

[1] Il-figuri msemmija (gross) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

[2] Ta' natura ġudizzjarja li ttemm istanza (barra mid-digrieti li jtemmu istanza permezz ta' tħassir, minħabba li m'hemmx lok li tittieħed deċiżjoni u b'rinviju lill-Qorti tal-Prim'Istanza).

## 5. Kawżi magħluqa – Suġġett tar-rikors (2006)[1]

| | Sentenzi/ Opinjonijiet | Digrieti[2] | Total |
|---|---|---|---|
| Agrikoltura | 28 | 2 | 30 |
| Ambjent u konsumaturi | 39 | 1 | 40 |
| Approssimazzjoni tal-liġijiet | 17 | 2 | 19 |
| Ċittadinanza Ewropea | 4 | | 4 |
| Dritt istituzzjonali | 12 | 3 | 15 |
| Enerġija | 6 | | 6 |
| Għajnuna mill-Istat | 21 | 2 | 23 |
| Ġustizzja u Affarijiet Interni | 1 | 1 | 2 |
| Kompetizzjoni | 26 | 4 | 30 |
| Konvenzjoni ta' Brussell | 4 | | 4 |
| Libertà ta' stabbiliment | 18 | 3 | 21 |
| Liġi tal-kumpanniji | 5 | 5 | 10 |
| Moviment liberu tal-kapital | 4 | | 4 |
| Moviment liberu tal-merkanzija | 8 | | 8 |
| Moviment liberu tal-persuni | 18 | 2 | 20 |
| Politika kummerċjali | 1 | | 1 |
| Politika reġjonali | 2 | | 2 |
| Politika soċjali | 25 | 4 | 29 |
| Politika tas-sajd | 7 | | 7 |
| Prinċipji tad-dritt komunitarju | | 1 | 1 |
| Privileġġi u Immunitajiet | 1 | | 1 |
| Proprjetà intellettwali | 14 | 5 | 19 |
| Provvista libera tas-servizzi | 14 | 3 | 17 |
| Relazzjonijiet barranin | 9 | 2 | 11 |
| Riżorsi proprji tal-Komunitajiet | 6 | | 6 |
| Sigurtà soċjali tal-ħaddiema migranti | 6 | 1 | 7 |
| Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja | 9 | | 9 |
| Tariffa doganali komuni | 7 | | 7 |
| Tassazzjoni | 51 | 4 | 55 |
| Trasport | 8 | 1 | 9 |
| Unjoni doganali | 8 | 1 | 9 |
| **Trattat FA** | 3 | | 3 |
| **Trattat FA** | | | |
| **Trattat EA** | 3 | 1 | 4 |
| Proċedura | 1 | 1 | 2 |
| Regolamenti tal-Persunal | 3 | 6 | 9 |
| **Diversi** | 4 | 7 | 11 |
| **TOTAL ĠENERALI** | **389** | **55** | **444** |

[1] Il-figuri msemmija (gross) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

[2] Ta' natura ġudizzjarja li ttemm istanza (barra mid-digrieti li jtemmu istanza permezz ta' tħassir, minħabba li m'hemmx lok li tittieħed deċiżjoni u b'rinviju lill-Qorti tal-Prim'Istanza).

## 6. Proċeduri għal miżjuri provviżorji – eżitu tad-deċiżjoni (2006)[1]

| | Numru ta' proċeduri sommarji | Numru ta' appelli dwar proċeduri sommarji u dwar intervent | Eżitu tad-deċiżjoni | |
|---|---|---|---|---|
| | | | Ċaħda/Konferma tad-deċiżjoni kkontestata | Ftehim/ Annullament tad-deċiżjoni kkontestata |
| Kompetizzjoni | | 2 | 2 | |
| **Total Trattat KE** | | 2 | 2 | |
| **Trattat EA** | | | | |
| **Diversi** | | | | |
| **TOTAL ĠENERALI** | | **2** | **2** | |

[1] Il-figuri msemmija (figuri netti) jindikaw in-numru totali ta' kawżi li jinkludi l-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (serje ta' kawżi magħquda = kawża waħda).

# 7. Kawżi magħluqa – Sentenzi dwar nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu: eżitu tad-deċiżjoni (2006)[1]




| | Kundanna | Ċaħda | Total |
|---|---|---|---|
| Il-Belġju | 7 | | 7 |
| Ir-Repubblika Ċeka | | | |
| Id-Danimarka | | | |
| Il-Ġermanja | 7 | | 7 |
| L-Estonja | | | |
| Il-Greċja | 6 | | 6 |
| Spanja | 10 | 1 | 11 |
| Franza | 5 | | 5 |
| L-Irlanda | 2 | 1 | 3 |
| L-Italja | 13 | 1 | 14 |
| Ċipru | | | |
| Il-Latvja | | | |
| Il-Litwanja | | | |
| Il-Lussemburgu | 19 | | 19 |
| L-Ungerija | | | |
| Malta | | | |
| L-Olanda | 1 | 1 | 2 |
| L-Awstrija | 10 | | 10 |
| Il-Polonja | | | |
| Il-Portugall | 7 | | 7 |
| Is-Slovenja | | | |
| Is-Slovakkja | | | |
| Il-Finlandja | 7 | | 7 |
| L-Iżvezja | 2 | 1 | 3 |
| Ir-Renju Unit | 7 | 3 | 10 |
| **Total** | **103** | **8** | **111** |

[1] Il-figuri msemmija (figuri netti) jindikaw in-numru totali ta' kawżi li jinkludi l-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (serje ta' kawżi magħquda = kawża waħda).

## 8. Kawżi magħluqa – Tul tal-proċeduri (2000-2006)[1]

(sentenzi u digrieti ta' natura ġudizzjarja)[2]




| | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Rinviji għal deċiżjoni preliminari | 21,6 | 22,7 | 24,1 | 25,5 | 23,5 | 20,4 | 19,8 |
| Rikorsi diretti | 23,9 | 23,1 | 24,3 | 24,7 | 20,2 | 21,3 | 20 |
| Appelli | 19 | 16,3 | 19,1 | 28,7 | 21,3 | 20,9 | 17,8 |

1 Huma esklużi mill-kalkoli dwar it-tul tal-proċeduri: il-kawżi li jinkludu sentenza interlokutorja jew miżura istruttorja; l-opinjonijiet u d-deliberazzjonijiet; il-proċeduri partikolari (jiġifieri: it-taxxa ta' l-ispejjeż; il-benefiċċju ta' l-għajnuna legali bla ħlas; l-oppożizzjoni għal sentenza; l-oppożizzjoni minn terzi; l-interpretazzjoni ta' sentenza; ir-reviżjoni ta' sentenza; ir-rettifika ta' sentenza; il-proċedura ta' qbid u l-kawżi fil-qasam ta' l-immunità); il-kawżi li jintemmu b'digriet ta' tħassir, minħabba li m'hemmx lok li tittieħed deċiżjoni, b'rinviju jew trasferiment lill-Qorti tal-Prim'Istanza; il-proċeduri sommarji kif ukoll l-appelli fil-każ ta' proċeduri sommarji u ta' intervent.

It-tul ta' żmien huwa espress f'xhur u f'parti minn għaxra ta' xahar.

2 Dawn huma digrieti barra minn dawk li jtemmu istanza permezz ta'tħassir, minħabba li m'hemmx lok li tittieħed deċiżjoni jew b'rinviju lill-Qorti tal-Prim'Istanza.

## *Kawżi ġodda*

## 9. Natura tal-proċeduri (2000-2006)[1]




| | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Rinviji għal deċiżjoni preliminari | 224 | 237 | 216 | 210 | 249 | 221 | 251 |
| Rikorsi diretti | 197 | 187 | 204 | 277 | 219 | 179 | 201 |
| Appelli | 66 | 72 | 46 | 63 | 52 | 66 | 80 |
| Appelli minn deċiżjonijiet dwar talbiet għal proċedura sommarja u dwar intervent | 13 | 7 | 4 | 5 | 6 | 1 | 3 |
| Opinjonijiet/ Deliberazzjonijiet | 2 | | | 1 | 1 | | |
| Proċeduri partikolari | 1 | 1 | 7 | 5 | 4 | 7 | 2 |
| **Total** | **503** | **504** | **477** | **561** | **531** | **474** | **537** |
| Talbiet għal proċedura sommarja | 4 | 6 | 1 | 7 | 3 | 2 | 1 |

[1] Il-figuri msemmija (gross) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

## 10. Kawżi ġodda – Rikorsi diretti – Natura tar-rikors (2006)[1]




| | |
|---|---|
| Rikors għal annullament | 8 |
| Rikors għal nuqqas ta' azzjoni | |
| Rikors għal danni | |
| Rikors għal nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu | 193 |
| **Total** | **201** |

[1] Il-figuri msemmija (gross) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

# 11. Kawżi ġodda[1] – Suġġett tar-rikors (2006)[2]

| | Rikorsi diretti | Rinviji għal deċiżjoni preliminari | Appelli | Appelli minn deċiżjonijiet dwar talbiet għal proċedura sommarja u dwar intervent | Total | Proċeduri partikolari |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Agrikoltura | 11 | 43 | 3 | | 57 | |
| Ambjent u konsumaturi | 54 | 3 | 2 | 1 | 60 | |
| Approssimazzjoni tal-liġijiet | 10 | 8 | | | 18 | |
| Ċittadinanza Ewropea | | 5 | | | 5 | |
| Dritt istituzzjonali | 7 | 1 | 2 | | 10 | |
| Enerġija | 2 | 4 | | | 6 | |
| Għajnuna mill-Istat | 5 | 9 | 6 | | 20 | |
| Ġustizzja u Affarijiet Interni | 1 | 1 | | | 2 | |
| Kompetizzjoni | 1 | 14 | 15 | 2 | 32 | |
| Konvenzjoni ta' Brussell | | 2 | | | 2 | |
| Libertà ta' stabbiliment | 14 | 17 | | | 31 | |
| Liġi tal-kumpanniji | 13 | 12 | 1 | | 26 | |
| Moviment liberu tal-kapital | 2 | 5 | | | 7 | |
| Moviment liberu tal-merkanzija | 5 | 8 | | | 13 | |
| Moviment liberu tal-persuni | 5 | 8 | 1 | | 14 | |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | | 1 | 2 | | 3 | |
| Politika industrijali | 10 | 6 | | | 16 | |
| Politika kummerċjali | | | 1 | | 1 | |
| Politika reġjonali | | 2 | 4 | | 6 | |
| Politika soċjali | 21 | 17 | | | 38 | |
| Politika tas-sajd | 1 | | 4 | | 5 | |
| Prinċipji tad-dritt komunitarju | | 5 | | | 5 | |
| Proprjetà intellettwali | | 4 | 19 | | 23 | |
| Provvista libera tas-servizzi | 12 | 10 | | | 22 | |
| Relazzjonijiet barranin | 2 | 5 | 4 | | 11 | |
| Riżorsi proprji tal-Komunitajiet | 2 | | 2 | | 4 | |
| Sigurtà soċjali tal-ħaddiema migranti | | 9 | | | 9 | |
| Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja | 8 | 5 | | | 13 | |
| Tariffa doganali komuni | | 9 | | | 9 | |
| Tassazzjoni | 7 | 27 | | | 34 | |
| Trasport | 7 | 2 | | | 9 | |
| Unjoni doganali | | 7 | | | 7 | |
| **Trattat KE** | 200 | 249 | 66 | 3 | 518 | |
| **Trattat FA** | | | | | | |
| **Trattat FA** | | 1 | | | 1 | |
| **Trattat EA** | 1 | | 1 | | 2 | |
| Proċedura | | | | | | 2 |
| Regolamenti tal-Persunal | | 1 | 13 | | 14 | |
| **Diversi** | | 1 | 13 | | 14 | 2 |
| **TOTAL ĠENERALI** | **201** | **251** | **80** | **3** | **535** | **2** |

[1] Mingħajr ma jiġu kkunsidrati t-talbiet għal proċedura sommarja.

[2] Il-figuri msemmija (gross) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

## 12. Kawżi ġodda – Rikors għal nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu (2000-2006)[1]



| | BE | CZ | DK | DE | EE | EL | ES | FR | IE | IT | CY | LV | LT | LU | HU | MT | NL | AT | PL | PT | SI | SK | FI | SE | UK | Total[2] |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **2000** | 5 | | | 12 | | 18 | 9 | 25 | 14 | 22 | | | | 11 | | | 12 | 8 | | 10 | | | 4 | 3 | 4 | 157 |
| **2001** | 13 | | 2 | 13 | | 15 | 15 | 20 | 12 | 21 | | | | 10 | | | 5 | 7 | | 7 | | | 3 | 3 | 11 | 157 |
| **2002** | 8 | | 2 | 16 | | 17 | 11 | 22 | 8 | 24 | | | | 12 | | | 5 | 15 | | 10 | | | 1 | 2 | 15 | 168 |
| **2003** | 17 | | 3 | 18 | | 16 | 28 | 22 | 16 | 20 | | | | 16 | | | 9 | 20 | | 10 | | | 6 | 5 | 8 | 214 |
| **2004** | 13 | | 2 | 14 | | 27 | 11 | 23 | 3 | 27 | | | | 14 | | | 13 | 14 | | 7 | | | 8 | 5 | 12 | 193 |
| **2005** | 8 | | 3 | 13 | 1 | 18 | 6 | 11 | 9 | 36 | | | | 19 | | | 8 | 9 | | 7 | | | 10 | 5 | 7 | 170 |
| **2006** | 11 | 4 | | 11 | 2 | 25 | 19 | 9 | 7 | 25 | | | | 28 | | 2 | 5 | 12 | 3 | 13 | | 2 | 7 | 4 | 4 | 193 |

1 Il-figuri msemmija (gross) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

Artikoli 93, 169, 170, 171, 225 tat-Trattat KE (li saru l-Artikoli 88 KE, 226 KE, 227 KE, 228 KE u 298 KE), Artikoli 141 EA, 142 EA, 143 EA u Artikolu 88 FA.

2 Fosthom rikors ibbażat fuq l-Artikolu 170 tat-Trattat KE (li sar l-Artikolu 227 KE).

## 13. Kawżi ġodda – Proċeduri mħaffa (2000-2006)[1]

| | 2000 | | 2001 | | 2002 | | 2003 | | 2004 | | 2005 | | 2006 | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Ammessi | Mingħajr tkomplija | Ammessi | Mingħajr tkomplija | Ammessi | Mingħajr tkomplija | Ammessi | Mingħajr tkomplija | Ammessi | Mingħajr tkomplija | Ammessi | Mingħajr tkomplija | Ammessi | Mingħajr tkomplija | |
| Rikorsi diretti | | | | | | 1 | | 3 | 1 | 2 | | | | | 7 |
| Rinviji għal deċiżjoni preliminari | | 1 | 1 | 5 | | 1 | | 3 | | 10 | | 5 | | 5 | 31 |
| Appelli | | | | 2 | | | 1 | 1 | | | | | | | 4 |
| Opinjonijiet | | | | | | | | | | 1 | | | | | 1 |
| **Total** | | **1** | **1** | **7** | | **2** | **1** | **7** | **1** | **13** | | **5** | | **5** | **43** |

1 L-ipproċessar ta' kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja permezz tal-proċedura mħaffa huwa possibbli bis-saħħa ta' l-Artikolu 62a, 104a u 118 tar-Regoli tal-Proċedura, li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2000.

## *Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru*

## 14. Natura tal-proċeduri (2000-2006)[1]




| | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Rinviji għal deċiżjoni preliminari | 432 | 487 | 462 | 439 | 426 | 393 | 378 |
| Rikorsi diretti | 326 | 334 | 323 | 407 | 327 | 243 | 232 |
| Appelli | 111 | 120 | 117 | 121 | 85 | 102 | 120 |
| Proċeduri partikolari | 2 | 1 | 5 | 6 | 1 | 1 | 1 |
| Opinjonijiet/ Deliberazzjonijiet | 2 | 1 | | 1 | 1 | 1 | |
| **Total** | **873** | **943** | **907** | **974** | **840** | **740** | **731** |

[1] Il-figuri msemmija (gross) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

## 15. Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru – Kulleġġ ġudikanti (2006)[1]




| | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Mhux assenjati | 634 | 602 | 546 | 690 | 547 | 437 | 490 |
| Seduta plenarja | 34 | 31 | 47 | 21 | 2 | 2 | |
| * | 26 | 66 | 36 | 1 | | | |
| Awla Manja | | | | 24 | 56 | 60 | 44 |
| Awli b'ħames Imħallfin | 129 | 199 | 234 | 195 | 177 | 212 | 171 |
| Awli bi tliet Imħallfin | 42 | 42 | 42 | 42 | 57 | 29 | 26 |
| President | 8 | 3 | 2 | 1 | 1 | | |
| **Total** | **873** | **943** | **907** | **974** | **840** | **740** | **731** |

[1] Il-figuri msemmija (gross) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

# Żvilupp ġenerali ta' l-attività ġudizzjarja (1952-2006)

## 16. Kawżi ġodda u sentenzi

| Snin | Kawżi ġodda[1] | | | | | | Sentenzi[2] |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Rikorsi diretti[3] | Rinviji għal deċiżjoni preliminari | Appelli | Appelli minn deċiżjonijiet dwar talbiet għal proċedura sommarja u dwar intervent | Total | Talbiet għal proċedura sommarja | |
| 1953 | 4 | | | | 4 | | |
| 1954 | 10 | | | | 10 | | 2 |
| 1955 | 9 | | | | 9 | 2 | 4 |
| 1956 | 11 | | | | 11 | 2 | 6 |
| 1957 | 19 | | | | 19 | 2 | 4 |
| 1958 | 43 | | | | 43 | | 10 |
| 1959 | 47 | | | | 47 | 5 | 13 |
| 1960 | 23 | | | | 23 | 2 | 18 |
| 1961 | 25 | 1 | | | 26 | 1 | 11 |
| 1962 | 30 | 5 | | | 35 | 2 | 20 |
| 1963 | 99 | 6 | | | 105 | 7 | 17 |
| 1964 | 49 | 6 | | | 55 | 4 | 31 |
| 1965 | 55 | 7 | | | 62 | 4 | 52 |
| 1966 | 30 | 1 | | | 31 | 2 | 24 |
| 1967 | 14 | 23 | | | 37 | | 24 |
| 1968 | 24 | 9 | | | 33 | 1 | 27 |
| 1969 | 60 | 17 | | | 77 | 2 | 30 |
| 1970 | 47 | 32 | | | 79 | | 64 |
| 1971 | 59 | 37 | | | 96 | 1 | 60 |
| 1972 | 42 | 40 | | | 82 | 2 | 61 |
| 1973 | 131 | 61 | | | 192 | 6 | 80 |
| 1974 | 63 | 39 | | | 102 | 8 | 63 |
| 1975 | 62 | 69 | | | 131 | 5 | 78 |
| 1976 | 52 | 75 | | | 127 | 6 | 88 |
| 1977 | 74 | 84 | | | 158 | 6 | 100 |
| 1978 | 147 | 123 | | | 270 | 7 | 97 |
| 1979 | 1 218 | 106 | | | 1 324 | 6 | 138 |
| 1980 | 180 | 99 | | | 279 | 14 | 132 |
| 1981 | 214 | 108 | | | 322 | 17 | 128 |
| 1982 | 217 | 129 | | | 346 | 16 | 185 |
| 1983 | 199 | 98 | | | 297 | 11 | 151 |
| 1984 | 183 | 129 | | | 312 | 17 | 165 |

>>>

| Snin | Kawżi ġodda[1] | | | | | | Sentenzi[2] |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Rikorsi diretti[3] | Rinviji għal deċiżjoni preliminari | Appelli | Appelli minn deċiżjonijiet dwar talbiet għal proċedura sommarja u dwar intervent | Total | Talbiet għal proċedura sommarja | |
| 1985 | 294 | 139 | | | 433 | 23 | 211 |
| 1986 | 238 | 91 | | | 329 | 23 | 174 |
| 1987 | 251 | 144 | | | 395 | 21 | 208 |
| 1988 | 193 | 179 | | | 372 | 17 | 238 |
| 1989 | 244 | 139 | | | 383 | 19 | 188 |
| 1990[4] | 221 | 141 | 15 | 1 | 378 | 12 | 193 |
| 1991 | 142 | 186 | 13 | 1 | 342 | 9 | 204 |
| 1992 | 253 | 162 | 24 | 1 | 440 | 5 | 210 |
| 1993 | 265 | 204 | 17 | | 486 | 13 | 203 |
| 1994 | 128 | 203 | 12 | 1 | 344 | 4 | 188 |
| 1995 | 109 | 251 | 46 | 2 | 408 | 3 | 172 |
| 1996 | 132 | 256 | 25 | 3 | 416 | 4 | 193 |
| 1997 | 169 | 239 | 30 | 5 | 443 | 1 | 242 |
| 1998 | 147 | 264 | 66 | 4 | 481 | 2 | 254 |
| 1999 | 214 | 255 | 68 | 4 | 541 | 4 | 235 |
| 2000 | 199 | 224 | 66 | 13 | 502 | 4 | 273 |
| 2001 | 187 | 237 | 72 | 7 | 503 | 6 | 244 |
| 2002 | 204 | 216 | 46 | 4 | 470 | 1 | 269 |
| 2003 | 278 | 210 | 63 | 5 | 556 | 7 | 308 |
| 2004 | 220 | 249 | 52 | 6 | 527 | 3 | 375 |
| 2005 | 179 | 221 | 66 | 1 | 467 | 2 | 362 |
| 2006 | 201 | 251 | 80 | 3 | 535 | 1 | 351 |
| **Total** | **7 908** | **5 765** | **761** | **61** | **14 495** | **342** | **7 178** |

1 Figuri grossi; proċeduri partikolari esklużi.

2 Figuri nett.

3 Inklużi l-opinjonijiet.

4 Il-Qorti tal-Prim'Istanza bdiet taħdem fl-1989.

## 17. Żvilupp ġenerali ta' l-attività ġudizzjarja (1952-2006) –

Rinviji għal deċiżjoni preliminari mressqa (skond l-Istat Membru u skond is-sena)[1]

| | BE | CZ | DK | DE | EE | EL | ES | FR | IE | IT | CY | LV | LT | LU | HU | MT | NL | AT | PL | PT | SI | SK | FI | SE | UK | Benelux[2] | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1961 | | | | | | | | | | | | | | | | | 1 | | | | | | | | | | 1 |
| 1962 | | | | | | | | | | | | | | | | | 5 | | | | | | | | | | 5 |
| 1963 | | | | | | | | | | | | | | 1 | | | 5 | | | | | | | | | | 6 |
| 1964 | | | | | | | | | | 2 | | | | | | | 4 | | | | | | | | | | 6 |
| 1965 | | | | 4 | | | | 2 | | | | | | | | | 1 | | | | | | | | | | 7 |
| 1966 | | | | | | | | | | | | | | | | | 1 | | | | | | | | | | 1 |
| 1967 | 5 | | | 11 | | | | 3 | | | | | | 1 | | | 3 | | | | | | | | | | 23 |
| 1968 | 1 | | | 4 | | | | 1 | | 1 | | | | | | | 2 | | | | | | | | | | 9 |
| 1969 | 4 | | | 11 | | | | 1 | | | | | | 1 | | | | | | | | | | | | | 17 |
| 1970 | 4 | | | 21 | | | | 2 | | 2 | | | | | | | 3 | | | | | | | | | | 32 |
| 1971 | 1 | | | 18 | | | | 6 | | 5 | | | | 1 | | | 6 | | | | | | | | | | 37 |
| 1972 | 5 | | | 20 | | | | 1 | | 4 | | | | | | | 10 | | | | | | | | | | 40 |
| 1973 | 8 | | | 37 | | | | 4 | | 5 | | | | 1 | | | 6 | | | | | | | | | | 61 |
| 1974 | 5 | | | 15 | | | | 6 | | 5 | | | | | | | 7 | | | | | | | | 1 | | 39 |
| 1975 | 7 | | 1 | 26 | | | | 15 | | 14 | | | | 1 | | | 4 | | | | | | | | 1 | | 69 |
| 1976 | 11 | | | 28 | | | | 8 | 1 | 12 | | | | | | | 14 | | | | | | | | 1 | | 75 |
| 1977 | 16 | | 1 | 30 | | | | 14 | 2 | 7 | | | | | | | 9 | | | | | | | | 5 | | 84 |
| 1978 | 7 | | 3 | 46 | | | | 12 | 1 | 11 | | | | | | | 38 | | | | | | | | 5 | | 123 |
| 1979 | 13 | | 1 | 33 | | | | 18 | 2 | 19 | | | | 1 | | | 11 | | | | | | | | 8 | | 106 |
| 1980 | 14 | | 2 | 24 | | | | 14 | 3 | 19 | | | | | | | 17 | | | | | | | | 6 | | 99 |
| 1981 | 12 | | 1 | 41 | | | | 17 | | 11 | | | | 4 | | | 17 | | | | | | | | 5 | | 108 |
| 1982 | 10 | | 1 | 36 | | | | 39 | | 18 | | | | | | | 21 | | | | | | | | 4 | | 129 |

>>>

| | BE | CZ | DK | DE | EE | EL | ES | FR | IE | IT | CY | LV | LT | LU | HU | MT | NL | AT | PL | PT | SI | SK | FI | SE | UK | Benelux[2] | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1983 | 9 | | 4 | 36 | | | | 15 | 2 | 7 | | | | | | | 19 | | | | | | | | 6 | | 98 |
| 1984 | 13 | | 2 | 38 | | | | 34 | 1 | 10 | | | | | | | 22 | | | | | | | | 9 | | 129 |
| 1985 | 13 | | | 40 | | | | 45 | 2 | 11 | | | | 6 | | | 14 | | | | | | | | 8 | | 139 |
| 1986 | 13 | | 4 | 18 | | 2 | 1 | 19 | 4 | 5 | | | | 1 | | | 16 | | | | | | | | 8 | | 91 |
| 1987 | 15 | | 5 | 32 | | 17 | 1 | 36 | 2 | 5 | | | | 3 | | | 19 | | | | | | | | 9 | | 144 |
| 1988 | 30 | | 4 | 34 | | | 1 | 38 | | 28 | | | | 2 | | | 26 | | | | | | | | 16 | | 179 |
| 1989 | 13 | | 2 | 47 | | 2 | 2 | 28 | 1 | 10 | | | | 1 | | | 18 | | | 1 | | | | | 14 | | 139 |
| 1990 | 17 | | 5 | 34 | | 2 | 6 | 21 | 4 | 25 | | | | 4 | | | 9 | | | 2 | | | | | 12 | | 141 |
| 1991 | 19 | | 2 | 54 | | 3 | 5 | 29 | 2 | 36 | | | | 2 | | | 17 | | | 3 | | | | | 14 | | 186 |
| 1992 | 16 | | 3 | 62 | | 1 | 5 | 15 | | 22 | | | | 1 | | | 18 | | | 1 | | | | | 18 | | 162 |
| 1993 | 22 | | 7 | 57 | | 5 | 7 | 22 | 1 | 24 | | | | 1 | | | 43 | | | 3 | | | | | 12 | | 204 |
| 1994 | 19 | | 4 | 44 | | | 13 | 36 | 2 | 46 | | | | 1 | | | 13 | | | 1 | | | | | 24 | | 203 |
| 1995 | 14 | | 8 | 51 | | 10 | 10 | 43 | 3 | 58 | | | | 2 | | | 19 | 2 | | 5 | | | | 6 | 20 | | 251 |
| 1996 | 30 | | 4 | 66 | | 4 | 6 | 24 | | 70 | | | | 2 | | | 10 | 6 | | 6 | | | 3 | 4 | 21 | | 256 |
| 1997 | 19 | | 7 | 46 | | 2 | 9 | 10 | 1 | 50 | | | | 3 | | | 24 | 35 | | 2 | | | 6 | 7 | 18 | | 239 |
| 1998 | 12 | | 7 | 49 | | 5 | 55 | 16 | 3 | 39 | | | | 2 | | | 21 | 16 | | 7 | | | 2 | 6 | 24 | | 264 |
| 1999 | 13 | | 3 | 49 | | 3 | 4 | 17 | 2 | 43 | | | | 4 | | | 23 | 56 | | 7 | | | 4 | 5 | 22 | | 255 |
| 2000 | 15 | | 3 | 47 | | 3 | 5 | 12 | 2 | 50 | | | | | | | 12 | 31 | | 8 | | | 5 | 4 | 26 | 1 | 224 |
| 2001 | 10 | | 5 | 53 | | 4 | 4 | 15 | 1 | 40 | | | | 2 | | | 14 | 57 | | 4 | | | 3 | 4 | 21 | | 237 |
| 2002 | 18 | | 8 | 59 | | 7 | 3 | 8 | | 37 | | | | 4 | | | 12 | 31 | | 3 | | | 7 | 5 | 14 | | 216 |
| 2003 | 18 | | 3 | 43 | | 4 | 8 | 9 | 2 | 45 | | | | 4 | | | 28 | 15 | | 1 | | | 4 | 4 | 22 | | 210 |
| 2004 | 24 | | 4 | 50 | | 18 | 8 | 21 | 1 | 48 | | | | 1 | 2 | | 28 | 12 | | 1 | | | 4 | 5 | 22 | | 249 |
| 2005 | 21 | 1 | 4 | 51 | | 11 | 10 | 17 | 2 | 18 | | | | 2 | 3 | | 36 | 15 | 1 | 2 | | | 4 | 11 | 12 | | 221 |
| 2006 | 17 | 3 | 3 | 77 | | 14 | 17 | 24 | 1 | 34 | | | 1 | 1 | 4 | | 20 | 12 | 2 | 3 | | 1 | 5 | 2 | 10 | | 251 |
| **Total** | **533** | **4** | **111** | **1 542** | | **117** | **180** | **717** | **48** | **896** | | | **1** | **60** | **9** | | **666** | **288** | **3** | **60** | | **1** | **47** | **63** | **418** | **1** | **5 765** |

1 Artikoli 177 tat-Trattat KE (li sar l-Artikolu 234 KE), 35(1) UE, 41 FA, 150 EA, protokoll ta' l-1971.

2 Kawża C-265/00, Campina Melkunie.

## 18. Żvilupp ġenerali ta' l-attività ġudizzjarja (1952-2006) – Rinviji għal deċiżjoni preliminari mressqa (skond l-Istat Membru u skond il-qorti)

| | | | Total |
|---|---|---|---|
| **Il-Belġju** | Cour de cassation | 68 | |
| | Cour d'arbitrage | 5 | |
| | Conseil d'État | 38 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 422 | 533 |
| **Ir-Repubblika Ċeka** | Nejvyššího soudu | | |
| | Nejvyšší správní soud | | |
| | Ústavní soud | | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 4 | 4 |
| **Id-Danimarka** | Højesteret | 19 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 92 | 111 |
| **Il-Ġermanja** | Bundesgerichtshof | 102 | |
| | Bundesverwaltungsgericht | 73 | |
| | Bundesfinanzhof | 233 | |
| | Bundesarbeitsgericht | 17 | |
| | Bundessozialgericht | 72 | |
| | Staatsgerichtshof des Landes Hessen | 1 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 1 044 | 1 542 |
| **L-Estonja** | Riigikohus | | |
| | Qrati jew tribunali oħra | | |
| **Il-Greċja** | Άρειος Πάγος | 9 | |
| | Συμβούλιο της Επικρατείας | 26 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 82 | 117 |
| **Spanja** | Tribunal Supremo | 17 | |
| | Audiencia Nacional | 1 | |
| | Juzgado Central de lo Penal | 7 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 155 | 180 |
| **Franza** | Cour de cassation | 74 | |
| | Conseil d'État | 34 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 609 | 717 |
| **L-Irlanda** | Supreme Court | 15 | |
| | High Court | 15 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 18 | 48 |
| **L-Italja** | Corte suprema di Cassazione | 90 | |
| | Consiglio di Stato | 57 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 749 | 896 |

>>>

| | | | Total |
|---|---|---|---|
| **Ċipru** | Ανώτατο Δικαστήριο | | |
| | Qrati jew tribunali oħra | | |
| **Il-Latvja** | Augstākā tiesa | | |
| | Satversmes tiesa | | |
| | Qrati jew tribunali oħra | | |
| **Il-Litwanja** | Konstitucinis Teismas | | |
| | Lietuvos Aukschiausiasis | | |
| | Lietuvos vyriausiasis administracinis Teismas | 1 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | | 1 |
| **Il-Lussemburgu** | Cour supérieure de justice | 10 | |
| | Conseil d'État | 13 | |
| | Cour administrative | 7 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 30 | 60 |
| **L-Ungerija** | Legfelsöbb Bíroság | 1 | |
| | Szegedi Ítélötáblá | 1 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 7 | 9 |
| **Malta** | Qorti Kostituzzjonali | | |
| | Qorti ta' l-Appel | | |
| | Qrati jew tribunali oħra | | |
| **L-Olanda** | Raad van State | 51 | |
| | Hoge Raad der Nederlanden | 147 | |
| | Centrale Raad van Beroep | 44 | |
| | College van Beroep voor het Bedrijfsleven | 134 | |
| | Tariefcommissie | 34 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 256 | 666 |
| **L-Awstrija** | Verfassungsgerichtshof | 4 | |
| | Oberster Gerichtshof | 59 | |
| | Oberster Patent- und Markensenat | 1 | |
| | Bundesvergabeamt | 24 | |
| | Verwaltungsgerichtshof | 46 | |
| | Vergabekontrollsenat | 4 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 150 | 288 |

>>>

| | | | Total |
|---|---|---|---|
| **Il-Polonja** | Sąd Najwyższy | | |
| | Naczelny Sąd Administracyjny | | |
| | Trybunał Konstytucyjny | | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 3 | 3 |
| **Il-Portugall** | Supremo Tribunal Administrativo | 1 | |
| | Supremo Tribunal de Justiça | 34 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 25 | 60 |
| **Is-Slovenja** | Vrhovno sodišče | | |
| | Ustavno sodišče | | |
| | Qrati jew tribunali oħra | | |
| **Is-Slovakkja** | Ústavný Súd | | |
| | Najvyšší súd | | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 1 | 1 |
| **Il-Finlandja** | Korkein hallinto-oikeus | 18 | |
| | Korkein oikeus | 7 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 22 | 47 |
| **L-Iżvezja** | Högsta Domstolen | 8 | |
| | Marknadsdomstolen | 3 | |
| | Regeringsrätten | 19 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 33 | 63 |
| **Ir-Renju Unit** | House of Lords | 35 | |
| | Court of Appeal | 38 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 345 | 418 |
| **Benelux** | Cour de justice/Gerechtshof[1] | 1 | 1 |
| **Total** | | | **5 765** |

[1] Kawża C-265/00, Campina Melkunie.

## 19. Żvilupp ġenerali ta' l-attività ġudizzjarja (1952-2006) – Rikorsi ġodda għal nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu[1]




| | BE | CZ | DK | DE | EE | EL | ES | FR | IE | IT | CY | LV | LT | LU | HU | MT | NL | AT | PL | PT | SI | SK | FI | SE | UK | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2006 | 11 | 4 | | 11 | 2 | 25 | 19 | 9 | 7 | 25 | | | | 28 | | 2 | 5 | 12 | 3 | 13 | | 2 | 7 | 4 | 4 | **193** |
| 1952-2006 | 313 | 4 | 34 | 228 | 3 | 308 | 166 | 352 | 166 | 559 | | | | 210 | | 2 | 117 | 98 | 3 | 118 | | 2 | 40 | 29 | 108 | **2 860** |

Fost il-kawżi mressqa kontra Spanja hemm inkluż rikors fondat fuq l-Artikolu 170 tat-Trattat KE (li issa huwa l-Artikolu 227 KE), imressaq mill-Belġju.

Fost il-kawżi mressqa kontra Franza hemm inkluż rikors fondat fuq l-Artikolu 170 tat-Trattat KE (li issa huwa l-Artikolu 227 KE), imressaq mill-Irlanda.

Fin-numru tal-kawżi mressqa kontra r-Renju Unit hemm inklużi tliet rikorsi bbażati fuq l-Artikolu 170 tat-Trattat KE (li issa sar l-Artikolu 227 KE), wieħed imressaq minn Franza u tnejn imressqa minn Spanja.

[1] Artikoli 93, 169, 170, 171, 225 tat-Trattat KE (li saru l-Artikoli 88 KE, 226 KE, 227 KE, 228 KE u 298 KE), Artikoli 141 EA, 142 EA, 143 EA u Artikolu 88 FA.




# Kapitolu II

## Il-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej

# A – Attività tal-Qorti tal-Prim'Istanza fl-2006

Mill-President Bo Vesterdorf

Fl-2006, għat-tieni sena konsekuttiva, il-Qorti tal-Prim'Istanza għalqet iktar kawżi milli ġew imressqa quddiemha (436 kawża deċiżi kontra 432 imressqa). Ħarsa ġenerali minn taħt dan l-aspett turi li n-numru ta' kawżi mressqa qiegħed jonqos (432 kontra 469 fl-2005). Iżda dan it-tnaqqis huwa biss apparenti u jista' jiġi spjegat bil-fatt li matul l-2006 ma tressqux kawżi dwar is-servizz pubbliku quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza peress li issa dawn jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku[1]. Fil-verità, apparti l-kawżi dwar is-servizz pubbliku u apparti proċeduri partikolari, in-numru ta' kawżi kiber b'mod notevoli, peress li kien hemm żieda ta' 33% (387 kontra 291 fl-2005). In-numru ta' kawżi li tressqu dwar *trade marks* żdied b'46% (143 fl-2006 kontra 98 fl-2005), filwaqt li l-kawżi dwar suġġetti oħra barra mill-proprjetà intellettwali u s-servizz pubbliku żdiedu b'26% (244 kontra 193). In-numru ta' kawżi magħluqa, min-naħa tiegħu, qiegħed jonqos (436 kontra 610), iżda, hawnhekk ukoll huwa neċessarju li jittieħed in kunsiderazzjoni l-fatt li fis-sena 2005, 117-il kawża ġew magħluqa permezz tat-trasferiment tagħhom lit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku. Jekk dawn il-kawżi ma jittieħdux in kunsiderazzjoni, it-tnaqqis fin-numru ta' kawżi magħluqa fl-2006 jibqa' reali iżda inqas notevoli (436 kontra 493).

B'mod definittiv, in-numru ta' kawżi pendenti jibqa' kważi l-istess meta mqabbel ma' dak tas-sena ta' qabel, jiġifieri ftit iktar minn elf (1029 kontra 1033 fl-2005). F'dan ir-rigward jista' jiġi osservat li fl-1 ta' Jannar 2007, il-kawżi dwar proprjetà intellettwali kienu jirrappreżentaw qrib 25% tan-numru totali tal-kawżi pendenti. Għaldaqstant, minkejja li, minn naħa, 82 kawża dwar is-servizz pubbliku għadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza u, min-naħa l-oħra, tressqu quddiemha l-ewwel appelli mis-sentenzi tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (fil-31 ta' Diċembru 2006 kienu tressqu 10 appelli), il-kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza qegħdin ftit ftit jibdlu l-aspett tagħhom billi qed jersqu iktar lejn materji ekonomiċi.

Fir-rigward tat-tul medju ta' istanza, dan żdied xi ftit matul din is-sena peress li, apparti l-kawżi dwar is-servizz pubbliku u l-proprjetà intellettwali, dan għadda minn 25.6 xhur fl-2005 għal 27.8 xhur. Madankollu, għandu jiġi osservat li matul is-sena 2006, it-talba għal proċedura mħaffa prevista fl-Artikolu 76a tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza ġiet milqugħa mill-Qorti tal-Prim'Istanza f'4 kawżi mill-10 li saret fihom.

Barra minn hekk, Pernilla Lindh, innominata bħala Mħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja, kif ukoll Paolo Mengozzi u Verica Trstenjak, innominati bħala Avukati Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja, ħallew il-Qorti tal-Prim'Istanza fis-6 ta' Ottubru. Fl-istess jum, dawn ġew issostitwiti minn Nils Wahl, Enzo Moavero Milanesi u Miro Prek, rispettivament.

Fil-kuntest ta' dan ir-rapport, huwa impossibbli li r-rikkezza tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza għas-sena 2006 tiġi ttrattata b'mod eżawrjenti. Għaldaqstant, huma biss il-kontribuzzjonijiet l-iktar importanti ta' din is-sena li ser jissemmew u għalhekk l-għażla

[1] Matul is-sena 2006, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku reġa' bagħat kawża quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza.

tinvolvi neċessarjament aspett ta' suġġettività[2]. Dawn jikkonċernaw (I) il-kawżi dwar il-legalità, (II) il-kawżi dwar il-ħlas ta' kumpens għal dannu u, fl-aħħar, (III) il-miżuri provviżorji.

### I. *Kawżi dwar il-legalità*

## A. Ammissibbiltà tar-rikorsi mressqa taħt l-Artikoli 230 KE u 232 KE

Matul is-sena 2006, l-iżviluppi l-iktar notevoli dwar din il-kwistjoni huma dawk li jirrigwardaw il-kunċett ta' att li jista' jiġi kkontestat, u f'miżura iżgħar, dawk li jirrigwardaw il-kunċett ta' *locus standi*.

### 1. Atti li jistgħu jkunu s-suġġett ta' rikors

Skond ġurisprudenza stabbilita, l-atti jew id-deċiżjonijiet li jistgħu jkunu s-suġġett ta' rikors għal annullament skond l-Artikolu 230 KE huma dawk il-miżuri li jipproduċu effetti legali vinkolanti li jaffettwaw l-interessi tar-rikorrent, billi jibdlu b'mod kunsiderevoli l-pożizzjoni legali tiegħu[3]. Matul is-sena 2006, ir-rilevanza ta' din il-kwistjoni ġiet spjegata b'inqas minn seba' kawżi.

Fl-ewwel lok, tliet sentenzi kkjarifikaw il-limiti tar-rikorsi għal annullament kontra l-atti adottati mill-Uffiċċju Ewropew kontra l-Frodi (l-OLAF)[4]. L-ewwel nett, fis-sentenza **Camós Grau vs Il-Kummissjoni,** il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li rapport ta' investigazzjoni ta' OLAF li kien qiegħed lir-rikorrent taħt investigazzjoni ma jibdilx b'mod kunsiderevoli l-pożizzjoni legali tiegħu, peress li, b'mod partikolari, dan ma jġib miegħu ebda obbligu, lanqas proċedurali, għall-awtoritajiet li jkun indirizzat lilhom. It-tieni nett, fuq l-istess linji, fis-sentenza **Tillack vs Il-Kummissjoni,** il-Qorti tal-Prim'Istanza ppreċiżat li l-fatt li l-OLAF bagħat informazzjoni lill-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali ma setax ikun is-suġġett ta' rikors għal annullament. Fil-fatt, it-trażmissjoni ta' informazzjoni mill-OLAF, għalkemm għandha tiġi ttrattata b'mod serju mill-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali, ma toħloq ebda effett legali vinkolanti fir-rigward tagħhom u huma jibqgħu liberi li jiddeċiedu kif ser jipproċedu fir-rigward ta' l-investigazzjonijiet ta' l-OLAF. Fl-aħħar u fit-tielet nett, fid-digriet **Strack vs Il-Kummissjoni,** il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li uffiċjal li jinforma lill-OLAF b'imġiba li eventwalment tiġi investigata ma jistax juża r-rikors għal annullament sabiex

2 Mhumiex imsemmija, per eżempju, kawżi li jirrigwardaw id-dritt kontra d-*dumping*, li madankollu waslu għal żviluppi interessanti, b'mod partikolari s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-24 ta' Ottubru 2006, Ritek u Prodisc Technology vs Il-Kunsill, T-274/02, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra, kif ukoll kawżi li jirrigwardaw id-dritt dwar is-servizz pubbliku.

3 Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Novembru 1981, IBM vs Il-Kummissjoni, 60/81, Ġabra p. 2639, punt 9, u ta' l-14 ta' Frar 1989, Bossi vs Il-Kummissjoni, 346/87, Ġabra p. 303, punt 23.

4 Ara s-sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-6 ta' April 2006, Camós Grau vs Il-Kummissjoni, T-309/03; ta' l-4 ta' Ottubru 2006, Tillack vs Il-Kummissjoni, T-193/04, u d-digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-22 ta' Marzu 2006, Strack vs Il-Kummissjoni, T-4/05 (qiegħed taħt appell, C-237/06 P), li għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġabra, rispettivament.

jikkontesta deċiżjoni li tiġi magħluqa l-investigazzjoni, li kienet ġiet miftuħa wara din il-komunikazzjoni.

Fit-tieni lok, f'żewġ sentenzi mogħtija matul is-sena 2006, fil-kuntest tal-kawża magħrufa bħala "Banques autrichiennes – 'club Lombard'" ġie konkluż li rikorsi mressqa kontra deċiżjoni meħuda mill-uffiċjal tas-seduta tal-Kummissjoni huma ammissibbli[5]. Minn naħa, fis-sentenza **Österreichische Postsparkasse u Bank für Arbeit und Wirtschaft vs Il-Kummissjoni,** żewġ istituzzjonijiet ta' kreditu talbu l-annullament ta' deċiżjonijiet li jintbagħtu lil partit politiku l-verżjonijiet mhux kunfidenzjali tad-dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjonijiet dwar l-iffissar tat-tariffi bankarji. Fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tinforma lil impriża, li kontriha tkun inbdiet proċedura ta' ksur, li l-informazzjoni pprovduta minnha mhijiex koperta mit-trattament kunfidenzjali ggarantit mid-dritt Komunitarju (u għalhekk tista' tiġi kkomunikata lil terza persuna li tippreżenta lment), tipproduċi effetti legali fir-rigward ta' l-impriża in kwistjoni billi tibdel b'mod kunsiderevoli l-pożizzjoni legali tagħha. Għalhekk, hija tikkostitwixxi att li jista' jiġi kkontestat. Min-naħa l-oħra, fil-kawża **Bank Austria Creditanstalt vs Il-Kummissjoni**, il-Bank Austria Creditanstalt talab l-annullament ta' deċiżjoni ta' l-uffiċjal tas-seduta li tiċħad l-oġġezzjoni tiegħu għall-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-verżjoni mhux kunfidenzjali tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li deċiżjoni meħuda mill-uffiċjal tas-seduta skond it-tielet paragrafu ta'l-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni 2001/462[6] tipproduċi effetti legali, peress li fiha huwa jiddeċiedi mhux biss jekk it-test li ser jiġi ppublikat ikunx fih sigrieti tan-negozju jew informazzjoni oħra li tgawdi mill-istess protezzjoni, iżda wkoll jekk ikunx fih informazzjoni oħra li ma tistax tingħata lill-pubbliku, minħabba regoli tad-dritt Komunitarju li jipproteġuha b'mod speċifiku jew minħabba l-fatt li min-natura tagħha din l-informazzjoni tkun koperta mis-sigriet professjonali. Għalhekk, deċiżjoni bħal din ukoll tikkostitwixxi att li jista' jiġi kkontestat.

Fit-tielet lok, fis-sentenza **Deutsche Bahn vs Il-Kummissjoni**[7]**,** il-Qorti tal-Prim'Istanza ppreċiżat il-portata tal-kunċett ta' att li jista' jiġi kkontestat, għal dak li jikkonċerna d-deċiżjonijiet li tadotta l-Kummissjoni fil-qasam ta' l-għajnuna mogħtija minn Stat, fuq il-bażi ta' l-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 659/1999[8]. F'dan il-każ, il-Kummissarju inkarigat mit-trasport kien informa lir-rikorrent bil-miktub li ma kienx ser jilqa' l-ilment tiegħu sabiex tinbeda l-proċedura prevista fl-Artikolu 88(2) KE. L-ittra kienet tipprovdi motivazzjoni ċara u preċiża tar-raġunijiet li għalihom il-miżura nazzjonali ma kellhiex tiġi kkunsidrata bħala għajnuna fis-sens ta' l-Artikolu 87(1) KE. Madankollu, il-Kummissjoni sostniet li din kienet

5 Sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-30 ta' Mejju 2006, Bank Austria Creditanstalt vs Il-Kummissjoni, T-198/03, u tas-7 ta' Ġunju 2006, Österreichische Postsparkasse u Bank für Arbeit und Wirtschaft vs Il-Kummissjoni, T-213/01 u T-214/01, li għadhom ma ġewx ippubblikati fil-Ġabra. Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/138/KE, tal-11 ta' Ġunju 2002, dwar proċedura ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 81 KE (fil-Każ COMP/36.571/D-1, Banques autrichiennes – "club Lombard") (ĠU 2004, L 56, p. 1).

6 Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/462/KE, KEFA, tat-23 ta' Mejju 2001, dwar it-termini ta' referenza ta' uffiċjal tas-seduta f'ċerti proċeduri dwar il-kompetizzjoni (ĠU L 162, p. 21).

7 Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-5 ta' April 2006, Deutsche Bahn vs Il-Kummissjoni, T-351/02, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.

8 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu [88 CE] (ĠU L 83, p. 1).

biss ittra ta' informazzjoni u ma kinitx deċiżjoni fis-sens ta' l-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 659/1999 u, konsegwentement, hija ma kinitx att li seta' jiġi kkontestat peress li ma kinitx tipproduċi effetti legali.

Madankollu, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li ittra tal-Kummissjoni indirizzata lil impriża li tkun ressqet ilment taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 230 KE meta l-Kummissjoni, li tkun irċeviet informazzjoni dwar allegazzjoni ta' għajnuna illegali, u minħabba dan il-fatt tkun obbligata teżamina din l-informazzjoni mingħajr dewmien skond l-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 659/1999, ma tillimitax ruħha, kif għandha l-possibbiltà li tagħmel skond l-Artikolu 20 ta' l-imsemmi regolament, li tinforma lill-persuna li tkun ressqet l-ilment li ma kienx hemm motivi suffiċjenti biex tiddeċiedi dwar il-każ, iżda tieħu pożizzjoni ċara, motivata u definittiva billi tindika li l-miżura in kwistjoni, ma tikkostitwixxix għajnuna. Fil-fatt, jekk tagħmel dan, il-Kummissjoni ma jkollhiex għażla oħra ħlief li tadotta deċiżjoni skond l-Artikolu 4(2) ta' l-imsemmi regolament. Għaldaqstant, il-Kummissjoni m'għandha l-ebda dritt teskludi din id-deċiżjoni mill-istħarriġ ġudizzjarju tal-qorti Komunitarja billi tiddikjara li ma ħaditx deċiżjoni bħal din, billi tipprova tirtiraha jew billi tiddeċiedi li ma tindirizzax id-deċiżjoni lill-Istat Membru kkonċernat, bi ksur ta' l-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 659/1999. F'dan ir-rigward huwa irrilevanti li l-ittra in kwistjoni ma kinitx ir-riżultat ta' deċiżjoni definittiva dwar l-ilment mill-kulleġġ tal-Kummissarji jew li deċiżjoni bħal din ma ġietx ippubblikata.

Fl-aħħar u fir-raba' nett, fid-digriet **Schneider Electric vs Il-Kummissjoni**[9]**,** il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet, għall-ewwel darba, fuq l-ammissibbiltà ta' rikors kontra deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ il-proċedura ta' stħarriġ iddettaljat ta' konċentrazzjoni. F'dan il-każ, il-Kummissjoni kienet adottat din id-deċiżjoni fil-kuntest tal-proċedura amministrattiva, miftuħa mill-ġdid wara li ngħataw iż-żewġ sentenzi li ddikjaraw id-deċiżjoni dwar l-inkompatibbiltà tal-konċentrazzjoni bejn Schneider Electric u Legrand, żewġ produttori ta' apparat elettriku għal installazzjonijiet ta' vultaġġ baxx, u d-deċiżjoni tas-separazzjoni ta' dawn iż-żewġ entitajiet, bħala nulli[10]. Ir-rikorrenti kkontestat id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, minn naħa, li tiftaħ proċedura ta' stħarriġ iddettaljat u, min-naħa l-oħra, li tagħlaq il-proċedura formalment.

Fid-digriet tagħha, il-Qorti tal-Prim'Istanza, miċ-ċirkustanzi tal-kawża, waslet għall-konklużjoni li impriża li, wara li tkun kisbet mill-Qorti tal-Prim'Istanza l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tipprojbixxiha milli twettaq konċentrazzjoni, tittrasferixxi l-impriża li kienet akkwistat matul it-terminu ta' żmien mogħti lill-Kummissjoni sabiex tadotta deċiżjoni ġdida, ma tistax tallega li sarilha dannu minħabba deċiżjoni tal-Kummissjoni, adottata wara d-deċiżjoni li jsir it-trasferiment, li tiftaħ mill-ġdid il-proċedura ta' stħarriġ iddettaljat tal-konċentrazzjoni, u lanqas minħabba deċiżjoni tal-Kummissjoni, wara t-twettiq tat-trasferiment, li tagħlaq formalment l-imsemmija proċedura, li b'hekk tkun saret mingħajr skop. Sussidjarjament, il-Qorti tal-Prim'Istanza sostniet li d-deċiżjoni li tinbeda l-proċedura formali ta' stħarriġ tikkostitwixxi sempliċement miżura preparatorja. Fil-fatt, għalkemm deċiżjoni bħal din twassal għall-proroga tas-sospensjoni tal-

[9] Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-31 ta' Jannar 2006, Schneider Electric vs Il-Kummissjoni, T-48/03 (qiegħed taħt appell, C-188/06 P), li għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġabra.

[10] Sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-22 ta' Ottubru 2002, Schneider Electric vs Il-Kummissjoni, T-310/01, Ġabra p. II-4071, u T-77/02, Ġabra p. II-4201.

konċentrazzjoni u ta' l-obbligu ta' kooperazzjoni mal-Kummissjoni matul il-proċedura ta' stħarriġ iddettaljat, dawn il-konsegwenzi, li jirriżultaw direttament mir-regolament applikabbli għall-konċentrazzjonijiet u li huma dedotti mill-istħarriġ preliminari tal-kompatibbiltà tal-konċentrazzjoni, ma jmorrux lil hinn mill-effetti propri ta' att ta' proċedura u għalhekk ma jaffettwawx il-pożizzjoni legali ta' Schneider Electric. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Prim'Istanza teskludi l-analoġija proposta minn din l-impriża mas-sistema Komunitarja ta' l-għajnuna mogħtija minn Stat. Fil-fatt, b'differenza minn deċiżjoni meħuda skond l-Artikolu 88(2) KE, li, skond il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, f'ċerti każijiet jista' jkollha effetti legali awtonomi[11], id-deċiżjoni li tinfetaħ proċedura ta' stħarriġ iddettaljat ma tinvolvi, fiha nnifisha, ebda obbligu li mhuwiex diġà dedott min-notifika tal-konċentrazzjoni lill-Kummissjoni fuq l-inizjattiva ta' l-impriżi kkonċernati.

## 2. Locus Standi

### a) *Interess individwali*

Skond ġurisprudenza stabbilita, il-persuni fiżiċi u legali li mhumiex id-destinatarji ta' deċiżjoni ma jistgħux jallegaw li huma kkonċernati individwalment ħlief jekk din id-deċiżjoni tolqothom minħabba ċerti kwalitajiet partikolari għalihom jew minħabba ċirkustanzi li jiddistingwuhom mill-persuni l-oħra kollha u, li minħabba dan il-fatt, jindividwawhom bl-istess mod kif kien ikun individwat id-destinatarju ta' deċiżjoni[12].

Matul is-sena 2006, il-Qorti tal-Prim'Istanza applikat dawn il-prinċipji, b'mod partikolari, fil-kawża li wasslet għas-sentenza **Boyle *et* vs Il-Kummissjoni**[13]**.** Din il-kawża kienet tirrigwarda deċiżjoni tal-Kummissjoni indirizzata lill-Irlanda u li tiċħad talba għal żieda ta' l-għanijiet tal-programm multiannwu ta' gwida tal-flotta tas-sajd ta' l-Irlanda ("POP IV"). Il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li r-rikorrenti, proprjetarji ta' bastimenti li jifformaw parti mill-flotta tas-sajd Irlandiża, għalkemm ma kinux destinatarji tad-deċiżjoni, madankollu kienu individwalment affettwati minnha. Fil-fatt, it-talba għal żieda ppreżentata mill-Irlanda kienet komposta minn ġabra ta' talbiet individwali tal-proprjetarji ta' bastimenti, fosthom dawk tar-rikorrenti. Għalkemm id-deċiżjoni kienet indirizzata lill-Irlanda, hija kienet tikkonċerna numru ta' bastimenti speċifiċi u għalhekk kellha tiġi kkunsidrata bħala konglomerazzjoni ta' deċiżjonijiet individwali, li kull waħda minnhom taffettwa l-pożizzjoni legali tal-proprjetarji ta' l-imsemmija bastimenti. In-numru u l-identità tal-proprjetarji tal-bastimenti in kwistjoni kienu ddeterminati u verifikabbli minn qabel id-data tad-deċiżjoni kkontestata u l-Kummissjoni kienet f'pożizzjoni li tkun taf li d-deċiżjoni tagħha kienet taffettwa esklużivament l-interessi u l-pożizzjoni ta' l-imsemmija proprjetarji. Meta ġiet adottata, id-deċiżjoni kkontestata kienet tikkonċerna ċirku magħluq ta' persuni speċifiċi li

[11] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-30 ta' Ġunju 1992, Spanja vs Il-Kummissjoni, C-312/90, Ġabra p. I-4117, punti 21 sa 23.

[12] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Lulju 1963, Plaumann vs Il-Kummissjoni, 25/62, Ġabra p. 197, 223.

[13] Sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-13 ta' Ġunju 2006, Boyle *et* vs Il-Kummissjoni, T-218/03 sa T-240/03 (qegħda taħt appell, C-373/06 P), li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra; ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-13 ta' Ġunju 2006, Atlantean vs Il-Kummissjoni, T-192/03, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.

l-Kummissjoni riedet tirregola d-drittijiet tagħhom. Għalhekk, din is-sitwazzjoni tiddistingwi lir-rikorrenti minn kull persuna oħra u tindividwalizzahom bl-istess mod kif kien ikun individwalizzat destinatarju.

b) *Locus standi fil-kawżi dwar għajnuna mogħtija minn Stat*

Fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Aktiongemeinschaft Recht und Eigentum, deċiża fl-2005, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, minn naħa, meta individwu interessat fis-sens ta' l-Artikolu 88(2) KE jipprova jissalvagwardja d-drittijiet proċedurali tiegħu, rikors għall-annullament ta' deċiżjoni meħuda fl-aħħar tal-fażi preliminari ta' l-istħarriġ ta' l-għajnuna msemmija fl-Artikolu 88(3) KE huwa ammissibbli u, min-naħa l-oħra, meta individwu jikkontesta l-mertu tad-deċiżjoni ta' evalwazzjoni ta' l-għajnuna bħala tali jew deċiżjoni meħuda fl-aħħar tal-proċedura formali ta' stħarriġ, rikors għall-annullament ta' deċiżjoni bħal din huwa ammissibbli biss jekk l-individwu jirnexxielu jipprova li huwa jgawdi minn pożizzjoni partikolari fis-sens tas-sentenza Plaumann vs Il-Kummissjoni[14].

Fl-2006, ingħataw żewġ sentenzi li ppermettew lill-Qorti tal-Prim'Istanza tippreċiża l-applikazzjoni ta' din id-distinzjoni meta l-Kummissjoni tat deċiżjoni mingħajr ma fetħet il-proċedura formali ta' stħarriġ[15].

Minn naħa, fil-kawża li wasslet għas-sentenza **Air One vs Il-Kummissjoni**[16]**,** ir-rikorrenti, kumpannija ta' l-ajru Taljana, ressqet ilment lill-Kummissjoni minħabba l-fatt li l-awtoritajiet Taljani kienu illegalment taw għajnuna lill-kumpannija ta' l-ajru Ryanair taħt forma ta' tnaqqis tal-prezzijiet tas-servizzi ta' l-ajruport u tal-*groundhandling*. Ir-rikorrenti talbet ukoll lill-Kummissjoni tordna lir-Repubblika Taljana tissospendi l-ħlas ta' l-għajnuna. Peress li dan kien rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni, li flimkien mar-rikors għal annullament jifformaw l-espressjoni ta' l-istess rimedju fil-liġi, il-Qorti tal-Prim'Istanza kellha tiddetermina jekk ir-rikorrenti setgħetx tressaq rikors għall-annullament, ta' almenu wieħed mill-atti li l-Kummissjoni setgħet tadotta fl-aħħar tal-proċedura preliminari ta' stħarriġ ta' l-għajnuna. Għal dan il-għan, il-Qorti tal-Prim'Istanza applikat il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u, f'dan il-kuntest, hija ppreċiżat il-kunċett ta' "relazzjoni ta' kompetizzjoni suffiċjenti" sabiex impriża tkun tista' titqies li hija kompetitriċi tal-benefiċjarji ta' l-għajnuna, u konsegwentement, parti interessata fis-sens ta' l-Artikolu 88(2) KE. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Prim'Istanza stabbilixxiet li, sabiex ir-rikors jiġi ddikjarat bħala ammissibbli, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li r-rikorrenti u l-benefiċjarju ta' l-għajnuna jmexxu flimkien, direttament jew indirettament, linja internazzjonali ta' l-ajru u li r-rikorrenti jkollha l-intenzjoni li tiżviluppa l-attivitajiet ta' servizzi regolari tat-trasport tal-

[14] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Diċembru 2005, Il-Kummissjoni vs Aktionsgemeinschaft Recht und Eigentum, C-78/03 P, Ġabra I-10737.

[15] Għal dak li jikkonċerna l-*locus standi* fil-qasam ta' l-għajnuna mogħtija minn Stat, ara, ukoll, is-sentenza tas-27 ta' Settembru 2006, Werkgroep Commerciële Jachthavens Zuidelijke Randmeren *et* vs Il-Kummissjoni, T-117/04, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra, li fiha l-Qorti tal-Prim'Istanza eskludiet il-*locus standi* ta' assoċjazzjoni u tal-membri tagħha sabiex jikkontestaw deċiżjoni adottata fl-aħħar tal-proċedura formali ta' stħarriġ prevista fl-Artikolu 88(2) KE.

[16] Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-10 ta' Mejju 2006, Air One vs Il-Kummissjoni, T-395/04, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.

passiġġieri bl-arju minn jew lejn ajruporti Taljani, b'mod partikolari, ajruporti reġjonali, li fir-rigward tagħhom hija għandha mnejn tidħol f'kompetizzjoni mal-benefiċjarju.

Min-naħa l-oħra, fil-kawża li wasslet għas-sentenza **British Aggregates vs Il-Kummissjoni**[17], il-Kummissjoni, mingħajr ma fetħet proċedura formali ta' stħarriġ, iddeċidiet li ma tqajjimx oġġezzjonijiet kontra t-taxxa li kienet qed tiġi eżaminata. Il-Qorti tal-Prim'Istanza fakkret li, għalkemm ir-rikorrenti kkontestat il-mertu tad-deċiżjoni ta' evalwazzjoni ta' l-għajnuna bħala tali, is-sempliċi fatt li setgħet tiġi kkunsidrata bħala parti interessata fis-sens ta' l-Artikolu 88(2) KE ma kienx biżżejjed sabiex ir-rikors ikun ammissibbli. Għalhekk, ir-rikorrenti kellha turi li kienet f'pożizzjoni partikolari fis-sens tas-sentenza Plaumann vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq. Dan ikun il-każ, b'mod partikolari, jekk il-pożizzjoni tagħha fis-suq tkun sostanzjalment affettwata mill-għajnuna li kienet is-suġġett tad-deċiżjoni in kwistjoni. Madankollu, f'dan il-każ, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat li r-rikorrenti, assoċjazzjoni ta' impriżi, ma llimitatx ruħha li tikkontesta r-rifjut tal-Kummissjoni li tiftaħ il-proċedura formali ta' stħarriġ, iżda kkontestat ukoll il-mertu tad-deċiżjoni in kwistjoni. Għalhekk, wara li eżaminat jekk hija kinitx indikat ir-raġunijiet li għalihom il-miżura eżaminata setgħet taffettwa b'mod sostanzjali l-pożizzjoni ta' almenu wieħed mill-membri tagħha fis-suq in kwistjoni, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat li din il-miżura kienet intiża sabiex tibdel, b'mod ġenerali, it-tqassim tas-suq bejn il-granulat pur, li huwa taxxabbli, u l-prodotti ta' sostituzzjoni, li huma eżenti. Barra minn hekk, din il-miżura setgħet tinvolvi bidla effettiva fis-sitwazzjoni kompetittiva ta' wħud mill-membri tar-rikorrenti, peress li dawn kienu f'kompetizzjoni diretta ma' produtturi ta' materjali eżenti, li saru kompetittivi minħabba l-istabbiliment tat-taxxa ambjentali in kwistjoni. Peress li din il-miżura setgħet taffettwa, b'mod sostanzjali, is-sitwazzjoni kompetittiva ta' wħud mill-membri tar-rikorrenti, ir-rikors tagħha kien ammissibbli.

## ċ) *Interess dirett*

Sabiex rikorrent ikun jista' jitqies li huwa direttament ikkonċernat fis-sens tar-raba' subparagrafu ta' l-Artikolu 230 KE, għandhom jiġu sodisfatti żewġ kundizzjonijiet. L-ewwel nett, l-att in kwistjoni għandu jkollu effetti diretti fuq il-pożizzjoni legali ta' l-individwu. It-tieni nett, l-imsemmi att m'għandu jħalli l-ebda setgħa diskrezzjonali lid-destinatarji tiegħu inkarigati mill-implementazzjoni tiegħu, peress li din għandha tkun purament awtomatika u għandha tirriżulta mil-leġiżlazzjoni Komunitarja biss mingħajr applikazzjoni ta' regoli intermedjarji[18]. Din it-tieni kundizzjoni tiġi sodisfatta meta l-possibbiltà għall-Istat Membru li ma jagħtix effett lill-att in kwistjoni tkun purament teoretika, peress li ma jkun hemm ebda dubju dwar ir-rieda tiegħu li jkun f'konformità ma' dan l-att [19].

17 Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-13 ta' Settembru 2006, British Aggregates vs Il-Kummissjoni, T-210/02 (qegħda taħt appell, C-487/06 P), li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.

18 Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Mejju 1998, Dreyfus vs Il-Kummissjoni, C-386/96 P, Ġabra p. I-2309, punt 43, u s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-13 ta' Diċembru 2000, DSTV vs Il-Kummissjoni, T-69/99, Ġabra p. II-4039, punt 24.

19 Sentenza Dreyfus vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 44.

Billi applikat dawn il-prinċipji fis-sentenza **Boyle *et* vs Il-Kummissjoni,** imsemmija iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Prim'Istanza sostniet li deċiżjoni li tirrifjuta li tilqa' ċerti talbiet ta' żieda ta' l-għanijiet tal-programm multiannwu ta' gwida tal-flotta tas-sajd ta' l-Irlanda ("POP IV") kienet taffettwa direttament lill-proprjetarji tal-bastimenti kkonċernati. Fil-fatt, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni, in kwantu l-unika awtorità kompetenti f'dan is-suġġett, esprimiet id-deċiżjoni tagħha, dwar l-eliġibbiltà għal żieda fil-kapaċità ta' ċerti bastimenti partikolari meta mqabbla mal-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tal-leġizlazzjoni applikabbli, b'mod definittiv. Peress li kkonstatat li l-bastimenti tar-rikorrenti ma kinux eliġibbli għall-imsemmija żieda, id-deċiżjoni kkontestata kellha l-effett dirett u definittiv li ċċaħħadhom mill-possibbiltà li jibbenefikaw minn miżura ta' dritt Komunitarju. Fil-fatt, l-awtoritajiet nazzjonali ma kellhom ebda setgħa diskrezzjonali fir-rigward ta' l-implementazzjoni ta' din id-deċiżjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Prim'Istanza eskludiet l-argument li l-Irlanda setgħet teoretikament taċċetta li tagħti l-kapaċità addizzjonali lill-bastimenti tar-rikorrenti sal-limitu stabbilit fil-kuntest tal-POP IV. Fil-fatt, skond il-Qorti tal-Prim'Istanza, deċiżjoni nazzjonali ta' dan it-tip ma ċċaħħadx lid-deċiżjoni kkontestata mill-applikabbiltà awtomatika tagħha peress li tibqa' ġuridikament estranja għall-applikazzjoni, fid-dritt Komunitarju, tad-deċiżjoni kkontestata. Din id-deċiżjoni nazzjonali jkollha l-effett li tibdel mill-ġdid il-pożizzjoni tar-rikorrenti, peress li din it-tieni bidla fil-pożizzjoni legali tagħhom tirriżulta biss mid-deċiżjoni nazzjonali ġdida u mhux mill-implementazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

## B. Regoli ta' kompetizzjoni applikabbli għall-impriżi

Din is-sena, il-Qorti tal-Prim'Istanza tat 26 sentenza dwar il-liġi sostantiva li tipprojbixxi kull xorta ta' ftehim li jmur kontra l-kompetizzjoni, u li minnhom 18-il sentenza kienu dwar kartelli[20]. Apparti dawk dwar il-kartelli, il-Qorti tal-Prim'Istanza tat erba' sentenzi dwar l-

[20] Sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-15 ta' Marzu 2006, Daiichi Pharmaceutical vs Il-Kummissjoni, T-26/02, u BASF vs Il-Kummissjoni, T-15/02, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra; tal-5 ta' April 2006, Degussa vs Il-Kummissjoni, T-279/02 (qegħda taħt appell, C-266/06 P), li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra; tat-30 ta' Mejju 2006, Bank Austria Creditanstalt vs Il-Kummissjoni, T-198/03, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra; tas-7 ta' Ġunju 2006, Österreichische Postsparkasse u Bank für Arbeit und Wirtschaft vs Il-Kummissjoni, T-213/01 u T-214/01, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra; ta' l-4 ta' Lulju 2006, Hoek Loos vs Il-Kummissjoni, T-304/02, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra; tas-27 ta' Settembru 2006, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni, T-153/04, Archer Daniels Midland vs Il-Kummissjoni (Aċidu ċitriku), T-59/02 u Archer Daniels Midland vs Il-Kummissjoni (Glukonat tas-sodju), T-329/01, Dresdner Bank *et* vs Il-Kummissjoni, T-44/02 OP, T-54/02 OP, T-56/02 OP, T-60/02 OP u T-61/02 OP, Jungbunzlauer vs Il-Kummissjoni, T-43/02, Akzo Nobel vs Il-Kummissjoni, T-330/01, Roquette Frères vs Il-Kummissjoni, T-322/01, u Avebe vs Il-Kummissjoni, T-314/01, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra; tas-16 Novembru 2006, Peróxidos Orgánicos vs Il-Kummissjoni, T-120/04, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra; tal-5 ta' Diċembru 2006, Westfalen Gassen Nederland vs Il-Kummissjoni, T-303/02, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra; tat-13 ta' Diċembru 2006, FNCBV *et* vs Il-Kummissjoni, T-217/03 u T-245/03, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra; ta' l-14 ta' Diċembru 2006, Raiffeisen Zentralbank Österreich *et* vs Il-Kummissjoni, T-259/02 sa T-264/02 u T-271/02, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.

applikazzjoni ta' l-Artikoli 81 KE u 82 KE[21], kif ukoll erba' sentenzi li kienu jirrigwardaw kwistjonijiet sostantivi dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet[22].

## 1. Il-kunċett ta' impriża skond ir-regoli dwar il-kompetizzjoni

Fis-sentenza **SELEX Sistemi Integrati vs Il-Kummissjoni,** iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Prim'Istanza tat deċiżjoni dwar rikors li kien jikkontesta ċ-ċaħda mill-Kummissjoni ta' lment imressaq minn SELEX Sistemi Integrati SpA, kumpannija li topera fis-settur tas-sistemi ta' amministrazzjoni tat-traffiku ta' l-ajru. Dan l-ilment kien jirrigwarda allegat ksur tar-regoli dwar il-kompetizzjoni min-naħa ta' Eurocontrol fl-eżerċizzju tal-missjoni tagħha ta' standardizzazzjoni fir-rigward tat-tagħmir u s-sistemi ta' amministrazzjoni tat-traffiku ta' l-ajru (magħrufa bħala "ATM"). Huwa kien ġie miċħud minħabba li l-attivitajiet in kwistjoni ta' Eurocontrol ma kinux ta' natura ekonomika.

F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Prim'Istanza bdiet billi għamlet riferiment għall-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li tgħid li l-kunċett ta' impriża jinkludi kull entità li teżerċita attività ekonomika, indipendentement mill-istatus ġuridiku ta' din l-entità u l-mod ta' finanzjament tagħha. F'dan ir-rigward, kull attività li tikkonsisti fl-offerta ta' oġġetti u servizzi fuq suq partikolari hija ta' natura ekonomika[23]. Meta mbagħad il-Qorti tal-Prim'Istanza applikat dawn il-prinċipji, hija sostniet li l-attività ta' standardizzazzjoni ta' Eurocontrol, għal dak li jikkonċerna l-preparazzjoni u l-adozzjoni tar-regoli, kif ukoll l-akkwist ta' prototipi ta' sistemi ATM u l-amministrazzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali mwettqa minn Eurocontrol f'dan il-qasam, ma jistgħux jiġu kkwalifikati bħala attivitajiet ekonomiċi. Għall-kuntrarju, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat li l-attivitajiet ta' konsulenza mwettqa minn Eurocontrol fir-rigward ta' l-amministrazzjonijiet nazzjonali, li jieħdu l-forma ta' assistenza fl-abbozzar tal-kundizzjonijiet għas-sejħiet għal offerti jew fl-għażla ta' l-impriżi li jkunu pparteċipaw f'dawn is-sejħiet għal offerti, jikkostitwixxu offerta ta' servizzi fuq suq li fih jistgħu anki joperaw impriżi privati speċjalizzati f'dan is-suġġett. Il-fatt li attività tista' tiġi mwettqa minn impriża privata jikkostitwixxi indikazzjoni supplementari li jippermetti li din l-attività tiġi kkwalifikata bħala attività ta' impriża. Barra minn hekk, għalkemm il-fatt li Eurocontrol ma titħallasx ta' din l-attività ta' assistenza, u din l-attività hija mwettqa b'għan ta' interess ġenerali, jikkostitwixxi indikazzjoni ta' l-eżistenza ta' attività li mhijiex ekonomika, dan ma jeskludix il-possibbiltà li teżisti attività ekonomika. Għalhekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonkludiet li kien żball li l-Kummissjoni kkunsidrat li l-attivitajiet in kwistjoni ma setgħux jiġu kkwalifikati bħala ekonomiċi.

21 Sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-2 ta' Mejju 2006, O2 (Germany) vs Il-Kummissjoni, T-328/03, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra; tas-27 ta' Settembru 2006, GlaxoSmithKline Services vs Il-Kummissjoni, T-168/01, u Haladjian Frères vs Il-Kummissjoni, T-204/03, li għadhom ma ġewx ippubblikati fil-Ġabra, u tat-12 ta' Diċembru 2006, SELEX Sistemi Integrati vs Il-Kummissjoni, T-155/04, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.

22 Sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-23 ta' Frar 2006, Cementbouw Handel & Industrie vs Il-Kummissjoni, T-282/02 (qegħda taħt appell, C-202/06 P); ta' l-4 ta' Lulju 2006, easyJet vs Il-Kummissjoni, T-177/04; tat-13 ta' Lulju 2006, Impala vs Il-Kummissjoni, T-464/04 (qegħda taħt appell, C-413/06 P), u ta' l-14 ta' Lulju 2006, Endesa vs Il-Kummissjoni, T-417/05, li għadhom ma ġewx ippubblikati fil-Ġabra.

23 Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' April 1991, Höfner u Elser, C-41/90, Ġabra p. I-1979, punt 21, u tat-12 ta' Settembru 2000, Pavlov *et*, C-180/98 sa C-184/98, Ġabra p. I-6451, punt 74.

## 2. Applikazzjoni tad-dritt dwar il-kompetizzjoni fis-settur agrikolu

Permezz ta' deċiżjoni tat-2 ta' April 2003[24], il-Kummissjoni imponiet xi multi, li kienu jammontaw għal total ta' EUR 16.68 miljun, fuq il-federazzjonijiet ewlenin Franċiżi fis-settur tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella. Dawn il-federazzjonijiet, li jirrappreżentaw bdiewa u biċċiera, ġew ippenalizzati għaliex ipparteċipaw fi ftehim li jmur kontra d-dritt Komunitarju. Dan il-ftehim tkompla b'mod verbali wara l-aħħar ta' Novembru 2001, data li fiha kellu jiġi fi tmiem, u dan minkejja twissija tal-Kummissjoni li fiha ġibdet l-attenzjoni tal-federazzjonijiet dwar in-natura illegali tiegħu. Dan il-ftehim kien ġie konkluż f'kuntest ekonomiku mmarkat mill-kriżi serja fis-settur tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella fis-sena 2000, wara l-iskoperta ta' każijiet ġodda ta' enċefalopatija sponġiformi ta' l-ifrat, magħrufa bħala "mad cow disease".

Fis-sentenza **FNCBV *et* vs Il-Kummissjoni,** iċċitata iktar 'il fuq, filwaqt li ddeċidiet dwar ir-rikors imressaq kontra din id-deċiżjoni, il-Qorti tal-Prim'Istanza, wara li ċaħdet, b'mod partikolari, l-argumenti tar-rikorrenti li l-Kummissjoni kienet kisret id-dritt tagħhom li jingħaqdu ma' sindakati, ikkunsidrat li l-ftehim li kien ġie kkontestat ma setax jibbenefika mill-eżenzjoni prevista fir-Regolament Nru 26 favur ċerti attivitajiet marbuta mal-produzzjoni u l-bejgħ ta' prodotti agrikoli[25]. Fil-fatt, filwaqt li tali eżenzjoni tingħata biss fil-każ li ftehim, minn naħa, jiffavorixxi l-għanijiet kollha ta' l-Artikolu 33 KE u, min-naħa l-oħra, ikun neċessarju għat-twettiq ta' dawn l-għanijiet, dan ma kienx il-każ fil-kawża in eżami: għalkemm il-ftehim seta' jitqies li kien neċessarju sabiex jiġi assigurat livell ġust tal-ħajja tal-komunità agrikola, għall-kuntrarju, kien hemm riskju li l-provvisti ma jaslux għand il-konsumaturi bi prezzijiet raġonevoli u l-istabbiltà tas-swieq ma kinitx waħda mill-għanijiet tiegħu.

## 3. Kontribuzzjonijiet fil-qasam ta' l-Artikolu 81 KE

### a) *Applikazzjoni ta' l-Artikolu 81(1) KE*

L-Artikolu 81(1) KE jipprovdi li l-akkordji kollha bejn impriżi, id-deċiżjonijiet kollha ta' assoċjazzjonijiet bejn impriżi u l-prattiċi kollha miftiehma li jistgħu jolqtu l-kummerċ bejn l-Istati Membri u li jkollhom bħala għan jew riżultat tagħhom il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq komuni, huma inkompatibbli mas-suq komuni u għandhom ikunu pprojbiti.

#### — Għan jew effett antikompetittiv ta' akkordji jew prattiċi miftiehma

Is-sentenza **GlaxoSmithKline Services vs Il-Kummissjoni,** li tikkonċerna r-rabtiet bejn restrizzjoni tal-kummerċ parallel u l-protezzjoni tal-kompetizzjoni, fiha żviluppi importanti

[24] Deċiżjoni tal-Kummisjoni 2003/600/KE, tat-2 ta' April 2003, dwar proċedura ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu [81 KE] (Każ COMP/C.38.279/F3 – Laħam taċ-ċanga u vitella minn Franza) (ĠU L 209, p. 12).

[25] Regolament Nru 26, ta' l-4 ta' April 1962, li japplika ċerti regoli tal-kompetizzjoni għall-produzzjoni u għall-kummerċ ta' prodotti agrikoli (ĠU 1962, 30, p. 993).

fir-rigward tal-kunċett ta' akkordju li l-għan tiegħu jkun dak li jirrestrinġi l-kompetizzjoni fis-settur farmaċewtiku Ewropew. Glaxo Wellcome, sussidjarja Spanjola tal-grupp GlaxoSmithKline, wieħed mill-produtturi mondjali ewlenin tal-prodotti farmaċewtiċi, adottat kundizzjonijiet ġenerali ġodda ta' bejgħ, li kienu jikkonċernaw il-bejjiegħa bl-ingrossa tal-prodotti farmaċewtiċi, u, skond dawn il-kundizzjonijiet, il-mediċini tagħha kellhom jinbiegħu lill-bejjiegħa bl-ingrossa Spanjoli bi prezzijiet iddifferenzjati mis-sistema nazzjonali ta' assigurazzjoni għall-mard li jkunu jaqgħu taħtha u l-bejgħ ta' l-imsemmija mediċini, skond jekk dan isirx fi Spanja jew fi Stat Membru ieħor. Fil-prattika, il-mediċini li kienu jaqgħu taħt assigurazzjoni ta' Stat Membru ieħor tal-Komunità kellhom jinbiegħu bi prezz għola minn dak tal-mediċini li kienu jaqgħu taħt assigurazzjoni ta' Spanja, fejn l-amministrazzjoni kienet tistabbilixxi prezzijiet massimi. GlaxoSmithKline nnotifikat lill-Kummissjoni b'dawn il-kundizzjonijiet ġenerali ta' bejgħ u, wara li saru diversi lmenti, din ta' l-aħħar ikkonstatat li l-kundizzjonijiet ta' bejgħ in kwistjoni kellhom il-għan li jirrestrinġu l-kompetizzjoni.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Prim'Istanza tikkunsidra, madankollu, li akkordju intiż sabiex jillimita l-kummerċ parallel m'għandux, min-natura tiegħu, jiġifieri indipendentement minn kull analiżi tal-kompetizzjoni, jitqies li għandu l-għan li jirrestrinġi l-kompetizzjoni. Infatti, filwaqt li huwa aċċettat li l-kummerċ parallel għandu jibbenefika minn ċerta protezzjoni, dan mhuwiex in kwantu tali iżda in kwantu jiffavorixxi, minn naħa, l-iżvilupp tal-kummerċ u, min-naħa l-oħra, it-tisħiħ tal-kompetizzjoni, jiġifieri taħt dan it-tieni aspett, in kwantu jipprovdi lill-konsumaturi finali l-vantaġġi ta' kompetizzjoni effikaċi għal dak li jirrigwarda l-provvista jew il-prezz. Konsegwentement, filwaqt li huwa aċċettat li ftehim li l-għan tiegħu huwa li jillimita l-kummerċ parallel għandu, bħala prinċipju, jitqies li għandu l-għan li jirrestrinġi l-kompetizzjoni, dan japplika biss sakemm jista' jiġi preżunt li l-akkordju jċaħħad lill-konsumaturi finali minn dawn il-vantaġġi. Madankollu, f'din il-kawża, meta wieħed jieħu in kunsiderazzjoni l-kuntest legali u ekonomiku li fih kienu japplikaw il-kundizzjonijiet ġenerali ta' bejgħ ta' GlaxoSmithKline, ma setax jiġi preżunt li dawn kienu jċaħħdu lill-konsumaturi finali minn dawn il-vantaġġi. Minn naħa, fil-fatt, il-bejjiegħa bl-ingrossa, li x-xogħol tagħhom huwa li jipprovdu lill-bejjiegħa bl-imnut provvista li tibbenefika mill-kompetizzjoni bejn il-produtturi, huma aġenti ekonomiċi li joperaw fi stadju intermedjarju tal-katina ta' valur u jistgħu jikkonservaw il-vantaġġ li l-kummerċ parallel jista' jġib miegħu fir-rigward tal-prezz, f'liema każ dan il-vantaġġ ma jiġix mgħoddi lill-konsumaturi finali. Min-naħa l-oħra, peress li l-prezzijiet tal-mediċini in kwistjoni kienu fil-biċċa l-kbira esklużi mill-operat ħieles ta' l-offerta u tad-domanda minħabba l-leġiżlazzjoni applikabbli u kienu stabbiliti jew ikkontrollati mill-awtoritajiet pubbliċi, ma jistax jiġi sempliċement ikkunsidrat li l-kummerċ parallel ibaxxi l-prezzijiet u b'hekk iżid il-ġid tal-konsumaturi finali. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li n-natura restrittiva ta' l-akkordju fuq il-kompetizzjoni ma tistax tiġi dedotta biss mill-qari tat-termini tiegħu, imwettaq fil-kuntest tiegħu, u għalhekk l-effetti tiegħu għandhom neċessarjament jiġu kkunsidrati.

Għalhekk, fl-eżami ta' l-effetti ta' l-akkordju fuq il-kompetizzjoni, il-Qorti tal-Prim'Istanza eskludiet l-analiżi magħmula mill-Kummissjoni dwar dan il-punt fid-deċiżjoni tagħha, iżda madankollu kkonstatat li l-akkordju kien ta' ostaklu għall-pressjoni, li fin-nuqqas tiegħu, kien ikun hemm fuq il-prezz unitarju tal-mediċini in kwistjoni, għad-detriment tal-konsumatur finali, li huwa l-pazjent u anki s-sistema nazzjonali ta' assigurazzjoni għall-mard, li taġixxi f'isem il-benefiċjarji tagħha skond il-liġi.

### — Grad ta' prova meħtieġ

Fis-sentenza **Dresdner Bank *et* vs Il-Kummissjoni,** iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Prim'Istanza tfakkar li, meta wieħed jieħu in kunsiderazzjoni l-prinċipju ġenerali ta' preżunzjoni ta' innoċenza, l-eżistenza ta' dubju f'moħħ l-Imħallef għandha tibbenefika lill-impriża li lilha tkun ġiet indirizzata d-deċiżjoni li tikkonstata l-ksur. Għalhekk, huwa neċessarju li l-Kummissjoni tressaq provi preċiżi u konkordanti sabiex tistabbilixxi l-eżistenza tal-ksur. Madankollu, mhuwiex neċessarju li kull prova mressqa mill-Kummissjoni tissodisfa dawn il-kriterji fir-rigward ta' kull element tal-ksur: huwa biżżejjed li s-sensiela ta' indizji invokati mill-istituzzjoni, evalwati b'mod globali, jissodisfaw din il-ħtieġa. F'dan il-każ, il-ħames banek rikorrenti sostnew li ma kienu kkonkludew ebda akkordju bejniethom matul laqgħa, li saret fil-15 ta' Ottubru 1997, dwar il-livell u l-istruttura tal-kummissjonijiet ta' kambju li jikkostitwixxu sottodiviżjonijiet ta' l-Euro fil-fażi ta' tranżazzjoni bejn l-introduzzjoni ta' l-Euro fuq il-karta (scriptural Euro) u l-introduzzjoni tal-munita ta' l-Euro fl-idejn (fiduciary Euro). Il-Qorti tal-Prim'Istanza eżaminat il-provi li kienu jirrigwardaw il-kuntest ta' din il-laqgħa tal-15 ta' Ottubru 1997 u l-provi diretti li kienu jikkonċernaw il-laqgħa u ddeċidiet li l-forza probatorja tagħhom ma kinitx suffiċjenti sabiex tippermettielha tikkunsidra, mingħajr ebda dubju raġonevoli dwar dan il-punt, li l-banek preżenti kienu kkonkludew l-imsemmi akkordju.

### — Obbligi imposti fuq il-Kummissjoni meta jiġi eżaminat akkordju

Fis-sentenza **O2 (Germany) vs Il-Kummissjoni,** iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Prim'Istanza fakkret li, sabiex tiġi evalwata l-kompatibbiltà ta' akkordju mas-suq komuni fid-dawl tal-projbizzjoni msemmija fl-Artikolu 81(1) KE, jeħtieġ li jiġi evalwat il-kuntest ekonomiku u legali li jaqa' taħtu l-akkordju, l-għan tiegħu, l-effetti tiegħu kif ukoll l-impatt ta' l-akkordju fuq il-kummerċ intrakomunitarju, billi jittieħed in kunsiderazzjoni, b'mod partikolari, il-kuntest ekonomiku li fih joperaw l-impriżi, il-prodotti jew is-servizzi li jirreferi għalihom l-akkordju kif ukoll l-istruttura u l-kundizzjonijiet reali tal-funzjonament tas-suq kkonċernat. Barra minn hekk, f'każ bħal dak in eżami fejn huwa rrikonoxxut li l-akkordju m'għandux għan antikompetittiv, jeħtieġ li jiġu eżaminati l-effetti ta' l-akkordju u, sabiex jiġi pprojbit, jeħtieġ li jinġabru l-elementi li jistabbilixxu li l-kompetizzjoni kienet, fil-fatt, ġiet imfixxkla, ristretta jew distorta b'mod kunsiderevoli. Il-kompetizzjoni għandha tiġi mifhuma fil-kuntest reali li fih kienet isseħħ kieku ma kienx hemm l-akkordju in kwistjoni, peress li l-bidla fil-kompetizzjoni tista', b'mod partikolari, titqiegħed fid-dubju jekk l-akkordju jidher li kien preċiżament neċessarju sabiex impriża tidħol f'żona fejn kieku ma kinitx tintervjeni.

Skond il-Qorti tal-Prim'Istanza, raġunament bħal dan ma jfissirx li tkun qed tiġi applikata "regola ta' raġuni" għall-Artikolu 81(1) KE, li tikkonsisti fil-bilanċ ta' l-effetti ta' l-akkordju li huma favur u kontra l-kompetizzjoni, iżda dan ir-raġunament jieħu in kunsiderazzjoni l-impatt ta' l-akkordju fuq il-kompetizzjoni attwali u potenzjali kif ukoll is-sitwazzjoni tal-kompetizzjoni fin-nuqqas ta' l-akkordju, peress li dawn iż-żewġ aspetti huma marbuta flimkien intrinsikament. Il-Qorti tal-Prim'Istanza żiedet tgħid li eżami bħal dan huwa partikolarment neċessarju fid-dawl tas-swieq li jkunu qegħdin fi proċess ta' liberalizzazzjoni jew swieq li jkunu għadhom qed jinħolqu, bħal fil-każ tas-suq tal-komunikazzjonijiet mobbli 3G in kwistjoni f'din il-kawża, fejn l-effettività tal-kompetizzjoni tista' tkun

problematika minħabba, per eżempju, il-preżenza ta' operatur dominanti, in-natura kkonċentrata ta' l-istruttura tas-suq jew l-eżistenza ta' barrieri sinjifikattivi għad-dħul.

F'din il-kawża, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li d-deċiżjoni kkontestata kien fiha diversi żbalji ta' analiżi. Minn naħa, hija ma kienx fiha diskussjoni oġġettiva dwar is-sitwazzjoni tal-kompetizzjoni fin-nuqqas ta' l-akkordju, u dan ifixkel l-evalwazzjoni ta' l-effetti reali u potenzjali ta' l-akkordju fuq il-kompetizzjoni. Sabiex seta' jiġi validament evalwat safejn dan l-akkordju kien neċessarju biex O2 (Germany) tkun tista' tidħol fis-suq tal-komunikazzjonijiet mobbli 3G, il-Kummissjoni kellha tanalizza iktar fil-fond il-kwistjoni dwar jekk, fin-nuqqas ta' l-akkordju, ir-rikorrenti kinitx tkun tista' tkun preżenti f'dan is-suq. Min-naħa l-oħra, id-deċiżjoni ma kinitx qed turi b'mod konkret, fil-kuntest tas-suq in kwistjoni li kien għadu qed jinħoloq, li d-dispożizzjonijiet ta' l-akkordju dwar ir-*roaming* kellhom effetti restrittivi fuq il-kompetizzjoni, iżda f'dan ir-rigward kienet sempliċement qed tirreferi għal din il-kwistjoni u tagħmel dikjarazzjonijiet ġenerali.

b) *Applikazzjoni ta' l-Artikolu 81(3) KE*

L-Artikolu 81(3) KE jipprovdi li d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 81(1) KE jistgħu jiġu ddikjarati inapplikabbli, b'mod partikolari, fil-każ ta' akkordji bejn impriżi li jikkontribwixxu għat-titjib tad-distribuzzjoni tal-prodotti jew sabiex jippromwovu l-progress tekniku jew ekonomiku, filwaqt li jassiguraw li l-konsumaturi jkollhom sehem ġust mill-benefiċċji li jirriżultaw minnhom, u mingħajr ma jimponu, fuq l-impriżi interessati, restrizzjonijiet li ma jkunux indispensabbli sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet u mingħajr ma jagħtu lill-impriżi l-possibbiltà, għal parti sostanzjali tal-prodotti in kwistjoni, li jeliminaw il-kompetizzjoni.

Fis-sentenza **GlaxoSmithKline Services vs Il-Kummissjoni,** diġà msemmija iktar 'il fuq, ir-rikorrenti ppreżentat provi li jistabbilixxu li l-kummerċ parallel kien iġib miegħu telf fl-effikaċja tagħha billi jnaqqas il-kapaċità tagħha ta' innovazzjoni. Hija sostniet li l-akkordju in kwistjoni, li kien jaffettwa l-kummerċ parallel u li kien itejjeb il-qligħ tagħha, kien jippermetti li tiżdied il-kapaċità tagħha ta' innovazzjoni. L-eżami, magħmul mill-Kummissjoni, ta' ċerti elementi rilevanti mressqa mir-rikorrenti ma setax jiġi kkunsidrat bħala suffiċjenti sabiex isostni l-konklużjonijiet li kienet waslet għalihom l-amministrazzjoni. Fil-fatt, il-Kummissjoni ma setgħetx ma teżaminax jekk l-akkordju in kwistjoni setax jippermetti li terġa' tiġi stabbilita l-kapaċità ta' innovazzjoni tar-rikorrenti u li konsegwentement, kien iġib miegħu benefiċċju ta' effikaċja fil-kompetizzjoni bejn ditti differenti (interbrand) peress li, fis-settur tal-mediċini, l-effett tal-kummerċ parallel fuq il-kompetizzjoni huwa ambigwu. Fil-fatt, il-benefiċċju ta' effikaċja, li dan l-akkordju probabbilment iġib miegħu fir-rigward tal-kompetizzjoni bejn l-istess ditti (intrabrand), li r-rwol tiegħu huwa limitat mil-leġiżlazzjoni applikabbli dwar il-farmaċewtiċi, kellu jiġi mqabbel mat-telf fl-effikaċja li seta' jwassal għalih fir-rigward tal-kompetizzjoni bejn ditti differenti. Għalhekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni fir-rigward ta' dan il-punt.

## 4. Kontribuzzjonijiet fil-qasam ta' l-Artikolu 82 KE

Din is-sena, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet dwar il-kundizzjonijiet ta' l-Artikolu 82 KE f'żewġ sentenzi biss, u t-tnejn li huma kienu jirrigwardaw ċaħda ta' lment.

Minn naħa, fis-sentenza **SELEX Sistemi Integrati vs Il-Kummissjoni,** diġà msemmija iktar 'il fuq fir-rigward tal-kunċett ta' impriża, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat li fl-ilment tagħha, ir-rikorrenti ma wrietx, fl-ambitu ta' l-attività tiegħu ta' konsulenza lill-amministrazzjonijiet nazzjonali, li l-imġiba ta' Eurocontrol kienet tikkorrispondi għall-kriterji ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 82 KE, peress li ma kien jidher li kien hemm ebda kompetizzjoni bejn Eurocontrol u r-rikorrenti jew kwalunkwe impriża oħra li topera fis-settur ikkonċernat.

Min-naħa l-oħra, fil-kawża li wasslet għas-sentenza **Haladjian Frères vs Il-Kummissjoni,** iċċitata iktar 'il fuq, il-kumpannija Haladjian Frères ippreżentat ilment quddiem il-Kummissjoni fejn allegat, b'mod partikolari, li kien hemm ksur ta' l-Artikolu 82 KE minħabba l-allegata implementazzjoni tas-sistema ta' kummerċjalizzazzjoni ta' partijiet ta' bdil (*spare parts*) mill-kumpannija Amerikana Caterpillar. Il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li l-argumenti mqajma mir-rikorrenti ma kinux iqegħdu fid-dubju l-evalwazzjonijiet ta' l-elementi ta' fatt u ta' dritt li saru mill-Kummissjoni u li din ta' l-aħħar ġustament ċaħdet l-ilment tar-rikorrenti. Fil-fatt, l-ilmenti bbażati fuq l-allegata impożizzjoni ta' prezzijiet inġusti, il-limitazzjoni tas-swieq jew l-applikazzjoni ta' kundizzjonijiet li ma kinux ugwali għal tranżazzjonijiet ekwivalenti ġew esklużi, b'mod partikolari, fid-dawl tal-fatt li s-sistema in kwistjoni ma kinitx tiżola s-suq Komunitarju, peress li ma kinitx tipprojbixxi, fil-fatt u fid-dritt, il-kompetizzjoni tal-partijiet ta' bdil importati bi prezzijiet orħos mill-prezzijiet Ewropej.

## 5. Proċedura sabiex jiġu ppenalizzati l-prattiċi antikompetittivi

### a) *Interess leġittimu ta' partijiet terzi u l-andament tal-proċeduri ta' applikazzjoni tar-regoli ta' kompetizzjoni*

Fis-sentenzi **Österreichische Postsparkasse u Bank für Arbeit und Wirtschaft vs Il-Kummissjoni** kif ukoll **Raiffeisen Zentralbank Österreich *et* vs Il-Kummissjoni,** iċċitati iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Prim'Istanza sostniet li klijent finali, xerrej ta' oġġetti jew servizzi, bħal partit politiku klijent ta' servizzi bankarji Awstrijaċi, għandu interess leġittimu li jagħtih dritt għall-aċċess tad-dikjarazzjoni ta' l-oġġezzjonijiet. Klijent finali li juri li jsofri dannu jew li jista' jsofri dannu ekonomiku minħabba restrizzjoni tal-kompetizzjoni, għandu interess leġittimu li jippreżenta talba jew ilment sabiex il-Kummissjoni tikkonstata li kien hemm ksur ta' l-Artikoli 81 KE u 82 KE. Peress li l-għan aħħari tar-regoli, intiżi sabiex jassiguraw li l-kompetizzjoni fis-suq intern ma tiġix imfixxkla, huwa li jiżdied il-ġid tal-konsumatur, ir-rikonoxximent lil tali klijenti ta' interess leġittimu li l-Kummissjoni tikkonstata ksur ta' l-Artikoli 81 KE u 82 KE, jikkontribwixxi għat-twettiq ta' l-għanijiet tad-dritt dwar il-kompetizzjoni. Fis-sentenza **Raiffeisen Zentralbank Österreich *et* vs Il-Kummissjoni,** iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Prim'Istanza ppreċiżat ukoll li minn naħa, il-fatt li parti interessata titħalla tippreżenta lment u li tintbagħtilha dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet jista'

jseħħ f'kull stadju tal-proċedura amministrattiva u, min-naħa l-oħra, id-dritt li tintbagħtilha d-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet ma jistax ikun limitat fuq il-bażi ta' sempliċi suppożizzjonijiet li eventwalment jista' jsir użu abbużiv minn dan id-dokument.

b) *Dritt ta' persuna li ma tinkriminax lilha nnifisha*

Is-sentenza **Archer Daniels Midland Co. vs Il-Kummissjoni (Aċidu ċitriku),** iċċitata iktar 'il fuq, ippermettiet lill-Qorti tal-Prim'Istanza tippreċiża l-kundizzjonijiet li fihom il-Kummissjoni tista' tuża, kontra impriża, stqarrijiet miġbura minn awtorità ta' pajjiż terz, mingħajr ma tkun qed tikser id-dritt ta' persuna li ma tinkriminax lilha nnifisha, kif irrikonoxxut mid-dritt Komunitarju[26]. Bayer, waħda mill-membri ta' l-akkordju li ġie pprojbit, kienet bagħtet rapport tal-Federal Bureau of Investigation (FBI) Amerikan lill-Kummissjoni dwar is-smigħ ta' rappreżentant tar-rikorrenti mill-awtoritajiet Amerikani, li wara ġie użat in sostenn tad-dikjarazzjoni ta' l-oġġezzjonijiet u wara, in sostenn tad-deċiżjoni li tipprojbixxi l-akkordju. Fir-rikors tagħha kontra din id-deċiżjoni, ir-rikorrenti sostniet li hija ma kellhiex l-opportunità li tinvoka d-dritt tagħha li ma tinkriminax lilha nnifisha, kif irrikonoxxut mid-dritt Komunitarju. Madankollu, fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat li ebda dispożizzjoni ma tipprojbixxi lill-Kummissjoni milli tibbaża ruħha, in kwantu element ta' prova, fuq dokument li kien ġie stabbilit fil-kuntest ta' proċedura differenti minn dik immexxija mill-Kummissjoni stess. Minkejja dan, il-Qorti tal-Prim'Istanza sostniet li meta l-Kummissjoni tibbaża ruħha fuq dikjarazzjoni magħmula f'kuntest differenti minn dak tal-proċedura li tkun għaddejja quddiemha u meta din id-dikjarazzjoni jista' jkun fiha informazzjoni li l-impriża kkonċernata jkollha d-dritt li tirrifjuta li tipprovdi, il-Kummissjoni għandha tiggarantixxi lill-impriża kkonċernata drittijiet proċedurali ekwivalenti għal dawk ipprovduti mid-dritt Komunitarju. B'hekk il-Kummissjoni għandha teżamina *ex officio* jekk, *prima facie*, ikunux jeżistu dubji serji dwar il-ħarsien tad-drittijiet proċedurali tal-partijiet ikkonċernati fil-kuntest tal-proċedura li matulha dawn ikunu pprovdew tali dikjarazzjonijiet. Jekk ma jkunx hemm dubji bħal dawn, id-drittijiet proċedurali tal-partijiet ikkonċernati għandhom jitqiesu li huma ggarantiti b'mod suffiċjenti jekk, fid-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet, il-Kummissjoni tindika b'mod ċar, u jekk ikun il-każ tannetti d-dokumenti kkonċernati ma' din il-komunikazzjoni, li hija għandha l-intenzjoni tibbaża ruħha fuq id-dikjarazzjonijiet in kwistjoni. F'dan il-każ, ebda wieħed minn dawn il-prinċipji ma kien ġie miksur mill-Kummissjoni, b'mod partikolari, peress li din ta' l-aħħar kienet annettiet ir-rapport in kwistjoni mad-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet u li Archer Daniels Midland Co. ma kienet ippreżentat ebda oġġezzjoni fir-rigward ta' l-użu ta' dan id-dokument.

ċ) *Pubblikazzjoni ta' l-atti u definizzjoni tas-sigriet professjonali*

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza **Bank Austria Creditanstalt vs Il-Kummissjoni,** iċċitata iktar 'il fuq, ir-rikorrenti essenzjalment invokat l-illegalità tal-pubblikazzjoni ta' deċiżjoni li timponi xi multi, peress li f'dan il-każ il-pubblikazzjoni ta' din id-deċiżjoni ma kinitx

[26] Fuq id-dritt li persuna ma tinkriminax lilha nnifisha, ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Ottubru 1989, Orkem vs Il-Kummissjoni, 374/87, Ġabra p. 3283.

obbligatorja. Madankollu, fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet dan il-motiv billi sostniet li d-dritt ta'l-istituzzjonijiet li jippubblikaw l-atti li jadottaw hija r-regola. Minkejja dan, jeżistu xi eċċezzjonijiet għal dan il-prinċipju in kwantu d-dritt Komunitarju, partikolarment permezz tad-dispożizzjonijiet li jiggarantixxu l-ħarsien tas-sigriet professjonali, ma jippermettix li dawn l-atti jew ċerta informazzjoni li jkun fihom jiġu divulgati. Il-Qorti tal-Prim'Istanza kompliet billi tat definizzjoni tal-kunċett ta' sigriet professjonali billi sostniet li, sabiex ċerta informazzjoni tkun, min-natura tagħha, koperta minn din il-protezzjoni, jeħtieġ, fl-ewwel lok, li jkun jaf biha biss numru limitat ta' persuni. Fit-tieni lok, din għandha tkun informazzjoni li d-divulgazzjoni tagħha tkun tista' tikkawża ħsara serja lill-persuna li tkun ipprovdietha jew lil terzi. Fit-tielet lok, jeħtieġ li l-interessi li jistgħu jiġu milquta mid-divulgazzjoni ta'l-informazzjoni, oġġettivament, ikun jistħoqqilhom protezzjoni. L-evalwazzjoni tan-natura kunfidenzjali ta'informazzjoni teżiġi li jiġu bbilanċjati l-interessi leġittimi li jipprekludu d-divulgazzjoni tagħha u l-interess ġenerali li jirrikjedi li l-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet Komunitarji jsiru kemm jista' jkun bil-miftuħ. Il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat li f'diversi atti ta' dritt sekondarju, b'mod partikolari, ir-Regolamenti Nru 45/2001 u Nru 1049/2001[27], il-leġiżlatur Komunitarju bbilanċja l-interess ġenerali tat-trasparenza ta' l-azzjoni Komunitarja ma' l-interessi li jistgħu jmorru kontra dan l-interess ġenerali. Għalhekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza stabbiliet rabta ta' korrispondenza bejn il-kunċett ta' sigriet professjonali u dawn iż-żewġ regolamenti. Safejn tali dispożizzjonijiet tad-dritt sekondarju jipprojbixxu d-divulgazzjoni ta'informazzjoni lill-pubbliku jew jeskludu l-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti li jkun fihom din l-informazzjoni, l-informazzjoni għandha titqies li hija koperta mis-sigriet professjonali. Għall-kuntrarju, safejn il-pubbliku għandu dritt ta' aċċess għal dokumenti li jkun fihom ċerta informazzjoni, din ta' l-aħħar ma tistax titqies li hija koperta, min-natura tagħha, mis-sigriet professjonali.

## 6. Multi

Fl-2006, il-Qorti tal-Prim'Istanza tat numru ta' sentenzi li jirrigwardaw il-legalità jew in-natura xierqa tal-multi imposti għal ksur ta' l-Artikolu 81 KE. L-iżviluppi l-aktar importanti li saru din is-sena jikkonċernaw il-prinċipju ta' legalità tal-penali, l-applikazzjoni tal-linji gwida għall-kalkolu tal-multi, il-limitu massimu ta' 10% tad-dħul mill-bejgħ u l-ġurisdizzjoni sħiħa tal-Qorti tal-Prim'Istanza fir-rigward tal-multi.

### a) *Prinċipju ta' legalità tal-penali*

Fis-sentenzi **Jungbunzlauer vs Il-Kummissjoni** u **Degussa vs Il-Kummissjoni,** iċċitati iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet eċċezzjoni ta' illegalità ta' l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17[28] li permezz tagħha ġie sostnut li din id-dispożizzjoni tmur kontra l-

[27] Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 45/2001, tat-18 ta' Diċembru 2000, dwar il-protezzjoni ta' [l-]individwu fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-mov[i]ment liberu ta' dak id-data (ĠU 2001, L 8, p. 1), u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1049/2001, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, p. 43).

[28] Regolament tal-Kunsill Nru 17, tas-6 ta' Frar 1962, l-ewwel Regolament li jimplementa l-Artikoli [81 KE] u [82 KE] (ĠU 1962, 13, p. 204).

prinċipju ta' legalità tal-penali. Skond ir-rikorrenti, li kienet tifforma parti minn kartelli li kienu jkopru s-swieq ta' l-aċidu ċitriku u tal-*methionine,* din id-dispożizzjoni tagħti, illegalment, is-setgħa diskrezzjonali lill-Kummissjoni li tiddeċiedi dwar kemm ikun xieraq li tiġi imposta multa u l-ammont tagħha.

Madankollu, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li l-prinċipju ta' legalità tal-pieni, kif interpretat mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, jekk jitqies li l-Artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem japplika għall-multi imposti fir-rigward ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, ma jeżiġix li l-kliem tad-dispożizzjonijiet li bis-saħħa tagħhom jiġu imposti l-penali jkun tant preċiż li l-konsegwenzi li jirriżultaw minn ksur ta' dawn id-dispożizzjonijiet ikunu prevedibbli b'ċertezza assoluta. Barra minn hekk, il-marġni ta' diskrezzjoni tal-Kummissjoni fl-applikazzjoni tal-penali, għalkemm huwa wiesa', mhuwiex assolut, peress li huwa ristrett għal-limitu massimu ta' 10% tad-dħul mill-bejgħ, mill-evalwazzjoni tal-gravità u tat-tul tal-ksur, mill-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' proporzjonalità, mill-prattika amministrattiva preċedenti tagħha meqjusa fid-dawl tal-prinċipju ta' trattament ugwali u, fl-aħħar, mil-limitazzjoni li l-Kummissjoni imponiet fuqha nnifisha billi adottat il-komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni u l-linji gwida għall-kalkolu tal-multi. Għalhekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet l-eċċezzjoni ta' illegalità.

b) *Linji gwida*

Għalkemm, fl-1 ta' Settembru 2006 il-Kummissjoni adottat linji gwida ġodda għall-kalkolu tal-multi, is-sentenzi mogħtija, kif ukoll il-kawżi l-ġodda li għadhom qed jitressqu, jikkonċernaw biss il-linji gwida adottati fl-1998[29].

Illum huwa aċċettat li l-linji gwida jorbtu lill-Kummissjoni. Madankollu, fis-sentenza **Raiffeisen Zentralbank Österreich *et* vs Il-Kummissjoni,** iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Prim'Istanza ppreċiżat li l-fatt li l-Kummissjoni imponiet limitazzjoni fuqha nnifisha ma jmurx kontra l-fatt li hija jibqgħalha marġni ta' diskrezzjoni sostanzjali. L-adozzjoni tal-linji gwida ma tirrendix irrilevanti l-ġurisprudenza preċedenti, li tistabbilixxi li l-Kummissjoni għandha setgħa diskrezzjonali li tippermettilha tieħu jew ma tieħux in kunsiderazzjoni ċerti elementi meta hija tistabbilixxi l-ammont tal-multi li jkollha l-intenzjoni li timponi, b'mod partikolari, skond iċ-ċirkustanzi tal-kawża. Fil-każ li l-Kummissjoni ma timxix mal-metodu stabbilit fil-linji gwida, hija l-Qorti tal-Prim'Istanza li għandha tivverifika jekk dan ikunx legalment iġġustifikat u motivat b'mod suffiċjenti skond il-liġi. Madankollu, il-Qorti tal-Prim'Istanza ppreċiżat ukoll li l-marġni ta' diskrezzjoni tal-Kummissjoni u l-limiti imposti minnha, huma bla ħsara għall-eżerċizzju, mill-qorti Komunitarja, tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha.

29 Linji gwida dwar il-metodi tal-kalkol[u] tal-multi [i]mposti skond l-artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 u l-Artikolu 65 (5) tat-Trattat KEFA (ĠU 1998, C 9, p. 3). Dawn il-linji gwida ġew issostitwiti mil-Linji gwida dwar il-metodu ta' kalkolu tal-multi imposti skond l-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 (ĠU, C 210, p. 2). Il-linji gwida ġodda huma applikabbli għall-każijiet li għalihom ġiet innotifikata dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet wara l-1 ta' Settembru 2006.

Filwaqt li essenzjalment estendiet l-istess prinċipji ta' interpretazzjoni għall-każ partikolari taċ-ċirkustanzi mitiganti, il-Qorti tal-Prim'Istanza ppreċiżat li, fin-nuqqas ta' indikazzjoni ta' natura imperattiva fil-linji gwida għal dak li jikkonċerna ċ-ċirkustanzi mitiganti li jistgħu jittieħdu in kunsiderazzjoni, kien jeħtieġ li jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni żammet ċertu marġni sabiex tevalwa b'mod globali l-importanza ta' tnaqqis eventwali ta' l-ammont tal-multi skond iċ-ċirkustanzi mitiganti.

Matul is-sena 2006, il-Qorti tal-Prim'Istanza kompliet tagħmel numru ta' preċiżjonijiet fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-linji gwida, per eżempju, dwar il-kunċett ta' impatt konkret, fil-kawżi **Archer Daniels Midland Co. "Glukonat tas-sodju"** u **Archer Daniels Midland Co. "Aċidu ċitriku",** dwar iċ-ċirkustanza aggravanti marbuta mar-rwol tal-mexxej, fis-sentenzi **BASF vs Il-Kummissjoni** u **Archer Daniels Midland Co. vs Il-Kummissjoni (aċidu ċitriku),** iċċitati iktar 'il fuq, kif ukoll iċ-ċirkustanza mitiganti marbuta mal-waqfien tal-ksur minn meta jsiru l-ewwel interventi tal-Kummissjoni fis-sentenzi **Archer Daniels Midlands Co. vs Il-Kummissjoni (aċidu ċitriku) u Archer Daniels Midland Co. vs Il-Kummissjoni (glukonat tas-sodju),** iċċitati iktar 'il fuq.

ċ) *Limitu massimu ta' 10 %*

Ir-Regolament Nru 17 kien jipprovdi, kif illum huwa previst fl-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 li, għal kull impriża u assoċjazzjoni ta' impriżi li tkun involuta fi ksur ta' l-Artikoli 81 KE u 82 KE, il-multa m'għandhiex tkun aktar minn 10% tad-dħul mill-bejgħ totali magħmul matul is-sena finanzjarja preċedenti.

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza **FNCBV *et* vs Il-Kummissjoni,** diġà msemmija iktar 'il fuq, li tirrigwarda l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni għas-settur ta' l-agrikoltura, id-deċiżjoni kkontestata kienet ivvizzjata b'nuqqas ta' motivazzjoni minħabba l-fatt li l-Kummissjoni ma kienet iddedikat l-ebda parti tad-deċiżjoni għall-ħarsien tal-limitu massimu ta' 10% u għad-dħul mill-bejgħ li kellu jittieħed in kunsiderazzjoni fil-kalkolu ta' dan il-limitu. Madankollu, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet, fost l-oħrajn, li l-possibbiltà għall-Kummissjoni li tibbaża lilha nnifisha fuq id-dħul mill-bejgħ tal-membri tal-federazzjonijiet u mhux fuq dak tal-federazzjonijiet stess mhuwiex limitat għaċ-ċirkustanza, diġà identifikata mill-ġurisprudenza, li fiha assoċjazzjoni tista' tinkariga lill-membri tagħha. Fil-fatt, jeħtieġ li wieħed jifhem eżatt il-poter ekonomiku reali ta' assoċjazzjoni. Għalhekk, ċirkustanzi oħra speċifiċi jistgħu jiġġustifikaw it-teħid in kunsiderazzjoni tad-dħul mill-bejgħ tal-membri ta' assoċjazzjoni, bħal per eżempju, il-fatt li l-ksur kommess minn assoċjazzjoni jirrigwarda l-attivitajiet tal-membri tagħha u li l-prattiċi jsiru mill-assoċjazzjoni direttament għall-benefiċċju ta' dawn ta' l-aħħar u b'kooperazzjoni magħhom, peress li l-assoċjazzjoni ma jkollhiex interessi oġġettivi li huma ta' natura awtonoma meta mqabbla ma' dawk tal-membri tagħha. Dan kien fil-fatt il-każ f'din il-kawża. Il-federazzjonijiet ippenalizzati kellhom essenzjalment il-missjoni li jiddefendu lill-membri tagħhom u li jirrappreżentaw l-interessi tagħhom. L-akkordju in kwistjoni kien jirrigwarda l-attivitajiet ta' dawn il-membri u kien konkluż direttament għall-benefiċċju tagħhom. Fl-aħħar nett, huwa ġie implementat, b'mod partikolari, permezz tal-konklużjoni ta' akkordji lokali bejn il-federazzjonijiet dipartimentali u s-sindakati lokali agrikoli, membri tal-federazzjonijiet nazzjonali ppenalizzati f'din il-kawża.

d) *Eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa*

Bis-saħħa ta' l-Artikolu 17 tar-Regolament Nru 17 u l-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 1/2003, il-Qorti tal-Prim'Istanza, adita b'rikors kontra deċiżjoni li timponi multa, għandha ġurisdizzjoni sħiħa, skond l-Artikolu 229 KE, li jippermettilha tnaqqas jew iżżid il-multi imposti mill-Kummissjoni. Matul is-sena 2006, il-Qorti tal-Prim'Istanza eżerċitat din il-ġurisdizzjoni numru ta' drabi u skond proċeduri diversi.

Fil-kawżi dwar il-kartelli tal-vitamini, il-Qorti tal-Prim'Istanza eżerċitat il-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha unikament sabiex tiġbed il-konklużjonijiet tagħha dwar il-mod kif dawn il-vizzji kienu jaffettwaw il-legalità tad-deċiżjoni. Fis-sentenza **BASF vs Il-Kummissjoni,** iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Prim'Istanza qieset li l-konstatazzjoni ta' l-illegalità ta' l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward taċ-ċirkustanzi aggravanti li wasslet għal żieda fil-multa meta mqabbla ma' l-ammont bażiku tagħha, tagħti lill-qorti Komunitarja l-possibbiltà li teżerċita l-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha sabiex tikkonferma, tneħħi jew tibdel iż-żieda tal-multa fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha rilevanti fil-każ in eżami. B'mod aktar ġenerali, peress li ġiet mitluba minn BASF sabiex teżerċita l-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha indipendentement minn konstatazzjoni ta' illegalità, il-Qorti tal-Prim'Istanza sostniet li l-istħarriġ eżerċitat minnha fir-rigward ta' deċiżjoni li biha l-Kummissjoni tikkonstata ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni u timponi multi, huwa limitat għal-legalità ta' din id-deċiżjoni peress li l-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha tista' tiġi eżerċitata biss, jekk ikun il-każ, wara li jkun hemm konstatazzjoni ta' illegalità li taffettwa d-deċiżjoni u li tkun ilmentat dwarha l-impriża kkonċernata fir-rikors tagħha, u sabiex tirrimedja l-konsegwenzi li din l-illegalità jkollha fuq id-determinazzjoni ta' l-ammont tal-multa imposta, billi, jekk ikun neċessarju, tannulla jew tibdel il-multa.

Għall-kuntarju, fil-kawża li wasslet għas-sentenza **Hoek Loos vs Il-Kummissjoni,** iċċitata iktar 'il fuq, li kienet tirrigwarda kartell fis-settur tal-gass industrijali, il-Qorti tal-Prim'Istanza eżaminat l-argument tar-rikorrenti b'attenzjoni speċjali għat-talba li titneħħa jew titnaqqas il-multa li kien fiha. F'dan il-kuntest, ġie rrilevat li l-evalwazzjoni tan-natura proporzjonali tal-multa imposta meta mqabbla mal-gravità u t-tul tal-ksur kienet taqa' taħt il-ġurisdizzjoni sħiħa tal-Qorti tal-Prim'Istanza fl-eżerċizzju ta' l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha[30]. Wara li ċaħdet dawn l-ilmenti kollha, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonkludiet li l-ammont finali tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti kien jidher "għal kollox adatt, peress li ebda ċirkustanza invokata minnha ma [kienet] tiġġustifika tnaqqis ta' l-imsemmi ammont." Bl-istess mod, fis-sentenza **Raiffeisen Zentralbank Österreich *et* vs Il-Kummissjoni,** iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li, apparti l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha tal-legalità ta' deċiżjoni, hija kellha tevalwa jekk kienx hemm lok li teżerċita l-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha fir-rigward tal-multa imposta fuq membri differenti tal-kartell. B'hekk, għal diversi drabi, wara li ċaħdet motiv imqajjem mir-rikorrenti, il-Qorti tal-Prim'Istanza eżerċitat il-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha sabiex tikkonferma x'kienet in-natura xierqa tal-multa imposta.

Fl-aħħar nett, fis-sentenza **FNCBV *et* vs Il-Kummissjoni,** diġà msemmija iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat li, bħala ċirkustanzi mitiganti, il-Kummissjoni kienet ħadet

30 Ara wkoll is-sentenzi Westfalen Gassen Nederland vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, u Archer Daniels Midland Co. vs Il-Kummissjoni, T-329/01, iċċitata iktar 'il fuq, punt 380.

in kunsiderazzjoni l-fatt li, minn naħa, kienet l-ewwel darba li hija pprojbixxiet ftehim konkluż esklużivament bejn federazzjonijiet ta' sindakati, li kien jirrigwarda prodott agrikolu ta' bażi u li kien jinvolvi żewġ ħolqiet tal-katina ta' produzzjoni u, min-naħa l-oħra, il-kuntest ekonomiku speċifiku tal-kawża, ikkaratterizzat b'mod partikolari mill-kriżi gravi fis-settur tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella mis-sena 2000 'il quddiem, wara l-iskoperta ta' każijiet ġodda tal-*mad cow disease*. Minħabba dan il-fatt, il-Kummissjoni kienet naqqset l-ammont tal-multi imposti fuq ir-rikorrenti b'60%. Filwaqt li eżerċitat il-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, il-Qorti tal-Prim'Istanza qieset li dan it-tnaqqis, għalkemm kunsiderevoli, ma kienx jieħu in kunsiderazzjoni, b'mod suffiċjenti, in-natura eċċezzjonali taċ-ċirkustanzi tal-każ in eżami. Għaldaqstant, hija kkunsidrat li kien xieraq li t-tnaqqis tal-multi jkun ta' 70%, u għalhekk applikat perċentwali ta' tnaqqis addizzjonali ta' 10% ta' l-ammont tal-multa.

Huwa importanti li jiġi osservat li f'żewġ kawżi l-Qorti tal-Prim'Istanza eżaminat il-possibbiltà li tiġi miżjuda l-multa imposta mill-Kummissjoni.

Fil-kawża **Raiffeisen Zentralbank Österreich *et* vs Il-Kummissjoni,** iċċitata iktar 'il fuq, il-Kummissjoni talbet lill-Qorti tal-Prim'Istanza żżid l-ammont tal-multa imposta minnha minħabba l-fatt li dan il-bank kien ikkontesta, għall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, l-eżistenza ta' l-akkordji pprojbiti. Il-Qorti tal-Prim'Istanza sostniet li f'dan ir-rigward jeħtieġ li jsir magħruf jekk l-imġiba tar-rikorrenti obbligatx lill-Kummissjoni, kontra kull aspettattiva tagħha li hija setgħet raġonevolement tibbaża ruħha fuq il-kooperazzjoni tar-rikorrenti matul il-proċedura amministrattiva, tipprepara u tippreżenta difiża quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza diretta lejn il-kontestazzjoni tal-fatti li jikkonċernaw il-ksur, li hija ġustament ħasbet li r-rikorrenti ma kinitx ser terġa' tikkontestahom. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonkludiet li ma kienx xieraq li tiġi miżjuda l-multa peress li l-punti kkontestati ma kinux ta' importanza fil-kuntest tad-deċiżjoni kkontestata u lanqas kienu importanti għall-preparazzjoni tad-difiża tal-Kummissjoni, li ma saritx iktar diffiċli minħabba l-imġiba tar-rikorrenti.

Għall-kuntrarju, fil-kawża **Roquette Frères vs Il-Kummissjoni,** iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Prim'Istanza żiedet il-multa kkontestata wara li kienet naqsitha. Inizjalment, il-Qorti tal-Prim'Istanza kienet ikkonstatat li l-multa imposta fuq ir-rikorrenti ma kinitx tikkorrispondi għall-pożizzjoni tagħha fis-suq tal-glukonat tas-sodju. Għalkemm il-Kummissjoni ma setgħetx tiġi kkritikata f'dan ir-rigward, peress li hija kienet ikkalkulat l-ammont tal-multa fuq il-bażi ta' informazzjoni mogħtija lilha mir-rikorrenti u li ma kinitx ċara u li kienet ekwivoka, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li tikkoreġi dan in-nuqqas fid-deċiżjoni u, għalhekk naqqset il-multa. Wara, il-Qorti tal-Prim'Istanza żiedet il-multa b'EUR 5000 sabiex tieħu in kunsiderazzjoni l-fatt li r-rikorrenti, konxja mir-riskju ta' konfużjoni min-naħa tal-Kummissjoni, ikkomunikat id-dħul tagħha mill-bejgħ b'mod żbaljat wara li kienet saritilha talba għal informazzjoni. Fil-fatt, peress li r-Regolament Nru 17 kien jipprovdi l-possibbiltà għall-Kummissjoni li timponi multa ta' bejn EUR 100 u 5000 fil-każ li l-impriża tipprovdi informazzjoni li ma tkunx eżatta b'risposta għal talba għal informazzjoni, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li tieħu in kunsiderazzjoni n-negliġenza gravi tar-rikorrenti sabiex iżżid il-multa sal-limitu massimu previst f'din id-dispożizzjoni.

Fl-aħħar nett, fl-istess sentenza, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet dwar il-proċeduri li jirrigwardaw l-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha: permezz ta' din il-kompetenza, il-Qorti tal-Prim'Istanza tista' tieħu in kunsiderazzjoni informazzjoni addizzjonali li ma tkunx

issemmiet fid-deċiżjoni kkontestata meta jiġi stabbilit l-ammont tal-multa fid-dawl ta' l-ilmenti invokati mir-rikorrenti, kunsiderazzjoni kkonfermata fis-sentenza **Raiffeisen Zentralbank Österreich *et* vs Il-Kummissjoni,** iċċitata iktar 'il fuq. Madankollu, fis-sentenza **Roquette Frères vs Il-Kummissjoni,** il-Qorti tal-Prim'Istanza ppreċiżat li, fid-dawl tal-prinċipju ta' ċertezza legali, din il-possibbiltà għandha, bħala prinċipju, tkun limitata għat-teħid in kunsiderazzjoni ta' elementi ta' informazzjoni preċedenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata u li l-Kummissjoni setgħet tkun taf bihom fil-mument li tkun ħadet id-deċiżjoni tagħha. Pożizzjoni differenti fil-fatt twassal lill-Qorti tal-Prim'Istanza biex tidħol fil-pożizzjoni ta' l-amministrazzjoni sabiex teżamina kwistjoni li hija tkun għadha ma ġietx interpellata biex teżamina, li jwassal għal vjolazzjoni tas-sistema tat-tqassim tal-funzjonijiet u ta' l-ekwilibriju istituzzjonali bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u dawk amministrattivi.

## 7. Kontribuzzjonijiet fil-qasam tal-kontroll tal-konċentrazzjonijiet

Matul l-2006 ingħataw tliet sentenzi dwar l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 4064/89, li illum ġie ssostitwit mir-Regolament Nru 139/2004, u ngħatat ukoll sentenza dwar l-applikazzjoni ta' dan l-aħħar regolament[31].

### a) *Kompetenza tal-Kummissjoni fir-rigward tal-kontroll tal-konċentrazzjonijiet*

Ir-Regolamenti Nru 4064/89 u Nru 139/2004 huma applikabbli biss għall-konċentrazzjonijiet ta' dimensjoni Komunitarja, li huma ddefiniti, b'mod partikolari, skond id-diversi livelli ta' dħul mill-bejgħ li jkunu ntlaħqu mill-partijiet fil-konċentrazzjoni. Kien hemm żewġ sentenzi li ngħataw fl-2006 li ppreċiżaw il-kompetenza tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward.

Fl-ewwel lok, is-sentenza **Endesa vs Il-Kummissjoni,** iċċitata iktar 'il fuq, ippreċiżat il-kriterji li fuq il-bażi tagħhom għandu jiġi kkalkulat id-dħul mill-bejgħ taż-żewġ partijiet fil-konċentrazzjoni sabiex tiġi vverifikata d-dimensjoni Komunitarja tagħhom. F'dan il-każ, Gas Natural, kumpannija Spanjola li topera fis-settur ta' l-enerġija, kienet innotifikat lill-awtorità tal-kompetizzjoni Spanjola bl-intenzjoni tagħha li tagħmel offerta pubblika ta' xiri fir-rigward tal-kapital kollu ta' Endesa, kumpannija Spanjola li topera essenzjalment fis-settur ta' l-elettriku. Peress li kkunsidrat li, skond ir-Regolament Nru 139/2004, din l-operazzjoni kienet ta' dimensjoni Komunitarja u, għalhekk, kellha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni, Endesa ressqet ilment quddiem il-Kummissjoni, li madankollu ġie miċħud. Endesa kkontestat din id-deċiżjoni quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza billi sostniet, b'mod partikolari, li l-Kummissjoni kienet evalwat id-dħul tagħha mill-bejgħ b'mod żbaljat.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat, b'mod partikolari, li r-regolament dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet ma jistabbilixxix espressament l-obbligu għall-Kummissjoni li tivverifika, *ex officio*, li kull konċentrazzjoni li ma tkunx ġiet innotifikata

[31] Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4064/89, tal-21 ta' Diċembru 1989, dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU L 395, p. 1; korrezzjonijiet fil-ĠU 1990, L 257, p. 13), imħassar permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004, ta' l-20 ta' Jannar 2004, dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU L 24, p. 1).

lilha ma tkunx ta' dimensjoni Komunitarja. Madankollu, meta impriża tressaq quddiemha lment li fih tqis li konċentrazzjoni li ma tkunx ġiet innotifikata lill-Kummissjoni għandha dimensjoni Komunitarja, il-Kummissjoni hija obbligata li tiddeċiedi dwar il-kompetenza tagħha. Konsegwentement, bħala prinċipju, huwa min iressaq l-ilment li għandu juri li l-ilment tiegħu huwa fondat, filwaqt li l-Kummissjoni għandha tagħmel eżami diliġenti u imparzjali ta' l-ilmenti li jkunu tressqu quddiemha u tirrispondi b'mod motivat għall-argumenti mressqa minn min ikun għamel l-ilment. Barra minn hekk, il-Kummissjoni m'għandhiex tkun obbligata li, f'kull każ, tivverifika *ex officio* li l-kontijiet li jkunu ġew ippreżentati lilha jirriflettu eżattament ir-realtà u li teżamina l-aġġustamenti kollha prevedibbli. Huwa biss meta tinġibed l-attenzjoni tagħha għal problemi speċifiċi li l-Kummissjoni għandha teżaminahom.

F'dan il-każ, Endesa sostniet, b'mod partikolari, li l-eżami tal-Kummissjoni tad-dħul tagħha mill-bejgħ kellu jkun ibbażat fuq standards tal-kontabbiltà internazzjonali u mhux fuq *standards* Spanjoli li kienu fis-seħħ dakinhar. Madankollu, il-Qorti tal-Prim'Istanza tinterpreta r-Regolament Nru 139/2004 fis-sens li jimponi obbligu fuq il-Kummissjoni li tirreferi għall-kontijiet ta' impriżi fir-rigward tas-sena ta' qabel, stabbiliti u vverifikati skond il-leġiżlazzjoni applikabbli. F'dan il-każ, ir-regoli applikabbli fi Spanja għall-kontijiet tas-sena 2004 kienu l-prinċipji nazzjonali ta' kontabbiltà ġeneralment aċċettati u mhux il-prinċipji tal-kontabbiltà internazzjonali li, skond ir-regolament dwar l-applikazzjoni ta' l-istandards tal-kontabbiltà internazzjonali, saru applikabbli biss mis-sena 2005 'il quddiem.

Il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet ukoll l-argumenti ta' Endesa li l-Kummissjoni kellha tagħmel żewġ aġġustamenti, wieħed fir-rigward ta' l-operazzjonijiet ta' distribuzzjoni ta' Endesa u l-ieħor fir-rigward tal-kummerċ tal-gass. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Prim'Istanza ppreċiżat, b'mod partikolari, li għal kwistjoni ta' ċertezza legali, id-dħul mill-bejgħ li għandu jittieħed in kunsiderazzjoni sabiex tiġi ddeterminata l-awtorità kompetenti li tirregola konċentrazzjoni, għandu, bħala prinċipju, jiġi ddefinit skond il-kontijiet annwali ppubblikati. Huwa biss eċċezzjonalment, meta dan ikun iġġustifikat miċ-ċirkustanzi partikolari, li għandhom isiru ċerti aġġustamenti intiżi sabiex jirriflettu bl-aħjar mod possibbli r-realtà ekonomika ta' l-impriżi kkonċernati. Għalhekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza finalment ċaħdet ir-rikors ta' Endesa.

Fit-tieni lok, is-sentenza **Cementbouw Handel & Industrie vs Il-Kummissjoni,** iċċitata iktar 'il fuq, tagħmel numru ta' preċiżjonijiet dwar l-evalwazzjoni magħmula mill-Kummissjoni fir-rigward tal-karattru unitarju ta' konċentrazzjoni mwettqa permezz ta' diversi tranżazzjonijiet ġuridiċi. Ir-rikors kien dirett kontra deċiżjoni li permezz tagħha l-Kummissjoni kienet awtorizzat retroattivament l-akkwist ta' *joint venture* Olandiża CVK mill-grupp Ġermaniż Haniel u minn Cementbouw Handel & Industrie (it-tnejn li huma involuti fin-negozju ta' materjali tal-bini), wara l-impenn ta' dawn iż-żewġ impriżi li jġibu fit-tmiem l-akkordju tagħhom dwar il-*joint venture* li kien jeżisti qabel. Il-kawża kienet tinvolvi operazzjoni kumplessa, ibbażata essenzjalment fuq żewġ gruppi ta' tranżazzjonijiet ġuridiċi differenti, li waħda minnhom kienet ġiet innotifikata lill-awtorità tal-kompetizzjoni Olandiża, u wara ġiet approvata minn din ta' l-aħħar. Fir-rikors tagħha, Cementbouw Handel & Industrie kkontestat, b'mod partikolari, il-possibbiltà għall-Kummissjoni li tikkwalifika diversi tranżazzjonijiet distinti bħala operazzjoni unika.

Madankollu, il-Qorti tal-Prim'Istanza tat interpretazzjoni li tispjega l-kunċett ta' konċentrazzjoni, li għandu jikkorrispondi mal-loġika ekonomika tal-partijiet. Għalhekk, hija sostniet li operazzjoni bħal din, fis-sens tar-Regolament Nru 4064/89, tista' anki titwettaq meta jkun hemm diversi tranżazzjonijiet ġuridiċi, distinti formalment, peress li dawn it-tranżazzjonijiet – li r-riżultat tagħhom jikkonsisti fl-għoti, dirett jew indirett, ta' kontroll ekonomiku lil impriża waħda jew lil diversi impriżi – huma interdipendenti, peress li ma jistgħux jitwettqu waħda mingħajr l-oħra. F'dan il-każ, il-Kummissjoni ma kienet ikkommettiet ebda żball meta qieset li t-tranżazzjonijiet in kwistjoni kienu fil-fatt interdipendenti.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma tatx interpretazzjoni żbaljata tat-tqassim tal-kompetenzi bejn l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni nazzjonali u dawk Komunitarji skond ir-Regolament Nru 4064/89 meta hija eżaminat globalment flimkien ma' tranżazzjoni oħra li ma tistax tiġi ddisassoċjata minnha, tranżazzjoni li, ikkunsidrata waħidha, ma tissodisfax il-kriterji tad-dimensjoni Komunitarja u ġiet approvata permezz ta' awtorità tal-kompetizzjoni nazzjonali. Fil-fatt, f'dan il-każ, kien artifiċjali li jiġi kkunsidrat li t-tranżazzjoni approvata kienet, mill-aspett ekonomiku, awtonoma.

b) *Impenji meħuda bil-għan li tiġi mibdula l-proposta oriġinali ta' konċentrazzjoni*

L-Artikolu 8(2) tar-Regolament Nru 4064/89 jipprovdi essenzjalment li l-Kummissjoni għandha tapprova proposta ta' konċentrazzjoni, jekk l-impriżi kkonċernati jagħmlu t-tibdiliet neċessarji għall-proposta oriġinali sabiex l-operazzjoni tkun kompatibbli mas-suq komuni. Għalhekk, il-Kummissjoni tista' tikkwalifika d-deċiżjoni tagħha b'kundizzjonijiet intiżi li jassiguraw li l-impriżi jħarsu l-impenji li jkunu ħadu fir-rigward tagħha bil-għan li l-konċentrazzjoni tkun kompatibbli mas-suq komuni.

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza **Cementbouw vs Il-Kummissjoni,** li għadha kif ġiet imsemmija, il-Qorti tal-Prim'Istanza tkellmet dwar ir-rabta delikata bejn il-prinċipju ta' proporzjonalità u l-libertà tal-partijiet li jipproponu impenji sabiex isolvu kompletament il-problemi ta' kompetizzjoni identifikati mill-Kummissjoni. Matul il-proċedura ta' stħarriġ tal-konċentrazzjoni in kwistjoni, il-partijiet, fosthom ir-rikorrenti, kienu suċċessivament ipproponew xi impenji li kienu ġew irrifjutati mill-Kummissjoni iżda mbagħad ipproponew impenji definittivi li, fil-biċċa l-kbira tagħhom, ġew aċċettati.

Il-Qorti tal-Prim'Istanza inizjalment ikkonkludiet li l-impenji proposti ma kinux biżżejjed sabiex tiġi riżolta kompletament il-problema tal-kompetizzjoni identifikata mill-Kummissjoni. Fir-rigward ta' l-impenji definittivi, peress li kienu jmorru lil hinn mill-għan li terġa' tiġi stabbilita s-sitwazzjoni kompetittiva li kienet teżisti qabel l-operazzjoni, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li l-Kummissjoni kellha teħodhom in kunsiderazzjoni u kellha tiddikjara l-konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq komuni. Għalhekk hija la kellha l-possibbiltà li tiddikjara l-konċentrazzjoni inkompatibbli mas-suq komuni u lanqas kellha l-possibbiltà li tadotta deċiżjoni li tiddikjara l-konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq komuni billi timponi kundizzjonijiet intiżi sabiex jistabbilixxu b'mod strett is-sitwazzjoni kompetittiva li kienet teżisti qabel l-operazzjoni billi timponi kundizzjonijiet differenti minn dawk proposti mill-partijiet. B'mod partikolari, ir-Regolament Nru 4064/89 ma jipprovdix li l-Kummissjoni tista' tissuġġetta d-dikjarazzjoni ta' kompatibbiltà ta'

konċentrazzjoni għal kundizzjonijiet li hija timponi unilateralment, indipendentement mill-impenji meħuda mill-partijiet li jkunu għamlu n-notifika. Għalhekk, ir-rikorrenti ma setgħetx tinvoka b'suċċess in-nuqqas li jitħares il-prinċipju ta' proporzjonalità, u lanqas li, f'dan il-każ, hija pproponiet l-impenji tagħha minħabba li ġiet imġiegħla tagħmel dan b'mod arbitrarju mill-Kummissjoni.

ċ) *Evalwazzjoni tal-ħolqien ta' pożizzjoni dominanti kollettiva*

Skond il-ġurisprudenza[32], hemm tliet kundizzjonijiet li huma neċessarji sabiex sitwazzjoni ta' pożizzjoni dominanti kollettiva li tfixkel b'mod sinjifikattiv il-kompetizzjoni effettiva fis-suq komuni jew parti sostanzjali minnu tkun tista' tinħoloq wara li ssir konċentrazzjoni. L-ewwel nett, is-suq għandu jkun trasparenti biżżejjed sabiex l-impriżi li jikkoordinaw l-imġiba tagħhom ikunu f'pożizzjoni li jissorveljaw b'mod suffiċjenti jekk l-arranġamenti ta' koordinazzjoni jkunux qed jiġu mħarsa. It-tieni nett, huwa neċessarju li jkun hemm forma ta' mekkaniżmu dissważiv fil-każ ta' imġiba problematika. It-tielet nett, ir-reazzjonijiet ta' l-impriżi li ma jipparteċipawx fil-koordinazzjoni, bħalma huma l-kompetituri attwali jew futuri, kif ukoll ir-reazzjonijiet tal-klijenti m'għandhomx ikunu jistgħu jqegħdu fid-dubju r-riżultati mistennija mill-koordinazzjoni.

Is-sentenza **Impala vs Il-Kummissjoni,** iċċitata iktar 'il fuq, tippreċiża l-obbligu tal-Kummissjoni, fir-rigward tar-riskju tal-ħolqien ta' pożizzjoni dominanti kollettiva, meta tiddikjara konċentrazzjoni bħala kompatibbli mas-suq komuni. F'din il-kawża, Bertersman u Sony, żewġ kumpanniji li joperaw fil-qasam tal-medja, innotifikaw lill-Kummissjoni bi pjan ta' konċentrazzjoni intiż sabiex jiġbor fih l-attivitajiet mondjali tagħhom fil-qasam tal-mużika rreġistrata taħt l-isem ta' Sony BMG. Inizjalment, il-Kummissjoni kienet informat lill-partijiet li l-konklużjoni provviżorja tagħha kienet li l-konċentrazzjoni kienet inkompatibbli mas-suq komuni peress li, b'mod partikolari, din kienet ser issaħħaħ pożizzjoni dominanti kollettiva fis-suq tal-mużika rreġistrata. Madankollu, wara li semgħet lill-partijiet, il-Kummissjoni awtorizzat il-konċentrazzjoni. Għaldaqstant, Impala, assoċjazzjoni internazzjonali li tiġbor fiha kumpanniji indipendenti tal-produzzjoni mużikali, talbet lill-Qorti tal-Prim'Istanza tannulla din id-deċiżjoni.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Prim'Istanza fakkret, billi bbażat ruħha fuq il-ġurisprudenza li ħarġet mis-sentenza Airtours vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, li, fil-kuntest tar-Regolament Nru 4064/89, fir-rigward tar-riskju li tinħoloq pożizzjoni dominanti kollettiva, il-Kummissjoni għandha tibbaża l-evalwazzjoni tagħha fuq analiżi prospettiva tas-suq ta' referenza, u b'hekk jeħtieġ li tagħmel pronjosi delikata ta' l-iżvilupp probabbli tas-suq u tal-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni. Għall-kuntrarju, il-konstatazzjoni mhux tar-riskju ta' pożizzjoni dominanti kollettiva iżda ta' l-eżistenza ta' tali pożizzjoni hija bbażata fuq analiżi konkreta tas-sitwazzjoni eżistenti fil-mument tat-teħid tad-deċiżjoni. Għalhekk, għalkemm it-tliet kundizzjonijiet identifikati mill-Qorti tal-Prim'Istanza fis-sentenza Airtours vs Il-Kummissjoni, huma, ċertament, neċessarji wkoll għall-evalwazzjoni ta' l-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti kollettiva, huma jistgħu

[32] Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-6 ta' Ġunju 2002, Airtours vs Il-Kummissjoni, T-342/99, Ġabra p. II-2585, punt 62.

jiġu stabbiliti indirettament fuq il-bażi ta' serje ta' indizji u elementi ta' prova relatati mas-sinjali, manifestazzjonijiet u fenomeni inerenti għall-preżenza ta' pożizzjoni dominanti kollettiva. B'mod partikolari, allinjament mill-qrib tal-prezzijiet għal perijodu twil ta' żmien, fuq kollox jekk ikunu għola mill-prezzijiet normalment mitluba f'sitwazzjoni kompetittiva, flimkien ma' fatturi oħra tipiċi għal pożizzjoni dominanti kollettiva, jistgħu, fin-nuqqas ta' spjegazzjoni raġonevoli oħra, ikunu biżżejjed sabiex juru l-eżistenza ta' pożizzjoni bħal din, anki jekk ma jkunx hemm provi sodi diretti ta' trasparenza qawwija fis-suq, peress li trasparenza bħal din tista' tiġi preżunta f'tali ċirkustanzi. Madankollu, peress li f'dan il-każ ir-rikorrenti llimitat lilha nnifisha li tinvoka ksur tal-kundizzjonijiet iddefiniti fis-sentenza Airtours vs Il-Kummissjoni, il-Qorti tal-Prim'Istanza kienet limitata li tivverifika li dawn il-kundizzjonijiet kienu ġew imħarsa.

F'dan il-każ, fir-rigward tat-tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti kollettiva li kienet teżisti minn qabel fis-suq tal-mużika rreġistrata, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat li, skond id-deċiżjoni, in-nuqqas ta' pożizzjoni dominanti kollettiva fis-suq jista' jiġi dedott mill-varjetà tal-prodott in kwistjoni, min-nuqqas ta' trasparenza tas-suq u min-nuqqas ta' miżuri ta' ritaljazzjoni bejn il-ħames l-ikbar kumpanniji li joperaw f'dan is-suq. Madankollu, l-Qorti tal-Prim'Istanza sostniet li l-argument li s-swieq tal-mużika rreġistrata mhumiex trasparenti biżżejjed sabiex jippermettu li jkun hemm pożizzjoni dominanti kollettiva, minn naħa, mhuwiex motivat b'mod suffiċjenti skond il-liġi u min-naħa l-oħra, huwa vvizzjat bi żball manifest ta' evalwazzjoni peress li l-elementi li fuqhom huwa bbażat mhumiex kompluti u ma jinkludux l-informazzjoni kollha rilevanti li kellha tittieħed in kunsiderazzjoni mill-Kummissjoni, u mhumiex ta' natura li jsostnu tajjeb il-konklużjonijiet li rriżultaw minnhom. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza sostniet li l-Kummissjoni bbażat lilha nnifisha fuq in-nuqqas ta' prova li kienu ttieħdu miżuri ta' ritaljazzjoni fil-passat, filwaqt li, skond il-ġurisprudenza, hija kellha tiddetermina biss jekk kinux jeżistu mekkaniżmi dissważi effikaċi. Fil-fatt, kieku l-kumpanniji jikkonformaw ruħhom mal-politika Komunitarja, ma jkunx hemm bżonn li jiġu imposti penali. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Prim'Istanza ppreċiżat li f'din il-kawża kien jidher li kien hemm mezzi dissważivi kredibbli u effikaċi, b'mod partikolari l-possibbiltà li kumpannija tad-diski li ma tħarisx l-arranġamenti miftehma tiġi ppenalizzata billi tiġi eskluża mill-kumpilazzjonijiet. Barra minn hekk, anki jekk jiġi presuppost li t-test xieraq f'dan ir-rigward huwa li jiġi vverifikat jekk mezzi ta' ritaljazzjoni bħal dawn kinux twettqu fil-passat, l-eżami li għamlet il-Kummissjoni ma kienx biżżejjed.

Barra minn hekk, għal dak li jikkonċerna l-possibbiltà li tinħoloq pożizzjoni dominanti kollettiva wara l-fużjoni tas-swieq tal-mużika rreġistrata, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkritikat lill-Kummissjoni talli għamlet stħarriġ estremament konċiż u li l-osservazzjonijiet li għamlet fid-deċiżjoni dwar dan il-punt kienu superfiċjali u formali. Il-Qorti tal-Prim'Istanza qieset ukoll li l-Kummissjoni ma setgħetx, mingħajr ma tagħmel żball, tibbaża ruħha fuq in-nuqqas ta' trasparenza tas-suq jew fuq in-nuqqas ta' prova li fil-passat kienu ttieħdu miżuri ta' ritaljazzjoni, sabiex tikkonkludi li ma kienx hemm riskju li l-konċentrazzjoni twassal għall-ħolqien ta' pożizzjoni dominanti kollettiva. Fil-fatt, l-isħarriġ tal-ħolqien ta' pożizzjoni dominanti kollettiva kien ibbażat fuq evalwazzjoni prospettiva li kellha twassalha sabiex ma tibbażax lilha nnifisha fuq is-sitwazzjoni eżistenti biss. Għalhekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza annullat id-deċiżjoni kkontestata.

## Ċ. Għajnuna mogħtija minn Stat

### 1. Regoli bażiċi

L-Artikolu 87(1) KE jipprovdi li, bla ħsara għal kull deroga prevista f'dan it-Trattat, kull għajnuna, ta' kull forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi ta' l-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq komuni.

Kif ikkonfermat mill-Qorti tal-Prim'Istanza fis-sentenza **Le Levant 001 *et* vs Il-Kummissjoni**[33]**,** sabiex għajnuna tiġi kkwalifikata bħala tali jeħtieġ li l-kundizzjonijiet kollha msemmija f'din id-dispożizzjoni jiġu sodisfatti, u l-obbligu ta' motivazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni għandu jkun sodisfatt fir-rigward ta' kull waħda minn dawn il-kundizzjonijiet. L-għajnuna in kwistjoni f'din il-kawża taqa' taħt miżuri ta' tnaqqis ta' taxxa għal ċerti investimenti extraewropej oriġinarjament stabbiliti mil-Liġi Franċiża tal-11 ta' Lulju 1986, li fir-rigward tagħhom il-Kummissjoni ma kinitx qajmet oġġezzjonijiet fir-rigward tagħha abbażi ta' l-Artikolu 87 KE. It-tranżazzjoni kienet tikkonsisti f'li jiġi assigurat, fil-kuntest ta' din il-liġi, il-finanzjament u l-użu tal-bastiment tal-kruċiera Le Levant, għal perijodu ta' madwar seba' snin, minn persuni fiżiċi investituri, permezz ta' impriżi b'membru wieħed b'responsabbiltà limitata (EURL), ikkostitwiti esklużivament għal dan il-għan u miġbura flimkien fi ħdan komproprjetà marittima.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat li d-deċiżjoni kkontestata ma tippermettix li jiġi mifhum kif l-għajnuna in kwistjoni tissodisfa tlieta mill-erba' kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 87(1) KE. Fil-fatt, l-ewwel nett, fir-rigward tal-kundizzjoni li jiġi milqut il-kummerċ bejn l-Istati Membri, il-Qorti tal-Prim'Istanza rrilevat li l-Kummissjoni ma ppreċiżatx kif l-għajnuna in kwistjoni setgħet tolqot l-imsemmi kummerċ, meta l-bastiment kien jintuża fil-gżejjer ta' Saint-Pierre-et-Miquelon, li ma jifformawx parti mit-territorju Komunitarju. It-tieni nett, għal dak li jikkonċerna l-vantaġġ mogħti lill-benefiċjarju ta' l-għajnuna u n-natura selettiva ta' dan il-vantaġġ, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li d-deċiżjoni kkontestata ma kinitx tippermetti li jiġi mifhum għal-liema raġunijiet l-investituri privati kienu ser ikunu vvantaġġjati permezz ta' l-għajnuna in kwistjoni. It-tielet nett, fir-rigward ta' l-effetti ta' l-imsemmija għajnuna fuq il-kompetizzjoni, il-Qorti tal-Prim'Istanza rrilevat li d-deċiżjoni kkontestata ma kinitx tinkludi indikazzjonijiet li kienu jippermettu li jiġi ddeterminat kif u f'liema swieq kienet affettwata l-kompetizzjoni jew setgħet tiġi affettwata mill-għajnuna. Partikolarment, minħabba dan in-nuqqas ta' motivazzjoni, il-Qorti tal-Prim'Istanza annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

F'dan ir-rigward, jista' jiġi osservat li l-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat ukoll insuffiċjenza jew nuqqas ta' motivazzjoni li wasslu għall-annullament parzjali jew totali tad-deċiżjoni

[33] Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-22 ta' Frar 2006, Le Levant 001 *et* vs Il-Kummissjoni, T-34/02, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.

kkontestata fis-sentenzi **Ufex *et* vs Il-Kummissjoni, Lucchini vs Il-Kummissjoni** u **L-Italja u Wam vs Il-Kummissjoni**[34]**.**

Għalkemm, matul din is-sena, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet dwar punti oħra fir-rigward ta' l-għajnuna mogħtija minn Stat, ser nillimita lili nnifsi li, bħala l-aħħar kawża, insemmi dik li tat lok għas-sentenza **British Aggregates vs Il-Kummissjoni,** li fiha l-Qorti tal-Prim'Istanza ttrattat il-kapaċità tal-miżura nazzjonali li tagħti vantaġġ selettiv għal benefiċċju esklużiv ta' ċerti impriżi jew ta' ċerti setturi ta' attività[35].

F'dan il-każ, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u ta' l-Irlanda ta' Fuq kien impona taxxa ambjentali, bħala regola, fuq il-bejgħ tal-granulat pur – jiġifieri materjal granuluż ta' l-ewwel estrazzjoni użat fil-bini u fix-xogħlijiet pubbliċi – sabiex isir iktar użu mill-granulat irriċiklat u materjal ieħor ta' sostituzzjoni minflok il-granulat pur, sabiex jiġi promoss l-użu razzjonali tal-granulat pur u sabiex tiġi assigurata l-internalizzazzjoni ta' l-effetti ambjentali riżultat ta' l-estrazzjoni tal-granulat li huwa suġġett għat-taxxa, skond il-prinċipju li min iniġġes għandu jħallas. Fir-rigward ta' din il-miżura fiskali, il-Qorti tal-Prim'Istanza ġiet mitluba tivverifika jekk il-Kummissjoni kinitx qieset ġustament li d-distinzjoni magħmula mill-miżura in kwistjoni kienet taqa' taħt in-natura u l-istruttura tas-sistema applikabbli. Fil-fatt, għalkemm ikun jidher li distinzjoni tkun ibbażata fuq għanijiet differenti minn dawk li tkun trid tilħaq is-sistema ġenerali, il-miżura in kwistjoni kienet, bħala prinċipju, ikkunsidrata li tissodisfa l-kundizzjoni ta' selettività prevista fl-Artikolu 87(1) KE.

Skond il-Qorti tal-Prim'Istanza, taxxa ambjentali, jew ekotaxxa, hija miżura fiskali awtonoma, ikkaratterizzata mill-għan finali tagħha, li huwa l-protezzjoni ta' l-ambjent u mill-bażi ta' kalkolu speċifiku tagħha. Din hija taxxa fuq ċerti oġġetti jew servizzi li tinkludi l-effetti ambjentali fil-prezz tagħhom u/jew li tirrendi l-prodotti rriċiklati iktar kompetittivi u li torjenta lill-prodotturi u lill-konsumaturi lejn attivitajiet li jirrispettaw iktar lill-ambjent. Huwa possibbli għall-Istati Membri, li huma kompetenti fil-politika ta' l-ambjent, li jistabbilixxu taxxi ambjentali settorjali, sabiex jilħqu ċerti għanijiet ambjentali. L-Istati Membri huma partikolarment liberi li, fil-bilanċ tad-diversi interessi preżenti, jiddefinixxu l-prijoritajiet tagħhom fil-qasam tal-protezzjoni ta' l-ambjent u konsegwentement jiddeterminaw l-oġġetti u s-servizzi li jiddeċiedu li jissuġġettaw għat-taxxa ambjentali. Minn dan isegwi li, bħala prinċipju, il-fatt biss li taxxa ambjentali tikkostitwixxi miżura selettiva, imposta fuq ċerti oġġetti jew servizzi speċifiċi u li ma tistax tiġi rrelatata ma' sistema ġenerali ta' taxxa applikabbli għall-attivitajiet kollha simili li jkollhom impatt simili fuq l-ambjent, ma jippermettix li jiġi kkunsidrat li l-attivitajiet simili, li mhumiex suġġetti għal din it-taxxa ambjentali, jibbenefikaw minn vantaġġ selettiv. F'dan il-każ, il-Kummissjoni ma marritx lil hinn mil-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tagħha billi kkunsidrat li l-kamp ta' applikazzjoni tat-taxxa in kwistjoni seta' jiġġustifika ruħu permezz ta' l-għanijiet tal-

34 Sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-7 ta' Ġunju 2006, Ufex *et* vs Il-Kummissjoni, T-613/97, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra; tad-19 ta' Settembru 2006, Lucchini vs Il-Kummissjoni, T-166/01, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra, u tas-6 ta' Settembru 2006, L-Italja u Wam vs Il-Kummissjoni, T-304/04 u T-316/04 li qegħda taħt appell, u li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.

35 Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-13 ta' Settembru 2006, British Aggregates vs Il-Kummissjoni, T-210/02 (qegħda taħt appell, C-487/06 P). Dwar il-kwistjoni tas-selettività ta' l-għajnuna, ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-26 ta' Jannar 2006, Stadtwerke Schwäbisch Hall *et* vs Il-Kummissjoni, T-92/02 (qegħda taħt appell, C-176/06 P), li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.

protezzjoni ta' l-ambjent li jridu jintlaħqu u, konsegwentement, li l-imsemmija taxxa ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mogħtija minn Stat.

## 2. Kwistjonijiet ta' proċedura

a) *Dritt tal-partijiet interessati li jippreżentaw osservazzjonijiet*

F'żewġ sentenzi mogħtija fl-2006, il-Qorti tal-Prim'Istanza insistiet fuq il-preċiżjoni li għandha tiġi applikata f'deċiżjoni li tinbeda l-proċedura sabiex terzi persuni jkunu jistgħu jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom.

L-ewwel nett, fis-sentenza **Le Levant 001 *et* vs Il-Kummissjoni,** diġà msemmija iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Prim'Istanza ppreċiżat l-obbligi tal-Kummissjoni li jirriżultaw mill-Artikolu 88(2) KE għal dak li jikkonċerna l-ħarsien tal-garanziji proċedurali tal-persuni li għandhom interess f'deċiżjoni li tiddikjara miżura nazzjonali inkompatibbli ma' l-Artikolu 87(1) KE. Il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li l-identifikazzjoni tal-benefiċjarju ta' l-għajnuna tikkostitwixxi neċessarjament element rilevanti ta' fatt u ta' dritt li għandha tiġi esposta fid-deċiżjoni li tinbeda l-proċedura jekk dan ikun possibbli f'dan l-istadju, peress li huwa fuq il-bażi ta' identifikazzjoni bħal din li l-Kummissjoni tkun tista' tadotta deċiżjoni ta' rkupru. F'din il-kawża, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat li d-deċiżjoni li tinbeda l-proċedura ma kinitx issemmi lill-investituri bħala benefiċjarji eventwali ta' l-allegata għajnuna, iżda, għall-kuntrarju, tagħti l-impressjoni li l-imsemmi benefiċjarju kien l-amministratur tal-komproprjetà, li kien indikat bħala l-operatur u l-proprjetarju finali tal-bastiment. Il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonkludiet li, peress li ma qegħditx lill-investituri privati f'pożizzjoni li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom, il-Kummissjoni kisret l-Artikolu 88(2) KE kif ukoll il-prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju, li jeżiġi li kull persuna li kontriha tista' tittieħed deċiżjoni li tikkawżalha dannu, għandha jkollha l-possibbiltà li tippreżenta l-pożizzjoni tagħha fir-rigward ta' dak kollu li jkun ġie ritenut kontriha mill-Kummissjoni bħala bażi tad-deċiżjoni in kwistjoni.

It-tieni nett, fis-sentenza **Kuwait Petroleum (Nederland) vs Il-Kummissjoni**[36]**,** il-Qorti tal-Prim'Istanza ppreċiżat li l-Kummissjoni ma tistax tkun obbligata tippreżenta analiżi kompluta fir-rigward ta' l-għajnuna in kwistjoni fil-komunikazzjoni tagħha li tibda l-proċedura. Għall-kuntrarju, huwa neċessarju li hija tiddefinixxi, b'mod suffiċjenti, il-kuntest ta' l-istħarriġ tagħha sabiex ma tirrendix id-dritt tal-partijiet interessati, li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom, mingħajr skop. F'dan il-każ, il-kunċett fundamentali li kien jippermetti l-identifikazzjoni tal-benefiċjarji kien preżenti fil-komunikazzjoni, b'mod illi l-Kummissjoni wettqet tajjeb, fil-limiti tal-mezzi tagħha, il-kompitu tagħha li tqiegħed lill-partijiet interessati f'pożizzjoni li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fil-proċedura finali ta' l-istħarriġ ta' l-għajnuna.

[36] Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-31 ta' Mejju 2006, Kuwait Petroleum (Nederland) vs Il-Kummissjoni, T-354/99, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.

b) *Invokazzjoni quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza ta' elementi ta' fatt li ma kinux issemmew matul il-fażi amministrattiva quddiem il-Kummissjoni*

F'żewġ sentenzi deċiżi matul din is-sena, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkompletat il-ġurisprudenza tagħha li tillimita d-dritt ta' rikorrent li jinvoka quddiemha elementi li l-Kummissjoni ma jkunx kellha għad-dispożizzjoni tagħha fil-fażi amministrattiva.[37].

B'hekk, fis-sentenza **Schmitz-Gotha Fahrzeugwerke vs Il-Kummissjoni**[38]**,** il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li rikorrent li ma jkunx ipparteċipa fil-proċedura amministrattiva ma jistax jinvoka elementi li l-Kummissjoni ma kellhiex għarfien tagħhom matul din il-fażi, minkejja li r-rikorrent kien indikat bħala l-benefiċjarju ta' l-għajnuna in kwistjoni u li l-Kummissjoni kienet stiednet lill-awtoritajiet Ġermaniżi kif ukoll lill-eventwali partijiet interessati sabiex iressqu prova ta' ċerti elementi. Fil-fatt, peress li l-Kummissjoni kienet qegħdet lill-partijiet interessati f'pożizzjoni li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom, hija ma setgħetx tiġi kkritikata talli ma ħaditx in kunsiderazzjoni ċerti elementi ta' fatt li setgħu jiġu ppreżentati matul il-proċedura amministrattiva iżda li fil-fatt ma ġewx ippreżentati, peress li l-Kummissjoni m'għandhiex l-obbligu li teżamina *ex officio* u li tikkalkola liema elementi setgħu jiġu ppreżentati lilha.

Bl-istess mod, fis-sentenza **Ter Lembeek vs Il-Kummissjoni**[39]**,** il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat li, minkejja li r-rikorrenti kienet perfettament konxja mill-fatt li kienet inbdiet il-proċedura formali ta' stħarriġ u mill-bżonn u l-importanza li hija tippreżenta ċerta informazzjoni, hija kienet iddeċidiet li ma tipparteċipax f'din il-proċedura, mingħajr ma allegat li l-deċiżjoni li tinbeda l-proċedura ma kinitx motivata b'mod suffiċjenti sabiex hija tkun tista' teżerċita d-drittijiet tagħha. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rikorrenti la setgħet tippreżenta, għall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, elementi ta' informazzjoni li ma kinitx taf bihom il-Kummissjoni fil-mument li fih kienet adottat id-deċiżjoni kkontestata, u lanqas setgħet tinvoka, taħt piena ta' inammissibbiltà, motiv sostnut unikament b'elementi ta' informazzjoni li l-Kummissjoni ma kinitx taf bihom fil-mument li fih kienet adottat id-deċiżjoni kkontestata.

ċ) *Terminu raġonevoli*

Fil-kawża li tat lok għas-sentenza **Asociación de Estaciones de Servicio de Madrid u Federación Catalana de Estaciones de Servicio vs Il-Kummissjoni**[40]**,** il-fażi preliminari

37 Sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-14 ta' Jannar 2004, Fleuren Compost vs Il-Kummissjoni, T-109/01, Ġabra p. II-127, punti 50 u 51, kif ukoll tal-11 ta' Mejju 2005, Saxonia Edelmetalle u Zemag vs Il-Kummissjoni, T-111/01 u T-133/01, punti 67 sa 70, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.

38 Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-6 ta' April 2006, Schmitz-Gotha Fahrzeugwerke vs Il-Kummissjoni, T-17/03, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.

39 Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-23 ta' Novembru 2006, Ter Lembeek vs Il-Kummissjoni, T-217/02, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.

40 Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Diċembru 2006, Asociación de Estaciones de Servicio de Madrid u Federación Catalana de Estaciones de Servicio vs Il-Kummissjoni, T-95/03, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.

ta' l-istħarriġ, prevista fl-Artikolu 88(3) KE kienet damet kważi 28 xahar. Il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li n-natura raġonevoli tat-tul tal-proċedura ta' stħarriġ preliminari taħt l-Artikolu 88(3) KE għandha tiġi ddeterminata skond iċ-ċirkustanzi partikolari ta' kull kawża, u f'dan il-każ, la l-volum ta' dokumenti ppreżentati mir-rikorrenti lill-Kummissjoni u lanqas iċ-ċirkustanzi l-oħra tal-kawża ma kienu jiġġustifikaw it-tul ta' l-isħarriġ preliminari mmexxi mill-Kummissjoni. Madankollu, fin-nuqqas ta' ċirkustanzi oħra li l-eżistenza tagħhom ma ġietx stabbilita mir-rikorrenti, il-fatt biss li deċiżjoni tkun ġiet adottata wara li jkun għadda t-terminu raġonevoli, ma ġiex ikkunsidrat mill-Qorti tal-Prim'Istanza bħala suffiċjenti sabiex deċiżjoni meħuda mill-Kummissjoni ssir illegali. Għalhekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet ir-rikors għal annullament.

## D. Trade mark Komunitarja

Din is-sena reġa' kien hemm diversi deċiżjonijiet li fihom ġie applikat ir-Regolament Nru 40/94[41]. In-numru ta' kawżi deċiżi (90) jirrappreżenta 20 % tal-kawżi magħluqa mill-Qorti tal-Prim'Istanza fl-2006.

### 1. Raġunijiet assoluti għal rifjut ta' reġistrazzjoni

Minn total ta' tmien sentenzi li ddeċidew kawżi relatati ma' raġunijiet assoluti għal rifjut ta' reġistrazzjoni, il-Qorti tal-Prim'Istanza annullat żewġ deċiżjonijiet[42]. Il-ġurisprudenza tas-sena 2006 tikkonċerna essenzjalment ir-raġunijiet assoluti għal rifjut ibbażati fuq nuqqas ta' karattru distintiv u fuq karattru deskrittiv [Artikolu 7(1)(b) u (ċ) tar-Regolament Nru 40/94]. Fost l-oħrajn, il-Qorti tal-Prim'Istanza stabbilixxiet li l-forma ta' flixkun tal-plastik għax-xorb, għall-ħwawar u għall-ikel likwidu; is-sinjal WEISSE SEITEN, b'mod partikolari, għal ċertu mezzi ta' reġistrazzjoni u prodotti relatati mal-karta, kif ukoll forma rettangolari li tfakkar f'marella jew spirali għal ċerti prodotti ta' l-ikel kienu deskrittivi jew nieqsa minn karattru distintiv[43].

### 2. Raġunijiet relattivi għal rifjut ta' reġistrazzjoni

Għal darba oħra, din is-sena kien hemm ġurisprudenza kunsiderevoli dwar dan il-punt. Per eżempju, jistgħu jissemmew il-preċiżazzjonijiet magħmula fir-rigward tar-relazzjoni bejn karattru distintiv u reputazzjoni fis-sentenza **Vitakraft-Werke Wührmann vs UASI –**

41 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, ta' l-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-*trade mark* Komunitarja (ĠU 1994, L 11, p. 1).

42 Sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-4 ta' Ottubru 2006, Freixenet vs UASI (Forma ta' flixkun iswed matt illustrat), T-188/04, u Freixenet vs UASI (Forma ta' flixkun abjad matt illustrat) T-190/04, li għadhom ma ġewx ippubblikati fil-Ġabra.

43 Sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-15 ta' Marzu 2006, Develey vs UASI (Forma ta' flixkun tal-plastik), T-129/04 (qegħda taħt appell, C-238/06 P), tas-16 ta' Marzu 2006, Telefon & Buch vs UASI – Herold Business Data (Weisse Seiten), T-322/03, li għadhom ma ġewx ippubblikati fil-Ġabra, u tal-31 ta' Mejju 2006, De Waele vs UASI (Forma ta' zalzett), T-15/05, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.

**Johnson's Veterinary Products (VITACOAT),** jew ta' l-evalwazzjoni *ratione temporis* tal-kunflitt bejn żewġ *trade marks* fis-sentenza **MIP Metro vs UASI – Tesco Stores (METRO)**[44]**.** Madankollu, hawnhekk ser jiġu ppreżentati biss il-punti l-ġodda li jikkonċernaw, minn naħa, il-kunċett ta' "grupp ta' *trade marks*" u, min-naħa l-oħra, il-portata tal-protezzjoni pprovduta permezz ta' użu ġenwin ta' *trade mark*.

a) *Kunċett ta' "grupp ta' trade marks"*

Fis-sentenza **Ponte Finanziaria vs UASI – Marine Enterprise Projects (BAINBRIDGE),** il-Qorti tal-Prim'Istanza ppreċiżat ir-rilevanza tal-kunċett ta' "grupp ta' *trade marks*" għall-evalwazzjoni tal-probabbiltà ta' konfużjoni[45]. F'din il-kawża r-rikorrenti sostniet li t-*trade marks* preċedenti, kollha kkaratterizzati mill-istess kelma ("bridge"), kienu jikkostitwixxu "grupp ta' *trade marks*" jew "*trade marks* f'serje". Fil-fehma tagħha, ċirkustanza bħal din kienet ta' natura li toħloq probabbiltà oġġettiva ta' konfużjoni. Skond il-Qorti tal-Prim'Istanza, għalkemm il-kunċett ta' "*trade marks* f'serje" mhuwiex imsemmi fir-Regolament Nru 40/94, il-probabbiltà ta' konfużjoni xorta għandha tiġi evalwata b'mod globali billi jittieħdu in kunsiderazzjoni l-fatturi kollha rilevanti f'din il-kawża. Hija żiedet tgħid li l-fatt li oppożizzjoni għal applikazzjoni għal *trade mark* Komunitarja tkun ibbażata fuq diversi *trade marks* preċedenti u li dawn it-*trade marks* ikollhom karatteristiċi li jippermettu li jitqiesu li jifformaw parti mill-istess "serje" jew "grupp" jikkostitwixxi fattur rilevanti għall-finijiet ta' l-evalwazzjoni ta' l-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni. Dan jista' jkun il-każ, b'mod partikolari, meta huma jirriproduċu kompletament element distintiv li jkun l-istess flimkien ma' element ieħor, figurattiv jew verbali, li jagħmilhom differenti waħda mill-oħra, jew meta jkunu kkaratterizzati mir-repetizzjoni ta' l-istess prefiss jew suffiss meħud minn *trade mark* oriġinali. Fil-fatt, f'dawn iċ-ċirkustanzi, jista' jkun hemm probabbiltà ta' konfużjoni minħabba l-possibbiltà ta' assoċjazzjoni bejn it-*trade mark* mitluba u t-*trade marks* preċedenti li jifformaw parti mis-serje, meta t-*trade mark* mitluba tkun tixbah lil dawn ta' l-aħħar, li jista' jwassal lill-konsumatur jemmen li din tifforma parti mill-istess serje u, għaldaqstant, li l-prodotti indikati minnha għandhom l-istess oriġini kummerċjali bħal dawk indikati mit-*trade marks* preċedenti, jew oriġini relatata.

Madankollu, il-Qorti tal-Prim'Istanza llimitat din is-soluzzjoni għall-każijiet li fihom ikun hemm żewġ kundizzjonijiet li jkunu sodisfatti flimkien. L-ewwel nett, il-proprjetarju ta' serje ta' reġistrazzjoni preċedenti għandu jressaq prova ta' l-użu tat-*trade marks* kollha li jifformaw parti mis-serje jew, ta' l-inqas, ta' numru ta' *trade marks* li jistgħu jikkostitwixxu "serje". It-tieni nett, apparti x-xebh tagħha mat-*trade marks* li jifformaw parti mis-serje, it-*trade mark* mitluba għandha wkoll ikollha karatteristiċi li jistgħu jassoċjawha mas-serje. Il-Qorti tal-Prim'Istanza ppreċiżat li dan jista' ma jkunx il-każ, per eżempju, meta l-element komuni tat-*trade marks* ta' serje preċedenti jkun użat fit-*trade mark* mitluba f'pożizzjoni differenti minn dik li fiha jidher normalment fit-*trade marks* li jifformaw parti mis-serje jew

44 Ara, rispettivament, is-sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Lulju 2006, Vitakraft-Werke Wührmann vs UASI – Johnson's Veterinary Products (VITACOAT), T-277/04, u tat-13 ta' Settembru 2006, MIP Metro vs UASI – Tesco Stores (METRO), T-191/04 (qegħda taħt appell, C-493/06 P), li għadhom ma ġewx ippubblikati fil-Ġabra.

45 Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-23 ta' Frar 2006, Ponte Finanziaria vs UASI – Marine Enterprise Projects (BAINBRIDGE), T-194/03 (qegħda taħt appell, C-234/06 P), li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.

ikun f'kontenut semantiku distint. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat li, ta' l-inqas, l-ewwel waħda fost dawn iż-żewġ kundizzjonijiet ma kinitx ġiet sodisfatta, peress li r-rikorrenti kienet ġabet prova biss ta' żewġ *trade marks* preċedenti tas-serje invokata.

b) *Il-portata tal-protezzjoni pprovduta permezz ta' użu ġenwin ta' trade mark*

L-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 40/94 jipprovdi li, jekk fi żmien ħames snin mir-reġistrazzjoni, it-*trade mark* ma tkunx ġiet użata b'mod ġenwin fil-Komunità għall-prodotti jew is-servizzi li għalihom tkun ġiet irreġistrata, jew jekk dan l-użu jkun ġie sospiż għal terminu kontinwu ta' ħames snin, it-*trade mark* Komunitarja tkun suġġetta għas-sanzjonijiet previsti f'dan ir-regolament, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet xierqa għan-nuqqas ta' użu. It-tieni paragrafu ta' din id-dispożizzjoni jipprovdi li l-użu tat-*trade mark* taħt forma li hija differenti fir-rigward ta' ċerti elementi li ma jbiddlux il-karattru distintiv tat-*trade mark* fil-forma li fiha kienet ġiet irreġistrata, huwa wkoll meqjus bħala użu ġenwin.

Barra minn hekk, skond l-Artikolu 43(2) tar-Regolament Nru 40/94, fuq talba ta' l-applikant, il-proprjetarju ta' *trade mark* preċedenti li jressaq oppożizzjoni għandu jressaq prova li, matul il-ħames snin ta' qabel il-pubblikazzjoni ta' l-applikazzjoni għal *trade mark* Komunitarja, it-*trade mark* Komunitarja preċedenti ntużat b'mod ġenwin fil-Komunità għall-prodotti jew is-servizzi li għalihom kienet irreġistrata u li fuqhom tkun ibbażata l-oppożizzjoni jew li jkunu jeżistu raġunijiet validi għaliex ma tkunx tintuża, sakemm f'dik id-data t-*trade mark* preċedenti tkun ilha rreġistrata għal ta' l-inqas ħames snin. Dejjem skond din id-dispożizzjoni, jekk it-*trade mark* Komunitarja preċedenti ma tkunx ġiet użata ħlief għal parti tal-prodotti jew tas-servizzi li għalihom tkun ġiet irreġistrata, għall-finijiet ta' l-eżami ta' l-oppożizzjoni, hija titqies li hija rreġistrata għal din il-parti tal-prodotti jew tas-servizzi biss. It-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 43 tar-Regolament Nru 40/94 jestendi l-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji għal każ ta' *trade marks* nazzjonali preċedenti.

Fis-sentenza **Ponte Finanziaria vs UASI,** iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Prim'Istanza kellha tiddeċiedi dwar argument tar-rikorrenti bbażat fuq il-kunċett ta' "*trade mark* difensiva". Dan il-kunċett jippermetti, fid-dritt Taljan, li ssir eċċezzjoni għar-regola tar-revoka tat-*trade mark* minħabba nuqqas ta' użu, fil-każ li l-proprjetarju tat-*trade mark* li ma tkunx użata jkun, fl-istess waqt, proprjetarju ta' waħda jew diversi *trade marks* li jkunu għadhom fis-seħħ, li fosthom, ta' l-inqas waħda tkun tintuża sabiex tindika l-istess prodotti jew servizzi.

Madankollu, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li l-kunċett ta' "*trade mark* difensiva" ma jeżistix fis-sistema ta' protezzjoni tat-*trade mark* Komunitarja, li, bħala kundizzjoni essenzjali għar-rikonoxximent tad-drittjiet marbuta mat-*trade marks*, timponi l-użu effettiv ta' sinjal fil-kummerċ għall-prodotti jew servizzi in kwistjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Prim'Istanza ppreċiżat li r-reġistrazzjonijiet difensivi ma jaqgħux taħt ir-"raġunijiet validi" għan-nuqqas ta' użu, kif imsemmija fl-Artikolu 43(2) tar-Regolament Nru 40/94. Fil-fatt, dan il-kunċett jirreferi għall-eżistenza ta' ostakli għall-użu tat-*trade mark* jew għal sitwazzjonijiet li fihom l-użu kummerċjali tagħha, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha rilevanti tal-każ, jirriżulta eċċessivament oneruż. Dan jista' jkun il-każ, per eżempju, meta leġiżlazzjoni nazzjonali timponi restrizzjonijiet fuq il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti indikati mit-*trade mark*. Għall-kuntrarju, dan mhuwiex il-każ ta' dispożizzjoni nazzjonali li tippermetti li bħala *trade*

*marks* jiġu ppreżentati sinjali li mhumiex ser jintużaw fil-kummerċ minħabba l-funzjoni tagħhom, li hija purament difensiva, fir-rigward ta' sinjal ieħor li jintuża fil-kummerċ.

Il-kunċett ta' "*trade mark* difensiva" lanqas huwa kopert mill-possibbiltà, għal proprjetarju ta' *trade mark*, li juri użu ġenwin billi jressaq prova ta' użu fil-kummerċ taħt forma ftit differenti minn dik tat-*trade mark* irreġistrata. Fil-fatt, skond il-Qorti tal-Prim'Istanza, l-għan ta' l-Artikolu 15(2)(a) tar-Regolament Nru 40/94 huwa li jippermetti lill-proprjetarju ta' *trade mark* li, waqt li s-sinjal ikun qed jintuża fil-kummerċ, jagħmillu xi tibdiliet żgħar li jippermettulu li jadatta aħjar, għall-eżiġenzi tal-kummerċjalizzazzjoni u tal-promozzjoni tal-prodotti jew tas-servizzi kkonċernati, mingħajr ma jibdel il-karattru distintiv tas-sinjal. Il-kamp ta' applikazzjoni materjali ta' din id-dispożizzjoni għandu jiġi jitqies li huwa limitat għas-sitwazzjonijiet li fihom is-sinjal konkretament użat mill-proprjetarju ta' *trade mark* jikkostitwixxi l-forma li taħtha din l-istess *trade mark* tkun użata kummerċjalment. Għall-kuntrarju, din id-dispożizzjoni ma tippermettix lill-proprjetarju ta' *trade mark* li jevita l-obbligu tiegħu li jagħmel użu minn din it-*trade mark* billi jinvoka l-użu ta' *trade mark* simili li tkun irreġistrata separatament.

## 3. Kwistjonijiet ta' forma u ta' proċedura

Mill-kontinwità, fir-rigward tal-funzjonijiet tagħhom, bejn l-istanzi ta' l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (*Trade marks* u Disinji) (UASI) jirriżulta li fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 74(1) tar-Regolament Nru 40/94 (li jimponi, fi proċedimenti li jirrigwardaw raġunijiet relattivi għal rifjut ta' reġistrazzjoni, li l-eżami jkun ristrett għall-fatti, provi u argumenti ppreżentati mill-partijiet, u għat-talbiet tagħhom), il-Bord ta' l-Appell huwa marbut li jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq l-elementi kollha ta' fatt u ta' dritt li l-parti kkonċernata tkun ippreżentat fil-proċedimenti quddiem l-unità li tkun iddeċidiet fl-ewwel istanza, jew fil-proċedimenti ta' appell, taħt l-unika riżerva prevista fl-Artikolu 74(2) tar-Regolament Nru 40/94 (jiġifieri l-impossibbiltà għall-UASI li tieħu in kunsiderazzjoni l-fatti li ma jkunux ġew ippreżentati mill-partijiet fiż-żmien stabbilit) [46].

Din is-sena, il-Qorti tal-Prim'Istanza kompliet tippreċiża l-portata tal-ġurisprudenza tagħha, billi ċċarat l-għan ta' l-eżami li għandu jsir mill-Bord ta' l-Appell, kemm mill-aspett ta' fatti kif ukoll mill-aspett ġuridiku.

Minn naħa, fir-rigward ta' l-eżami tal-fatti li jsir mill-Bord ta' l-Appell, fis-sentenzi **La Baronia de Turis vs UASI – Baron Philippe de Rothschild (LA BARONNIE)** u **Caviar Anzali vs UASI – Novomarket (Asetra),** il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li l-Bord ta' l-Appell għandu l-istess kompetenzi bħall-istanza li tieħu d-deċiżjoni kkontestata u li l-eżami tiegħu jirrigwarda l-każ kollu kemm hu, kif ikun fil-jum li fih jagħti deċiżjoni[47]. Għaldaqstant, l-istħarriġ eżerċitat mill-Bordijiet ta' l-Appell mhuwiex limitat għall-istħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni kkontestata, iżda minħabba l-fatt li jsir trasferiment tal-kwistjonijiet ta' fatt u ta'

46 Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-23 ta' Settembru 2003, Henkel vs UASI – LHS (UK) (KLEENCARE), T-308/01, Ġabra p. II-3253, punt 32.

47 Sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-10 ta' Lulju 2006, La Baronia de Turis vs UASI – Baron Philippe de Rothschild (LA BARONNIE), T-323/03, tal-11 ta' Lulju 2006, Caviar Anzali vs UASI – Novomarket (Asetra), T-252/04, li għadhom ma ġewx ippubblikati fil-Ġabra.

dritt tal-proċedura ta' l-appell, ikun jeħtieġ li terġa' ssir evalwazzjoni tal-każ kollu u l-Bordijiet ta' l-Appell ikollhom jeżaminaw mill-ġdid ir-rikors inizjali kollu u jkollhom jieħdu in kunsiderazzjoni l-provi ppreżentati quddiemhom fiż-żmien stabbilit. Għalhekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li, għalkemm l-Artikolu 74(2) tar-Regolament Nru 40/94 jagħti lill-UASI, b'mod fakultattiv, is-setgħa li ma jieħux in kunsiderazzjoni provi li l-partijiet ma jkunux ippreżentaw fiż-żmien stabbilit, fil-kuntest ta' proċedura quddiem Bord ta' l-Appell, dan il-kunċett għandu jiġi interpretat bħala li jirreferi għat-terminu applikabbli sabiex jiġi mressaq l-appell kif ukoll għat-termini stabbiliti matul il-proċeduri in kwistjoni. Peress li dan il-kunċett huwa applikabbli fil-kuntest ta' kull waħda mill-proċeduri quddiem l-UASI, il-fatt li t-termini, sabiex jiġu ppreżentati l-provi, kif stabbiliti mill-unità li tiddeċiedi fl-ewwel istanza, jibdew jiddekorru, huwa irrilevanti għall-kwistjoni dwar jekk il-provi jkunux ġew ippreżentati fiż-żmien stabbilit quddiem il-Bord ta' l-Appell. B'hekk il-Bord ta' l-Appell huwa obbligat li jieħu in kunsiderazzjoni l-elementi ta' prova ppreżentati quddiemu, irrispettivament mill-fatt jekk dawn ikunux ġew ippreżentati jew le quddiem id-Diviżjoni ta' l-Oppożizzjoni. F'dan il-każ, peress li d-dokumenti in kwistjoni kienu ġew prodotti fl-anness għan-nota ppreżentata quddiem il-Bord ta' l-Appell fi żmien l-erba' xhur mogħtija mill-Artikolu 59 tar-Regolament Nru 40/94, il-produzzjoni tagħhom ma setgħetx titqies li kienet tardiva fis-sens ta' l-Artikolu 74(2) tar-Regolament Nru 40/94.

Madankollu, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li kien jeħtieġ li jiġu eżaminati l-konsegwenzi li kellhom jiġu dedotti minn dan l-iżball ta' dritt, peress li irregolarità fil-proċedura twassal għall-annullament ta' deċiżjoni sħiħa jew parti minnha fil-każ biss li jiġi stabbilit li, fin-nuqqas ta' din l-irregolarità, id-deċiżjoni kkontestata seta' jkollha kontenut differenti. F'dan il-każ, filwaqt li fakkret li ma kinitx kompetenti li tidħol minflok il-UASI fl-evalwazzjoni ta' l-elementi in kwistjoni, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li ma setax jiġi eskluż li l-provi li l-Bord ta' l-Appell indebitament irrifjuta li jieħu in kunsiderazzjoni setgħu kienu ta' natura li jibdlu l-kontenut tad-deċiżjoni kkontestata. Għalhekk, hija annullat id-deċiżjoni kkontestata[48].

Min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' l-eżami ġuridiku li għandu jsir mill-Bord ta' l-Appell, fis-sentenza **DEF-TEC Defense Technology vs UASI – Defense Technology (FIRST DEFENSE AEROSOL PEPPER PROJECTOR),** il-Qorti tal-Prim'Istanza ppreċiżat li, bħala prinċipju, dan mhuwiex iddeterminat esklużivament mill-motivi invokati mill-parti li tkun ressqet l-appell[49]. Konsegwentement, anki jekk il-parti li tkun ressqet l-appell ma tkunx qajmet motiv speċifiku, il-Bord ta' l-Appell huwa xorta waħda obbligat li jeżamina, fid-dawl ta' l-elementi kollha ta' dritt u ta' fatt rilevanti, jekk id-deċiżjoni li tkun is-suġġett ta' l-appell tistax jew le tiġi adottata legalment. F'dan il-każ, quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, ir-rikorrenti invokat in-nullità tad-deċiżjoni tad-Diviżjoni ta' l-Oppożizzjoni minħabba nuqqas ta' firma. Il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li, għalkemm dan il-motiv ma kienx ġie invokat quddiem il-Bord ta' l-Appell, u jekk jiġi preżuppost li ġie stabbilit li kien hemm ksur tar-regoli formali applikabbli, il-Bord ta' l-Appell kellu jqajjem dan il-motiv *ex officio.*

48 Ara, għal analiżi essenzjalment simili, is-sentenza Torre Muga, iċċitata iktar 'il fuq.

49 Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-6 ta' Settembru 2006, DEF-TEC Defense Technology vs UASI – Defense Technology (FIRST DEFENSE AEROSOL PEPPER PROJECTOR), T-6/05, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.

Mill-aspett proċedurali, din is-sena l-Qorti tal-Prim'Istanza ttrattat ukoll il-kwistjoni ta' l-elementi li jistgħu jiġu invokati quddiemha kontra deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell.

Fis-sentenza **Vitakraft-Werke Wührmann vs UASI,** iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Prim'Istanza bbażat ruħha fuq il-ġurisprudenza preċedenti tagħha sabiex tikkunsidra li fatti invokati quddiemha li ma jkunux ġew ippreżentati fl-istanzi ta'l-UASI jistgħu jaffettwaw il-legalità ta' deċiżjoni fil-każ biss li l-Bord ta' l-Appell ta' l-UASI kellu jeħodhom in kunsiderazzjoni *ex officio*. L-Artikolu 74(1) tar-Regolament Nru 40/94, li jipprovdi li, fi proċedura li tikkonċerna r-raġunijiet relattivi għal rifjut ta' reġistrazzjoni, l-eżami ta' l-UASI huwa limitat għall-argumenti mressqa u għat-talbiet ippreżentati mill-partijiet, peress li m'hemmx obbligu li f'dan l-eżami jittieħdu in kunsiderazzjoni, *ex officio*, il-fatti li ma jkunux ġew ippreżentati mill-partijiet. Konsegwentement, fatti bħal dawn ma jistgħux iqegħdu fid-dubju l-legalità ta' deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell.

Għall-kuntrarju, fis-sentenza **Armacell vs UASI – nmc (ARMAFOAM),** il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li l-fatt li, quddiem id-Diviżjoni ta'l-Oppożizzjoni, waħda mill-partijiet sostniet li l-prodotti indikati mit-*trade marks* in kwistjoni setgħu kienu potenzjalment identiċi, u wara ddikjarat, quddiem il-Bord ta' l-Appell, li l-kwistjoni tax-xebh tal-prodotti setgħet ma tiġix deċiża minħabba l-allegata differenza bejn is-sinjali in kwistjoni, ma kellux l-effett li jippriva lill-UASI mill-kompetenza tiegħu li jiddeċiedi dwar jekk il-prodotti indikati mill-imsemmija *trade marks* kinux simili jew identiċi[50]. Konsegwentement, fatt bħal dan lanqas għandu l-effett li jċaħħad lil din il-parti mid-dritt li tikkontesta, quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, fil-limiti tal-fatti u tal-kuntest ġuridiku tal-kwistjoni quddiem il-Bord ta' l-Appell, l-evalwazzjonijiet magħmula minn dan ta' l-aħħar f'dan ir-rigward.

## E. Aċċess għal dokumenti

Din is-sena ngħataw biss żewġ sentenzi dwar rifjut ta' aċċess għal dokumenti fir-rigward tar-Regolament Nru 1049/2001[51]. Madankollu, dawn is-sentenzi ppermettew lill-Qorti tal-Prim'Istanza tippreċiża l-portata ta' l-eċċezzjonijiet ibbażati fuq il-protezzjoni ta' l-għanijiet ta' spezzjoni u ta' investigazzjoni kif ukoll dawk ibbażati fuq il-protezzjoni tal-proċedimenti fil-qrati, rispettivament.

Minn naħa, fis-sentenza **Technische Glaswerke Ilmenau vs Il-Kummissjoni,** li kienet tikkonċerna rifjut ta' talba ta' aċċess għal dokumenti relatati ma' proċedura ta' għajnuna mogħtija minn Stat, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li s-sempliċi fatt, għall-Kummissjoni, li ssostni li aċċess seta' jikkomprometti d-djalogu neċessarju bejn il-Kummissjoni, l-Istat Membru u l-impriżi kkonċernati fil-kuntest ta' l-investigazzjonijiet li jkunu qed isiru, ma jurix l-eżistenza ta' ċirkustanzi partikolari li jiġġustifikaw li ma jsirx eżami konkret u individwali tad-dokumenti li għalihom ikun intalab l-aċċess.

50 Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-10 ta' Ottubru 2006, Armacell vs UASI – nmc (ARMAFOAM), T-172/05, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.

51 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1049/2001, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, p. 43). Sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-6 ta' Lulju 2006, Franchet u Byk, T-391/03 u T-70/04, u ta' l-14 ta' Diċembru 2006, Technische Glaswerke Ilmenau vs Il-Kummissjoni T-237/02, li għadhom ma ġewx ippubblikati fil-Ġabra.

Min-naħa l-oħra, fis-sentenza **Franchet u Byk vs Il-Kummissjoni,** il-Qorti tal-Prim'Istanza ttrattat rifjut ta' aċċess għal diversi dokumenti ta' l-OLAF u tad-dipartiment tal-verifika interna tal-Kummissjoni. Dawn id-dokumenti kienu ġew ikkomunikati lill-awtoritajiet ġudizzjarji Franċiżi u Lussemburgiżi fil-kuntest ta' investigazzjoni dwar ċerti irregolaritajiet li ġew allegatament kommessi minn Eurostat. F'din il-kawża ġiet mistħarrġa r-responsabbiltà tar-rikorrenti.

Il-Qorti tal-Prim'Istanza, wara li fakkret li l-eċċezzjonijiet għall-prinċipju ta' aċċess għad-dokumenti ta' l-istituzzjonijiet għandhom jiġu interpretati u applikati b'mod restrittiv, eżaminat il-mod kif il-Kummissjoni applikat l-imsemmija eċċezzjonijiet, b'mod aktar partikolari, dawk ibbażati fuq il-protezzjoni tal-proċedimenti fil-qrati u ta' l-għanijiet ta' spezzjoni, ta' investigazzjoni u ta' verifika.

Fir-rigward ta' l-ewwel eċċezzjoni, il-Qorti tal-Prim'Istanza qieset li, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża, il-Kummissjoni ma setgħetx issostni li d-dokumenti differenti kkomunikati mill-OLAF kienu ġew miktuba għall-finijiet ta' proċedimenti fil-qrati biss. Fil-fatt, is-segwitu li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jew l-istituzzjonijiet jagħtu lir-rapporti u lill-informazzjoni mibgħuta mill-OLAF jaqa' taħt ir-responsabbiltà unika u sħiħa ta' dawn l-awtoritajiet u jista' jkun li komunikazzjoni mill-OLAF lill-awtoritajiet nazzjonali jew lill- istituzzjoni ma twassalx għall-ftuħ ta' proċeduri ġudizzjarji fuq livell nazzjonali jew ta' proċeduri dixxiplinari jew amministrattivi fuq livell Komunitarju. Il-ħarsien tar-regoli nazzjonali ta' proċedura huwa suffiċjentement iggarantit jekk l-istituzzjoni tassigura lilha nnifisha li l-iżvelar tad-dokumenti ma jikkostitwixxix ksur tad-dritt nazzjonali. B'hekk, fil-każ ta' dubju, l-OLAF kellu jikkonsulta lill-qorti nazzjonali u ma kellux jirrifjuta l-aċċess ħlief fil-każ li l-qorti nazzjonali tipprojbixxi l-iżvelar ta' l-imsemmija dokumenti.

Fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni, ibbażata fuq il-protezzjoni ta' l-għanijiet ta' spezzjoni, ta' investigazzjoni u ta' verifika, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li din id-dispożizzjoni hija applikabbli biss jekk ikun probabbli li t-tixrid tad-dokumenti in kwistjoni jqiegħed fil-perikolu t-twettiq ta' l-ispezzjoni, l-investigazzjoni jew il-verifika in kwistjoni. Dan jeżiġi li jiġi vverifikat jekk, fil-mument ta' l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ikkontestati, kienx għad hemm xi spezzjoni u investigazzjoni għaddejjin li setgħu jitqegħdu fil-periklu u jekk dawn l-attivitajiet kinux saru f'terminu raġonevoli. F'dan il-każ, il-Kummissjoni m'għamlet l-ebda żball ta' dritt jew ta' evalwazzjoni billi kkunsidrat li, fil-mument ta' l-adozzjoni ta' l-ewwel deċiżjoni kkontestata, l-aċċess għad-dokumenti mibgħuta lill-awtoritajiet Franċiżi u Lussemburgiżi kellu jiġi rrifjutat minħabba li l-iżvelar tagħhom kien ikun ta' ħsara għall-protezzjoni ta' l-għanijiet ta' spezzjoni, ta' investigazzjoni u ta' verifika. Madankollu, jidher li għal ċerti komunikazzjonijiet ta' l-OLAF lill-Kummissjoni, l-OLAF kien iddeċieda *in abstracto*, mingħajr ma wera b'mod suffiċjenti skond il-liġi li l-iżvelar ta' dawn id-dokumenti kien, b'mod konkret, jagħmel ħsara għall-protezzjoni ta' l-għanijiet ta' spezzjoni, ta' investigazzjoni u ta' verifika, u li l-eċċezzjoni użata kienet, fir-realtà, applikabbli għall-informazzjoni kollha li tinsab fl-imsemmija dokumenti. Għaldaqstant, id-deċiżjoni ta' rifjut ta' aċċess ġiet annullata għal dak li jikkonċerna dawn l-aħħar dokumenti.

Fl-aħħar nett, wieħed jista' jara l-applikazzjoni, fis-sentenza **Kallianos vs Il-Kummissjoni,** tal-prinċipji li joħorġu mir-Regolament Nru 1049/2001 sabiex tingħata deċiżjoni, fil-kuntest ta' rikors imressaq minn uffiċjal kontra deċiżjoni li żżomm il-paga tiegħu, fuq motiv ibbażat,

b'mod partikolari, fuq nuqqas ta' trasparenza[52]. F'din il-kawża, ir-rikorrent kien talab li jingħata aċċess għal opinjoni tas-servizz ġuridiku tal-Kummissjoni dwar il-pożizzjoni personali tiegħu. Għalkemm ir-rikorrent ma ppreżentax it-talba tiegħu fuq il-bażi tar-Regolament Nru 1049/2001, huwa fid-dawl tal-ġurisprudenza dwar dan ir-regolament li ġie deċiż li l-Kummissjoni kienet injorat parzjalment id-dritt ta' aċċess għall-fajl tar-rikorrent. Madankollu, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma annullatx id-deċiżjoni tal-Kummissjoni peress li r-rifjut li jingħataw l-opinjonijiet legali in kwistjoni ma kellux effett fuq id-difiża tar-rikorrent.

## F. Politika barranija u ta' sigurtà komuni (PBSK) – Ġlieda kontra t-terroriżmu

Din is-sena l-Qorti tal-Prim'Istanza tat tliet sentenzi fir-rigward tal-ġlieda kontra t-terroriżmu[53]. L-ewwel tnejn jikkompletaw il-prinċipji stabbiliti fis-sentenza Yusuf u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni kif ukoll is-sentenza Kadi vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni[54], filwaqt li t-tielet waħda seħħet f'kuntest ġuridiku ġdid.

Wara l-attentati terroristiċi tal-11 ta' Settembru 2001, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta diversi riżoluzzjonijiet li fihom talab lill-Istati Membri tan-Nazzjonijiet Uniti sabiex jiffriżaw il-fondi u r-riżorsi finanzjarji ta' persuni u entitajiet assoċjati mat-Taliban, ma' Usama bin Laden u man-netwerk ta' Al-Qaida. Kumitat tas-Sanzjonijiet ġie inkarigat mill-Kunsill tas-Sigurtà sabiex jidentifika s-suġġetti kkonċernati u sabiex iżomm lista aġġornata tagħhom. Dawn ir-riżoluzzjonijiet ġew implementati fil-Komunità permezz ta' regolamenti tal-Kunsill, li jordnaw l-iffriżar ta' fondi tal-persuni u ta' l-entitajiet ikkonċernati. Dawn huma mniżżla f'lista li tiġi rriveduta regolarment mill-Kummissjoni, fuq il-bażi ta' l-aġġornamenti li jsiru mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet. L-Istati jistgħu jipprovdu ċerti derogi mill-iffriżar tal-fondi għal raġunijiet umanitarji, bi ftehim mal-Kumitat tas-Sanzjonijiet. Skond proċedura speċifika, tista' tiġi ppreżentata talba lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet, permezz ta' l-intermedjarju ta' l-Istat li fih tirrisjedi l-persuna kkonċernata jew li hija ċittadina tiegħu, sabiex isimha jitneħħa minn fuq il-lista.

Chafiq Ayadi, ċittadin Tuneżin residenti f'Dublin (l-Irlanda), u Faraj Hassan, ċittadin Libjan, miżmum fil-ħabs ta' Brixton (ir-Renju Unit), ġew inklużi fil-lista Komunitarja in kwistjoni. Dawn iż-żewġ persuni talbu lill-Qorti tal-Prim'Istanza tannulla din il-miżura u, fiż-żewġ sentenzi li rriżultaw minn dawn il-kawżi, il-Qorti tal-Prim'Istanza ppreċiżat diversi punti dwar il-proċedura ta' l-iffriżar ta' fondi.

52 Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-17 ta' Mejju 2006, Kallianos vs Il-Kummissjoni, T-93/04 (qegħda taħt appell, C-323/06 P), li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.

53 Sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Lulju 2006, Ayadi vs Il-Kunsill, T-253/02 (qegħda taħt appell, C-403/06 P), li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra, kif ukoll Hassan vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, T-49/04 (qegħda taħt appell, C-399/06 P), li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra, u s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Diċembru 2006, Organisation des Modjahedines du peuple d'Iran vs Il-Kunsill, T-228/02, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.

54 Sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-21 ta' Settembru 2005, Yusuf u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, T-306/01 (qegħda taħt appell, C-45/05 P), Ġabra p. II-3533, u tal-21 ta' Settembru 2005, Kadi vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, T-315/01 (qegħda taħt appell, C-402/05 P), Ġabra p. II-3649.

Fis-sentenza **Ayadi vs Il-Kunsill,** iċċitata iktar 'il fuq, wara li fakkret li l-iffriżar tal-fondi previst mir-regolament ikkontestat ma kienx jikser id-drittijiet fundamentali tal-bniedem irrikonoxxuti fuq livell universali (jus cogens), il-Qorti tal-Prim'Istanza rrikonoxxiet li miżura bħal din kienet partikolarment drastika. Madankollu, hija żiedet tgħid li l-importanza ta' l-għanijiet tal-leġiżlazzjoni in kwistjoni hija ta' natura li tiġġustifika tali konsegwenzi negattivi u li l-iffriżar tal-fondi ma jfixkilx lill-individwi kkonċernati milli jkomplu jgħixu l-ħajja personali u soċjali tagħhom u l-ħajja tagħhom fil-familja b'mod sodisfaċenti, fid-dawl taċ-ċirkustanzi. B'mod partikolari, huma mhumiex ipprojbiti milli jeżerċitaw attività professjonali, minkejja li l-qligħ minn din l-attività jkun irregolat.

Sussegwentement, fir-rigward tal-proċedura tat-tneħħija ta' isem minn fuq il-lista, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat li d-direttivi tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet u r-regolament tal-Kunsill ikkontestat jipprovdu d-dritt lil individwu li jippreżenta talba għal rieżami tal-każ tiegħu mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet, permezz ta' l-intermedjarju tal-Gvern tal-pajjiż li fih jirrisjedi jew li huwa ċittadin tiegħu. Dan id-dritt huwa għalhekk iggarantit mis-sistema legali Komunitarja. Fil-kuntest ta' l-eżami ta' talba bħal din, l-Istati Membri għandhom iħarsu d-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati peress li dawn ma jostakolawx twettiq tajjeb ta' l-obbligi tagħhom skond il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jaraw li, safejn ikun possibbli, il-persuni kkonċernati jitqegħdu f'pożizzjoni li jippreżentaw l-opinjoni tagħhom lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. L-Istati Membri ma jistgħux jirrifjutaw li jibdew il-proċedura ta' rieżami minħabba l-fatt biss li l-individwu kkonċernat ma jkunx f'pożizzjoni li jipprovdi informazzjoni preċiża u rilevanti, peress li minħabba n-natura kunfidenzjali tagħhom, huwa ma setax ikun jaf x'kienu r-raġunijiet preċiżi li ġġustifikaw l-inklużjoni tiegħu fil-lista. Huma għandhom jassiguraw ukoll li l-każ tal-persuni kkonċernati jiġi ppreżentat mingħajr dewmien u b'mod leali u imparzjali fil-Kumitat tas-Sanzjonijiet jekk dan jidher oġġettivament iġġustifikat fid-dawl ta' l-informazzjoni rilevanti mogħtija.

Fl-aħħar nett, il-partijiet ikkonċernati għandhom il-possibbiltà li jressqu rikors fil-qrati nazzjonali fil-każ ta' rifjut abbużiv ta' l-awtorità nazzjonali kompetenti li tippreżenta l-każ tagħhom għal rieżami fil-Kumitat tas-Sanzjonijiet. Il-bżonn li tiġi assigurata l-effikaċja sħiħa tad-dritt Komunitarju jista' jwassal lill-qorti nazzjonali sabiex twarrab, jekk ikun meħtieġ, regola nazzjonali li timpedixxi l-eżerċizzju ta' dan id-dritt, bħal ma hija regola li teskludi r-rifjut ta' l-awtoritajiet nazzjonali li jaġixxu sabiex jassiguraw il-protezzjoni diplomatika taċ-ċittadini tagħhom, mill-istħarriġ ġudizzjarju. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Prim'Istanza qieset li s-Sur Ayadi u s-Sur Hassan kellhom jagħmlu użu mill-possibbiltajiet ta' rimedji ġudizzjarji fid-dritt nazzjonali jekk kellhom l-intenzjoni li jikkontestaw in-nuqqas ta' kooperazzjoni leali ta' l-awtoritajiet Irlandiżi u Brittaniċi fir-rigward tagħhom.

Is-sentenza **Organisation des Modjahedines du peuple d'Iran vs Il-Kunsill,** iċċitata iktar 'il fuq, tikkonċerna wkoll il-ġlieda kontra t-terroriżmu, iżda din seħħet f'kuntest ġuridiku li wassal għar-rikonoxximent ta' prinċipji differenti. Fil-fatt, fit-28 ta' Settembru 2001, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta riżoluzzjoni li fiha l-Istati Membri kollha tan-Nazzjonijiet Uniti ġew imsejħa jużaw il-mezzi kollha tagħhom sabiex jiġġieldu kontra t-terroriżmu u l-finanzjament tiegħu, b'mod partikolari, billi jiffriżaw il-fondi ta' persuni u entitajiet li jikkommettu jew jippruvaw jikkommettu atti ta' terroriżmu. Din ir-riżoluzzjoni hija differenti minn dawk ikkontestati fis-sentenzi Yusuf u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, Kadi vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, Ayadi vs Il-

Kunsill kif ukoll Hassan vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, iċċitati iktar 'il fuq, fis-sens li l-identifikazzjoni tal-persuni li l-fondi tagħhom kellhom jiġu ffriżati tħalliet fid-diskrezzjoni ta' l-Istati. Din ir-riżoluzzjoni ġiet implementata fil-Komunità, b'mod partikolari, permezz ta' żewġ pożizzjonijiet komuni u permezz ta' regolament tal-Kunsill, adottati fis-27 ta' Diċembru 2001, li jordnaw l-iffriżar tal-fondi ta' persuni u ta' entitajiet li jinsabu fil-lista stabbilita u li tiġi aġġornata regolarment mill-Kunsill[55]. Permezz ta' pożizzjoni komuni u ta' deċiżjoni tat-2 ta' Mejju 2002, il-Kunsill aġġorna l-lista tal-persuni u l-entitajiet ikkonċernati, billi inkluda, fost l-oħrajn, l-Organisation des Modjahedines du peuple d'Iran (OMPI)[56]. Wara dan, il-Kunsill adotta diversi pożizzjonijiet komuni u deċiżjonijiet li jaġġornaw il-lista in kwistjoni, u l-OMPI dejjem baqgħet fil-lista. Din l-organizzazzjoni ressqet rikors quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza sabiex tikseb l-annullament ta' dawn il-pożizzjonijiet komuni u ta' dawn id-deċiżjonijiet, safejn dawn l-atti kienu jikkonċernaw lilha.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat li ċerti drittijiet u garanziji fundamentali, b'mod partikolari, id-drittijiet tad-difiża, l-obbligu li tingħata motivazzjoni u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, huma, bħala prinċipju, kompletament applikabbli fil-kuntest ta' l-adozzjoni ta' deċiżjoni Komunitarja dwar l-iffriżar ta' fondi skond ir-regolament in kwistjoni. Għal dak li jikkonċerna d-drittijiet tad-difiża, il-Qorti tal-Prim'Istanza għamlet distinzjoni bejn din il-kawża u l-kawżi li taw lok għas-sentenza Yusuf u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni kif ukoll is-sentenza Kadi vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni. Peress li, fis-sistema in kwistjoni f'din il-kawża, l-identifikazzjoni konkreta tal-persuni u l-entitajiet li l-fondi tagħhom kellhom jiġu ffriżati kienet f'idejn il-membri tan-Nazzjonijiet Uniti, din l-identifikazzjoni kienet taqa' taħt setgħa proprja, li jfisser li l-Komunità kellha diskrezzjoni taħt id-dritt tan-Nazzjonijiet Uniti. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-ħarsien tad-drittijiet tad-difiża tal-partijiet ikkonċernati huwa obbligu impost kompletament fuq il-Kunsill.

Sussegwentement, fid-determinazzjoni tal-portata ta' dawn id-drittijiet u garanziji, kif ukoll tar-restrizzjonijiet li jistgħu jkunu suġġetti għalihom fil-kuntest ta' l-adozzjoni ta' miżura Komunitarja dwar l-iffriżar ta' fondi, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet, l-ewwel nett, li l-prinċipju ġenerali ta' ħarsien tad-drittijiet tad-difiża ma jeħtieġx li l-partijiet ikkonċernati jkunu mismugħa mill-Kunsill meta tiġi adottata d-deċiżjoni inizjali ta' l-iffriżar tal-fondi tagħhom, peress li din id-deċiżjoni għandha tibbenefika minn effett ta' sorpriża. Għall-kuntrarju, dan il-prinċipju jeħtieġ, sakemm ma jiġix prekluż minn kunsiderazzjonijiet imperattivi li jaffettwaw is-sigurtà tal-Komunità u ta' l-Istati Membri tagħha jew li jaffettwaw il-mod kif imexxu r-relazzjonijiet internazzjonali tagħhom, li l-elementi li jkunu taw lok għad-deċiżjoni dwar l-iffriżar ta' fondi jiġu kkomunikati, safejn ikun possibbli, simultanjament għal, jew mill-iktar fis possibbli wara l-adozzjoni ta' deċiżjoni bħal din. Taħt l-istess kundizzjonijiet, il-partijiet ikkonċernati għandhom ikunu f'pożizzjoni li jressqu l-osservazzjonijiet tagħhom qabel ma tittieħed kull deċiżjoni ulterjuri dwar iż-żamma ta' l-iffriżar tal-fondi.

55 Pożizzjoni Komuni 2001/930/P[B]SK dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu (ĠU L 344, p. 90), Pożizzjoni Komuni 2001/931/P[B]SK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifi[ċ]i fil-ġlieda kontra t-terroriżmu (ĠU L 344, p. 93), u Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu (ĠU L 344, p. 70).

56 Pożizzjoni Komuni 2002/340/PBSK, li taġġorna l-Pożizzjoni Komuni 2001/931 (ĠU L 116, p. 75), u d-Deċiżjoni 2002/334/KE li timplementa l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 2580/2001 u li tħassar id-Deċiżjoni 2001/927/KE (ĠU L 116, p. 33).

Bl-istess mod, dejjem taħt l-istess kundizzjonijiet, il-motivazzjoni ta' deċiżjoni inizjali jew ulterjuri dwar l-iffriżar ta' fondi għandha, ta' l-inqas, tirrigwarda, b'mod speċifiku u konkret, l-elementi li jkunu wasslu għall-iffriżar tal-fondi, fosthom, b'mod partikolari, l-informazzjoni preċiża jew l-elementi ta' l-inkartament li juru li kienet ittieħdet deċiżjoni fir-rigward tal-partijiet ikkonċernati permezz ta' awtorità kompetenti ta' Stat Membru. Il-motivazzjoni għandha wkoll tindika r-raġunijiet li għalihom il-Kunsill ikun ikkunsidra, fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tiegħu, li l-partijiet ikkonċernati kellhom ikunu suġġetti għal miżura bħal din.

Fl-aħħar nett, id-dritt ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva huwa ggarantit permezz tad-dritt tal-partijiet ikkonċernati li jressqu rikors quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza kontra kull deċiżjoni li tordna l-iffriżar tal-fondi tagħhom jew li żżomm dan l-iffriżar. Madankollu, peress li l-Kunsill għandu setgħa diskrezzjonali wiesgħa f'dan il-qasam, l-istħarriġ ġudizzjarju eżerċitat mill-Qorti tal-Prim'Istanza dwar il-legalità ta' tali deċiżjonijiet għandu jkun limitat għall-verifika tal-ħarsien tar-regoli tal-proċedura u ta' motivazzjoni, ta' l-eżattezza materjali tal-fatti, kif ukoll tan-nuqqas ta' żball manifest ta' evalwazzjoni tal-fatti u ta' abbuż ta' poter.

Filwaqt li applikat dawn il-prinċipji f'din il-kawża, il-Qorti tal-Prim'Istanza sostniet li l-leġiżlazzjoni rilevanti ma pprovdietx espliċitament għal xi proċedura ta' komunikazzjoni ta' l-elementi mressqa u ta' smigħ tal-partijiet ikkonċernati, la qabel u lanqas simultanjament għall-adozzjoni ta' deċiżjoni inizjali dwar l-iffriżar tal-fondi tagħhom jew, fil-kuntest ta' l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ulterjuri dwar iż-żamma ta' l-iffriżar tal-fondi, bil-għan li jiġu mneħħija mill-lista. Sussegwentement, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat li l-elementi li taw lok għall-iffriżar tal-fondi fl-ebda mument qabel ma tressaq ir-rikors ma ġew ikkomunikati lill-OMPI. La d-deċiżjoni inizjali dwar l-iffriżar tal-fondi tagħhom u lanqas id-deċiżjonijiet ulterjuri dwar iż-żamma ta' dan l-iffriżar ma semmew l-informazzjoni preċiża jew l-elementi ta' l-inkartament li juru li deċiżjoni li tiġġustifika l-inklużjoni tagħha fil-lista in kwistjoni ġiet meħuda minn awtorità kompetenti. Minn dan, il-Qorti tal-Prim'Istanza waslet għall-konklużjoni li kien hemm ksur ta' l-obbligu li tingħata motivazzjoni min-naħa tal-Kunsill. Konsegwentement, il-Qorti tal-Prim'Istanza annullat id-deċiżjoni kkontestata safejn din kienet tikkonċerna l-OMPI.

## II. *Kawżi dwar ħlas ta' kumpens għal dannu*

### A. Kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà ta' rikors għal ħlas ta' kumpens għal dannu

Ir-rikors għal ħlas ta' kumpens għal dannu bbażat fuq it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 288 KE huwa rimedju awtonomu, differenti mir-rikors għal annullament peress li l-għan tiegħu mhuwiex l-annullament ta' miżura partikolari, iżda huwa l-kumpens għad-dannu kkawżat minn istituzzjoni. Il-konsegwenza tal-partikolarità tar-rikors għal ħlas ta' kumpens għal dannu hija li dan għandu jiġi ddikjarat inammissibbli meta, fil-verità, ikun intiż sabiex jirrevoka att li jkun sar definittiv u li, jekk dan ir-rikors jiġi milqugħ, l-effetti legali ta' l-att in kwistjoni jispiċċaw. Skond il-ġurisprudenza, dan ikun il-każ meta r-rikors għal ħlas ta' kumpens għal dannu jkollu l-għan li titħallas somma li l-ammont tagħha

tikkorrispondi eżattament għal dak li r-rikorrenti jkun ħallas bħala drittijiet fl-eżekuzzjoni ta' l-att li jkun sar definittiv[57].

Fil-kawża li tat lok għas-sentenza **Danzer vs Il-Kunsill**[58], ir-rikorrenti ressqu rikors sabiex jiksbu ħlas għal kumpens ta' dannu allegatament subit minħabba penali imposti fuqhom mill-awtoritajiet kompetenti Awstrijaċi, fuq il-bażi tad-dritt nazzjonali li kien jittrasponi żewġ direttivi li jikkoordinaw il-liġijiet dwar il-kumpanniji[59]. Huma ma allegaw ebda dannu ieħor li seta' jitqies li kien differenti minħabba l-effetti li rriżultaw immedjatament u esklużivament mill-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet li permezz tagħhom ġew imposti l-penali. Minn dan, il-Qorti tal-Prim'Istanza waslet għall-konklużjoni li, permezz tar-rikors għal ħlas ta' kumpens għal dannu, ir-rikorrenti kienu qed jippruvaw jiksbu l-effetti li jwasslu għall-annullament ta' l-imsemmija deċiżjonijiet adottati mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għal dan il-għan u li għalhekk ir-rikors kien inammissibbli.

Il-Qorti tal-Prim'Istanza waslet għal din il-konklużjoni wara diversi kunsiderazzjonijiet dwar ir-rimedji possibbli taħt id-dritt Komunitarju. Fil-fatt, hija ddeċidiet li, anki jekk kellu jiġi kkunsidrat li d-direttivi in kwistjoni setgħu kienu l-kawża diretta tad-deċiżjonijiet nazzjonali li kienu jimponu l-penali, u li r-rikorrenti kellhom interess li tiġi ddikjarata l-illegalità, ir-rikors tagħhom għal ħlas ta' kumpens għal dannu ma kienx jikkostitwixxi l-kuntest xieraq għal dan il-għan. Fis-sistema ta' rimedji previsti mit-Trattat, ir-rimedju xieraq fil-liġi kien li l-qorti nazzjonali, adita b'rikors kontra dawn id-deċiżjonijiet, tintalab tagħmel rinviju għal deċiżjoni preliminari dwar il-validità tad-dispożizzjonijiet in kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet ir-rilevanza tal-fatt li l-qrati nazzjonali aditi kienu ċaħdu t-talbiet tagħhom f'dan is-sens. Fil-fatt, il-Qorti tal-Prim'Istanza ppreċiżat li bla ħsara għall-fatt li l-Istat Membru kkonċernat jinstab eventwalment responsabbli[60], il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ma tirrikonoxxix obbligu assolut ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari[61]. Għalhekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li, fil-kuntest ta' rikors għal ħlas ta' kumpens għal dannu, hija ma kellhiex l-obbligu li tevalwa jekk kienx xieraq li l-qrati Awstrijaċi rrifjutaw li jagħmlu rinviju għal deċiżjoni preliminari dwar il-validità tad-dispożizzjonijiet in kwistjoni ta' l-imsemmija direttivi. Fil-fatt, għall-Qorti tal-Prim'Istanza, l-ammissibbiltà tar-rikors għal ħlas ta' kumpens għal dannu setgħet tagħti l-possibbiltà lir-rikorrenti li jduru maċ-ċaħda, mill-qrati nazzjonali l-uniċi kompetenti f'dan ir-rigward, tat-talbiet tagħhom għall-annullament tad-deċiżjonijiet nazzjonali li kienu jimponu l-penali u mar-rifjut, mill-istess qrati, li jagħmlu rinviju quddiem il-Qorti tal-

57 Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Frar 1986, Krohn vs Il-Kummissjoni, 175/84, Ġabra p. 753, punti 30, 32 u 33.

58 Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-21 ta' Ġunju 2006, Danzer vs Il-Kunsill, T-47/02, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.

59 L-ewwel Direttiva tal-Kunsill 68/151/KEE, tad-9 ta' Marzu 1968, dwar il-ko[o]rdinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni ta' l-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri minn kumpanniji fis-sens tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu [58 KE], bil-għan li tagħmel dawn is-salvagwardji ekwivalenti f'kull parti tal-Komunità (ĠU L 65, p. 8); Ir-raba' Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE, tal-25 ta' Lulju 1978, ibbażata fuq l-Artikolu [44(2)(g) KE] dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpanniji (ĠU L 222, p. 11).

60 Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-30 ta' Settembru 2003, Köbler, C-224/01, Ġabra p. I-10239.

61 Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Ottubru 1982, CILFIT, 283/81, Ġabra p. 3415, punt 21, u tat-22 ta' Ottubru 1987, Foto-Frost, 314/85, Ġabra p. 4199, punt 14.

Ġustizzja, li kien jikser il-prinċipju stess ta' kooperazzjoni ġudizzjarja li fuqha hija bbażata l-proċedura ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari.

## B. Ammissibbiltà ta' talbiet għal inġunzjoni

Fis-sentenza **Galileo vs Il-Kummissjoni**[62]**,** il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet dwar l-ammissibbiltà ta' talbiet intiżi sabiex jinkiseb it-twaqqif ta' l-allegat aġir illegali tal-Kummissjoni fil-kuntest ta' rikors għal ħlas ta' kumpens għal dannu. F'din il-kawża, ir-rikorrenti, li kellhom diversi *trade marks* Komunitarji li fihom l-isem Galileo, ikkontestaw l-użu ta' dan l-isem mill-Kummissjoni fir-rigward tal-proġett Ewropew ta' sistema ta' navigazzjoni bir-radju permezz tas-satellita u talbu, b'mod partikolari, lill-Qorti tal-Prim'Istanza sabiex tipprojbixxi l-użu ta' dan l-isem mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni eċċepiet l-inammissibblità ta' din it-talba billi sostniet li t-Trattat KE ma jikkonferixxix tali kompetenza lill-qorti Komunitarja, lanqas fil-kuntest ta' kawża għal ħlas ta' kumpens għal dannu.

Madankollu, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li l-qorti Komunitarja hija kompetenti, taħt it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 288 KE u l-Artikolu 235 KE, li timponi fuq il-Komunità kull forma ta' kumpens skond il-prinċipji ġenerali komuni għas-sistemi legali ta' l-Istati Membri fir-rigward tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali, inkluż, jekk dan ikun konformi ma' dawn il-prinċipji, kumpens *in natura*, jekk ikun il-każ, fil-forma ta' ordni *di fare* jew *di non fare*. Fir-rigward tat-*trade marks*, id-Direttiva 89/104[63] twettaq armonizzazzjoni billi tippermetti lill-proprjetarju ta' *trade mark* "li jimpedixxi terzi persuni" milli jagħmlu użu minnha. Minn dan, il-Qorti tal-Prim'Istanza waslet għall-konklużjoni li l-protezzjoni uniformi mogħtija lill-proprjetarju ta' *trade mark* taqa' taħt il-prinċipji ġenerali komuni għall-Istati Membri, b'mod li l-Komunità ma tistax tinħeles, bħala prinċipju, minn miżura proċedurali korrispettiva min-naħa tal-qorti Komunitarja, meta l-istituzzjonijiet Komunitarji għandhom l-obbligu li jikkonformaw ruħhom mad-dritt Komunitarju kollu, inkluż id-dritt sekondarju.

## Ċ. Rabta kawżali

Sabiex il-Komunità tinżamm responsabbli fuq bażi mhux kuntrattwali, minħabba aġir illegali jew fin-nuqqas ta' tali aġir, jeħtieġ li jkun hemm rabta kawżali bejn il-fatt li jkun seħħ u d-dannu kkawżat[64]. Fis-sentenzi **Abad Pérez *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni** kif ukoll

[62] Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-10 ta' Mejju 2006, Galileo International Technology *et* vs Il-Kummissjoni, T-279/03 (qegħda taħt appell, C-325/06 P), li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.

[63] L-ewwel Direttiva tal-Kunsill 89/104/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1988, biex jiġu approssimati l-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar it-*trade marks* (ĠU 1989, L 40, p. 1).

[64] Ara, b'mod partikolari, għal dak li jikkonċerna r-responsabbiltà għal aġir illegali, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Marzu 1996, Brasserie du pêcheur u Factortame, C-46/93 u C-48/93, Ġabra p. I-1029, punt 51; kif ukoll, għal dak li jikkonċerna r-responsabbiltà fin-nuqqas ta' tali aġir, is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-14 ta' Diċembru 2005, FIAMM u FIAMM Technologies vs Conseil u Il-Kummissjoni, T-69/00 (qegħda taħt appell, C-120/06 P), punt 160, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.

**É.R. *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni**[65]**,** il-Qorti tal-Prim'Istanza ppreċiżat il-kunċett tar-rabta kawżali fil-kuntest ta' kawżi mressqa minn persuni Spanjoli li jrabbu l-annimali, minn vittmi indiretti u aventi kawża ta' ħames persuni li mietu fi Franza, rispettivament, li ppruvaw jiksbu ħlas ta' kumpens għal dannu allegatament subit minħabba azzjonijiet jew ommissjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni fir-rigward tat-tixrid tal-*mad cow disease* u ta' varjant ġdid tal-marda ta' Creutzfeldt-Jakob fl-Ewropa.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Prim'Istanza ppreċiżat b'mod partikolari li, f'qasam bħal dak tas-saħħa ta' l-annimali u tal-bniedem, l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn aġir u dannu għandha tiġi stabbilita mill-analiżi tal-kondotta mitluba mill-istituzzjonijiet skond l-istat ta' l-għarfien xjentifiku f'dak iż-żmien. Barra minn hekk, f'każijiet fejn l-aġir li allegatament iwassal għad-dannu in kwistjoni jikkonsisti f'nuqqas ta' azzjoni, huwa speċjalment neċessarju li jkun hemm iċ-ċertezza li l-imsemmi dannu kien effettivament ikkawżat min-nuqqas ta' azzjoni li jkun sar ilment dwaru u li ma setax ġie pprovokat minn aġir differenti minn dak attribwit lill-istituzzjonijiet konvenuti. Billi bbażat ruħha fuq dawn il-prinċipji, il-Qorti tal-Prim'Istanza fl-aħħar iddeċidiet li ma kienx stabbilit li l-azzjonijiet jew l-ommissjonijiet allegatament illegali tal-Kunsill u tal-Kummissjoni setgħu jiġu kkunsidrati bħala kawża ċerta u diretta tad-danni invokati. Fil-fatt, ma ntweriex li, anki kieku l-istituzzjonijiet konvenuti kienu adottaw – jew kienu adottaw qabel – il-miżuri li r-rikorrenti allegaw li ma kinux ħadu, id-danni in kwistjoni ma kinux jiġu prodotti.

## D. Responsabbiltà għal aġir illegali

Skond ġurisprudenza stabbilita, fir-rigward tar-responsabbiltà tal-Komunità għal danni kkawżati lil individwi minħabba ksur tad-dritt Komunitarju imputabbli lil istituzzjoni jew korp Komunitarju, huwa rrikonoxxut li jkun hemm dritt għal ħlas ta' kumpens meta jiġu sodisfatti tliet kundizzjonijiet, jiġifieri li r-regola tad-dritt miksura jkollha l-għan li tagħti drittijiet lill-individwi, li l-ksur ikun suffiċjentement serju u li tkun teżisti rabta kawżali diretta bejn il-ksur ta' l-obbligu impost fuq l-awtur ta' l-att u d-dannu subit mill-persuni leżi[66]. F'dawn iż-żewġ sentenzi, il-Qorti tal-Prim'Istanza ppreċiżat dak li għandu jiġi mifhum permezz ta' regola tad-dritt li l-għan tagħha huwa li tagħti drittijiet lill-individwi.

L-ewwel nett, fis-sentenza **Camós Grau vs Il-Kummissjoni,** diġà msemmija iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li r-regola ta' imparzjalità, imposta fuq l-istituzzjonijiet fit-twettiq ta' l-inkarigi investigattivi bħal dawk mogħtija lill-OLAF, hija intiża sabiex, minbarra l-interess ġenerali, tħares lill-persuni kkonċernati u għalhekk tagħtihom dritt suġġettiv għall-ħarsien tal-garanziji korrispondenti[67]. Għalhekk, hija għandha titqies li għandha l-għan li tagħti drittijiet lill-individwi. F'dan il-każ, il-ksur ta' din ir-regola mill-OLAF kien wieħed gravi u manifest. Barra minn hekk, kienet teżisti rabta kawżali bejn dan il-ksur u

65 Sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-13 ta' Diċembru 2006, Abad Pérez *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, T-304/01, kif ukoll É.R. *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, T-138/03, li għadhom ma ġewx ippubblikati fil-Ġabra.

66 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Brasserie du pêcheur u Factortame, iċċitata iktar 'il fuq, punt 51.

67 Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-6 ta' April 2006, Camós Grau vs Il-Kummissjoni, T-309/03, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.

d-dannu subit mir-rikorrent, li kien jikkonsisti f'attakk kontra l-unur u r-reputazzjoni tiegħu u f'diffikultajiet fil-kundizzjonijiet tal-ħajja tiegħu. Għalhekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza tat lis-Sur Camós Grau kumpens ta' EUR 10,000.

It-tieni nett, fis-sentenza **Tillack vs Il-Kummissjoni,** il-Qorti tal-Prim'Istanza fakkret li diġà kienet iddeċidiet li l-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba ma jipprovdix, minnu nnifsu, drittijiet lill-individwi[68]. Madankollu, il-Qorti tal-Prim'Istanza ppreċiżat li dan huwa differenti meta dan il-prinċipju jikkostitwixxi l-espressjoni ta' drittijiet speċifiċi bħad-dritt li dak kollu li jirrigwarda individwu jiġi ttrattat b'mod imparzjali, b'mod ġust u f'terminu raġonevoli, id-dritt li jiġi mismugħ, id-dritt ta' aċċess għal proċess u d-dritt li jingħata motivazzjoni għad-deċiżjonijiet, fis-sens ta' l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea[69].

## E. Responsabbiltà fin-nuqqas ta' aġir illegali

Kif ġie deċiż fl-2005 mill-Qorti tal-Prim'Istanza, bħala Awla Manja, it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 288 KE jippermetti lill-individwi li, taħt ċerti kundizzjonijiet, jiksbu ħlas ta' kumpens għal dannu fil-qorti Komunitarja anki fin-nuqqas ta' aġir illegali min-naħa ta' l-awtur tad-dannu[70]. Fl-2006, il-Qorti tal-Prim'Istanza kellha l-possibbiltà li tiddeċiedi diversi drabi dwar din is-sistema ta' responsabbiltà. Dan huwa spjegat permezz ta' żewġ eżempji.

Fl-ewwel lok, fis-sentenza **Galileo vs Il-Kummissjoni,** iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Prim'Istanza fakkret li fin-nuqqas ta' aġir illegali, il-Komunità tista' tinżamm responsabbli biss jekk ikun hemm dannu mhux normali u speċjali. Dannu huwa meqjus li ma jkunx normali meta jmur lil hinn mil-limiti tar-riskji ekonomiċi inerenti għall-attivitajiet fis-settur ikkonċernat. F'din il-kawża, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li l-użu ta' kelma, minn istituzzjoni Komunitarja, sabiex tindika proġett ma jistax jitqies li jmur lil hinn mil-limiti tar-riskji inerenti għall-użu ta' l-istess kelma bħala *trade mark* peress li, minħabba l-karatteristiċi tal-kelma magħżula, ispirata mill-isem ta' matematiku, fiżiku u astronomu famuż Taljan, il-proprjetarju tat-*trade mark* espona lilu nnifsu volontarjament għar-riskju li xi ħadd ieħor ikun jista' legalment, jiġifieri mingħajr ħsara għad-drittijiet ta' *trade mark*, jagħti l-istess isem lil wieħed mill-proġetti tiegħu.

Fit-tieni lok, fis-sentenza **Masdar vs Il-Kummissjoni**[71]**,** il-Qorti tal-Prim'Istanza rrikonoxxiet il-possibbiltà li rikorrent jinvoka arrikkiment indebitu u *negotiorum gestio* sabiex l-istituzzjonijiet jinżammu responsabbli fuq bażi mhux kuntrattwali, anki fin-nuqqas ta' aġir illegali min-naħa tagħhom. Din il-kawża taf il-bidu tagħha f'kuntratt ta' subappalt iffirmat

68 Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-4 ta' Ottubru 2006, Tillack vs Il-Kummissjoni, T-193/04, li tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-6 ta' Diċembru 2001, Area Cova *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, T-196/99, Ġabra p. II-3597, punt 43.

69 Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea pproklamata fis-7 ta' Diċembru 2000 f'Nizza (ĠU 2000, C 364, p. 1).

70 Sentenza FIAMM u FIAMM Technologies vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punti 158 sa 160.

71 Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-16 ta' Novembru 2006, Masdar vs Il-Kummissjoni, T-333/03, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.

mir-rikorrenti ma' kumpannija kontraenti tal-Kummissjoni. Peress li din il-kumpannija qatt ma ħallset lir-rikorrenti, din ta' l-aħħar talbet il-ħlas tagħha mingħand il-Kummissjoni, li madankollu rrifjutat li tħallasha direttament. Għalhekk, ir-rikorrenti ressqet rikors għal ħlas ta' kumpens għal dannu li fih hija sostniet li l-Kummissjoni kienet kisret ċerti prinċipji tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali rrikonoxxuti f'numru kbir ta' Stati Membri.

B'mod partikolari, hija invokat l-azzjonijiet ċivili bbażati fuq l-arrikkiment indebitu (prinċipju ta' *de in rem verso*) u fuq il-prinċipju ta' *negotiorum gestio*.

Wara li fakkret li l-Komunità tista' tinżamm responsabbli anki fin-nuqqas ta' aġir illegali, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat li l-azzjonijiet ibbażati fuq l-arrikkiment indebitu u n-*negotiorum gestio* huma intiżi sabiex, f'ċirkustanzi partikolari tad-dritt ċivili, jikkostitwixxu sors ta' obbligu mhux kuntrattwali għal dak li jinsab fil-pożizzjoni tal-persuna arrikkita jew tal-persuna amministrata, li bħala regola ġenerali, jikkonsisti, rispettivament, fl-għoti lura ta' dak li jkun irċevut indebitament jew fil-ħlas ta' kumpens lill-amministratur. Għaldaqstant, il-motivi bbażati fuq l-arrikkiment indebitu u n-*negotiorum gestio* ma jistgħux jiġu miċħuda għar-raġuni biss li l-kundizzjoni ta' l-illegalità ta' l-aġir ta' l-istituzzjoni ma tkunx sodisfatta. Filwaqt li rrilevat ukoll li l-qorti Komunitarja kellha diġà l-opportunità li tapplika ċerti prinċipji ta' ħlas lura ta' l-indebitu, b'mod partikolari, fir-rigward ta' l-arrikkiment indebitu, li l-projbizzjoni tiegħu tikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonkludiet li kien jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk il-kundizzjonijiet ta' l-azzjoni *de in rem verso* jew ta' l-azzjoni bbażata fuq in-*negotiorum gestio* kinux sodisfatti f'dan il-każ.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Prim'Istanza fakkret liema huma l-kundizzjonijiet sabiex isiru dawn l-azzjonijiet skond il-prinċipji ġenerali komuni għas-sistemi legali ta' l-Istati Membri, jiġifieri, l-ewwel nett, li dawn ma jistgħux isiru meta l-benefiċċju tal-persuna arrikkita jew tal-persuna amministrata jsib il-ġustifikazzjoni tiegħu f'kuntratt jew f'obbligu legali u, it-tieni nett, li ġeneralment dawn jistgħu jintużaw sussidjarjament biss, jiġifieri fil-każ li l-persuna leża ma tkun tista' tirrikorri għal ebda azzjoni oħra sabiex tikseb dak li jkun dovut lilha. F'dan il-każ partikolari l-Qorti tal-Prim'Istanza kkonkludiet li l-motivi tar-rikorrenti ma kinux fondati.

## III. *Talbiet għal miżuri provviżorji*

Matul din is-sena, tressqu 25 talba għal miżuri provviżorji quddiem il-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza, li jfisser li kien hemm żieda żgħira fin-numru ta' talbiet meta mqabbel ma' dak tas-sena ta' qabel (21). Fl-2006, il-President iddeċieda 24 kawża u darbtejn minnhom laqa' t-talbiet għal miżuri provviżorji fid-digrieti **Globe vs Il-Kummissjoni** u **Romana Tabacchi vs Il-Kummissjoni**[72].

[72] Digrieti tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-20 ta' Lulju 2006, Globe vs Il-Kummissjoni, T-114/06 R, u tat-13 ta' Lulju 2006, Romana Tabacchi vs Il-Kummissjoni, T-11/06 R, li għadhom ma ġewx ippubblikati fil-Ġabra.

Id-digriet **Globe vs Il-Kummissjoni** jifforma parti mill-proċess mibdi mid-digriet mogħti fl-2005 fil-kawża Deloitte vs Il-Kummissjoni[73], iżda b'differenza mid-deċiżjoni mogħtija f'din il-kawża ta' l-aħħar, hija wasslet biex ġew adottati miżuri provviżorji. F'dan il-każ, ir-rikorrenti kienet talbet li tiġi sospiża l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li permezz tagħha din ta' l-aħħar kienet ċaħdet l-offerta tagħha ppreżentata fil-kuntest ta' sejħa għal offerti ta' provvisti intiżi għal ċerti pajjiżi ta' l-Asja ċentrali.

L-ewwel nett, fir-rigward tal-kundizzjoni dwar l-eżistenza ta' *fumus boni juris*, il-President sostna li wieħed mill-motivi mressqa mir-rikorrenti kien jagħti lok għal dubju serju ħafna dwar il-legalità tal-kuntratt pubbliku. It-tieni nett, filwaqt li eżamina jekk kienx urġenti li tiġi ordnata s-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni, il-President irrikonoxxa li ma setax jiddeċiedi minn qabel il-miżuri li setgħu jittieħdu mill-Kummissjoni fl-eventwalità ta' annullament. Madankollu, huwa żied jgħid li l-prinċipju ġenerali tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja kompluta u effettiva jimplika li tista' tiġi assigurata l-protezzjoni provviżorja ta' l-individwi, jekk din hija neċessarja għal effikaċja sħiħa tad-deċiżjoni definittiva li tittieħed fil-futur, sabiex tiġi evitata *lacuna* fil-protezzjoni ġudizzjarja assigurata mill-qrati Komunitarji. Għalhekk, kien jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk, wara annullament eventwali, il-possibbiltà għall-Kummissjoni li torganizza proċedura ġdida ta' sejħa għal offerti kinitx tippermetti li jiġi rrimedjat id-dannu allegat mir-rikorrenti u, fil-każ ta' risposta negattiva, li tevalwa jekk setax jitħallas kumpens lil din ta' l-aħħar.

Madankollu, f'dan il-każ, kien hemm probabbiltà żgħira ħafna li wara annullament eventwali, li probabbilment kien iseħħ wara t-tmiem ta' l-eżekuzzjoni tal-kuntratt, terġa' tiġi organizzata proċedura għal sejħa għal offerti ġdida mill-Kummissjoni. Għalhekk, il-President eżamina jekk setax jitħallas kumpens lil Globe għat-telf tal-possibbiltà li tingħata l-kuntratt li kien is-suġġett tal-proċedura għas-sejħa għal offerti Komunitarja. Minkejja li din il-possibbiltà kienet serja ħafna, kien diffiċli ħafna, tista' tgħid impossibbli, li tiġi kkwantifikata u, konsegwentement li jiġi evalwat, bil-preċiżjoni meħtieġa, id-dannu li seta' jirriżulta mit-telf tagħha. Peress li d-dannu ma setax jiġi kkwantifikat bi preċiżjoni suffiċjenti, kellu jiġi meqjus li kien diffiċli ħafna li jiġi rrimedjat. Il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat ukoll li l-imsemmi dannu kien gravi, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża u tal-karatteristiċi tas-suq li fuqu kienu joperaw ir-rikorrenti u l-impriża li ngħatat il-kuntratt.

Fl-aħħar nett, filwaqt li qiegħed f'bilanċ l-interessi kollha f'dan il-każ, il-President fakkar li kienu jeżistu raġunijiet serji li jagħtu lil wieħed x'jaħseb li l-Kummissjoni kienet aġixxiet illegalment. Barra minn hekk, fid-dawl tal-ħlas ta' kumpens li l-impriża li ngħatat il-kuntratt setgħet titlob mingħand il-Kummissjoni quddiem il-qrati kompetenti, il-bilanċ ta'l-interessi ma setax ixaqleb favur l-impriża li ngħatat il-kuntratt, u dan għad-detriment tar-rikorrenti. Peress li l-Kummissjoni ma setgħet turi ebda interess ta' natura li jibdel din l-evalwazzjoni, il-President ordna s-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni ta' l-għoti tal-kuntratt.

Fid-digriet **Romana Tabacchi vs Il-Kummissjoni,** il-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċieda dwar talba mressqa minn impriża li riedet tiġi skużata mill-obbligu li tagħmel garanzija bankarja bħala kundizzjoni għan-nuqqas ta' rkupru immedjat tal-multa li kienet imposta fuqha. Il-President ikkonstata li f'dan il-każ kienu jeżistu ċirkustanzi eċċezzjonali

73 Digriet tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-20 ta' Settembru 2005, Deloitte Business Advisory vs Il-Kummissjoni, T-195/05 R, Ġabra p. II-3485.

li kienu jiġġustifikaw is-sospensjoni parzjali ta' l-obbligu tar-rikorrenti li tagħmel garanzija bankarja. Fil-fatt, ir-rikorrenti kien irnexxielha turi, apparti l-eżistenza ta' *fumus boni juris*, li s-sitwazzjoni ekonomika prekarja tagħha u ta' l-azzjonisti tagħha kienet ir-raġuni għar-rifjut, oppost minn ċerti banek, li tagħti l-garanzija mitluba. Filwaqt li qiegħed f'bilanċ l-interessi tal-partijiet kollha, il-President ikkunsidra wkoll li l-interessi finanzjarji tal-Kummissjoni ma setgħux jiġu protetti aħjar billi wieħed jgħaddi immedjatament għall-eżekuzzjoni forzata tad-deċiżjoni, peress li ma kienx probabbli li hija setgħet tikseb l-ammont li kien jikkorrispondi għall-multa. Anki f'dan il-każ ġew ordnati l-miżuri provviżorji.

Fl-aħħar nett, għandu jissemma l-fatt li, fil-kawża li tat lok għas-sentenza **Endesa vs Il-Kummissjoni**[74]**,** diġà msemmija iktar 'il fuq fir-rigward tal-kontroll tal-konċentrazzjonijiet, ir-rikorrenti ressqet talba għal miżuri provviżorji sabiex tiġi ordnata s-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li kienet ċaħdet l-ilment ta' Endesa[75]. Fid-digriet tiegħu, il-President fakkar li n-natura urġenti ta' talba għal miżuri provviżorji għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-bżonn li tingħata deċiżjoni provviżorja sabiex jiġi evitat li jsir dannu gravi u irreparabbli lill-parti li tkun talbet il-miżura provviżorja. Dannu bħal dan għandu, b'mod partikolari, ikun suxxettibbli li jiġi kkawżat lill-interessi tal-parti li tkun talbet il-miżura provviżorja. F'dan ir-rigward, Endesa invokat, b'mod partikolari, ir-riskju li, fin-nuqqas ta' miżuri provviżorji, Gas Natural tieħu l-kontroll tagħha u xxoljiha, dannu li, skond ir-rikorrenti, kien jaffettwa wkoll lill-azzjonisti tagħha. Madankollu, skond il-President, Endesa ma setgħetx tinvoka b'suċċess, minħabba urġenza, dannu li seta' jiġi kkawżat lill-azzjonisti tagħha peress li dawn ta' l-aħħar għandhom personalità ġuridika distinta minn tagħha. Fir-rigward tad-dannu li Endesa allegat li ġie kkawżat lilha personalment, il-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstata li dan kien ipotetiku peress li kien jiddependi mill-fatt li ssir is-sejħa għal offerti u li hija jirnexxielha tingħata l-kuntratt pubbliku, suċċess li ma kienx muri f'dan l-istadju. Fl-aħħar nett, il-President ikkunsidra li, fi kwalunkwe każ, ma ntweriex li r-rimedji previsti taħt id-dritt Spanjol ma kinux jippermettu lil Endesa tevita d-dannu gravi u irreparabbli allegat minnha. Għaldaqstant, il-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħad it-talba għal miżuri provviżorji.

[74] Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-14 ta' Lulju 2006, Endesa vs Il-Kummissjoni, T-417/05, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.

[75] Digriet tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-1 ta' Frar 2006, Endesa vs Il-Kummissjoni, T-417/05 R, li għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġabra.

# B – Kompożizzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza



(Ordni Protokollari fis-6 ta' Ottubru 2006)

*L-ewwel filliera, mix-xellug għal-lemin:*

L-Imħallef V. Tiili; Il-Presidenti ta' Awla J. D. Cooke, M. Vilaras u M. Jaeger; Il-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza B. Vesterdorf; Il-Presidenti ta' Awla J. Pirrung u H. Legal; L-Imħallfin R. García-Valdecasas u J. Azizi.

*It-tieni filliera, mix-xellug għal-lemin:*

L-Imħallfin I. Wiszniewska-Białecka, E. Cremona u M. E. Martins Ribeiro; L-Imħallfin A. W. H. Meij, N. J. Forwood, F. Dehousse, O. Czúcz u I. Pelikánová.

*It-tielet filliera, mix-xellug għal-lemin:*

L-Imħallfin N. Wahl u S. Papasavvas; L-Imħallef K. Jürimäe; L-Imħallfin D. Šváby u V. Vadapalas; L-Imħallef I. Labucka; L-Imħallfin E. Moavero Milanesi u M. Prek; Ir-Reġistratur E. Coulon.

# 1. Membri tal-Qorti tal-Prim'Istanza

*(skond l-ordni tad-dħul fil-kariga)*



## Bo Vesterdorf

Imwieled fl-1945; Ġurist Lingwist fil-Qorti tal-Ġustizzja; Amministratur fil-Ministeru tal-Ġustizzja; Imħallef assessur; *Attaché* ġuridiku fir-Rappreżentazzjoni Permanenti tad-Danimarka għall-Komunità Ekonomika Ewropea; Imħallef *ad interim* fl-Østre Landsret (Qorti ta' l-Appell); Kap tad-Diviżjoni dwar id-dritt kostituzzjonali u amministrattiv fil-Ministeru tal-Ġustizzja; Direttur fil-Ministeru tal-Ġustizzja; Għalliem universitarju; Membru tal-Kumitat ta' Direzzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-Kunsill ta' l-Ewropa (CDDH), u wara Membru tal-Bureau tas-CDDH; fl-2004, Membru tal-Kumitat *Ad Hoc* għat-Taħriġ Ġuridiku fl-Akkademja tad-Dritt Ewropew fi Trier, il-Ġermanja; Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mill-25 ta' Settembru 1989; President tal-Qorti tal-Prim'Istanza mill-4 ta' Marzu 1998.



## Rafael García-Valdecasas y Fernández

Imwieled fl-1946; Abogado del Estado (f'Jaén u fi Granada); Reġistratur tat-Tribunal Ekonomiku Amministrattiv ta' Jaén, wara ta' Cordoba; Membru ta' l-Avukatura (Jaén, Granada); Kap tad-Dipartiment tal-Proċeduri Kontenzjużi Komunitarji fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin; Kap tad-delegazzjoni Spanjola fi ħdan il-grupp ta' xogħol tal-Kunsill dwar il-ħolqien tal-Qorti tal-Prim'Istanza; Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mill-25 ta' Settembru 1989.



## Virpi Tiili

Imwielda fl-1942; Duttur tal-liġi mill-Università ta' Helsinki; Assistenta fid-dritt ċivili u fid-dritt kummerċjali fl-Universita' ta' Helsinki, Direttur għall-Affarijiet Ġuridiċi u tal-Politika Kummerċjali tal-Kamra Ċentrali tal-Kummerċ tal-Finlandja; Direttur Ġenerali ma' l-Amministrazzjoni tal-Protezzjoni tal-Konsumaturi tal-Finlandja; Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mit-18 ta' Jannar 1995.



### Pernilla Lindh

Imwielda fl-1945; Gradwata fil-liġi mill-Università ta' Lund; Imħallef (assessur) fil-Qorti ta' l-Appell ta' Stokkolma; Ġurista u Direttur Ġenerali tas-Servizz Ġuridiku mad-Diviżjoni tal-Kummerc fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin; Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mit-18 ta' Jannar 1995 sas-6 ta' Ottubru 2006.



### Josef Azizi

Imwieled fl-1948; Duttur tal-liġi u ggradwat fix-xjenzi soċjali u ekonomiċi mill-Università ta' Vjenna; inkarigat mill-korsijiet u għalliem fl-Università tax-Xjenzi Ekonomici ta' Vjenna u fil-Fakultà tal-Liġi fl-Università ta' Vjenna; Ministerialrat u Kap tad-Diviżjoni tal-Kanċellerija Federali; Membru tal-Kumitat ta' Direzzjoni għall-Kooperazzjoni Ġuridika fil-Kunsill ta' l-Ewropa (CDCJ); Mandatarju *ad litem* quddiem il-Verfassungsgerichtshof (Qorti Kostituzzjonali) fil-proceduri ġudizzjarji għall-eżami tal-kostituzzjonalità tal-liġijiet federali; Koordinatur responsabbli għall-adattament tad-dritt federali Awstrijak għad-dritt Komunitarju; Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mit-18 ta' Jannar 1995.



### John D. Cooke

Imwieled fl-1944; Membru ta' l-Avukatura ta' l-Irlanda mill-1966; Membru wkoll ta' l-Avukatura ta' l-Ingilterra u ta' Wales, ta' l-Irlanda ta' Fuq u ta' New Wales t'Isfel; ipprattika bħala Barrister bejn l-1966 u l-1996; Membru ta' l-Inner Bar fl-Irlanda (Senior Counsel) fl-1980 u ta' New Wales t'Isfel mill-1991; President tal-Kunsill ta' l-Avukaturi tal-Komunita' Ewropea (CCBE) bejn l-1985 u l-1986; Professur estern tal-Fakultà tal-Liġi ta' l-Università ta' Dublin; Membru taċ-Chartered Institute of Arbitrators; President tar-Royal Zoological Society ta' l-Irlanda bejn l-1987 u l-1990; Honorary bencher ta' l-Honorable Society of Kings Inns (Dublin); Honorary bencher tal-Lincoln's Inn (Londra); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mill-10 ta' Jannar 1996.



## Marc Jaeger

Imwieled fl-1954; Avukat; *Attaché de justice*, delegat mal-Prokuratur Generali; Imħallef, Viċi-President tat-Tribunal d'arrondissement tal-Lussemburgu; Għalliem fiċ-Ċentru Universitarju tal-Lussemburgu; Maġistrat *detaché*, *Référendaire* fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-1986; Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mill-11 ta' Lulju 1996.



## Jörg Pirrung

Imwieled fl-1940; Assistent-riċerkatur fl-Università ta' Marbourg; Duttur fid-dritt (Università ta' Marbourg); Uffiċjal, wara Kap tas-Sezzjoni "Dritt Internazzjonali Privat", u sussegwentement, Kap ta' Sottodiviżjoni tad-dritt ċivili fil-Ministeru Federali tal-Ġustizzja; Membru tal-Kunsill Direttiv ta' l-Unidroit (1993-1998); President tal-Kummissjoni tal-Konferenza ta' l-Aja fuq id-Dritt Internazzjonali Privat inkarigat sabiex jipprepara abbozz tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal (1996); Professur onorarju fl-Università ta' Trier (dritt privat internazzjonali u proċedura, dritt komunitarju); mill-2002, Membru tal-Kunsill tal-Fakultà ta' l-Istitut Max Planck tad-Dritt Barrani u Dritt Privat Komparat f'Amburgu; Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mill-11 ta' Ġunju 1997.



## Paolo Mengozzi

Imwieled fl-1938; Professur tad-Dritt Internazzjonali u inkarigat mill-Katedra Jean Monnet tad-Dritt tal-Komunitajiet Ewropej ta' l-Università ta' Bolonja; Duttur honoris causa ta' l-Università Carlos III ta' Madrid; Professur estern ta' l-Universitajiet Johns Hopkins (Bologna Center), St. Johns (New York), Georgetown, Paris-II, Georgia (Ateni) u ta' l-Institut Universitaire International (Il-Lussemburgu); koordinatur ta' l-European Business Law Pallas Program, organizzat fi ħdan l-Università ta' Nijmegen; Membru tal-Kumitat Konsultattiv tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għal sejħiet pubbliċi għal offerti; Sottosegretarju ta' l-Istat għall-industrija u l-kummerċ matul il-Presidenza Taljana tal-Kunsill; Membru tal-grupp ta' riflessjoni tal-Komunità Ewropea dwar l-Organizzazzjoni Dinjija għall-Kummerċ (WTO) u Direttur għas-sessjoni 1997 taċ-Ċentru tar-Riċerka ta' l-Akkademja tad-Dritt Internazzjonali ta' l-Aja li huwa ddedikat għall-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ; Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mill-4 ta' Marzu 1998 sat-3 ta' Mejju 2006; Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-4 ta' Mejju 2006.



## Arjen W. H. Meij

Imwieled fl-1944; Kunsillier fil-Qorti Suprema ta' l-Olanda (1996); Kunsillier u Viċi-President fil-College van Beroep voor het bedrijfsleven (Qorti Amministrattiva tal-Kummerċ u l-Industrija) (1986); Kunsillier *ad interim* tal-Qorti ta' l-Appell tas-Sigurta' Soċjali u mal-Kummissjoni Ġudizzjarja dwar id-dazji tad-dwana; *Référendaire* mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (1980); Għalliem tad-dritt Ewropew mal-Fakultà tal-Liġi ta' l-Universita' ta' Groningen u assistent riċerkatur ma' l-University of Michigan Law School; Membru tas-Segretarjat Internazzjonali tal-Kamra tal-Kummerċ ta' Amsterdam (1970); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mis-17 ta' Settembru 1998.



## Mihalis Vilaras

Imwieled fl-1950; Avukat (1974-1980); Espert nazzjonali mas-Servizz Ġuridiku tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, wara Amministratur Prinċipali mad-Direttorat Ġenerali V (xogħol, relazzjonijiet industrijali, affarijiet soċjali); Prosekutur, Relatur mal-Kunsill ta' l-Istat u mill-1999 Kunsillier; Membru Assoċjat tal-Qorti Suprema Speċjali tal-Greċja; Membru tal-Kumitat Ċentrali għall-Abbozzar tal-Liġijiet tal-Greċja (1996-1998); Direttur tas-Servizz Ġuridiku fi ħdan is-Segretarjat Ġenerali tal-Gvern Grieg; Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mis-17 ta' Settembru 1998.



## Nicholas James Forwood

Imwieled fl-1948; iggradwa mill-Universita' ta' Cambridge B.A. fl-1969, M.A. fl-1973 (xjenzi mekkaniċi u liġi); Membru ta' l-Avukatura ta' l-Ingilterra mill-1970, wara eżerċita l-professjoni ta' avukat f'Londra (1971-1999) kif ukoll fi Brussell (1979-1999); Membru ta' l-Avukatura ta' l-Irlanda mill-1981; innominat bħala Queen's Counsel fl-1987; Bencher tal-Middle Temple fl-1998; Rappreżentant ta' l-Avukatura ta' l-Ingilterra u ta' Wales mal-Kunsill ta' l-Avukaturi ta' l-Unjoni Ewropea (CCBE) u Chairman tad-Delegazzjoni Permanenti tas-CCBE fi ħdan il-Qorti tal-Gustizzja (1995–1999); Membru tal-Bord tal-World Trade Law Association u ta' l-European Maritime Law Organization (1993-2002); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mill-15 ta' Diċembru 1999.



## Hubert Legal

Imwieled fl-1954; *Conseiller d'État* (Franza); student ta' l-École normale superieure de Saint-Cloud u ta' l-École nationale d'administration; Professur Assoċjat ta' l-Ingliz (1979-1985); Relatur, wara Commissaire du Gouvernement quddiem il-kulleġġi ġudikanti tal-kontenzjuż tal-Conseil d'État (1988-1993); Konsulent legali tar-Rappreżentanza Permanenti ta' Franza fin-Nazzjonijiet Uniti f'New York (1993-1997); *Référendaire* fl-Uffiċċju ta' l-Imħallef Puissochet fil-Qorti tal-Ġustizzja (1997-2001); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mid-19 ta' Settembru 2001.



## Maria Eugénia Martins de Nazaré Ribeiro

Imwielda fl-1956; studjat f'Lisbona, fi Brussell u fi Strasbourg; Advogada fil-Portugall u fi Brussell; Ricerkatriċi indipendenti fl-Institut d'études européennes ta' l-Université Libre ta' Brussell; *Référendaire* ma' l-Imħallef Portugiż tal-Qorti tal-Ġustizzja, Moitinho de Almeida (1986-2000), wara tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza, l-Imħallef Vesterdorf (2000-2003); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mill-31 ta' Marzu 2003.



## Franklin Dehousse

Imwieled fl-1959; gradwat fil-liġi (Università ta' Liège, 1981); *fellow* (Fonds national de la recherche scientifique, 1985-1989); Konsulent legali mal-Kamra tar-Rappreżentanti (1981-1990); Duttur fil-Liġi (Università ta' Strasbourg, 1990); Professur (Universitajiet ta' Liège u ta' Strasbourg, Collège d'Europe, Institut Royal Supérieur de Défense, Université Montesquieu ta' Bordeaux; College Michel Servet des Universités de Paris; fakultajiet ta' Notre-Dame de la Paix f'Namur); Rappreżentant speċjali tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin (1995-1999); Direttur ta' l-Istudji Ewropej ta' l-Institut Royal des Relations Internationales (1998-2003); Assessur mal-Kunsill ta' l-Istat (2001-2003); Konsulent mal-Kummissjoni Ewropea (1990-2003); Membru ta' l-Observatoire Internet (2001-2003); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mis-7 ta' Ottubru 2003.



## Ena Cremona

Imwielda fl-1936; iggradwata (B.A.) fil-lingwi mir-Royal University of Malta (1955); Duttur tal-Liġi (LL.D) mir-Royal University of Malta (1958); Avukat membru ta' l-Avukatura ta' Malta mill-1959; Konsulent legali mal-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa (1964-1979); Membru tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku (1987-1989); Membru tal-Bord tad-Diretturi tal-Lombard Bank (Malta) Ltd., bħala rappreżentanta ta' l-ishma tal-Gvern (1987-1993); Membru tal-Kummissjoni Elettorali mill-1993; Membru tal-bord tat-teżijiet fil-Fakultà tal-Liġi tar-Royal University of Malta; Membru tal-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza (ECRI) (2003-2004); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mit-12 ta' Mejju 2004.



## Ottó Czúcz

Imwieled fl-1946; Duttur tal-Liġi mill-Università ta' Szeged (1971); Amministratur mal-Ministeru tax-Xogħol (1971-1974); Għalliem u Professur (1974-1989), Dekan tal-Fakultà tal-Liġi (1989-1990), Viċi-Rettur (1992-1997) ta' l-Università ta' Szeged; Avukat; Membru tal-Presidium ta' l-Iskema Nazzjonali ta' l-Assigurazzjoni għall-Irtirar; Viċi-President ta' l-Istitut Ewropew tas-Sigurtà Soċjali (1998-2002); Membru tal-Kunsill Xjentifiku ta' l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tas-Sigurtà Soċjali; Imħallef fil-Qorti Kostituzzjonali (1998-2004); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mit-12 ta' Mejju 2004.



## Irena Wiszniewska-Białecka

Imwielda fl-1947; iggradwata fil-liġi mill-Università ta' Varsavja (1965-1969); Riċerkatriċi (assistenta, professur assoċjat, professur) ma' l-Istitut għax-Xjenzi Ġuridiċi fl-Akkademja tax-Xjenzi (1969-2004); Riċerkatriċi fl-Istitut Max Planck tad-dritt barrani u internazzjonali dwar il-privattivi, tad-drittijiet ta' l-awtur u tal-kompetizzjoni fi Münich (1985-1986); Avukat (1992-2000); Imħallef fil-Qorti Suprema Amministrattiva (2001-2004); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mit-12 ta' Mejju 2004.



### Irena Pelikánová

Imwielda fl-1949; Duttur tal-Liġi, assistent fid-dritt ekonomiku (qabel l-1989); wara Duttur fix-xjenzi, Professur tad-dritt kummerċjali (mill-1993) fil-Fakultà tal-Liġi ta' l-Università Charles ta' Praga; Membru tal-Bord tad-Diretturi tal-Kummissjoni dwar is-Sigurtà (1999-2002); Avukat; Membru tal-Kunsill Leġiżlattiv tal-Gvern Ċek (1998-2004); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mit-12 ta' Mejju 2004.



### Daniel Šváby

Imwieled fl-1951; Duttur tal-Liġi (Università ta' Bratislava); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza ta' Bratislava; Imħallef fil-Qorti ta' l-Appell responsabbli għal kawżi ta' dritt ċivili u Viċi-President tal-Qorti ta' l-Appell ta' Bratislava; Membru tas-Sezzjoni tad-dritt ċivili u tal-familja ma' l-Istitut tad-Dritt tal-Ministeru tal-Ġustizzja; Imħallef *ad interim* fil-Qorti Suprema responsabbli għal kawżi ta' dritt kummerċjali; Membru tal-Kummissjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (Strasbourg); Imħallef fil-Qorti Kostituzzjonali (2000-2004); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mit-12 ta' Mejju 2004.



### Vilenas Vadapalas

Imwieled fl-1954; Duttur tal-Liġi (Università ta' Moska); Duttur awtorizzat jgħallem il-liġi (Università ta' Varsavja); Professur fl-Università ta' Vilnius: dritt internazzjonali (mill-1981), drittijiet tal-bniedem (mill-1991) u dritt Komunitarju (mill-2000); Konsulent mal-Gvern għall-Affarijiet Barranin (1991-1993); Membru tal-grupp ta' koordinazzjoni tad-delegazzjoni għan-negozjati għas-sħubija fl-Unjoni Ewropea; Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tad-Dritt Ewropew tal-Gvern (1997-2004); Professur tad-dritt Ewropew fl-Università ta' Vilnius u inkarigat mill-Katedra Jean Monnet; President ta' l-Assoċjazzjoni Litwana għall-Istudji fuq l-Unjoni Ewropea; Relatur tal-grupp ta' xogħol Parlamentari għar-riforma kostituzzjonali dwar l-adeżjoni tal-Litwanja; Membru tal-Kummissjoni Internazzjonali tal-Ġuristi (April 2003); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mit-12 ta' Mejju 2004.



## Küllike Jürimäe

Imwielda fl-1962; iggradwata fil-liġi mill-Università ta' Tartu (1981-1986); Assistenta tal-Prosekutur Pubbliku tar-Repubblika f'Talinn (1986-1991); iggradwata mill-Iskola tad-Diplomazija ta' l-Estonja (1991-1992); Konsulent legali (1991-1993) u Kunsilliera Ġenerali tal-Kamra tal-Kummerċ u l-Industrija (1992-1993); Imħallef tal-Qorti ta' l-Appell ta' Talinn (1993-2004); Masters Ewropew fid-Drittijiet tal-Bniedem u fid-Demokratizzazzjoni, Universitajiet ta' Padova u ta' Nottingham (2002-2003); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mit-12 ta' Mejju 2004.



## Ingrida Labucka

Imwielda fl-1963; iggradwata fil-liġi mill-Università tal-Latvja (1986); Investigatriċi għall-Ministeru ta' l-Intern għar-Reġjun ta' Kirov u għall-belt ta' Riga (1986-1989); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza ta' Riga (1990-1994); Avukat (1994-1998, u Lulju 1999 - Mejju 2000); Ministru tal-Ġustizzja (Novembru 1998 - Lulju 1999 u Mejju 2000 - Ottubru 2002); Membru tal-Qorti Permanenti ta' l-Arbitraġġ ta' l-Aja (2001-2004); Membru Parlamentari (2002-2004); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mit-12 ta' Mejju 2004.



## Savvas S. Papasavvas

Imwieled fl-1969; studji fl-Università ta' Ateni (Ptychion fl-1991); DEA fid-dritt pubbliku mill-Università ta' Pariġi II (1992) u Dottorat fil-liġi mill-Università ta' Aix-Marseille III (dottorat fil-liġi 1995); ammess fl-Avukatura ta' Ċipru, Membru ta' l-Avukatura ta' Nikosija mill-1993; Għalliem fl-Università ta' Ċipru (1997-2002), Għalliem tad-dritt kostituzzjonali minn Settembru 2002; Riċerkatur fiċ-Ċentru għad-Dritt Pubbliku Ewropew (2001-2002); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mit-12 ta' Mejju 2004.



## Verica Trstenjak

Imwielda fl-1962; eżami ġuridiku (1987); Dottorat fil-Liġi mill-Università ta' Ljubljana (1995); Professur tat-teorija tad-dritt u ta' l-Istat (duttrina) u tad-dritt privat (mill-1996); Riċerkatriċi; studji dottorali fl-Università ta' Zurich, fl-Istitut tad-Dritt Komparattiv ta' l-Università ta' Vjenna, fl-Istitut Max Planck tad-Dritt Internazzjonali Privat f'Amburgu; fl-Università Ħielsa ta' Amsterdam (Vrije Universiteit ta' Amsterdam); Professur estern fl-Università ta' Vjenna, ta' Fribourg (Il-Ġermanja) u fl-iskola tad-dritt Bucerius f'Amburgu; Kap tas-Servizz Ġuridiku (1994-1996) u Segretarju ta' l-Istat fil-Ministeru tax-Xjenza u tat-Teknoloġija (1996-2000); Segretarju Ġenerali tal-Gvern (2000); Membru tal-Grupp ta' Studju fuq il-Kodiċi Ċivili Ewropew (Study Group on European Civil Code) mill-2003; Responsabbli għall-proġett ta' riċerka Humboldt (Humboldt Stiftung); pubblikazzjoni ta' aktar minn mitt artikolu legali u diversi kotba fuq id-dritt Ewropew u d-dritt privat; premju ta' l-Assoċjazzjoni ta' l-Avukati Sloveni bħala "Avukat tas-sena 2003"; Membru tal-kunsill editorjali ta' diversi rivisti legali; Segretarju Ġenerali ta' l-Assoċjazzjoni tal-ġuristi Sloveni; Membru ta' diversi assoċjazzjonijiet ta' ġuristi fosthom il-Gesellschaft für Rechtsvergleichung; Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mis-7 ta' Lulju 2004; Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2006



## Enzo Moavero Milanesi

Imwieled fl-1954; Duttur fil-liġi (Università La Sapienza, Ruma); studji fid-dritt Komunitarju (Collège d'Europe, Bruges); irreġistrat fl-Avukatura, eżerċita l-professjoni ta' Avukat (1978-1983); responsabbli mill-kors fid-Dritt Komunitarju ta' l-Universitajiet La Sapienza, Ruma (1993-1996), Luiss, Ruma (1993-1996 u 2002-2006) u Bocconi (Milan) (1996-2000); Kunsillier tal-Prim Ministru Taljan dwar kwistjonijiet Komunitarji (1993-1995); Uffiċjal mal-Kummissjoni Ewropea: Konsulent legali u sussegwentement Kap ta' l-Uffiċċju tal-Viċi President (1989-1992), Kap ta' Kabinett tal-Kummissarju responsabbli għas-'Suq Intern' (1995-1999) u l-'Kompetizzjoni' (1999), Direttur mad-Direttorat Ġenerali tal-Kompetizzjoni (2000-2002), Assistent Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea (2002-2005), Direttur Ġenerali ta' l-Uffiċċju tal-Kunsillieri Politiċi (2006); Imħallef tal-Qorti tal-Prim'Istanza mit-3 ta' Mejju 2006.



## Nils Wahl

Imwieled fl-1961; Master fil-liġi, Università ta' Stokkolma (1987); Duttur fil-liġi, Università ta' Stokkolma (1995); Professur assoċjat (għalliem) u inkarigat mill-Katedra Jean Monnet tad-dritt Ewropew (1995); Professur tad-Dritt Ewropew, Università ta' Stokkolma (2001); Prattika privata ta' Avukat (1987-1989); Direttur Amministrattiv ta' Fondazzjoni Edukattiva (1993-2004); President ta' l-Assoċjazzjoni Żvediża għall-istudji ta' dritt Komunitarju (Nätverket för europarättslig forskning) (2001-2006); Membru tal-Kunsill għall-kwistjonijiet ta' kompetizzjoni (Rådet för konkurrensfrågor) (2001-2006); Imħallef tal-Qorti ta' l-Appell għal Skåne u Blekinge (Hovrätten över Skåne och Blekinge) (2005); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mis-7 ta' Ottubru 2006.



## Miro Prek

Imwieled fl-1961; gradwat fil-liġi (1989); ammess fl-Avukatura (1994); diversi xogħlijiet u karigi fl-amministrazzjoni pubblika, prinċipalment fi ħdan l-uffiċċju governattiv responsabbli għal-leġiżlazzjoni (Assistent Segretarju ta' l-Istat u Viċi-Direttur, Kap tad-Dipartiment tad-Dritt Ewropew u d-Dritt Komparattiv) u l-Uffiċċju għall-Affarijiet Ewropej (Sotto-Segretarju ta' l-Istat); Membru tad-delegazzjoni tan-negozjaturi għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni (1994-1996) u għas-sħubija fl-Unjoni Ewropea (1998-2003), responsabbli mill-kwistjonijiet legali; Avukat; Reponsabbli għal proġetti ta' l-adattament għal-leġiżlazzjoni Ewropea u għall-integrazzjoni, prinċipalment fil-punent tal-Balkani; Kap ta' Diviżjoni fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (2004-2006); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mis-7 ta' Ottubru 2006.



## Emmanuel Coulon

Imwieled fl-1968; studji tad-Dritt (Università Pathéon-Assas, f'Pariġi); studji tal-Maniġment (Università Paris-Dauphine); Collège d'Europe (1992); eżami għad-dħul fis-centre régional de formation à la profession d'avocat ta' Pariġi; warrant ta' Avukat mill-avukatura ta' Brussell; eżerċizzju tal-professjoni ta' Avukat fi Brussell; għadda minn eżami ġenerali tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej; *Référendaire* mal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej (Uffiċċju tal-President Saggio, 1996-1998; Uffiċċju tal-President Vesterdorf, 1998-2002); Kap ta' l-Uffiċċju tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza (2003-2005); Reġistratur tal-Qorti tal-Prim'Istanza mis-6 ta' Ottubru 2005.

## 2. Tibdiliet fil-kompożizzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza fl-2006

*Udjenza Solenni tat-3 ta' Mejju 2006*

Permezz ta' deċiżjoni tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri tal-Komunitajiet Ewropej tas-6 ta' April 2006, Enzo Moavero Milanesi ġie nnominat Imħallef tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej sal-31 ta' Awwissu 2007. Enzo Moavero Milanesi huwa s-suċċessur ta' Paolo Mengozzi.

*Udjenza Solenni tas-6 ta' Ottubru 2006*

Fl-okkażjoni tat-tiġdid parzjali tal-membri tal-Qorti tal-Ġustizzja u wara n-nomina bħala membri tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' żewġ Imħallfin tal-Qorti tal-Prim'Istanza, Nils Wahl u Miro Prek ġew innominati Mħallfin tal-Qorti tal-Prim'Istanza billi ssostitwew lil Pernilla Lindh u Verica Trstenjak, rispettivament.

# 3. Ordnijiet Protokollari

## mill-1 ta' Jannar sat-3 ta' Mejju 2006

B. VESTERDORF, President tal-Qorti tal-Prim'Istanza
M. JAEGER, President ta' Awla
J. PIRRUNG, President ta' Awla
M. VILARAS, President ta' Awla
H. LEGAL, President ta' Awla
R. GARCÍA-VALDECASAS, President ta' Awla
V. TIILI, Imħallef
P. LINDH, Imħallef
J. AZIZI, Imħallef
J. D. COOKE, Imħallef
P. MENGOZZI, Imħallef
A. W. H. MEIJ, Imħallef
N. J. FORWOOD, Imħallef
M. E. MARTINS RIBEIRO, Imħallef
F. DEHOUSSE, Imħallef
E. CREMONA, Imħallef
O. CZÚCZ, Imħallef
I. WISZNIEWSKA-BIAŁECKA, Imħallef
I. PELIKÁNOVÁ, Imħallef
D. ŠVÁBY, Imħallef
V. VADAPALAS, Imħallef
K. JÜRIMÄE, Imħallef
I. LABUCKA, Imħallef
S. PAPASAVVAS, Imħallef
V. TRSTENJAK, Imħallef

E. COULON, Reġistratur

## mill-4 ta' Mejju sat-30 ta' Settembru 2006

B. VESTERDORF, President tal-Qorti tal-Prim'Istanza
M. JAEGER, President ta' Awla
J. PIRRUNG, President ta' Awla
M. VILARAS, President ta' Awla
H. LEGAL, President ta' Awla
R. GARCÍA-VALDECASAS, President ta' Awla
V. TIILI, Imħallef
P. LINDH, Imħallef
J. AZIZI, Imħallef
J. D. COOKE, Imħallef
A. W. H. MEIJ, Imħallef
N. J. FORWOOD, Imħallef
M. E. MARTINS RIBEIRO, Imħallef
F. DEHOUSSE, Imħallef
E. CREMONA, Imħallef
O. CZÚCZ, Imħallef
I. WISZNIEWSKA-BIAŁECKA, Imħallef
I. PELIKÁNOVÁ, Imħallef
D. ŠVÁBY, Imħallef
V. VADAPALAS, Imħallef
K. JÜRIMÄE, Imħallef
I. LABUCKA, Imħallef
S. PAPASAVVAS, Imħallef
V. TRSTENJAK, Imħallef
E. MOAVERO MILANESI, Imħallef

E. COULON, Reġistratur

## mill-1 ta' Ottubru sal-5 ta' Ottubru 2006

B. VESTERDORF, President tal-Qorti tal-Prim'Istanza
M. JAEGER, President ta' Awla
J. PIRRUNG, President ta' Awla
M. VILARAS, President ta' Awla
H. LEGAL, President ta' Awla
J. D. COOKE, President ta' Awla
R. GARCÍA-VALDECASAS, Imħallef
V. TIILI, Imħallef
P. LINDH, Imħallef
J. AZIZI, Imħallef
A. W. H. Meij, Imħallef
N. J. FORWOOD, Imħallef
M. E. MARTINS RIBEIRO, Imħallef
F. DEHOUSSE, Imħallef
E. CREMONA, Imħallef
O. CZÚCZ, Imħallef
I. WISZNIEWSKA-BIAŁECKA, Imħallef
I. PELIKÁNOVÁ, Imħallef
D. ŠVÁBY, Imħallef
V. VADAPALAS, Imħallef
K. JÜRIMÄE, Imħallef
I. LABUCKA, Imħallef
S. PAPASAVVAS, Imħallef
V. TRSTENJAK, Imħallef
E. MOAVERO MILANESI, Imħallef

E. COULON, Reġistratur

## mis-6 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 2006

B. VESTERDORF, President tal-Qorti tal-Prim'Istanza
M. JAEGER, President ta' Awla
J. PIRRUNG, President ta' Awla
M. VILARAS, President ta' Awla
H. LEGAL, President ta' Awla
J. D. COOKE, President ta' Awla
R. GARCÍA-VALDECASAS, Imħallef
V. TIILI, Imħallef
J. AZIZI, Imħallef
A. W. H. MEIJ, Imħallef
N. J. FORWOOD, Imħallef
M. E. MARTINS RIBEIRO, Imħallef
F. DEHOUSSE, Imħallef
E. CREMONA, Imħallef
O. CZÚCZ, Imħallef
I. WISZNIEWSKA-BIAŁECKA, Imħallef
I. PELIKÁNOVÁ, Imħallef
D. ŠVÁBY, Imħallef
V. VADAPALAS, Imħallef
K. JÜRIMÄE, Imħallef
I. LABUCKA, Imħallef
S. PAPASAVVAS, Imħallef
E. MOAVERO MILANESI, Imħallef
N. WAHL, Imħallef
M. PREK, Imħallef

E. COULON, Reġistratur

# 4. Membri preċedenti tal-Qorti tal-Prim'Istanza

Da Cruz Vilaça José Luis (1989-1995), President mill-1989 sa l-1995
Barrington Donal Patrick Michael (1989-1996)
Saggio Antonio (1989-1998), President mill-1995 sa l-1998
Edward David Alexander Ogilvy (1989-1992)
Kirschner Heinrich (1989-1997)
Yeraris Christos (1989-1992)
Schintgen Romain Alphonse (1989-1996)
Briët Cornelis Paulus (1989-1998)
Biancarelli Jacques (1989-1995)
Lenaerts Koen (1989-2003)
Bellamy Christopher William (1992-1999)
Kalogeropoulos Andreas (1992-1998)
Potocki André (1995-2001)
Gens de Moura Ramos Rui Manuel (1995-2003)

## Presidenti

Da Cruz Vilaça José Luis (1989-1995)
Saggio Antonio (1995-1998)

## Reġistratur

Hans Jung (1989-2005)

# C – Statistika ġudizzjarja tal-Qorti tal-Prim'Istanza


### *Attività ġenerali tal-Qorti tal-Prim'Istanza*

1. Kawżi mressqa, magħluqa, pendenti (2000-2006)

### *Kawżi mressqa*

2. Natura tal-proċeduri (2000-2006)
3. Natura tar-rikors (2000-2006)
4. Suġġett tar-rikors (2000-2006)

### *Kawżi magħluqa*

5. Natura tal-proċeduri (2000-2006)
6. Suġġett tar-rikors (2006)
7. Suġġett tar-rikors (2000-2006) (sentenzi u digrieti)
8. Kulleġġ ġudikanti (2000-2006)
9. Tul tal-proċeduri f'xhur (2000-2006) (sentenzi u digrieti)

### *Kawżi pendenti sal-31 ta' Diċembru*

10. Natura tal-proċeduri (2000-2006)
11. Suġġett tar-rikors (2000-2006)
12. Kulleġġ ġudikanti (2000-2006)

### *Mixxellanji*

13. Miżuri provviżorji (2000-2006)
14. Proċeduri mħaffa (2001-2006)
15. Deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza li sar appell minnhom (1989-2006)
16. Tqassim ta' l-appelli skond in-natura tal-proċedura (1989-2006)
17. Eżitu ta' l-appelli (2006) (sentenzi u digrieti)
18. Żvilupp ġenerali (1989-2006)
    Kawżi mressqa, magħluqa, pendenti

## 1. *Attività Ġenerali tal-Qorti tal-Prim'Istanza –*
## Kawżi ġodda, kawżi magħluqa, kawżi pendenti (2000-2006)[1]




| | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kawżi ġodda | 398 | 345 | 411 | 466 | 536 | 469 | 432 |
| Kawżi magħluqa | 343 | 340 | 331 | 339 | 361 | 610 | 436 |
| Kawżi pendenti | 787 | 792 | 872 | 999 | 1 174 | 1 033 | 1 029 |

[1] Sakemm mhuwiex indikat mod ieħor, din it-tabella u t-tabelli fil-paġni li ġejjin jieħdu in kunsiderazzjoni l-proċeduri partikolari.

Qed jiġu kkunsidrati bħala ""proċeduri partikolari"": l-oppożizzjoni għal sentenza (Artikolu 41, Statut KE; Artikolu 122, Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza); l-oppożizzjoni minn terzi (Artikolu 42, Statut KE; Artikolu 123, Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza); ir-reviżjoni ta' sentenza (Artikolu 44, Statut KE; Artikolu 125, Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza); l-interpretazzjoni ta' sentenza (Artikolu 43, Statut KE; Artikolu 129, Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza); it-taxxa ta' l-ispejjeż (Artikolu 92, Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza); il-benefiċċju ta' l-għajnuna legali bla ħlas (Artikolu 94, Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza); ir-rettifika ta' sentenza (Artikolu 84, Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza).

## 2. Natura tal-proċeduri (2000-2006) (2000-2006)[1]




| | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Rikorsi oħra | 242 | 180 | 198 | 214 | 240 | 193 | 244 |
| Proprjetà intellettwali | 34 | 37 | 83 | 100 | 110 | 98 | 143 |
| Servizz pubbliku | 111 | 110 | 112 | 124 | 146 | 151 | 1 |
| Appelli | | | | | | | 10 |
| Proċeduri partikolari | 11 | 18 | 18 | 28 | 40 | 27 | 34 |
| **Total** | **398** | **345** | **411** | **466** | **536** | **469** | **432** |

[1] F'din t-tabella u fit-tabelli fil-paġni li jsegwu, ir-referenza "rikorsi oħra" tindika r-rikorsi kollha mressqa minn persuni fiżiċi jew legali, barra mir-rikorsi ta' uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u r-rikorsi dwar proprjetà intellettwali.

## 3. *Kawżi ġodda* – Natura tar-rikors (2000-2006)




| | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Rikorsi għal annullament | 219 | 134 | 172 | 174 | 199 | 160 | 223 |
| Rikorsi għal nuqqas li tittieħed azzjoni | 6 | 17 | 12 | 13 | 15 | 9 | 4 |
| Rikorsi għal danni | 17 | 21 | 12 | 24 | 18 | 16 | 8 |
| Rikorsi fil-każ ta' klawsoli ta' arbitraġġ | | 8 | 2 | 3 | 8 | 8 | 9 |
| Proprjetà intellettwali | 34 | 37 | 83 | 100 | 110 | 98 | 143 |
| Servizz pubbliku | 111 | 110 | 112 | 124 | 146 | 151 | 1 |
| Appelli | | | | | | | 10 |
| Proċeduri partikolari | 11 | 18 | 18 | 28 | 40 | 27 | 34 |
| **Total** | **398** | **345** | **411** | **466** | **536** | **469** | **432** |

## 4. *Kawżi ġodda* – Suġġett tar-rikors (2000-2006)

| | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Adeżjoni ta' Stati ġodda | | | | 1 | 1 | | |
| Agrikoltura | 18 | 17 | 9 | 11 | 25 | 21 | 18 |
| Ambjent u Konsumaturi | 14 | 2 | 8 | 14 | 30 | 18 | 21 |
| Approssimazzjoni tal-liġijiet | | 2 | 1 | 3 | 1 | | |
| Assoċjazzjoni tal-pajjiżi u tat-territorji extra-Ewropej | 6 | 6 | | 1 | | | |
| Ċittadinanza Ewropea | 2 | | | | | | |
| Dritt Istituzzjonali | 24 | 16 | 17 | 26 | 33 | 28 | 15 |
| Dritt tal-kumpanniji | 4 | 6 | 3 | 3 | 6 | 12 | 11 |
| Enerġija | | 2 | | 2 | | | 1 |
| Għajnuna mogħtija mill-Istat | 80 | 42 | 51 | 25 | 46 | 25 | 28 |
| Ġustizzja u Affarijiet Interni | | 1 | 1 | | | 1 | |
| Klawsola ta' arbitraġġ | | 2 | 1 | | | 2 | 3 |
| Kompetizzjoni | 36 | 36 | 61 | 43 | 36 | 40 | 81 |
| Kultura | 2 | 1 | | | | | 3 |
| Libertà li jiġu pprovduti servizzi | | | | | | | 1 |
| Libertà ta' l-istabbiliment | 7 | 1 | | | 1 | | |
| Moviment liberu tal-merkanzija | 2 | 1 | | | 1 | | |
| Moviment liberu tal-persuni | 1 | 3 | 2 | 7 | 1 | 2 | 4 |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | 1 | 3 | 6 | 2 | 4 | | 5 |
| Politika ekonomika u monetarja | | | | | | 1 | 2 |
| Politika kummerċjali | 8 | 4 | 5 | 6 | 12 | 5 | 18 |
| Politika reġjonali | | 1 | 6 | 7 | 10 | 12 | 16 |
| Politika soċjali | 7 | 1 | 3 | 2 | 5 | 9 | 3 |
| Politika tas-sajd | 5 | 6 | 3 | 25 | 3 | 2 | |
| Proprjetà intellettwali | 34 | 37 | 83 | 101 | 110 | 98 | 145 |
| Relazzjonijiet barranin | 8 | 14 | 8 | 10 | 3 | 2 | 2 |
| Riċerka, informazzjoni, edukazzjoni, statistiċi | 1 | 3 | 1 | 3 | 6 | 9 | 5 |
| Riżorsi proprji tal-Komunitajiet | | | | | | 2 | |
| Tariffa doganali komuni | 1 | 2 | | | 1 | | 2 |
| Tassazzjoni | | | 1 | 5 | | | 1 |
| Trasport | | 2 | 1 | 1 | 3 | | 1 |
| Unjoni doganali | 14 | 2 | 6 | 5 | 11 | 2 | |
| **Total Trattat KE** | **275** | **213** | **277** | **303** | **349** | **291** | **386** |
| **Total Trattat FA** | **1** | **4** | **2** | **11** | | | |
| **Total Trattat EA** | | | **2** | | **1** | | **1** |
| Regolamenti tal-Persunal | 111 | 110 | 112 | 124 | 146 | 151 | 11 |
| Proċeduri partikolari | 11 | 18 | 18 | 28 | 40 | 27 | 34 |
| **TOTAL ĠENERALI** | **398** | **345** | **411** | **466** | **536** | **469** | **432** |

## 5. *Kawżi magħluqa* – Natura tal-proċeduri (2000-2006)




| | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Rikorsi oħra | 219 | 162 | 189 | 169 | 159 | 237 | 241 |
| Proprjetà intellettwali | 7 | 30 | 29 | 47 | 76 | 94 | 90 |
| Servizz pubbliku | 101 | 133 | 96 | 104 | 101 | 236 | 71 |
| Proċeduri partikolari | 16 | 15 | 17 | 19 | 25 | 43 | 34 |
| **Total** | **343** | **340** | **331** | **339** | **361** | **610** | **436** |

## 6. *Kawżi magħluqa* – Suġġett tar-rikors (2006)

| | Sentenzi | Digrieti | Total |
|---|---|---|---|
| Adeżjoni ta' Stati ġodda | | 1 | 1 |
| Agrikoltura | 11 | 14 | 25 |
| Ambjent u Konsumaturi | 3 | 16 | 19 |
| Assoċjazzjoni tal-pajjiżi u tat-territorji extra-Ewropej | | 2 | 2 |
| Dritt Istituzzjonali | 4 | 10 | 14 |
| Dritt tal-kumpanniji | 3 | 3 | 6 |
| Enerġija | | 3 | 3 |
| Għajnuna mogħtija mill-Istat | 14 | 40 | 54 |
| Kompetizzjoni | 33 | 9 | 42 |
| Moviment liberu tal-persuni | | 4 | 4 |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | 3 | 1 | 4 |
| Politika ekonomika u monetarja | | 1 | 1 |
| Politika kummerċjali | 5 | 8 | 13 |
| Politika reġjonali | 3 | 4 | 7 |
| Politika soċjali | 1 | 4 | 5 |
| Politika tas-sajd | 24 | | 24 |
| Proprjetà intellettwali | 50 | 41 | 91 |
| Relazzjonijiet barranin | 3 | 2 | 5 |
| Riċerka, informazzjoni, edukazzjoni, statistiċi | 1 | 2 | 3 |
| Riżorsi proprji tal-Komunitajiet | | 2 | 2 |
| Tassazzjoni | | 1 | 1 |
| Trasport | | 2 | 2 |
| Unjoni doganali | 2 | | 2 |
| **Total Trattat KE** | **160** | **170** | **330** |
| **Total Trattat FA** | **1** | | **1** |
| Regolamenti tal-Persunal | 61 | 10 | 71 |
| Proċeduri partikolari | 5 | 29 | 34 |
| **TOTAL ĠENERALI** | **227** | **209** | **436** |

## 7. *Kawżi magħluqa* – suġġett tar-rikors (2000-2006)
(sentenzi u digrieti)

| | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Adeżjoni ta' Stati ġodda | | | | 1 | | | 1 |
| Agrikoltura | 14 | 47 | 28 | 21 | 15 | 34 | 25 |
| Ambjent u Konsumaturi | 7 | | 12 | 9 | 4 | 19 | 19 |
| Approssimazzjoni tal-liġijiet | | | 2 | 1 | 3 | | |
| Assoċjazzjoni tal-pajjiżi u tat-territorji extra-Ewropej | 1 | 2 | 6 | 4 | | 4 | 2 |
| Ċittadinanza Ewropea | 1 | 1 | | | | | |
| Dritt Istituzzjonali | 31 | 19 | 15 | 20 | 16 | 35 | 14 |
| Dritt tal-kumpanniji | 4 | 4 | 4 | 2 | 2 | 6 | 6 |
| Enerġija | | | | | | | 3 |
| Għajnuna mogħtija mill-Istat | 35 | 12 | 31 | 26 | 54 | 53 | 54 |
| Ġustizzja u Affarijiet Interni | | | 1 | 1 | | 1 | |
| Klawsola ta' arbitraġġ | 2 | | | 1 | 2 | 1 | |
| Kompetizzjoni | 61 | 21 | 40 | 38 | 26 | 35 | 42 |
| Kultura | | | 2 | 1 | | | |
| Libertà li jiġu pprovduti servizzi | 1 | | | | | | |
| Libertà ta' l-istabbiliment | 3 | 4 | 2 | | | 1 | |
| Moviment liberu tal-merkanzija | | | 2 | | 1 | 1 | |
| Moviment liberu tal-persuni | 1 | 2 | | 8 | 2 | 1 | 4 |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | | 3 | | | 2 | 5 | 4 |
| Politika ekonomika u monetarja | | | | | | | 1 |
| Politika kummerċjali | 17 | 5 | 6 | 6 | 1 | 7 | 13 |
| Politika reġjonali | 5 | | 1 | | 4 | 4 | 7 |
| Politika soċjali | 18 | 2 | 2 | 1 | 4 | 6 | 5 |
| Politika tas-sajd | 1 | 7 | 2 | 2 | 6 | 2 | 24 |
| Proprjetà intellettwali | 7 | 30 | 29 | 47 | 76 | 94 | 91 |
| Relazzjonijiet barranin | 6 | 2 | 6 | 11 | 7 | 11 | 5 |
| Riċerka, informazzjoni, edukazzjoni, statistiċi | 1 | | 2 | 4 | | 1 | 3 |
| Riżorsi proprji tal-Komunitajiet | | | | | | | 2 |
| Tariffa doganali komuni | | 3 | | 2 | | | |
| Tassazzjoni | | | | 5 | 1 | | 1 |
| Trasport | 2 | | 2 | 2 | 1 | 1 | 2 |
| Unjoni doganali | 5 | 15 | 18 | 3 | 3 | 7 | 2 |
| **Total Trattat KE** | **223** | **179** | **213** | **216** | **230** | **329** | **330** |
| **Total Trattat FA** | **3** | **10** | **4** | | **5** | **1** | **1** |
| **Total Trattat EA** | | **1** | **1** | | | **1** | |
| Regolamenti tal-Persunal | 101 | 135 | 96 | 104 | 101 | 236 | 71 |
| Proċeduri partikolari | 16 | 15 | 17 | 19 | 25 | 43 | 34 |
| **TOTAL ĠENERALI** | **343** | **340** | **331** | **339** | **361** | **610** | **436** |

## 8. *Kawżi magħluqa* – Kulleġġ ġudikanti (2000-2006)

**Tqassim fl-2006**



| | 2000 | | | 2001 | | | 2002 | | | 2003 | | | 2004 | | | 2005 | | | 2006 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Sentenzi | Digrieti | Total | Sentenzi | Digrieti | Total | Sentenzi | Digrieti | Total | Sentenzi | Digrieti | Total | Sentenzi | Digrieti | Total | Sentenzi | Digrieti | Total | Sentenzi | Digrieti | Total |
| Awla Manja | | | | | | | | | | | | | | | | 6 | | 6 | | | |
| Awli b'ħames Imħallfin | 84 | 28 | 112 | 17 | 25 | 42 | 48 | 16 | 64 | 18 | 21 | 39 | 18 | 46 | 64 | 28 | 34 | 62 | 22 | 33 | 55 |
| Awli bi tliet Imħallfin | 96 | 117 | 213 | 135 | 145 | 280 | 144 | 113 | 257 | 146 | 131 | 277 | 141 | 135 | 276 | 181 | 329 | 510 | 198 | 157 | 355 |
| Imħallef uniku | 11 | 4 | 15 | 10 | 2 | 12 | 5 | 1 | 6 | 14 | 1 | 15 | 13 | 1 | 14 | 7 | | 7 | 7 | | 7 |
| President tal-Qorti tal-Prim'Istanza | | 3 | 3 | | 6 | 6 | | 4 | 4 | | 8 | 8 | | 7 | 7 | | 25 | 25 | | 19 | 19 |
| **Total** | **191** | **152** | **343** | **162** | **178** | **340** | **197** | **134** | **331** | **178** | **161** | **339** | **172** | **189** | **361** | **222** | **388** | **610** | **227** | **209** | **436** |

## 9. *Kawżi magħluqa* – Tul tal-proċedura f'xhur (2000-2006)[1] (sentenzi u digrieti)




| | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Rikorsi oħra | 27,5 | 20,7 | 21,3 | 21,6 | 22,6 | 25,6 | 27,8 |
| Proprjetà intellettwali | 9,1 | 16,4 | 19,5 | 15,8 | 17,3 | 21,1 | 21,8 |
| Servizz pubbliku | 15,6 | 18,7 | 17,2 | 17,9 | 19,2 | 19,2 | 24,8 |

[1] Il-kalkolu tat-tul medju tal-proċeduri ma jiħux in kunsiderazzjoni: il-kawżi li fihom id-deċiżjoni tittieħed permezz ta' sentenza interlokutorja; il-proċeduri partikolari; il-kawżi rrinvijati mill-Qorti tal-Ġustizzja wara l-bidla tat-tqassim tal-kompetenzi bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti tal-Prim'Istanza; il-kawżi rrinvijati mill-Qorti tal-Prim'Istanza wara li beda jiffunzjona t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

It-tul tal-proċeduri huwa espress f'xhur u l-parti minn għaxra ta' xahar.

## 10. *Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru ta' kull sena –* Natura tal-proċeduri (2000-2006)




| | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Rikorsi oħra | 561 | 579 | 588 | 633 | 714 | 670 | 673 |
| Proprjetà intellettwali | 44 | 51 | 105 | 158 | 192 | 196 | 249 |
| Servizz pubbliku | 179 | 156 | 172 | 192 | 237 | 152 | 82 |
| Appelli | | | | | | | 10 |
| Proċeduri partikolari | 3 | 6 | 7 | 16 | 31 | 15 | 15 |
| **Total** | **787** | **792** | **872** | **999** | **1 174** | **1 033** | **1 029** |

## 11. *Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru ta' kull sena –* Suġġett tar-rikors (2000-2006)

| | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Adeżjoni ta' Stati ġodda | | | | | 1 | 1 | |
| Agrikoltura | 144 | 114 | 95 | 85 | 95 | 82 | 74 |
| Għajnuna mogħtija mill-Istat | 177 | 207 | 227 | 226 | 218 | 190 | 164 |
| Assoċjazzjoni tal-pajjiżi u tat-territorji extra-Ewropej | 11 | 15 | 9 | 6 | 6 | 2 | |
| Ċittadinanza Ewropea | 1 | | | | | | |
| Klawsola ta' arbitraġġ | | 2 | 3 | 2 | | 1 | 3 |
| Kompetizzjoni | 78 | 93 | 114 | 119 | 129 | 134 | 173 |
| Kultura | 2 | 3 | 1 | | | | 3 |
| Dritt tal-kumpanniji | 4 | 6 | 5 | 6 | 10 | 16 | 23 |
| Dritt Istituzzjonali | 27 | 24 | 26 | 32 | 49 | 42 | 43 |
| Enerġija | | 2 | 2 | 4 | 4 | 4 | 2 |
| Ambjent u Konsumaturi | 15 | 17 | 13 | 18 | 44 | 43 | 44 |
| Tassazzjoni | | | 1 | 1 | | | |
| Ġustizzja u Affarijiet Interni | | 1 | 1 | | | | |
| Libertà ta' l-istabbiliment | 5 | 2 | | | 1 | | |
| Moviment liberu tal-merkanzija | 2 | 3 | 1 | 1 | 1 | | |
| Moviment liberu tal-persuni | | 1 | 3 | 2 | 1 | 2 | 3 |
| Libertà li jiġu pprovduti servizzi | | | | | | | 1 |
| Politika kummerċjali | 16 | 15 | 14 | 14 | 25 | 23 | 28 |
| Politika tas-sajd | 8 | 7 | 8 | 31 | 28 | 28 | 4 |
| Politika ekonomika u monetarja | | | | | | 1 | 2 |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | 3 | 3 | 9 | 11 | 13 | 8 | 9 |
| Politika reġjonali | | 1 | 6 | 13 | 19 | 27 | 36 |
| Politika soċjali | 4 | 3 | 4 | 5 | 6 | 9 | 7 |
| Proprjetà intellettwali | 44 | 51 | 105 | 159 | 193 | 197 | 251 |
| Approssimazzjoni tal-liġijiet | | 2 | 1 | 3 | 1 | 1 | 1 |
| Riċerka, informazzjoni, edukazzjoni, statistiċi | 1 | 4 | 3 | 2 | 8 | 16 | 18 |
| Relazzjonijiet barranin | 9 | 21 | 23 | 22 | 18 | 9 | 6 |
| Riżorsi proprji tal-Komunitajiet | | | | | | 2 | |
| Tariffa doganali komuni | 3 | 2 | 2 | | 1 | 1 | 3 |
| Trasport | 1 | 3 | 2 | 1 | 3 | 2 | 1 |
| Unjoni doganali | 33 | 20 | 8 | 10 | 18 | 13 | 11 |
| **Total Trattat KE** | **588** | **622** | **686** | **773** | **892** | **854** | **910** |
| **Total Trattat FA** | **14** | **8** | **6** | **17** | **12** | **11** | **10** |
| **Total Trattat EA** | **1** | | **1** | **1** | **2** | **1** | **2** |
| Regolamenti tal-Persunal | 181 | 156 | 172 | 192 | 237 | 152 | 92 |
| Proċeduri partikolari | 3 | 6 | 7 | 16 | 31 | 15 | 15 |
| **TOTAL ĠENERALI** | **787** | **792** | **872** | **999** | **1 174** | **1 033** | **1 029** |

## 12. *Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru* – Kulleġġ ġudikanti (2000-2006)




| | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Awla Manja | | | | | 6 | 1 | 2 |
| Awla ta' l-Appell | | | | | | | 10 |
| President tal-Qorti tal-Prim'Istanza | | | | | | | 1 |
| Awli b'ħames Imħallfin | 247 | 264 | 276 | 251 | 187 | 146 | 117 |
| Awli bi tliet Imħallfin | 512 | 479 | 532 | 691 | 914 | 846 | 825 |
| Imħallef uniku | 5 | 3 | 8 | 6 | 1 | 4 | 2 |
| Mhux assenjati | 23 | 46 | 56 | 51 | 66 | 36 | 72 |
| **Total** | **787** | **792** | **872** | **999** | **1 174** | **1 033** | **1 029** |

## 13. *Diversi* – Proċeduri sommarji (2000-2006)




### Tqassim fl-2006

| | Proċeduri sommarji ġodda | Proċeduri sommarji magħluqa | Eżitu tal-proċeduri | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Ċaħda | Akkoljiment | Tħassir mir-reġistru/ deċiżjoni li m'hemmx lok li tittieħed deċiżjoni |
| Agrikoltura | 5 | 1 | 1 | | |
| Għajnuna mogħtija mill-Istat | 4 | 4 | 4 | | |
| Kompetizzjoni | 1 | 3 | 2 | 1 | |
| Dritt tal-kumpanniji | 2 | 5 | 1 | 1 | 3 |
| Dritt Istituzzjonali | 2 | 1 | 1 | | |
| Ambjent u Konsumaturi | 7 | 6 | 5 | | 1 |
| Politika kummerċjali | 1 | 1 | 1 | | |
| Politika soċjali | 1 | | | | |
| Riċerka, informazzjoni, edukazzjoni, statistiċi | 1 | | | | |
| Trasport | 1 | 1 | 1 | | |
| **Total Trattat KE** | **25** | **22** | **16** | **2** | **4** |
| Regolamenti tal-Persunal | | 2 | 1 | | 1 |
| **TOTAL ĠENERALI** | **25** | **24** | **17** | **2** | **5** |

## 14. *Diversi* – Proċeduri Mħaffa (2001-2006)



| | 2001 | | | | 2002 | | | | 2003 | | | | 2004 | | | | 2005 | | | | 2006 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Ġodda** | **Eżitu tal-proċeduri** | | | **Ġodda** | **Eżitu tal-proċeduri** | | | **Ġodda** | **Eżitu tal-proċeduri** | | | **Ġodda** | **Eżitu tal-proċeduri** | | | **Ġodda** | **Eżitu tal-proċeduri** | | | **Ġodda** | **Eżitu tal-proċeduri** | | |
| | | Ammessi | Miċħuda | Mingħajr tkomplija | | Ammessi | Miċħuda | Mingħajr tkomplija | | Ammessi | Miċħuda | Mingħajr tkomplija | | Ammessi | Miċħuda | Mingħajr tkomplija | | Ammessi | Miċħuda | Mingħajr tkomplija | | Ammessi | Miċħuda | Mingħajr tkomplija |
| Adeżjoni ta' Stati ġodda | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Agrikoltura | | | | | 1 | | | | 1 | | 2 | | | | | | 2 | | | | 2 | 1 | 3 | |
| Għajnuna mogħtija mill-Istat | 3 | 2 | | | 2 | | 3 | | 3 | | 2 | 1 | | | | | | | | | 1 | | | |
| Kompetizzjoni | 1 | | | | 15 | 13 | 2 | 1 | 1 | | 1 | | 3 | | | | 2 | 3 | 2 | | 4 | 2 | 2 | |
| Dritt tal-kumpanniji | | | | | | | | | | | | | 4 | 1 | 2 | | 3 | 2 | 1 | 1 | | | | |
| Dritt Istituzzjonali | 3 | | 1 | 1 | 2 | | 3 | | 5 | | 4 | | 1 | | 2 | | 1 | | 1 | | | | | |
| Ambjent u Konsumaturi | | | | | | | | | 1 | | 1 | | 1 | | 1 | | 2 | 1 | | 1 | 3 | 1 | 1 | |
| Moviment liberu tal-persuni | | | | | | | | | | | | | 1 | | | 1 | | | | | | | | |
| Politika kummerċjali | 1 | | 1 | | 1 | | 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Politika tas-sajd | | | | | | | | | | | | | 1 | 1 | | | | | | | | | | |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | 1 | | | | | | 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Riċerka, informazzjoni, edukazzjoni, statistiċi | | | | | 1 | | | | | | | 1 | | | | | | | | | | | | |
| Relazzjonijiet barranin | | | | | 1 | 1 | | | 1 | | 1 | | | | | | | | | | | | | |
| Riżorsi proprji tal-Komunitajiet | | | | | | | | | | | | | | | | | 2 | | | | | | | 2 |
| Regolamenti tal-Persunal | 3 | | 3 | | 2 | | 1 | 1 | | | | | 1 | | 1 | | | | | | | | | |
| Trasport | | | | | | | | | | | | | 1 | | | 1 | | | | | | | | |
| **Total** | **12** | 2 | 5 | 1 | **25** | 14 | 11 | 2 | **12** | 0 | 11 | 2 | **13** | 2 | 6 | 2 | **12** | 6 | 4 | 2 | **10** | 4 | 6 | 2 |

It-trattazzjoni ta' kawża quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza permezz tal-proċedura mħaffa tista' tiġi awtorizzata abbażi ta' l-Artikolu 76a tar-Regoli tal-Proċedura. Din id-dispożizzjoni ilha applikabbli mill-1 ta' Frar 2001.

Il-każijiet segwenti jaqgħu fil-kategorija ""mingħajr tkomplija"": l-irtirar tat-talba, ir-rinunzja għall-atti u l-kawżi li fihom ir-rikors huwa deċiż permezz ta' digriet saħansitra qabel ma tittieħed deċiżjoni fuq it-talba għal proċedura mħaffa.

## 15. *Diversi* – Deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza li kienu s-suġġett ta' appell (1989-2006)




| | Numru ta' deċiżjonijiet li kienu s-suġġett ta' appell | Total tad-deċiżjonijiet kontestabbli[1] | Perċentwali ta' deċiżjonijiet li kienu s-suġġett ta' appell |
|---|---|---|---|
| **1989** | | | |
| **1990** | 16 | 46 | 35 % |
| **1991** | 13 | 62 | 21 % |
| **1992** | 24 | 86 | 28 % |
| **1993** | 17 | 73 | 23 % |
| **1994** | 12 | 105 | 11 % |
| **1995** | 47 | 142 | 33 % |
| **1996** | 27 | 133 | 20 % |
| **1997** | 35 | 139 | 25 % |
| **1998** | 67 | 214 | 31 % |
| **1999** | 60 | 178 | 34 % |
| **2000** | 68 | 215 | 32 % |
| **2001** | 69 | 214 | 32 % |
| **2002** | 47 | 212 | 22 % |
| **2003** | 67 | 254 | 26 % |
| **2004** | 53 | 241 | 22 % |
| **2005** | 64 | 272 | 24 % |
| **2006** | 77 | 265 | 29 % |

[1] Total ta' deċiżjonijiet kontestabbli – sentenzi u digrieti ta' inammissibbiltà, dwar proċeduri sommarji, ta' proċeduri konklużi għax ma kienx hemm lok li tittieħed deċiżjoni u ta' ċaħda ta' intervent – li t-terminu għall-appell tagħhom skada jew li tressaq appell kontrihom.

## 16. *Diversi* – Tqassim ta' l-appelli skond in-natura tal-proċeduri (1989-2006)

| | 1989 | | | 1990 | | | 1991 | | | 1992 | | | 1993 | | | 1994 | | | 1995 | | | 1996 | | | 1997 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Appelli | Deċiżjonijiet kontestabbli | % ta' appelli | Appelli | Deċiżjonijiet kontestabbli | % ta' appelli | Appelli | Deċiżjonijiet kontestabbli | % ta' appelli | Appelli | Deċiżjonijiet kontestabbli | % ta' appelli | Appelli | Deċiżjonijiet kontestabbli | % ta' appelli | Appelli | Deċiżjonijiet kontestabbli | % ta' appelli | Appelli | Deċiżjonijiet kontestabbli | % ta' appelli | Appelli | Deċiżjonijiet kontestabbli | % ta' appelli | Appelli | Deċiżjonijiet kontestabbli | % ta' appelli |
| Rikorsi oħra | | | | 2 | 8 | 25 % | 5 | 16 | 31 % | 15 | 31 | 48 % | 6 | 17 | 35 % | 7 | 44 | 16 % | 38 | 91 | 42 % | 15 | 59 | 25 % | 22 | 86 | 26 % |
| Proprjetà intellettwali | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Funzjoni pubblika | | | | 14 | 38 | 37 % | 8 | 46 | 17 % | 8 | 54 | 15 % | 10 | 55 | 18 % | 5 | 61 | 8 % | 9 | 51 | 18 % | 12 | 74 | 16 % | 13 | 53 | 25 % |
| Subtotal | | | | 16 | 46 | 35 % | 13 | 62 | 21 % | 23 | 85 | 27 % | 16 | 72 | 22 % | 12 | 105 | 11 % | 47 | 142 | 33 % | 27 | 133 | 20 % | 35 | 139 | 25 % |
| Proċeduri partikolari | | | | | | | | | | 1 | 1 | 100 % | 1 | 1 | 100 % | | | | | | | | | | | | |
| **Total** | | | | 16 | 46 | 35 % | 13 | 62 | 21 % | 24 | 86 | 28 % | 17 | 73 | 23 % | 12 | 105 | 11 % | 47 | 142 | 33 % | 27 | 133 | 20 % | 35 | 139 | 25 % |

| | 1998 | | | 1999 | | | 2000 | | | 2001 | | | 2002 | | | 2003 | | | 2004 | | | 2005 | | | 2006 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Appelli | Deċiżjonijiet kontestabbli | % ta' appelli | Appelli | Deċiżjonijiet kontestabbli | % ta' appelli | Appelli | Deċiżjonijiet kontestabbli | % ta' appelli | Appelli | Deċiżjonijiet kontestabbli | % ta' appelli | Appelli | Deċiżjonijiet kontestabbli | % ta' appelli | Appelli | Deċiżjonijiet kontestabbli | % ta' appelli | Appelli | Deċiżjonijiet kontestabbli | % ta' appelli | Appelli | Deċiżjonijiet kontestabbli | % ta' appelli | Appelli | Deċiżjonijiet kontestabbli | % ta' appelli |
| Rikorsi oħra | 48 | 120 | 40 % | 45 | 118 | 38 % | 58 | 132 | 44 % | 40 | 115 | 35 % | 32 | 134 | 24 % | 51 | 134 | 38 % | 41 | 114 | 36 % | 37 | 120 | 31 % | 46 | 146 | 32 % |
| Proprjetà intellettwali | | | | 1 | 1 | 100 % | 1 | 7 | 14 % | 13 | 25 | 52 % | 6 | 20 | 30 % | 7 | 33 | 21 % | 7 | 45 | 16 % | 16 | 71 | 23 % | 18 | 59 | 31 % |
| Funzjoni pubblika | 18 | 93 | 19 % | 14 | 59 | 24 % | 8 | 75 | 11 % | 15 | 73 | 21 % | 9 | 58 | 16 % | 9 | 87 | 10 % | 5 | 82 | 6 % | 11 | 81 | 14 % | 13 | 60 | 22 % |
| Subtotal | 66 | 213 | 31 % | 60 | 178 | 34 % | 67 | 214 | 31 % | 68 | 213 | 32 % | 47 | 212 | 22 % | 67 | 254 | 26 % | 53 | 241 | 22 % | 64 | 272 | 24 % | 77 | 265 | 29 % |
| Proċeduri partikolari | 1 | 1 | 100 % | | | | 1 | 1 | 100 % | 1 | 1 | 100 % | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Total** | 67 | 214 | 31 % | 60 | 178 | 34 % | 68 | 215 | 32 % | 69 | 214 | 32 % | 47 | 212 | 22 % | 67 | 254 | 26 % | 53 | 241 | 22 % | 64 | 272 | 24 % | 77 | 265 | 29 % |

## 17. *Diversi* – Eżitu ta' l-appelli (2006)
(sentenzi u digrieti)

| | Appell miċħud | Annullament totali jew parzjali mingħajr rinviju | Annullament totali jew parzjali b'rinviju | Tħassir mir-reġistru/ deċiżjoni li m'hemmx lok li tittieħed deċiżjoni | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| Agrikoltura | 3 | | 1 | | 4 |
| Ambjent u Konsumaturi | 1 | | | | 1 |
| Approssimazzjoni tal-liġijiet | 1 | | | | 1 |
| Dritt Istituzzjonali | 5 | | | | 5 |
| Għajnuna mogħtija mill-Istat | 3 | | | | 3 |
| Ġustizzja u Affarijiet Interni | 1 | | | | 1 |
| Kompetizzjoni | 10 | 5 | | 1 | 16 |
| Moviment liberu tal-persuni | 1 | | | | 1 |
| Politika reġjonali | 1 | | | | 1 |
| Politika soċjali | 4 | | | | 4 |
| Libertà li jiġu pprovduti servizzi | 1 | | | | 1 |
| Proċedura | | | | 1 | 1 |
| Proprjetà intellettwali | 12 | | | 2 | 14 |
| Regolamenti tal-Persunal | 6 | 3 | | 1 | 10 |
| Relazzjonijiet barranin | 1 | | | | 1 |
| Unjoni doganali | 1 | | | | 1 |
| **Total** | **51** | **8** | **1** | **5** | **65** |

# 18. *Diversi* – Żvilupp Ġenerali (1989-2006)

## Kawżi ġodda, magħluqa, pendenti

| | Kawżi ġodda[1] | Kawżi magħluqa[2] | Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru |
|---|---|---|---|
| **1989** | 169 | 1 | 168 |
| **1990** | 59 | 82 | 145 |
| **1991** | 95 | 67 | 173 |
| **1992** | 123 | 125 | 171 |
| **1993** | 596 | 106 | 661 |
| **1994** | 409 | 442 | 628 |
| **1995** | 253 | 265 | 616 |
| **1996** | 229 | 186 | 659 |
| **1997** | 644 | 186 | 1 117 |
| **1998** | 238 | 348 | 1 007 |
| **1999** | 384 | 659 | 732 |
| **2000** | 398 | 343 | 787 |
| **2001** | 345 | 340 | 792 |
| **2002** | 411 | 331 | 872 |
| **2003** | 466 | 339 | 999 |
| **2004** | 536 | 361 | 1 174 |
| **2005** | 469 | 610 | 1 033 |
| **2006** | 432 | 436 | 1 029 |
| **Total** | **6 256** | **5 227** | |

1 1989: il-Qorti tal-Ġustizzja rrinvijat 153 kawża lill-Qorti tal-Prim'Istanza li kienet għadha kemm twaqqfet.

1993: il-Qorti tal-Ġustizzja rrinvijat 451 kawża minħabba l-ewwel żieda fil-kompetenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza.

1994: il-Qorti tal-Ġustizzja rrinvijat 14-il kawża minħabba t-tieni żieda fil-kompetenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza.

2004/2005: il-Qorti tal-Ġustizzja rrinvijat 25 kawża minħabba t-tielet żieda fil-kompetenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza.

2 2005-2006: il-Qorti tal-Prim'Istanza rrinvijat 118-il kawża lit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku li kien għadu kemm twaqqaf.




# Kapitolu III

## It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea

## A – Attività tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fl-2006

Mill-President Paul J. Mahoney

Is-sena 2006 tikkostitwixxi l-ewwel sena sħiħa ta' ħidma tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea.

Matul din is-sena, it-Tribunal iddedika parti kbira mill-attività tiegħu għat-tkomplija tax-xogħol ta' tfassil ta' l-abbozz tar-Regoli tal-Proċedura, li kien inbeda matul l-ewwel xhur ta' l-eżistenza tiegħu fl-2005. L-abbozz li rriżulta mir-riflessjonijiet u l-konsultazzjonijiet[1] li saru mit-Tribunal, wara fażi ta' kollaborazzjoni mal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej u bi qbil mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, ġie ppreżentat lill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea fid-19 ta' Diċembru 2006 għall-approvazzjoni tiegħu. B'hekk, it-Tribunal x'aktarx għandu jkollu r-Regoli tal-Proċedura proprji tiegħu mit-tieni nofs tas-sena 2007.

Fir-rigward tal-parti ġudizzjarja ta' l-attività tat-Tribunal, l-istatistika turi li ġew ippreżentati 148 rikors quddiem dan ta' l-aħħar, figura li turi tnaqqis żgħir fil-volum meta mqabbla man-numru ta' rikorsi ppreżentati fil-qasam tas-servizz pubbliku fis-sena 2005, li matulha kienu ġew ippreżentati 164 rikors (151 quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza u 13 quddiem it-Tribunal matul il-perijodu bejn it-12 u l-31 ta' Diċembru 2005). Minn mindu nħoloq, tressqu direttament quddiem it-Tribunal 161 kawża, li magħhom għandhom jiżdiedu l-118-il kawża ttrasferiti mill-Qorti tal-Prim'Istanza. Għaldaqstant, minn mindu beda jopera t-Tribunal, tressqu quddiemu 297 kawża.

Fl-2006, ingħalqu 53 kawża. 2 minnhom ingħalqu permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Plenarja. Għandu jiġi osservat li r-ritmu ta' l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet li jtemmu l-proċedimenti tħaffef b'mod kunsiderevoli fit-tieni parti tas-sena, hekk kif spiċċat il-proċedura bil-miktub fil-kawżi ttrasferiti mill-Qorti tal-Prim'Istanza. Barra minn hekk, jista' jiġi osservat numru proporzjonalment pjuttost kbir ta' annullamenti, peress li ngħataw 10 sentenzi f'dan is-sens. 10 deċiżjonijiet tat-Tribunal ġew appellati quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza.

Għandu jiġi rrilevat li numru kbir ta' kawżi ġew sospiżi permezz ta' digrieti adottati skond l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 8(3) ta' l-Anness I ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari sakemm tingħata d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-kawżi Centeno Mediavilla *et* vs Il-Kummissjoni, T-58/05 u Angé Serrano *et* vs Il-Parlament, T-47/05, dwar il-klassifikazzjoni/il-klassifkazzjoni mill-ġdid fi grad wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti tal-Persunal ta' l-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej il-ġodda. B'hekk, fl-2006, it-Tribunal ta 68 digriet ta' sospensjoni.

L-ewwel sena ta' attività ġudizzjarja tat-Tribunal ġiet ikkaratterizzata wkoll mill-isforzi ta' dan ta' l-aħħar sabiex iwieġeb għall-istedina tal-Kunsill, espressa fis-seba' premessa tad-

[1] Fil-kuntest tat-*travaux préparatoires* tiegħu, it-Tribunal ikkonsulta, b'mod partikolari lil rappreżentanti ta' l-istituzzjonijiet, tal-kumitati tal-persunal u tas-sindakati. Għal dan il-għan, ġiet organizzata laqgħa mal-kapijiet ta' l-amministrazzjoni fis-26 ta' Jannar 2006. Din ġiet segwita, fit-8 ta' Frar 2006, minn laqgħa ma' l-organizzazzjonijiet sindakali u professjonali, flimkien ma' l-avukati tagħhom.

Deċiżjoni tiegħu 2004/752/KE u riprodotta fl-Artikolu 7(4) ta' l-Anness I ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, li tiġi ffaċilitata s-soluzzjoni bonarja tal-kawżi f'kull stadju tal-proċedura. B'hekk, f'diversi kawżi, l-Imħallfin Relaturi ppproponew soluzzjoni bonarja li l-partijiet ġew mistiedna jikkunsidraw. 4 kawżi setgħu jingħalqu permezz ta' digrieti ta' tħassir li kkonstataw ftehim milħuq bejn il-partijiet, bħala riżultat ta' soluzzjoni bonarja mibdija mit-Tribunal.

Huwa bla dubju prematur, f'dan l-istadju, li ssir evalwazzjoni tal-prassi tas-soluzzjoni bonarja jew li tiġi dedotta tendenza ġurisprudenzjali li tista' tiġi attribwita lit-Tribunal biss. L-iżviluppi li ser jissemmew se jagħtu biss spjegazzjoni qasira tad-deċiżjonijiet prinċipali mogħtija mit-Tribunal, u mbagħad se jiġu ttrattati ċerti aspetti ġenerali tal-proċedura (I), il-proċeduri kontenzjużi dwar il-legalità (II), it-talbiet għal miżuri provviżorji (III) u fl-aħħar it-talbiet għal għajnuna legali bla ħlas (IV).

## I. *Aspetti ta' proċedura*

Fl-ewwel sentenza tiegħu Falcione vs Il-Kummissjoni, mogħtija mill-Qorti Plenarja fis-26 ta' April 2006[2], it-Tribunal iddeċieda li s-sistema ta' l-ispejjeż applikabbli sakemm jidħlu fis-seħħ ir-Regoli tal-Proċedura proprji tiegħu hija dik tal-Qorti tal-Prim'Istanza u dan, sabiex jiġi ggarantit lill-partijiet prevedibbiltà suffiċjenti fl-applikazzjoni tar-regoli dwar l-ispejjeż ta' l-istanza, abbażi tal-prinċipju ta' l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja.

Żewġ deċiżjonijiet mogħtija abbażi ta' l-Artikolu 8 ta' l-Anness I ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja jistħoqqilhom li jiġu enfasizzati. Fil-kawża Marcuccio vs Il-Kummissjoni[3], it-Tribunal iddeċieda li ma kienx kompetenti, skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 8(3) ta' l-Anness I ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, peress li kkunsidra li din il-kawża kellha l-istess suġġett bħal dak ta' żewġ kawżi pendenti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza. Permezz tad-digriet Gualtieri vs Il-Kummissjoni[4], it-Tribunal iddeċieda li tilwima bejn il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej u espert nazzjonali ssekondat ma tikkostitwixxix tilwima bejn il-Komunità u wieħed mill-aġenti tagħha fis-sens ta' l-Artikolu 236 KE. Għaldaqstant, it-Tribunal ikkunsidra li ma kienx kompetenti jieħu konjizzjoni ta' dan ir-rikors u rrinvijah lill-Qorti tal-Prim'Istanza, abbażi ta' l-Artikolu 8(2) ta' l-Anness I ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja.

2 Sentenza tat-Tribunal tas-26 ta' April 2006, Falcione vs Il-Kummissjoni, F-16/05, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.

3 Digriet tat-Tribunal tal-25 ta' April 2006, Marcuccio vs Il-Kummissjoni, F-109/05, li għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġabra.

4 Digriet tat-Tribunal tad-9 ta' Ottubru 2006, Gualtieri vs Il-Kummissjoni, F-53/06 (bħalissa taħt appell T-413/06 P), li għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġabra.

## II. *Proċeduri kontenzjużi dwar il-legalità*

## A. Ammissibbiltà ta' rikorsi magħmula skond l-Artikoli 236 KE u 152 EA

### 1. Atti li jistgħu jkunu s-suġġett ta' rikors

Fid-digriet Lebedef *et* vs Il-Kummissjoni[5], it-Tribunal speċifika li l-modalitajiet ta' użu ta' l-għodda informatiċi ta' l-amministrazzjoni għal dak li jirrigwarda l-lingwa tas-sistema ta' ġestjoni u tas-softwer tal-kompjuters personali jikkostitwixxu miżuri ta' organizzazzjoni interna tad-dipartiment, li ma jaffettwawx ħażin lil persuna fis-sens ta' l-Artikoli 90(2) u 91(1) tar-Regolamenti tal-Persunal.

### 2. Terminu għall-preżentata tar-rikors

Fis-sentenza Grünheid vs Il-Kummissjoni[6], it-Tribunal, sabiex jiddikjara ammissibbli rikors kontra deċiżjoni ta' klassifikazzjoni definittiva fi grad, ċaħad eċċezzjoni ta' inammissibbiltà bbażata fuq l-allegazzjoni li l-ilment magħmul skond l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal tressaq iktar minn tliet xhur wara li r-rikorrenti saret taf, billi ntbagħtitilha dikjarazzjoni mensisli tal-paga, bl-eżistenza ta' din id-deċiżjoni. F'dan ir-rigward, it-Tribunal iddeċieda li għalkemm in-notifika tad-dikjarazzjoni mensili tal-paga għandha bħala effett li jibdew jiddekorru t-termini għat-tressiq ta' lmenti u ta' rikorsi kontra deċiżjoni amministrattiva meta din id-dikjarazzjoni turi b'mod ċar l-eżistenza u l-portata ta' din id-deċiżjoni, dan ma japplikax għad-deċiżjoni li permezz tagħha l-awtorità tal-ħatra (AIPN) tikklassifika fi grad lil uffiċjal li jkun għadu kemm ġie impjegat b'mod definittiv. Il-portata ta' deċiżjoni bħal din tmur ferm lil hinn mill-iffissar ta' drittijiet strettament pekunjarji bħalma għandha l-għan li tikkonkretizza għal perijodu partikolari dikjarazzjoni tal-paga. Fil-fatt, fin-nuqqas ta' notifika bil-miktub u motivata tad-deċiżjoni ta' klassifikazzjoni definittiva, skond l-Artikolu 25 tar-Regolamenti tal-Persunal, li kieku uffiċjal ikkonċernat kellu jkun obbligat iressaq ilment mhux iktar tard minn tliet xhur wara li jirċievi l-ewwel dikjarazzjoni tal-paga li tindika din il-klassifikazzjoni, dan ikun ifisser li t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 25 u t-tieni u t-tielet paragrafi ta' l-Artikolu 26 tar-Regolamenti tal-Persunal m'għandhom ebda sinjifikat, filwaqt li l-għan tagħhom hu preċiżament li jippermettu lill-uffiċjali jsiru jafu effettivament bid-deċiżjonijiet relattivi għal, b'mod partikolari, is-sitwazzjoni amministrattiva tagħhom u jiddefendu d-drittijiet tagħhom iggarantiti mill-imsemmija Regolamenti.

5 Digriet tat-Tribunal ta' l-14 ta' Ġunju 2006, Lebedef *et* vs Il-Kummissjoni, F-34/05, li għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġabra.

6 Sentenza tat-Tribunal tat-28 ta' Ġunju 2006, Grünheid vs Il-Kummissjoni, F-101/05, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.

Permezz tas-sentenza Combescot vs Il-Kummissjoni[7], it-Tribunal iddeċieda li deċiżjoni esplicita ta' ċaħda ta' lment, adottata fi żmien erba' xhur minn meta tressaq l-ilment, iżda mhux innotifikata qabel l-iskadenza tat-terminu biex tiġi appellata, ma tistax timpedixxi, skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikollu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, li jingħata lok għal deċiżjoni impliċita ta' ċaħda. Fil-fatt, li kieku kellu jiġi kkunsidrat li l-adozzjoni ta' deċiżjoni espliċita ta' ċaħda fi żmien erba' xhur mit-tressiq ta' l-ilment timpedixxi li jingħata lok għal deċiżjoni impliċita meta hija lanqas tkun ġiet innotifikata f'dan it-terminu lill-uffiċjal ikkonċernat, dan ta' l-aħħar ma jkunx jista' jagħmel rikors għal annullament skond l-ewwel frażi tat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 91(3) tar-Regolamenti tal-Persunal. Konsegwenza bħal din tmur kontra l-għan ta' din l-aħħar dispożizzjoni, li hija intiża sabiex tiggarantixxi protezzjoni ġudizzjarja lill-uffiċjali fil-każ ta' inerzja jew silenzju ta' l-amministrazzjoni. B'hekk, deċiżjoni ta' ċaħda adottata iżda mhux innotifikata ma tistax tikkostitwixxi "tweġiba" fis-sens tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal.

Fid-digriet Schmit vs Il-Kummissjoni[8], wara li semma' l-ġurisprudenza li tgħid li, fir-rigward ta' l-ikkalkular tat-terminu għat-tressiq ta' lment kontra att li jaffettwa ħażin lil persuna, l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jiġi interpretat fis-sens li l-imsemmi lment "jitressaq" meta huwa jasal fl-istituzzjoni, it-Tribunal speċifika li, għalkemm il-fatt li amministrazzjoni tistampa timbru ta' reġistrazzjoni fuq dokument li jkun intbagħtilha ma jippermettix li tiġi attribwita data ċerta għall-preżentata ta' dan id-dokument, min-naħa l-oħra dan it-timbru huwa mezz, li jagħmel parti mill-ġestjoni amministrattiva tajba, ta' ħolqien ta' preżunzjoni, sakemm ma jiġix ippruvat xort'oħra, li l-imsemmi dokument waslilha fid-data indikata. Fil-każ ta' kontestazzjoni, huwa f'idejn l-uffiċjal li jippreżenta kwalunkwe prova, bħal riċevuta maħruġa mill-amministrazzjoni jew dikjarazzjoni ta' riċevuta ta' ittra mibgħuta bil-posta rreġistrata, li tista' taqleb il-preżunzjoni maħluqa mit-timbru ta' reġistrazzjoni u li tista' b'hekk tistabbilixxi li l-ilment effettivament tressaq f'data oħra.

## B. Fuq il-mertu

B'mod preliminari, għandha tiġi enfasizzata d-diversità tal-kwistjonijiet li tressqu quddiem it-Tribunal. B'hekk, dan ta' l-aħħar eżamina b'mod partikolari l-konsegwenzi tal-qlib għall-Euro għad-drittijiet għal pensjoni ta' l-uffiċjali, meta dawn ta' l-aħħar jittrasferixxu drittijiet miksuba minn sistema nazzjonali ta' rtirar lis-sistema Komunitarja[9], il-kriterji skond liema ċerti ufficjali jistgħu, skond l-Artikolu 9(2) ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, jiksbu pensjoni minn qabel mingħajr ma titnaqqas il-pensjoni tagħhom[10], każ ta' għoti *ex*

7 Sentenza tat-Tribunal tad-19 ta' Ottubru 2006, Combescot vs Il-Kummissjoni, F-114/05 (bħalissa taħt appell T-414/06 P), li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.

8 Digriet tat-Tribunal tal-15 ta' Mejju 2006, Schmit vs Il-Kummissjoni, F-3/05, li għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġabra.

9 Sentenza tat-Tribunal ta' l-14 ta' Novembru 2006, Chatziioannidou vs Il-Kummissjoni, F-100/05, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.

10 Sentenza tat-Tribunal tat-12 ta' Settembru 2006, De Soeten vs Il-Kunsill, F-86/05, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.

*officio* ta' *leave* għal raġunijiet psikjatriċi lil uffiċjal tal-Kummissjoni[11], diversi kawżi dwar ir-rikonoxximent tan-natura professjonali ta' marda[12], id-dispożizzjonijiet finanzjarji tal-konvenzjoni li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tax-xogħol u s-sistema pekunjarja ta' l-aġenti li jaħdmu bħala interpreti[13]. Għandu jiġi rrilevat ukoll li kawża dwar il-ħlas tax-xogħol ta' wara l-ħin lil aġent tal-kategorija A ġiet irrinvijata għas-seduta plenarja, iżda ntemmet billi tħassret minn fuq il-lista wara li ntlaħaq ftehim bejn il-partijiet[14]. Tressqu quddiem it-Tribunal ukoll rikorsi li kkontestaw il-legalità ta' deċiżjonijiet ta' tmiem ta' kuntratti ta' aġenti temporanji[15], ta' deċiżjonijiet ta' Bordijiet ta' l-Għażla ta' kompetizzjonijiet li rrifjutaw li jaċċettaw xi kandidati għall-eżamijiet[16] jew li rrifjutaw li jinkludu lil kandidat f'lista ta' riżerva[17], ta' deċiżjonijiet meħuda fil-kuntest ta' proċeduri ta' ħatra[18], ta' rapporti ta' evalwazzjoni tal-karriera[19], kif ukoll ta' deċiżjonijiet ta' nuqqas ta' promozzjoni[20]. F'dan il-kuntest, 2 sentenzi mogħtija mit-Tribunal jistħoqqilhom li jingħataw attenzjoni partikolari.

Permezz tas-sentenza Landgren vs ETF[21], mogħtija mill-Qorti Plenarja, it-Tribunal iddeċieda li t-tmiem unilaterali ta' kuntratt ta' aġent temporanju għal żmien indeterminat mhuwiex sempliċement suġġett għall-osservanza ta' l-avviż imsemmi fl-Artikolu 47(2) tar-regoli applikabbli għall-aġenti l-oħra, iżda għandu jkun ukoll motivat. Fil-fatt, sabiex tiġi ggarantita protezzjoni suffiċjenti kontra t-tkeċċija inġustifikata, b'mod partikolari meta jkun hemm kuntratt għal żmien indeterminat jew meta, fir-rigward ta' kuntratt għal żmien determinat, it-tkeċċija sseħħ qabel ma jiskadi l-kuntratt, huwa importanti, minn naħa, li l-persuni kkonċernati jingħataw il-possibbiltà jivverifikaw jekk l-interessi leġittimi tagħhom ġewx irrispettati jew leżi kif ukoll jevalwaw il-possibbiltà li jiftħu kawża u, min-naħa l-oħra, li l-qorti tingħata l-possibbiltà teżerċita l-istħarriġ tagħha, li jfisser li qed tiġi rrikonoxxuta

11 Sentenza tat-Tribunal tat-13 ta' Diċembru 2006, De Brito Sequeira Carvalho vs Il-Kummissjoni, F-17/05, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.

12 Ara b'mod partikolari s-sentenza tat-Tribunal tat-12 ta' Lulju 2006, D vs Il-Kummissjoni, F-18/05 (bħalissa taħt appell T-262/06 P), li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.

13 Sentenza tat-Tribunal ta' l-14 ta' Diċembru 2006, André vs Il-Kummissjoni, F-10/06, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.

14 Digriet tat-Tribunal tat-13 ta' Lulju 2006, Lacombe vs Il-Kunsill, F-9/05, li għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġabra.

15 Ara b'mod partikolari s-sentenzi tat-Tribunal tas-26 ta' Ottubru 2006, Landgren vs ETF, F-1/05 (bħalissa taħt appell T-404/06 P), li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra, u ta' l-14 ta' Diċembru 2006, Kubanski vs Il-Kummissjoni, F-88/05, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.

16 Sentenza tat-Tribunal tal-15 ta' Ġunju 2006, Mc Sweeney u Armstrong vs Il-Kummissjoni, F-25/05, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.

17 Sentenza tat-Tribunal tat-13 ta' Diċembru 2006, Neophytou vs Il-Kummissjoni, F-22/05, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.

18 Sentenza tat-Tribunal ta' l-14 ta' Diċembru 2006, Economidis vs Il-Kummissjoni, F-122/05, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.

19 Ara b'mod partikolari s-sentenza tat-Tribunal ta' l-14 ta' Diċembru 2006, Caldarone vs Il-Kummissjoni, F-74/05, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.

20 Ara, per eżempju, is-sentenza tat-Tribunal tat-30 ta' Novembru 2006, Balabanis u Le Dour vs Il-Kummissjoni, F-77/05, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.

21 Sentenza Landgren vs ETF, iċċitata iktar 'il fuq.

l-eżistenza ta' obbligu ta' motivazzjoni impost fuq l-awtorità kompetenti. Ir-rikonoxximent ta' tali obbligu ma jeskludix li l-awtorità kompetenti jkollha diskrezzjoni wiesgħa fil-kamp tat-tkeċċija u li, għaldaqstant, l-istħarriġ tal-qorti Komunitarja huwa limitat għall-verifika tan-nuqqas ta' żball manifest jew ta' abbuż ta' poter. F'dan il-każ, id-deċiżjoni ta' tkeċċija ġiet annullata għax kienet ivvizzjata minn żball manifest ta' evalwazzjoni.

Fis-sentenza Economidis vs Il-Kummissjoni[22], it-Tribunal, fir-rigward tar-reklutaġġ ta' kap ta' unità bil-grad AD 9/AD 12, iddeċieda li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-persunal bi grad intermedjarju, inkwantu hija tippermetti li l-grad li jingħata għall-impjieg jiġi ffissat wara l-eżami kumparattiv ta' l-applikazzjonijiet u b'hekk taffettwa n-natura neċessarjament oġġettiva tal-proċedura, hija illegali.

## III. *Talbiet għal miżuri provviżorji*

Fl-2006, tressqu żewġ talbiet għal miżuri provviżorji. Fil-kawża Bianchi vs ETF[23], it-talba ġiet miċħuda minħabba n-nuqqas ta' urġenza, filwaqt li dik fil-kawża Dálnoky vs Il-Kummissjoni[24] ġiet miċħuda minħabba n-natura manifestament inammissibbli, *prima facie*, tar-rikors prinċipali.

## IV. *Talbiet għal għajnuna legali bla ħlas*

Il-President tat-Tribunal iddeċieda fuq 3 talbiet għal għajnuna legali bla ħlas matul is-sena 2006, li lkoll kienu ġew ippreżentati qabel ma ġie ppreżentat ir-rikors, b'mod konformi mal-possibbiltà mogħtija fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 95(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza, applikabbli *mutatis mutandis*. Dawn it-talbiet ma ntlaqgħux[25].

22 Sentenza Economidis vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq.

23 Digriet tal-President tat-Tribunal tal-31 ta' Mejju 2006, Bianchi vs ETF, F-38/06 R, li għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġabra.

24 Digriet tal-President tat-Tribunal ta' l-14 ta' Diċembru 2006, Dálnoky vs Il-Kummissjoni, F-120/06 R, li għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġabra.

25 Digriet tal-President tat-Tribunal tas-27 ta' Settembru 2006, Nolan vs Il-Kummissjoni, F-90/06 AJ, li għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġabra.
Digriet tal-President tat-Tribunal ta' l-1 ta' Diċembru 2006, Atanasov vs Il-Kummissjoni, F-101/06 AJ, li għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġabra.
Digriet tal-President tat-Tribunal tal-11 ta' Diċembru 2006, Noworyta vs Il-Parlament, F-128/06 AJ, li għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġabra.

## B – Kompożizzjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku



(Ordni protokollari fl-1 ta' Jannar 2006)

*Mix-xellug għal-lemin:*

L-Imħallef H. Tagaras; L-Imħallef I. Boruta; Il-President ta' Awla H. Kreppel; Il-President tat-Tribunal P. Mahoney; Il-President ta' Awla S. Van Raepenbusch; L-Imħallef H. Kanninen; L-Imħallef S. Gervasoni; Ir-Reġistratur W. Hakenberg.

# 1. Membri tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku

*(skond l-ordni tad-dħul fil-kariga)*



**Paul J. Mahoney**

Imwieled fl-1946; Studji fil-liġi (Master of Arts, Università ta' Oxford, 1967; Master of Laws, University College London, 1969); *Lecturer*, University College London (1967-1973); *Barrister* (Londra, 1972-1974); Amministratur, Amministratur Prinċipali mal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (1974-1990); *Visiting Professor* fl-Università ta' Saskatchewan, Saskatoon, Il-Kanada (1988); Kap tal-persunal mal-Kunsill ta' l-Ewropa (1990-1993); Kap ta' Diviżjoni (1993-1995), Deputat Reġistratur (1995-2001), Reġistratur fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (2001-Settembru 2005); President tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mis-6 ta' Ottubru 2005.



**Horstpeter Kreppel**

Imwieled fl-1945; Studji universitarji f'Berlin, fi Munich, fi Frankfurt-am-Main (1966-1972); L-ewwel eżami ta' l-Istat (1972); Taħriġ ta' Maġistrat fi Frankfurt-am-Main (1972-1973 u 1974-1975); Kulleġġ ta' l-Ewropa fi Bruges (1973-1974); It-tieni eżami ta' l-Istat (Frankfurt-am-Main, 1976); Impjegat ma' l-Uffiċċju Federali ta' l-Impjieg u Avukat (1976); Imħallef fit-Tribunal tax-Xogħol (*Land* ta' Hesse, 1977-1993); *Lecturer* fil-Fachhochschule für Sozialarbeit ta' Frankfurt-am-Main u fil-Verwaltungsfachhochschule ta' Wiesbaden (1979-1990); Espert nazzjonali fis-Servizz Legali tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (1993-1996 u 2001-2005); *Attaché* għall-affarijiet soċjali fl-Ambaxxata tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja f'Madrid (1996-2001); Imħallef fit-Tribunal Industrijali ta' Frankfurt-am-Main (Frar-Settembru 2005); Imħallef fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mis-6 ta' Ottubru 2005.



## Irena Boruta

Imwielda fl-1950; Illawrjata fil-liġi mill-Università ta' Wrocław (1972), Dottorat fil-liġi (Łodz 1982); Avukat fil-Qrati tar-Repubblika tal-Polonja (mill-1977); *Visiting researcher* (Università ta' Paris X, 1987-1988; Università ta' Nantes, 1993-1994); Esperta ma' "Solidarnosc" (1995-2000); Professur tad-Dritt Industrijali u tad-Dritt Soċjali Ewropew fl-Università ta' Łodz (1997-1998 u 2001-2005), Professur Assoċjat fl-Iskola Superjuri tal-Kummerċ ta' Varsavja (2002), Professur tad-Dritt Industrijali u tad-Dritt tas-Sigurtà Soċjali fl-Università Kardinal Stefan Wyszynski f'Varsavja (2002-2005); Deputat Ministru għax-Xogħol u Affarijiet Soċjali (1998-2001); Membru tal-Kumitat tan-Negozjaturi għall-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Polonja ma' l-Unjoni Ewropea (1998-2001); Rappreżentanta tal-Gvern Pollakk fl-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (1998-2001); Awtriċi ta' diversi kotba fuq id-Dritt Industrijali u fuq id-Dritt Soċjali Ewropew; Imħallef fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mis-6 ta' Ottubru 2005.



## Heikki Kanninen

Imwieled fl-1952; Illawrjat mill-Iskola ta' l-Istudji Kummerċjali Għolja ta' Ħelsinki u mill-Fakultà tal-Liġi ta' l-Università ta' Ħelsinki; *Référendaire* mal-Qorti Amministrattiva Suprema tal-Finlandja; Segretarju Ġenerali tal-Kumitat dwar ir-Riforma tal-Protezzjoni Legali fl-Amministrazzjoni Pubblika; Amministratur Prinċipali mal-Qorti Amministrattiva Suprema; Segretarju Ġenerali tal-Kumitat dwar ir-Riforma tal-Proċedimenti Amministrattivi, Konsulent mad-Direttorat tal-Leġiżlazzjoni fil-Ministeru tal-Ġustizzja; Deputat Reġistratur fil-Qorti ta' l-EFTA; *Référendaire* mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej; Imħallef fil-Qorti Amministrattiva Suprema (1998-2005); Membru tal-Bord ta' l-Appelli għar-Rifuġjati; Viċi-President tal-Kumitat dwar l-Iżvilupp ta' l-Istituzzjonijiet Ġudizzjarji Finlandiżi; Imħallef fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mis-6 ta' Ottubru 2005.



### Haris Tagaras

Imwieled fl-1955; Illawrjat fil-liġi (Università ta' Tessaloniki, 1977); Lawrea speċjali fid-Dritt Ewropew (Institut d'études européennes ta' l-Université libre ta' Brussell, 1980); Dottorat fil-liġi (Università ta' Tessaloniki, 1984); Ġurist Lingwist mal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej (1980-1982); Riċerkatur fiċ-Ċentru tad-Dritt Ekonomiku Internazzjonali u Ewropew ta' Tessaloniki (1982-1984); Amministratur mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej u mal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (1986-1990); Professur tad-Dritt Komunitarju, tad-Dritt Internazzjonali Privat u tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Università Panteion ta' Ateni (mill-1990); Konsulent estern għall-Affarijiet Ewropej mal-Ministeru tal-Ġustizzja u Membru tal-Kumitat Permanenti tal-Konvenzjoni ta' Lugano (1991-2004); Membru tal-Kummissjoni Nazzjonali tal-Kompetizzjoni (1999-2005); Membru tal-Kummissjoni Nazzjonali tat-Telekomunikazzjoni u tal-Posta (2000-2002); Avukat fil-Qrati ta' Tessaloniki, Avukat fil-Qorti tal-Kassazzjoni; Membru fundatur ta' l-Unjoni ta' l-Avukati Ewropej (UAE); Membru assoċjat ta' l-Akkademja Internazzjonali tad-Dritt Komparattiv; Imħallef fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mis-6 ta' Ottubru 2005.



### Sean Van Raepenbusch

Imwieled fl-1956; Illawrjat fil-liġi (Université libre ta' Brussell, 1979); Lawrea speċjali fid-Dritt Internazzjonali (Brussell, 1980); Dottorat fil-liġi (1989); Responsabbli mis-servizz legali tas-*Société anonyme du canal et des installations maritimes* ta' Brussell (1979-1984); Uffiċjal mal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (Direttorat Ġenerali ta' l-Affarijiet Soċjali, 1984-1988); Membru tas-Servizz Legali tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (1988-1994); *Référendaire* mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (1994-2005); *Lecturer* fiċ-Ċentru Universitarju ta' Charleroi (Dritt Soċjali Internazzjonali u Ewropew, 1989-1991); fl-Università ta' Mons-Hainaut (Dritt Ewropew, 1991-1997), fl-Università ta' Liège (Dritt tas-Servizz Pubbliku Ewropew, 1989-1991; Dritt Istituzzjonali ta' l-Unjoni Ewropea, 1995-2005; Dritt Soċjali Ewropew, 2004-2005); Diversi pubblikazzjonijiet fil-qasam tad-Dritt Soċjali Ewropew u tad-Dritt Kostituzzjonali ta' l-Unjoni Ewropea; Imħallef fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mis-6 ta' Ottubru 2005.



### Stéphane Gervasoni

Imwieled fl-1967; Illawrjat mill-Istitut ta' Studji Politiċi ta' Grenoble (1988) u mill-Iskola Nazzjonali ta' Amministrazzjoni (1993); Membru tal-Kunsill ta' l-Istat Franċiż (Sezzjoni tal-Kontenzjuż, 1993-1997, Sezzjoni Soċjali, 1996-1997; Relatur mill-1996); *Lecturer* fl-Istitut ta' Studji Politiċi ta' Pariġi (1993-1995); *Commissaire du gouvernement* mal-Kummissjoni speċjali ta' l-Appell għall-pensjonijiet (1994-1996); Konsulent legali mal-Ministeru tas-Servizz Pubbliku u mal-belt ta' Pariġi (1995-1997); Segretarju Ġenerali tal-Prefettura tad-Dipartiment ta' Yonne, Deputat Prefett tad-Distrett ta' Auxerre (1997-1999), Segretarju Ġenerali tal-Prefettura tad-Dipartiment ta' Savoie, Deputat Prefett tad-Distrett ta' Chambéry (1999-2001); *Référendaire* mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (Settembru 2001-Settembru 2005); Membru titulari tal-Bord ta' l-Appell tan-NATO (2001-2005); Imħallef fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mis-6 ta' Ottubru 2005.



### Waltraud Hakenberg

Imwielda fl-1955; Studji fil-liġi f'Regensburg u f'Ġinevra (1974-1979); L-ewwel eżami ta' l-Istat (1979); studji post-universitarji fid-Dritt Komunitarju fil-Kulleġġ ta' l-Ewropa fi Bruges (1979-1980); Taħriġ ta' Maġistrat f'Regensburg (1980-1983); Dottorat fil-liġi (1982); It-tieni eżami ta' l-Istat (1983); Avukat fi Munich u f'Pariġi (1983-1989); Uffiċjal mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (1990-2005); *Référendaire* mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (Uffiċċju ta' l-Imħallef Jann, 1995-2005); Attivitajiet ta' tagħlim f'diversi universitajiet fil-Ġermanja, fl-Awstrija, fl-Iżvizzera u fir-Russja; Professur Onorarju fl-Università tas-Saarland (mill-1999); Membru ta' diversi kumitati, assoċjazzjonijiet u bordijiet ġuridiċi; Diversi pubblikazzjonijiet fil-qasam tad-Dritt Komunitarju u tal-Ġurisprudenza Komunitarja; Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mit-30 ta' Novembru 2005.

## 2. Ordnijiet protokollari

### mill-1 ta' Jannar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006

P. Mahoney, President tat-Tribunal
H. Kreppel, President ta' Awla
S. Van Raepenbusch, President ta' Awla
I. Boruta, Imħallef
H. Kanninen, Imħallef
H. Tagaras, Imħallef
S. Gervasoni, Imħallef
W. Hakenberg, Reġistratur

# C – Statistika ġudizzjarja tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku

***Attività ġenerali tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku***

1. Kawżi magħluqa, ippreżentati, pendenti (2005-2006)

***Kawżi ppreżentati***

2. Perċentwali tan-numru ta' kawżi għal kull istituzzjoni konvenuta prinċipali
3. Lingwa tal-kawża
4. Numru ta' rikorrenti (2005-2006)

***Kawżi magħluqa***

5. Eżitu tad-deċiżjoni
6. Sentenzi u digrieti – kulleġġ ġudikanti

## 1. *Attività ġenerali tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku –* Kawżi ġodda, magħluqa, pendenti (2005-2006)




| | **2005**[1] | **2006** |
|---|---|---|
| Kawżi ġodda | 130 | 148 |
| Kawżi magħluqa | 0 | 53 |
| Kawżi pendenti | 130 | 225 |

[1] It-Tribunal ġie stabbilit permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/752/KE, Euratom tat-2 ta' Novembru 2004 li tistabbilixxi t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea (ĠU L 333, p. 7).

L-attività ġudizzjarja proprja tiegħu bdiet fit-12 ta' Diċembru 2005, id-data tal-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea tad-deċiżjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, tat-2 ta' Diċembru 2005, li tikkonstata li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ġie kkostitwit skond il-liġi (ĠU L 325, p. 2).

F'għeluq tas-sena 2005, 117-il kawża ġew ittrasferiti mill-Qorti tal-Prim'Istanza (QPI) lit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (TSP) u 13-il kawża tressqu direttament quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

## 2. *Kawżi ġodda* - Perċentwali tan-numru ta' kawżi għal kull istituzzjoni bħala konvenuta prinċipali

**Perċentwali tan-numru ta' kawżi ġodda**




| | Perċentwali tan-numru ta' kawżi ġodda | Perċentwali tal-persunal kollu għal kull istituzzjoni[1] |
|---|---|---|
| Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej | 75 %[2] | 62,9 % |
| Il-Parlament Ewropew | 7,1 % | 15,0 % |
| Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea | 6,1 % | 8,9 % |
| Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej | 3,6 % | 4,5 % |
| Il-Bank Ċentrali Ewropew | 1,1 % | 3,5 % |
| Il-Qorti ta' l-Awdituri tal-Komunitajiet Ewropej | 1,8 % | 2,0 % |
| Istituzzjonijiet u aġenziji Ewropej oħrajn | 5,4 % | 3,1 % |
| **Total** | **100,0 %** | **100,0 %** |

[1] Sors ta' informazzjoni: http://eur-lex.europa.eu/budget/data/D2006_VOL1/MT/nmc-grseqAP2000182/index.html

[2] Din il-perċentwali tinkludi wkoll il-kawżi kontra l-EPSO (l-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal, li hu anness mal-Kummissjoni fuq livell organizzattiv), jiġifieri rikorsi mressqa minn kandidati fi proċeduri ta' selezzjoni. Għaldaqstant, huma persuni li (għadhom) ma jagħmlux parti mill-persunal ta' l-istituzzjonijiet.

## 3. *Kawżi ġodda* - Lingwa tal-kawża




| Lingwa tal-kawża | Numru ta' kawżi |
|---|---|
| L-Ispanjol | 2 |
| Id-Daniż | 1 |
| Il-Ġermaniż | 6 |
| Il-Grieg | 5 |
| L-Ingliż | 13 |
| Il-Franċiż | 225 |
| It-Taljan | 14 |
| L-Ungeriż | 2 |
| L-Olandiż | 8 |
| Is-Sloven | 1 |
| Il-Finlandiż | 1 |
| **Total** | **278** |

Il-lingwa tal-kawża tirrifletti l-lingwa li biha tressqet l-kawża u mhux il-lingwa materna jew in-nazzjonalità tar-rikorrent.

# 4. *Kawżi ġodda* - Numru ta' rikorrenti - 2005-2006

### Kawżi ġodda li fihom l-ikbar numru ta' rikorrenti f'kawża waħda

| Numru ta' rikorrenti għal kull kawża[1] | Oqsma[2] |
|---|---|
| 484 | Regolamenti tal-Persunal - Pensjoni - Trasferiment tad-drittijiet tal-pensjoni miksuba fil-Belġju |
| 483 | Regolamenti tal-Persunal - Pensjoni - Trasferiment tad-drittijiet tal-pensjoni miksuba fil-Belġju |
| 309 | Regolamenti tal-Persunal - Pensjoni - Applikazzjoni tal-koeffiċjent korrettur ikkalkulat skond l-għoli medju tal-ħajja fil-pajjiż ta' residenza |
| 164 | Regolamenti tal-Persunal - Pensjoni - Trasferiment tad-drittijiet tal-pensjoni miksuba fil-Belġju |
| 164 | Regolamenti tal-Persunal - Pensjoni - Trasferiment tad-drittijiet tal-pensjoni miksuba fil-Belġju |
| 143 | Regolamenti tal-Persunal - Nomini - Kandidati mniżżla fuq lista ta' riżerva qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti tal-Persunal il-ġodda |
| 59 | Regolamenti tal-Persunal - Promozzjoni - Eżerċizzju ta' promozzjoni 2005 - Gradi addizzjonali previsti fir-Regolamenti tal-Persunal il-ġodda |
| 36 | Regolamenti tal-Persunal - Promozzjoni - Eżerċizzju ta' promozzjoni 2005 - Gradi addizzjonali previsti fir-Regolamenti tal-Persunal il-ġodda |
| 29 | Regolamenti tal-Persunal - Nomini - Kandidati mniżżla fuq lista ta' riżerva qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti tal-Persunal il-ġodda |
| 21 | Regolamenti tal-Persunal - Ħaddiema b'kuntratt - Reviżjoni tal-klassifikazzjoni u tar-remunerazzjoni |

### Numru totali ta' rikorrenti għall-kawżi ġodda kollha

| Total ta' rikorrenti | Total ta' kawżi ġodda |
|---|---|
| 2 403 | 278 |

1 Ir-rikorrenti li jkunu ressqu diversi rikorsi ġew magħduda għal kull rikors imressaq.

2 F'dan li ġej, il-kliem "Regolament tal-Persunal" jirreferu għar-Regolamenti tal-Persunal ta' l-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kundizzjonijiet ta' l-Impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej.

## 5. *Kawżi magħluqa* – Eżitu tal-proċedura[1]

| Regolamenti tal-Persunal ta' l-uffiċjali u l-Kundizzjonijiet ta' l-Impjieg ta' ħaddiema oħra ta' l-istituzzjonijiet | Sentenzi Eżitu tal-proċedura | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Annullament tad-deċiżjoni jew kundanna tal-konvenuta | Ċaħda tar-rikors | Digrieti (rikorsi inammissibbli jew manifestament inammissibbli jew infondati) | Ftehim bonarju wara l-intervent tat-TSP | Tħassir minħabba raġuni oħra | Rinviju quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku | Total |
| Inkarigu / Inkarigu ġdid | | 1 | | | | | **1** |
| Remunerazzjoni u benefiċċji | 1 | 2 | 1 | 4 | 3 | | **11** |
| Evalwazzjoni / Promozzjoni | 2 | 1 | 4 | | 2 | | **9** |
| Kompetizzjonijiet | 1 | 2 | | | | | **3** |
| Pensjonijiet u allowances ta' invalidità | 2 | 1 | 2 | | 1 | | **6** |
| Sigurtà soċjali / Mard professjonali / Inċidenti | 1 | 1 | 2 | | | 1 | **5** |
| Terminazzjoni tal-kuntratt ta' ħaddiem | 1 | | | | | | **1** |
| Kundizzjonijiet ta' xogħol | | | 1 | | | | **1** |
| Proċeduri dixxiplinari | | | 1 | | | | **1** |
| Reklutaġġ / Nomina / Klassifikazzjoni fi grad | 2 | 2 | 2 | | 2 | | **8** |
| Kundizzjonijiet ta' xogħol / Leave | 1 | | | | | | **1** |
| Oqsma OĦRAJN minbarra s-servizz pubbliku | | | | | | 1 | **1** |
| **Total** | **11** | **10** | **13** | **4** | **8** | **2** | **48 *** |

[1] Għandhom jingħaddu ma' dan l-ammont 3 kawżi magħluqa fil-qasam ta' għajnuna ġudizzjarja kif ukoll 2 digrieti għal proċedura sommarja.

## 6. *Kawżi magħluqa* – Sentenzi u digrieti – kulleġġ ġudikanti




| | Sentenzi | Digrieti li jtemmu l-istanza[1] | Digrieti oħrajn | Total |
|---|---|---|---|---|
| Qorti Plenarja | 2 | 0 | 0 | 2 |
| Awli bi tliet Imħallfin | 19 | 26 | 118 | 163 |
| President | 0 | 6 | 0 | 6 |
| **Total** | **21** | **32** | **118** | **171** |

[1] Digrieti ta' natura ġudizzjarja, li jagħlqu l-kawża, inklużi d-digrieti ta' tħassir wara ftehim bonarju bejn il-partijiet permezz ta' intervent mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (minbarra d-digrieti li jagħlqu l-kawża bi tħassir minħabba raġunijiet oħrajn).



# Kapitolu IV

## Laqgħat u Żjarat

## A – Żjarat uffiċjali u avvenimenti fil-Qorti tal-Ġustizzja, fil-Qorti tal-Prim'Istanza u fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku

| | |
|---|---|
| 16 ta' Jannar | Delegazzjoni tas-"Steering Committee of the European Network of Councils for the Judiciary" (ENCJ) |
| 19 ta' Jannar | L-E.T. Edouard Malayan, Ambaxxatur tal-Federazzjoni tar-Russja għall-Gran Dukat tal-Lussemburgu |
| 26 ta' Jannar | L-E.T. Pavol Šepelák, Ambaxxatur tar-Repubblika Ċeka għall-Gran Dukat tal-Lussemburgu |
| 3 ta' Frar | Is-Sur Acevedo Peralta, avukat u nutar f'El Salvador |
| 6-7 ta' Frar | Delegazzjoni tal-Qorti Suprema tar-Repubblika tal-Litwanja |
| 9 ta' Frar | L-E.T. Mitsuaki Kojima, Ambaxxatur tal-Ġappun għall-Gran Dukat tal-Lussemburgu u s-Sur Hisashi Owada, Imħallef tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja |
| 9 ta' Frar | L-E.T. Konstantin Zhigalov, Ambaxxatur tar-Repubblika tal-Każakastan għar-Renju tal-Belġu u għall-Gran Dukat tal-Lussemburgu |
| 6 ta' Marzu | Is-Sur Nikiforos Diamandouros, Ombudsman Ewropew |
| 9 ta' Marzu | L-E. T. Václav Klaus, President tar-Repubblika Ċeka |
| 13-14 ta' Marzu | Delegazzjoni tas-Centrale Raad van Beroep, ir-Renju ta' l-Olanda |
| 22 ta' Marzu | Is-Sur Andris Guļāns, President tal-Qorti Suprema tar-Repubblika tal-Latvja |
| 3 ta' April | Delegazzjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem |
| 4 ta' Mejju | Delegazzjoni tal-Ministeru tal-Ġustizzja tar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam |
| 15-16 ta' Mejju | Delegazzjoni tat-Tribunal Constitucional tar-Renju ta' Spanja |
| 18 ta' Mejju | Delegazzjoni tal-Parlament tar-Repubblika tal-Litwanja |
| 1 ta' Ġunju | L-E.T. Ann Louise Wagner, Ambaxxatriċi ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika għall-Gran Dukat tal-Lussemburgu |
| 7 ta' Ġunju | Delegazzjoni tal-Caribbean Community Secretariat |
| 12 ta' Ġunju | Is-Sur Günter Gloser, Ministru ta' l-Affarijiet Ewropej, Repubblika Federali tal-Ġermanja |
| 16-17 ta' Ġunju | Ċelebrazzjoni ta' l-20 anniversarju ta' l-Unjoni ta' l-Avukati Ewropej fil-Qorti tal-Ġustizzja |

| | |
|---|---|
| 19-20 ta' Ġunju | Delegazzjoni tal-Parlament Ewropew (Membri tal-Parlament Ungeriżi) |
| 4 ta' Lulju | Is-Sinjura Monika Harms, Generalbundesanwältin beim Bundesgerichtshof |
| 14 ta' Lulju | L-E.T. László Sólyom, President tar-Repubblika ta' l-Ungerija |
| 22 ta' Settembru | Is-Sur Claude Wiseler, Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu |
| 27-28 ta' Settembru | Delegazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Amerika Ċentrali |
| 28 ta' Settembru | L-E.T. Hubertus von Morr, Ambaxxatur tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja għall-Gran Dukat tal-Lussemburgu |
| 2 ta' Ottubru | L-E.T. Dionyssios Kodellas, Ambaxxatur tar-Repubblika Ellenika għall-Gran Dukat tal-Lussemburgu |
| 3 ta' Ottubru | Delegazzjoni ta' l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern f'Alicante |
| 11 ta' Ottubru | L-E.T. Rocco Antonio Cangelosi, Rappreżentant Permanenti tar-Repubblika Taljana għall-Unjoni Ewropea |
| 12 ta' Ottubru | Is-Sur Gregorio Garzón Clariana, konsulent legali tal-Parlament Ewropew |
| 19 ta' Ottubru | Żjara tal-Qorti ta' l-EFTA |
| 23 ta' Ottubru | Inawgurazzjoni tal-wirja kommemorattiva ta' l-avvenimenti li seħħew f'Ottubru ta' l-1956 fl-Ungerija |
| 26 ta' Ottubru | L-E.T. Kazuhito Tatebe, Ambaxxatur tal-Ġappun għall-Gran Dukat tal-Lussemburgu |
| 17 ta' Novembru | L-E.T. Heinz Fischer, President tar-Repubblika ta' l-Awstrija |
| 22 ta' Novembru | Is-Sinjura Hansine Napwaniyo Donli, President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunità Ekonomika ta' l-Istati ta' l-Afrika tal-Punent |
| 23 ta' Novembru | L-E.T. Alain Kundycki, Ambaxxatur tar-Renju tal-Belġju għall-Gran Dukat tal-Lussemburgu |
| 27 ta' Novembru | Is-Sur Guy Canivet, L-ewwel President tal-Cour de cassation Franċiża |
| 5-6 ta' Diċembru | Ġranet ta' informazzjoni għall-Membri l-ġodda tal-Qorti tal-Ġustizzja |
| 7 ta' Diċembru | L-E.T. Vaira Vīķe-Freiberga, President tar-Repubblika tal-Latvja |
| 7 ta' Diċembru | Is-Sur Dimitris Dimitriadis, President tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew |

| | |
|---|---|
| 7-8 ta' Diċembru | Ġranet ta' informazzjoni għall-Membri l-ġodda tal-Qorti tal-Prim'Istanza |
| 7-8 ta' Diċembru | Is-Sinjura Albertine Anne Honorine Lipou Massala, Segretarja Eżekuttiva tat-Tribunal amministrattiv tal-Bank Afrikan għall-Iżvilupp |

# B – Żjarat ta' studju

## Tqassim f'tipi ta' gruppi




| | Membri tal-ġudikatura nazzjonali | Avukati/ Konsulenti legali | Professuri tad-dritt[1] | Membri tal-korp diplomatiku/ Membri parlamentari | Studenti/ Stagiaires | Uffiċjali tas-servizz pubbliku nazzjonali | Oħra | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Numru ta' gruppi** | 127 | 83 | 48 | 10 | 252 | 36 | 39 | 595 |

1 Barra minn professuri li akkumpanjaw gruppi ta' studenti.

## Żjarat ta' studju – Tqassim bejn Stati Membri[1]



| | Numru ta' viżitaturi | | | | | | | | Numru ta' gruppi |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Membri tal-ġudikatura nazzjonali | Avukati/ Konsulenti legali | Professuri tad-dritt[1] | Membri tal-korp diplomatiku/Membri parlamentari | Studenti/ Stagiaires | Uffiċjali tas-servizz pubbliku nazzjonali | Oħra | Total | |
| **BE** | 20 | 43 | 10 | | 227 | | 56 | **356** | **19** |
| **CZ** | | | 15 | 12 | 32 | | 20 | **79** | **12** |
| **DK** | 16 | | 14 | | 207 | 28 | | **265** | **9** |
| **DE** | 270 | 362 | 2 | 17 | 1 030 | 105 | 320 | **2 106** | **81** |
| **EE** | 66 | | | | | | | **66** | **6** |
| **EL** | 160 | 34 | | | 101 | 43 | | **338** | **16** |
| **ES** | 422 | 52 | | | 143 | 68 | | **685** | **30** |
| **FR** | 225 | 192 | | | 1 142 | | 217 | **1 776** | **64** |
| **IE** | 7 | | | | 58 | | | **65** | **3** |
| **IT** | | 55 | 25 | 25 | 364 | | 28 | **497** | **35** |
| **CY** | 8 | 9 | 3 | | 6 | | | **26** | **11** |
| **LV** | 21 | | | 7 | | | | **28** | **8** |
| **LT** | | | 13 | | 15 | | | **28** | **13** |
| **LU** | | | 2 | | 65 | | | **67** | **5** |
| **HU** | | 11 | | | 53 | | | **64** | **5** |
| **MT** | 2 | | | | | | | **2** | **1** |
| **NL** | | 109 | | | 330 | | 19 | **458** | **17** |
| **AT** | 7 | 77 | 1 | 29 | 210 | 23 | 41 | **388** | **19** |
| **PL** | 234 | 336 | 3 | | 117 | | | **690** | **21** |
| **PT** | | | 5 | | 53 | | | **58** | **9** |
| **SI** | | | | 6 | | | | **6** | **2** |
| **SK** | 2 | | | | 30 | | | **32** | **3** |
| **FI** | 21 | 49 | | | 61 | 22 | 9 | **162** | **10** |
| **SE** | 114 | 61 | | 2 | 67 | 13 | | **257** | **16** |
| **UK** | 112 | 69 | | | 274 | 3 | | **458** | **22** |
| **Pays tiers** | 181 | 74 | 15 | 3 | 1 516 | 84 | 49 | **1 922** | **103** |
| **Groupes mixtes (UE)** | 156 | 140 | | | 955 | 325 | 81 | **1 657** | **55** |
| **Total** | **2 044** | **1 673** | **108** | **101** | **7 056** | **714** | **840** | **12 536** | **595** |

[1] Autres que les professeurs accompagnant des groupes d'étudiants.

## Żjarat ta’ studju – Membri tal-Ġudikatura nazzjonali




| | BE | CZ | DK | DE | EE | EL | ES | FR | IE | IT | CY | LV | LT | LU | HU | MT | NL | AT | PL | PT | SI | SK | FI | SE | UK | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Seminar** | | 6 | | | | | 11 | 17 | 4 | 17 | | | | | 8 | 2 | | 6 | | | 2 | 4 | 4 | 6 | | 87 |
| **Stage** | 3 | | 4 | 17 | 2 | 8 | | | | | 2 | 2 | 4 | 2 | | | 8 | | 15 | 8 | | | | | 8 | 83 |

# C – Udjenzi solenni

| | |
|---|---|
| 10 ta' Jannar | Udjenza solenni fl-okkażjoni tat-tluq ta' l-Avukat Ġenerali F. Jacobs u ta' l-Imħallef C. Gulmann u tad-dħul fil-kariga ta' L. Bay Larsen u ta' E. Sharpston, rispettivament bħala Mħallef u Avukat Ġenerali |
| 17 ta' Marzu | Udjenza solenni fl-okkażjoni tat-tiġdid parzjali tal-Membri tal-Qorti ta' l-Awdituri tal-Komunitajiet Ewropej |
| 3 ta' Mejju | Udjenza solenni fl-okkażjoni tat-tluq mill-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Imħallef A. La Pergola u tad-dħul fil-kariga ta' A. Tizzano bħala Mħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja, tad-dħul fil-kariga ta' P. Mengozzi bħala Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja u tad-dħul fil-kariga ta' E. Moavero Milanesi bħala Mħallef tal-Qorti tal-Prim'Istanza |
| 6 ta' Ottubru | Udjenza solenni fl-okkażjoni tat-tiġdid parzjali tal-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja u tad-dħul fil-kariga ta' Mħallfin ġodda fil-Qorti tal-Prim'Istanza |

## D – Żjarat jew parteċipazzjoni f'avvenimenti uffiċjali

### Il-Qorti tal-Ġustizzja

| | |
|---|---|
| 2 ta' Jannar | Rappreżentazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-riċeviment tas-Sena l-Ġdida organizzat mill-Cour de cassation tal-Belġju, fi Brussell |
| 6 ta' Jannar | Parteċipazzjoni ta' delegazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-udjenza solenni tal-Cour de cassation, f'Pariġi |
| 18 ta' Jannar | Parteċipazzjoni ta' delegazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-Rechtspolitischen Neujahrsempfang 2006, fuq stedina tal-Ministru tal-Ġustizzja Brigitte Zypries, f'Berlin |
| 20 ta' Jannar | Rappreżentazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-udjenza solenni tal-"Hoge Raad" fl-okkażjoni tat-tluq tal-Prokuratur Ġenerali, fl-Aja |
| 20 ta' Jannar | Parteċipazzjoni ta' delegazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-udjenza solenni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u parteċipazzjoni fil-konferenza "L-eżekuzzjoni u l-effetti tas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem : ir-rwol ġudizzjarju", fi Strasburgu |
| 27 ta' Jannar | Rappreżentazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fiċ-ċerimonja ta' inawgurazzjoni tas-sena forensi tal-Corte suprema di cassazione, f'Ruma |
| 2-4 ta' Frar | Żjara uffiċjali ta' delegazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Bundesverfassungsgericht, f'Karlsruhe |
| 7 ta' Frar | Rappreżentazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-servizz reliġjuż u fiċ-ċerimonja uffiċjali organizzata b'tifkira ta' Johannes Rau, President Emeritus tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, f'Berlin |
| 22 ta' Frar | Parteċipazzjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja f'laqgħa mal-Prim Ministru Jean-Claude Juncker fuq kwistjonijiet li jirrigwardaw il-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej u l-Qorti Ewropea tal-Drittijiet tal-Bniedem, fil-Lussemburgu |
| 16-17 ta' Marzu | Rappreżentazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-tielet kungress tal-"European Commercial Judges Forum", f'Hamburg |
| 5 ta' April | Rappreżentazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-Assemblea Ġenerali tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Polonja, f'Varsavja |
| 10-11 ta' April | Rappreżentazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-*round table* internazzjonali fuq "Ir-relazzjoni bejn id-dritt Kostituzzjonali u d-dritt Ewropew fl-Unjoni Ewropea", organizzata mill-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika ta' l-Ungerija b'kooperazzjoni mal- |

| | |
|---|---|
| | Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill ta' l-Ewropa u l-Fondazzjoni "Budapest Forum for Europe", f'Budapest |
| 18-19 ta' April | Parteċipazzjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-konferenza fuq is-sussidjarjetà "L'Europe commence chez soi" organizzata mill-Presidenza Awstrijaka tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea b'kollaborazzjoni mal-Parlament Awstrijaku u l-Land ta' l-Awstrija t'Isfel, f'St. Pölten (l-Awstrija t'Isfel) |
| 22 ta' April | Parteċipazzjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja fiċ-ċerimonja uffiċjali organizzata fl-okkażjoni tal-50 anniversarju tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika Taljana, f'Ruma |
| 21-24 ta' Mejju | Żjara uffiċjali ta' delegazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Finlandja |
| 22 ta' Mejju | Rappreżentazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-konferenza "Veinte años de España en las Comunidades Europeas. La evolución jurisprudencial del derecho" organizzata mill-Asociación Española para el Estudio del Derecho Europeo, fl-okkażjoni ta' għeluq it-80 sena ta' l-ex Imħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja Díez de Velasco, f'Madrid |
| 28 ta' Mejju | Parteċipazzjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, fuq stedina tal-Prim Ministru, fl-avveniment organizzat fl-okkażjoni tal-25 anniversarju ta' l-adeżjoni tal-Greċja ma' l-Unjoni Ewropea, f'Ateni |
| 28-30 ta' Mejju | Rappreżentazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-laqgħa tal-Kunsill ta' Amministrazzjoni u fil-konferenza organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli ta' l-Istat u tal-Qrati Supremi Amministrattivi, f'Leipzig |
| 1 ta' Ġunju | Rappreżentazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, fuq stedina tal-President tar-Repubblika Taljana, fiċ-ċerimonja organizzata fl-okkażjoni tal-festa nazzjonali, f'Ruma |
| 12-13 ta' Ġunju | Parteċipazzjoni ta' delegazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-tieni konferenza tan-Netwerk tal-Presidenti tal-Qrati Supremi Ġudizzjarji ta' l-Unjoni Ewropea, f'Varsavja |
| 16-17 ta' Ġunju | Rappreżentazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-konferenza ta' l-Association of European Competition Law Judges, f'Wustrau |
| 29 ta' Ġunju-1 ta' Lulju | Parteċipazzjoni ta' delegazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fiċ-ċelebrazzjoni tal-15-il anniversarju tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Bulgarija, f'Sofia |
| 24 ta' Lulju | Parteċipazzjoni tal-President fir-riċeviment mogħti mill-President tar-Repubblika Ellenika fl-okkażjoni tat-32 anniversarju tar-restituzzjoni tar-Repubblika, f'Ateni |
| 18 ta' Settembru | Parteċipazzjoni tal-President fl-ikla organizzata mis-Sur Köhler, President tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, f'ġieħ il-President tar-Repubblika Ellenika, is-Sur Papoulias, f'Berlin |

| | |
|---|---|
| 28 ta' Settembru | Rappreżentazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fiċ-ċerimonja li matulha l-Qorti tal-Ġustizzja ngħatat medalja tad-deheb tal-50 anniversarju tal-ħolqien tal-Colegio oficial de Graduados Sociales de Madrid, f'Madrid |
| 28-30 ta' Settembru | Parteċipazzjoni ta' delegazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fiċ-ċerimonji ta' l-10 anniversarju tat-Tribunal Internazzjonali tal-Liġi tal-Baħar, f'Hamburg |
| 1-2 ta' Ottubru | Parteċipazzjoni ta' delegazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-Opening of the Legal Year organizzata mil-Lord Chancellor, f'Londra |
| 2 ta' Ottubru | Parteċipazzjoni ta' delegazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Verfassungstag (Kommemorazzjoni solenni ta' l-istabbiliment tal-Qorti Kostituzzjonali ta' l-Awstrija, fil-preżenza tal-President tar-Repubblika ta' l-Awstrija), fi Vjenna |
| 2 ta' Ottubru | Rappreżentazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-riċeviment organizzat mir-Rappreżentazzjoni Permanenti tar-Repubblika ta' Ċipru għall-Unjoni Ewropea fl-okkażjoni tas-46 anniversarju ta' l-Indipendenza tar-Repubblika ta' Ċipru, fi Brussell |
| 3 ta' Ottubru | Rappreżentazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fiċ-ċerimonji uffiċjali organizzati mit-Tag der Deutschen Einheit, f'Kiel |
| 17 ta' Ottubru | Rappreżentazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, fuq stedina tal-Qorti Kostituzzjonali ta' l-Awstrija, f'*round table* li laqqgħat flimkien il-Presidenti tal-Qrati Kostituzzjonali tal-Polonja, l-Ungerija, is-Slovenja, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka u s-Slovakkja, dwar "Il-Konsegwenzi ta' l-adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea għall-Qrati Kostituzzjonali", fi Vjenna |
| 25-27 ta' Ottubru | Rappreżentazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-konferenza organizzata mill-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill ta' l-Ewropa u mill-Qorti Kostituzzjonali tal-Federazzjoni tar-Russja, f'Moska |
| 1 ta' Novembru | Konferiment lill-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-dekorazzjoni tal-"Grand Cross" ta' l-Ordni ta' Makarios III, mill-E.T. il-President tar-Repubblika ta' Ċipru, f'Nikosija |
| 1-4 ta' Novembru | Parteċipazzjoni tal-President u ta' delegazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kungress FIDE, f'Ċipru |
| 20 ta' Novembru | Rappreżentazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja f'laqgħa tal-Kunsill ta' Amministrazzjoni ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli ta' l-Istat u tal-Qrati Amministrattivi Supremi ta' l-Unjoni Ewropea, fi Brussell |
| 6 ta' Diċembru | Rappreżentazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja f'riċeviment organizzat mill-President tar-Repubblika tal-Finlandja fl-okkażjoni tal-festa ta' l-indipendenza tal-Finlandja, f'Ħelsinki |

| | |
|---|---|
| 7-10 ta' Diċembru | Rappreżentazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-konferenza organizzata mill-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Latvja, fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjonijiet nazzjonali ta' l-10 anniversarju tagħha, f'Riga |

## Il-Qorti tal-Prim'Istanza

| | |
|---|---|
| 27 ta' Jannar | Parteċipazzjoni tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza f'riċeviment uffiċjali f'ġieħ is-Sur Claus Gulmann, Imħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja, f'Kopenħagen |
| 8-9 ta' Frar | Parteċipazzjoni u intervent tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza *f'round table* fil-kuntest tat-"2006 International Cartel Workshop" organizzat mill-International Bar Association's Legal Practice Division and Antitrust Section, f'Londra |
| 30 ta' Marzu | Diskors tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-konferenza "Manuel Chrysoloras", organizzata miċ-Ċentru tad-Dritt Pubbliku Ewropew, f'Ateni |
| 4-5 ta' Mejju | Parteċipazzjoni u intervent tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-konferenza "Challenges in Nordic Cases", organizzata mill-Akkademja tal-Ġuristi Nordiċi, f'Ħelsinki |
| 10-11 ta' Mejju | Parteċipazzjoni u intervent tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-konferenza "XIIIth St. Gallen International Competition Law Forum ICF", organizzata mill-Università ta' St. Gallen |
| 19 ta' Mejju | Parteċipazzjoni tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-konferenza Ewropea 2006 fuq il-perspettiva Ewropea, organizzata mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej u l-Parlament Ewropew |
| 27 ta' Ġunju | Parteċipazzjoni tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza f'ikla uffiċjali mogħtija mill-Ministru tal-Ġustizzja Daniż fl-okkażjoni tat-tluq tas-Sur Claus Gulmann |
| 3 ta' Lulju | Parteċipazzjoni tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza fir-riċeviment tas-sajf ta' l-Akkademja tad-dritt Ewropew, fi Trier |
| 7 ta' Awwissu | Konferiment lill-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza, mill-Majestà tagħha r-Reġina tad-Danimarka, tad-dekorazzjoni ta' Kmandant ta' l-1 Grad, f'Kopenħagen |
| 23 ta' Ottubru | Parteċipazzjoni tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza f'laqgħa f'Londra mar-Rt Hon the Lord Brown of Eaton-under-Heywood (Chairman) u Dr. Chris K. Kerse (Legal Adviser) fil-kuntest ta' l-istħarriġ immexxi mill-House of Lords dwar l-eventwali ħolqien ta' "Qorti Ewropea tal-Kompetizzjoni" |

| | |
|---|---|
| 23 ta' Ottubru | Parteċipazzjoni tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza f'dibattitu u diskors f'Londra fi ħdan konferenza, organizzata minn The Jevons Institute fil-University College London, fuq is-suġġett "A Competition Court of the EU?" |
| 31 ta' Ottubru | Diskors tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza dwar il-kunċett ta' "ne bis in idem" lis-Soċjeta Daniża tal-Liġi tal-Kompetizzjoni ("Dansk Forening for Konkurrenceret"), f'Kopenħagen |
| 13 ta' Novembru | Parteċipazzjoni tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza *f'round table* fi Trier fi ħdan konferenza organizzata mill-Akkademja tad-dritt Ewropew ("ERA") fiċ-Ċentru għall-Kungressi ta' ERA, fuq is-suġġett "State Aid and Taxation: Regional Devolution in Tax Matters in the Perspective of State Aid" |
| 23-24 ta' Novembru | Parteċipazzjoni u intervent tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza f'konferenza f'Vilnjus fuq "The Impact of the Jurisprudence of the European Court of Justice and the Court of First Instance on European and National Legal Orders", organizzata mill-Kumitat għall-Affarijiet Ewropej tas-Seimas tar-Repubblika tal-Litwanja |

**It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku**

| | |
|---|---|
| 23-25 ta' Novembru | Parteċipazzjoni tal-President Mahoney u ta' l-Imħallef Tagaras fil-konferenza ta'l-Unjoni ta'l-Avukati Ewropej fuq is-suġġett "Fruntieri ġodda għall-kostruzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea : l-effettività u l-effikaċja tas-sistema tal-ġustizzja", f'Venezja |

# Organizzazzjoni tal-Qorti



## Dettalji tal-Qorti tal-Ġustizzja

Id-dettalji tal-Qorti tal-Ġustizzja huma dawn li ġejjin:

### Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej


| | |
|---|---|
| Indirizz postali: | L-2925 Luxembourg |
| Telefon: | (352) 43 03-1 |
| *Telex* tar-reġistru: | 2510 CURIA LU |
| Indirizz telegrafiku: | CURIA |
| *Fax* tal-Qorti: | (352) 43 03-2600 |
| *Fax* tad-Diviżjoni ta' l-Istampa u ta' l-Informazzjoni: | (352) 43 03-2500 |
| *Fax* tad-Diviżjoni ta' l-Intern — Sezzjoni pubblikazzjonijiet: | (352) 43 03-2650 |
| Il-Qorti fl-Internet: | www.curia.europa.eu |

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej

**Ħarsa lejn ix-xogħol tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej,
tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej
u tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea**

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej

2007 — 243 p. — 21 x 29,7 ċm

Nru tal-katalgu: QD-AG-07-001-MT-C

ISBN 92-829-0853-4

ISSN 1830-1932

Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
*Publications.europa.eu*

ISBN 92-829-0853-4

9 789282 908532